IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.12.2010
KUMM(2010) 799 finali

2010/0385 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan tal-proposta huwa li tallinja r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007[1] dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika mad-divrenzjar bejn is-setgħat iddelegati u dawk ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ddaħħlu bl-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

Barra minn hekk, għall-kompletezza, din il-proposta tinkludi l-proposti għall-emendi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li l-Kummissjoni diġà ressqet, b'mod separat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u b'hekk qed jitjiebu l-intelliġibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika għall-partijiet kollha interessati.

- **Il-kuntest ġenerali**

Is-setgħat iddelegati u dawk ta' implimentazzjoni

L-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE jistabbilixxu distinzjoni ċara bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi, minn naħa waħda, u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni, min-naħa l-oħra:

– L-Artikolu 290 tat-TFUE jippermetti lil-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex temenda jew iżżid ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Fit-terminoloġija użata fit-Trattat, l-atti legali li l-Kummissjoni tadotta b'dan il-mod jissejħu "atti delegati" (l-Artikolu 290(3)).

– L-Artikolu 291 tat-TFUE jeħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha tal-liġijiet nazzjonali li huma meħtieġa sabiex jimplimentaw atti legali tal-Unjoni li jkunu jorbtu legalment. Dawk l-atti jistgħu jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni f'każijiet fejn ikunu meħtieġa kundizzjonijiet uniformi sabiex jiġu implimentati. Fit-terminoloġija użata fit-Trattat, l-atti legali li l-Kummissjoni tadotta b'dan il-mod jissejħu "atti ta' implimentazzjoni" (l-Artikolu 291(4)).

L-allinjament propost tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mar-rekwiżiti l-ġodda li ġejjin mill-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE huwa bbażat fuq kwalifikazzjoni meqjusa tas-setgħat eżistenti tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala "setgħat iddelegati" u "setgħat ta' implimentazzjoni", li saret fl-isfond tal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-setgħat attwali tagħha.

Wara dan l-eżerċizzju, tħejja abbozz ta' proposta għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Dan il-proġett jagħti lil-Leġiżlatur is-setgħa li jiddefinixxi l-punti

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

essenzjali tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. Il-linji gwida ġenerali tal-organizzazzjoni komuni tas-suq u l-prinċipji ġenerali li fuqhom tissejjes huma stabbiliti mil-Leġiżlatur. Pereżempju, l-għanijiet tal-miżuri ta' intervent fis-suq, tas-sistema ta' limiti tal-produzzjoni u tal-iskemi tal-għajnuna huma stabbiliti mil-Leġiżlatur. Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jistabbilixxi l-prinċipju li tiġi stabbilita sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, l-elementi ewlenin tar-regoli marbutin mat-tqegħid fis-suq u mal-produzzjoni u l-prinċipju li jiġu applikati sanzjonijiet, tnaqqis u esklużjonijiet. Il-Leġiżlatur jipprovdi wkoll l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal setturi individwali.

Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tikkompleta jew li temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-iskema tiegħu. Għaldaqstant, att delegat tal-Kummissjoni jista' jistabbilixxi l-elementi addizzjonali li huma meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq stabbilita mil-Leġiżlatur. Pereżempju, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-operaturi biex jieħdu sehem fi skema, l-obbligi li jiġu mill-ħruġ ta' liċenzja u, jekk ikun meħtieġ skont il-qagħda ekonomika, jekk ikunx hemm bżonn tingħata garanzija għall-ħruġ tal-liċenzji. Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta miżuri sabiex tistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-prodotti f'dak li għandu x'jaqsam mal-intervent fis-suq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati dwar id-definizzjonijiet.

Skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskema stabbilita mil-Leġiżlatur. Madankollu, jeħtieġ li tkun żgurata implimentazzjoni uniformi tal-iskema fl-Istati Membri. Għalhekk, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni, skont l-Artikolu 291(2) tat-TFUE, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq u l-qafas ġenerali tal-kontrolli li għandhom jimplimentaw l-Istati Membri.

Is-setgħat tal-Kunsill skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jgħid li "Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi (…)". Din id-dispożizzjoni hija eċċezzjoni mill-Artikolu 43(2) tat-TFUE li jeħtieġ li tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex jiġu stabbiliti "l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli … kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-kisba tal-objettivi tal-politika agrikola komuni". Din is-sistema tirrifletti t-tendenza ġenerali fit-Trattat ta' Lisbona, li għamel il-proċedura leġiżlattiva ordinarja dik bażika li tintuża biex jiġu adottati atti leġiżlattivi tal-UE.

Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi interpretat b'mod ristrett sabiex jiżgura li l-Leġiżlatur ikun jista' jeżerċita l-prerogattivi leġiżlattivi tiegħu skont l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Dawn il-prerogattivi jinkludu li l-Leġiżlatur jirregola l-elementi fundamentali tal-politika agrikola komuni u li huwa jieħu d-deċiżjonijiet politiċi li jiffurmaw l-istruttura, l-istrumenti u l-effetti tagħha. F'dan il-kuntest, il-proċedura speċifika stabbilita fl-Artikolu 43(3) tat-TFUE għandha tiġi applikata biss f'każijiet fejn kwistjoni li tissemma f'dik id-dispożizzjoni ma tkunx tifforma parti mid-deċiżjonijiet fundamementali ta' politika riżervati għal-Leġiżlatur skont l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Għaldaqstant, fejn kwistjoni bħal din

tkun marbuta mas-sustanza politika tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mil-Leġiżlatur *b'mod li ma tkunx tista' tinfired minn magħhom*, l-Artikolu 43(3) tat-TFUE m'għandux jiġi applikat.

Għaldaqstant, il-proposta hija bbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

– il-parametri strutturali u l-elementi fundamenti tal-PAK jistgħu jiġu deċiżi biss mil-Leġiżlatur (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill). Pereżempju, l-intervent pubbliku (inkluż qafas sabiex il-Kummissjoni tistabbilixxi ċerti prezzijiet ta' intervent permezz ta' proċedura ta' sejħiet għall-offerti) u l-iskemi tal-kwoti tal-ħalib u taz-zokkor stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jibqgħu fil-livell tal-Leġiżlatur, minħabba li dawn l-elementi huma marbutin mad-definizzjoni tal-kontenut tal-iskema stabbilita mil-Leġiżlatur u mal-limiti ta' din l-iskema b'mod li ma jistgħux jinfirdu minn magħhom.

– il-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, tad-dazji, tal-għajnuna u tal-limiti kwantitattivi kif imsemmi fl-Artikolu 43(3), li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE, għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill. Il-Kummissjoni se tressaq proposta għal Regolament ibbażat fuq l-Artikolu 43(3) tat-TFUE f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 dwar il-kundizzjonijiet għall-għajnuna obbligatorja għall-ħżin privat tal-butir, tal-Artikolu 99 dwar ir-rifużjoni tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor, tal-Artikoli 101 u 102 dwar għajnuna mogħtija lis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-Artikolu 108 dwar il-provvista ta' prodotti tal-ħalib għall-istudenti, tal-Artikolu 155 dwar għajnuna mogħtija lis-settur tad-dud tal-ħarir, tal-Artikolu 273 dwar ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u tal-Artikolu 281 dwar il-prezzijiet minimi tal-esportazzjoni għall-pjanti ħajjin. F'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Regolamenti proposti se jipprevedu li l-kundizzjonijiet sabiex ikunu ffissati l-ammonti tal-għajnuna, ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u l-prezzijiet minimi tal-esportazzjoni għandhom ikunu stabbiliti mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE u li l-ammonti tat-tali għajnuna, tat-tali rifużjonijiet u tat-tali livelli tal-prezzijiet għandhom ikunu ffissati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jipprovdi bażi awtonoma għall-adozzjoni ta' atti legali mill-Kunsill. Madankollu, fl-interess taċ-ċarezza ("*à titre déclaratoire*"), f'kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-OKS unika kkonċernati, fejn japplika l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, il-proposta se tirreferi biċ-ċar għal dik il-klawsola. Meta jasal iż-żmien, il-Kummissjoni se tressaq il-proposti li jeħtieġ li jsiru fir-rigward tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE lill-Kunsill.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Il-konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kien hemm bżonn ta' ebda konsultazzjoni mal-partijiet interessati u ta' ebda-għarfien espert estern minħabba li l-proposta biex ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 jiġi allinjat mat-Trattat ta' Lisbona hija kwistjoni interistituzzjonali li se tinvolvi r-Regolamenti kollha tal-Kunsill.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ma kien hemm bżonn ta' ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba li l-proposta biex ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 jiġi allinjat mat-Trattat ta' Lisbona hija kwistjoni interistituzzjonali li se tinvolvi r-Regolamenti kollha tal-Kunsill.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Li jiġu identifikati s-setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 u li tiġi stabbilita l-proċedura korrispondenti għall-adozzjoni ta' dawn l-atti.

Il-kontenut tal-proposti li ġejjin huwa integrat f'din il-proposta:

(i) Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja (COM(2010) 336 finali);

(ii) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007, fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (COM(2010) 486 finali);

(iii) Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni [ippjanar tal-aġenda 2010/AGRI/010];

(iv) Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [ippjanar tal-aġenda 2010/AGRI/026].

- **Bażi legali**

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-politika agrikola hija waħda ta' kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. Dan ifisser li sakemm l-UE ma tagħmilx leġiżlazzjoni fis-settur, l-Istati Membri jżommu l-kompetenzi tagħhom. Din il-proposta hija limitata għall-adattament tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika għar-rekwiżiti l-ġodda li ddaħħlu bit-Trattat ta' Lisbona. Għaldaqstant, l-approċċ eżistenti tal-Unjoni mhuwiex affettwat minn din il-proposta.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Mezzi oħrajn mhumiex adegwati għar-raġuni li ġejja: l-applikazzjoni diretta hija minħabba n-natura tal-PAK u r-rekwiżiti tal-ġestjoni tagħha huma karatteristika indispensabbli tal-leġiżlazzjoni dwar il-PAK.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda spejjeż addizzjonali għall-Unjoni.

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta se ttejjeb l-intelliġibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika minħabba li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ġie emendat b'mod sostanzjali.

2010/0385 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[2],

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)[5] ġie emendat diversi drabi. Jeħtieġ li jsiru iktar emendi minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, sabiex is-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u b'mod partikulari dawk mogħtija lill-Kummissjoni, jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"). Minħabba l-ambitu ta' dawn l-emendi, huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jitħassar u li dan jinbidel b'Regolament ġdid dwar l-OKS unika. Fl-interess tas-simplifikazzjoni teknika, huwa xieraq li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72 tat-2 ta' Mejju, 1972 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna fir-rigward ta' dud tal-ħarir għas-sena ta' tkabbir 1972/73[6] jiddaħħal f'dan ir-Regolament. Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 922/72 għandu jitħassar ukoll.

(2) Minħabba l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, il-Kunsill se jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, tad-dazji, tal-għajnuna u tal-limiti kwantitattivi. Fl-interess taċ-ċarezza, fejn japplika l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, dan ir-Regolament għandu jirreferi biċ-ċar għall-fatt li l-miżuri se jiġu adottati mill-Kunsill abbażi ta' dan.

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
6 ĠU L 106, 5.5.1972, p. 1.

(3) Dan ir-Regolament għandu jkollu l-elementi bażiċi kollha tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika. F'ċerti każijiet, l-iffissar tal-prezzijiet, tad-dazji, tal-għajnuna u tal-limiti kwantitattivi huwa marbut ma' dawk l-elementi bażiċi b'mod li ma jistax jinfired minn magħhom.

(4) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda jew iżżid ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament. L-elementi li għalihom tista' tiġi eżerċitata din is-setgħa għandhom jiġu ddefiniti, flimkien mal-kundizzjonijiet li għalihom għandha tkun suġġetta dik id-delega.

(5) L-użu ta' proċedura ta' urġenza għandu jitħalla għal każijiet eċċezzjonali meta dan ikun meħtieġ sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq jew fejn ikun qed iseħħ dan it-tfixkil tas-suq. L-għażla ta' proċedura ta' urġenza għandha tkun iġġustifikata u l-każijiet li fihom għandha tintuża din il-proċedura għandhom ikunu speċifikati.

(6) Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-OKS") stabbilita f'dan ir-Regolament. Sabiex tiżgura li l-OKS tkun implimentata fl-Istati Membri b'mod uniformi u biex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta jew id-diskriminazzjoni bejn l-operaturi, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291(2) tat-Trattat. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni skont dik id-dispożizzjoni, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet uniformi li fihom japplikaw il-miżuri ta' intervent fis-suq, il-kundizzjonijiet uniformi biex jiġu implimentati l-iskemi tal-għajnuna u biex jiġu applikati regoli marbutin mat-tqegħid fis-suq u mal-produzzjoni u regoli marbutin mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi wkoll il-karatteristiċi minimi għall-kontrolli li għandhom japplikaw l-Istati Membri.

(7) Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata l-effiċjenza tal-iskemi stabbiliti mill-organizzazzjoni komuni tas-suq unika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat meħtieġa għall-miżuri għall-ġestjoni tas-suq u għall-ħidmiet ta' ġestjoni ta' kuljum. Sabiex ikun żgurat it-tħaddim bla problemi tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika, il-Kummissjoni għandha tingħata wkoll is-setgħat li tirregola ċerti kwistjonijiet ta' natura pjuttost teknika u li tadotta regoli dwar in-notifika, it-tagħrif u r-rappurtar, il-proċeduri u l-kriterji tekniċi marbutin mal-prodotti u mal-operaturi li huma eliġibbli għall-appoġġ għas-suq. Barra minn hekk, sabiex tiżgura t-tħaddim tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll, b'mod partikulari, d-dati, l-limiti taż-żmien, l-avvenimenti operattivi għar-rati tal-iskambju, il-perjodi rappreżentattivi u r-rati tal-imgħax, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskemi tal-għajnuna, il-Kummissjoni għandu jkollha, b'mod partikulari, l-bażi legali biex tiffissa l-għajnuna u tadotta regoli dwar il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi, ir-riklamar tal-benefiċċji tal-għajnuna mħallsa u r-regoli marbutin mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-iskemi soċjali. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tiddefinixxi l-proċeduri marbutin mal-ħlas tal-għajnuna u mal-għotjiet tal-għajnuna bil-quddiem.

(8) Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika u jitħarsu l-prinċipji tagħha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta regoli, inklużi regoli dwar il-ġestjoni ta' skemi li għandhom l-għan li jillimitaw il-produzzjoni

tal-ħalib, taz-zokkor u tal-inbid, spezzjonijiet u kontrolli, u hija għandu jkollha wkoll is-setgħa li tiffissa l-ammonti tal-garanziji, li tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri marbutin mal-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti u li tadotta r-regoli dwar il-kuntratti marbutin mal-appoġġ għas-suq.

(9) Minbarra dan, fis-settur tal-inbid, il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tiżgura li l-applikazzjonijiet għad-denominazzjonijiet tal-oriġini, għall-indikazzjonijiet ġeografiċi u għat-termini tradizzjonali jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni kollha. F'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentazzjoni u mat-tikkettar tal-prodotti tas-settur tal-inbid, il-Kummissjoni għandha tingħata l-kompetenza li tadotta r-regoli meħtieġa kollha marbutin mal-proċeduri, man-notifiki u mal-kriterji tekniċi.

(10) Sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tal-qafas leġiżlattiv stabbilit b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll setgħat permanenti ta' monitoraġġ marbutin ma' ċerti attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-gruppi tal-produtturi, tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur u tal-organizzazzjonijiet tal-operaturi. Barra minn hekk, sabiex titħares l-istruttura ddefinita mill-organizzazzjoni komuni tas-suq unika u l-parametri essenzjali tagħha, il-Kummissjoni għandha tingħata l-kompetenza li tadotta r-regoli meħtieġa kollha marbutin ma' miżuri eċċezzjonali tas-suq u ma' miżuri eċċezzjonali tal-ġestjoni maħsubin biex isolvu problemi urġenti u mhux mistennija li jinqalgħu fi Stat Membru wieħed jew aktar.

(11) Ħlief għal fejn jingħad biċ-ċar xort'oħra, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar [*it-titlu tar-Regolament*].

(12) Fir-rigward ta' ċerti miżuri skont dan ir-Regolament li jeħtieġu azzjoni ta' malajr jew li jikkonsistu biss fl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġenerali għal sitwazzjonijiet speċifiċi mingħajr ma jinvolvu d-diskrezzjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat.

(13) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li twettaq ċerti ħidmiet amministrattivi jew ta' ġestjoni li ma jinvolvux l-adozzjoni ta' atti delegati jew ta' atti ta' implimentazzjoni.

(14) Il-bidla b'Regolament ġdid dwar l-OKS unika ma għandhiex twassal għal dubji dwar id-deċiżjonijiet politiċi li ttieħdu matul is-snin fil-Politika Agrikola Komuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-PAK"). Għalhekk, l-għan ta' dan ir-Regolament għandu jkun essenzjalment li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jinġiebu f'konformità mat-Trattat. Għalhekk, ma għandux iħassar jew ibiddel dispożizzjonijiet eżistenti li l-ġustifikazzjoni għalihom għadha valida, sakemm dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunx għadda żmienhom, u lanqas ma għandu jipprovdi għal regoli jew miżuri ġodda. L-eċċezzjonijiet għal dan l-approċċ għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-aktar persuni fil-bżonn fl-Unjoni, u mal-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-monopolju tal-alkoħol tal-Ġermanja. Id-dispożizzjonijiet dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni jirriflettu proposti magħmula fil-kuntest ta' analiżi komprensiva tal-politika tal-kwalità.

(15) Għaċ-ċereali, r-ross, iz-zokkor, l-għalf imnixxef, iż-żrieragħ, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-kittien u l-qanneb, il-frott u l-ħaxix, il-banana, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u d-dud tal-ħarir għandhom jiġu stabbiliti snin tas-suq li jkunu adattati b'mod ewlieni għaċ-ċikli bijoloġiċi tal-produzzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-prodotti.

(16) Sabiex jiġu stabbilizzati s-swieq u jkun żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, ġiet żviluppata sistema ddifferenzjata ta' appoġġ għall-prezzijiet għas-setturi differenti, b'mod parallel għall-introduzzjoni ta' skemi ta' appoġġ dirett, li tqis, minn naħa waħda, il-ħtiġijiet differenti f'kull wieħed minn dawn is-setturi u, min-naħa l-oħra, l-interdipendenza bejn is-setturi differenti. Dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' intervent pubbliku jew, skont il-każ, ta' ħlas ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, taċ-ċanga u l-vitella, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż. Minħabba l-għanijiet tal-emendi sussegwenti għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikulari permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru 479/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/2007[7], u fuq il-bażi tal-ġustifikazzjoni mogħtija fihom, jeħtieġ, għalhekk, li jinżammu l-miżuri ta' appoġġ għall-prezzijiet fejn dawn huma previsti fl-istrumenti kif kienu żviluppati fl-imgħoddi, mingħajr ma ssir ebda bidla sostanzjali meta mqabbel mas-sitwazzjoni legali ta' qabel.

(17) Għall-finijiet taċ-ċarezza u tat-trasparenza, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawn il-miżuri għandhom isiru suġġetti għal struttura komuni, filwaqt li tinżamm il-politika segwita f'kull settur. Għal dak il-għan, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn il-prezzijiet ta' referenza u l-prezzijiet ta' intervent.

(18) L-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq agrikoli għaċ-ċereali, għaċ-ċanga u l-vitella u għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib kien fihom dispożizzjonijiet skont liema l-Kunsill, huwa u jaġixxi f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, kellu s-setgħa jbiddel il-livelli tal-prezzijiet. Minħabba s-sensittività tas-sistemi tal-prezzijiet, għandu jiġi ċċarat li l-possibbiltà li jinbidlu l-livelli tal-prezzijiet teżisti skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat fir-rigward tas-setturi kollha koperti minn dan ir-Regolament.

(19) Għandhom jiġu ffissati l-prezzijiet ta' referenza għall-kwalitajiet standard taz-zokkor abjad u taz-zokkor mhux raffinat. It-tali kwalitajiet standard għandhom ikunu kwalitajiet medji li jirrappreżentaw iz-zokkor prodott fl-Unjoni u għandhom ikunu ddefiniti fuq il-bażi ta' kriterji wżati fin-negozju taz-zokkor. Għandu jkun possibbli wkoll li wieħed janalizza mill-ġdid il-kwalitajiet standard sabiex jitqiesu, b'mod partikulari, ir-rekwiżiti kummerċjali u l-iżviluppi fl-analiżi teknika.

(20) Sabiex tkun żgurata informazzjoni affidabbli dwar il-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni għaz-zokkor, f'dan ir-Regolament għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar sistema ta'

---

[7] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.

rrappurtar tal-prezzijiet, li abbaži tagħha għandhom jiġu stabbiliti l-livelli tal-prezzijiet tas-suq għaz-zokkor abjad.

(21) Fuq il-bażi tal-emendi li ddaħħlu bir-Regolament (KE) Nru 72/2009, is-sistema ta' intervent għaċ-ċereali, r-ross, il-butir u t-trab tal-ħalib xkumat hija miftuħa matul ċerti perjodi tas-sena. Fir-rigward tas-settur taċ-ċanga u tal-vitella, il-ftuħ u l-għeluq tal-intervent pubbliku għandu jiddependi fuq il-livelli tal-prezzijiet tas-suq matul ċertu perjodu.

(22) Il-livell tal-prezz li bih għandu jitwettaq ix-xiri b'intervent pubbliku fl-imgħoddi tnaqqas fl-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq agrikoli għaċ-ċereali, ir-ross u ċ-ċanga u l-vitella u huwa ġie stabbilit flimkien mal-introduzzjoni tal-iskemi ta' appoġġ dirett f'dawk is-setturi. Għalhekk, l-għajnuna skont dawk l-iskemi, minn naħa waħda, u l-prezzijiet ta' intervent, min-naħa l-oħra, huma marbutin mill-qrib ma' xulxin. Għall-prodotti tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, dak il-livell tal-prezzijiet ġie stabbilit bil-ħsieb li jiġi promoss il-konsum tal-prodotti kkonċernati u li tittejjeb il-kompetittività tagħhom. Dawk id-deċiżjonijiet politiċi għadhom validi.

(23) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-possibbiltà li wieħed jeħles mill-prodotti mixtrija b'intervent pubbliku. It-tali miżuri għandhom jittieħdu b'tali mod li jiġi evitat it-tfixkil fis-suq u li jkunu żgurati l-aċċess ugwali għall-oġġetti u t-trattament ugwali tax-xerrejja.

(24) L-għanijiet tal-PAK kif iddefiniti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat jinkludu l-istabbilizzazzjoni tas-swieq kif ukoll l-iżgurar li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Matul is-snin, l-iskema tad-distribuzzjoni tal-ikel saret il-bażi, b'suċċess, tal-ilħiq taż-żewġ għanijiet. Hija għandha tkompli tiżgura l-għanijiet tal-PAK u tgħin biex jinkisbu l-għanijiet ta' koeżjoni. Madankollu, r-riformi suċċessivi tal-PAK irriżultaw fi tnaqqis progressiv tal-ħażniet tal-intervent, kif ukoll tal-medda ta' prodotti disponibbli. Minħabba f'hekk, ix-xiri fis-suq għandu jsir ukoll sors permanenti ta' provvista għall-iskema.

(25) Sabiex tkun żgurata ġestjoni baġitarja b'saħħitha u sabiex wieħed jibbenefika b'mod sħiħ mid-dimensjoni ta' koeżjoni tal-iskema tal-Unjoni, għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar limitu massimu fiss tal-għajnuna tal-Unjoni u dispożizzjoni biex l-Istati Membri jikkofinanzjaw il-programm tad-distribuzzjoni tal-ikel. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li hemm bżonn ta' perspettiva aktar fit-tul għall-iskema. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjanijiet ta' tliet snin għall-implimentazzjoni tal-iskema u l-Istati Membri għandhom iħejju programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel li jistabbilixxu l-għanijiet u l-prijoritajiet tagħhom għall-iskema, inklużi l-kunsiderazzjonijiet nutrittivi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kontrolli amministrattivi u fiżiċi x-xierqa u għandhom jipprovdu penali fil-każ ta' irregolaritajiet sabiex jiżguraw li l-pjan ta' tliet snin jiġi implimentat skont ir-regoli applikabbli.

(26) Sabiex tiżgura t-tħaddim trasparenti, koerenti u effiċjenti tal-aktar skema mċaħħda, il-Kummissjoni għandha tadotta l-proċeduri għall-adozzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet ta' tliet snin u għandha tadotta dawk il-pjanijiet u, fejn meħtieġ, ir-reviżjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll dispożizzjonijiet dwar elementi addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-pjanijiet ta' tliet snin, regoli għall-provvista tal-prodotti, kif ukoll il-proċeduri u l-limiti taż-żmien applikabbli għall-irtirar ta' prodotti tal-intervent,

inklużi t-trasferimenti bejn l-Istati Membri, u regoli dwar il-format tal-programmi nazzjonali tad-distribuzzjoni tal-ikel u tar-rapporti annwali tal-implimentazzjoni. Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw il-pjanijiet ta' tliet snin b'mod uniformi, il-Kummissjoni għandha tadotta l-proċeduri għall-ħlas lura tal-ispejjeż tal-organizzazzjonijiet filantropiċi li l-Istati Membri għażlu li jqisu bħala eliġibbli, inklużi l-limiti taż-żmien u l-limiti finanzjarji, il-kundizzjonijiet marbuta mal-istedina għas-sejħiet għall-offerti u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodotti tal-ikel u għall-provvista tagħhom. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati regoli li jistabbilixxu l-obbligi tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontrolli, mal-proċeduri u mal-iskadenzi għall-ħlas, mat-tnaqqis meta dawn ma jitħarsux, kif ukoll dispożizzjonijiet tal-kontabilità u l-ħidmiet li l-entitajiet nazzjonali ta' intervent iridu jwettqu, inkluż fil-każ ta' trasferimenti bejn l-Istati Membri.

(27) Sabiex jikkontribwixxi għall-ibbilanċjar tas-suq tal-ħalib u għall-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tas-suq, dan ir-Regolament jipprovdi għall-għoti ta' għajnuna għall-ħżin privat fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-butir. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin privat għaz-zokkor abjad, għal ċerti tipi ta' żejt taż-żebbuġa u ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u l-vitella, għal-laħam tal-majjal u għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż.

(28) L-iskali tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi fis-setturi taċ-ċanga u tal-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż huwa essenzjali għall-għanijiet ta' reġistrazzjoni tal-prezzijiet u għall-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-intervent f'dawk is-setturi. Barra minn hekk, dan il-kejl għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza tas-suq.

(29) Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment ħieles li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni ta' miżuri maħsubin sabiex tiġi evitata l-firxa tal-mard tal-annimali jistgħu joħolqu diffikultajiet għas-suq f'ċerti prodotti f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar. L-esperjenza turi li tfixkil serju tas-suq bħal tnaqqis sinifikanti fil-konsum jew fil-prezzijiet jista' jiġi attribwit għal telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa tal-annimali.

(30) Il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għaċ-ċanga u l-vitella, għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għal-laħam tal-majjal, għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, għall-bajd u għal-laħam tat-tjur għandhom ikunu marbutin direttament ma' miżuri tas-saħħa u miżuri veterinarji adottati sabiex tiġi evitata l-firxa ta' mard jew għandhom ikunu konsegwenza tagħhom. Dawn għandhom jittieħdu fuq talba tal-Istati Membri sabiex jiġu evitati problemi serji fis-swieq ikkonċernati.

(31) Għandu jkun hemm dispożizzjoni sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri speċjali ta' intervent meta dan ikun meħtieġ sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq fis-settur taċ-ċereali u sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' intervent pubbliku fuq skala kbira f'ċerti reġjuni tal-Unjoni fis-settur tar-ross jew sabiex jagħmel tajjeb għal nuqqasijiet tar-ross fil-fosdqa wara li jseħħu diżastri naturali.

(32) Għandu jiġi ffissat prezz minimu għall-pitravi ta' kwota li jkun jikkorrispondi għal kwalità standard li għandha tiġi ddefinita, sabiex jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għal dawk li jkabbru l-pitravi u l-kannamieli fl-Unjoni.

(33) Hemm bżonn ta' strumenti speċifiċi sabiex jiġi żgurat bilanċ ġust ta' drittijiet u obbligi bejn l-impriżi taz-zokkor u dawk li jkabbru l-pitravi. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet standard li jirregolaw il-ftehimiet interprofessjonali.

(34) Id-diversità tal-qagħdiet naturali, ekonomiċi u tekniċi tagħmilha diffiċili li wieħed jagħmel dispożizzjonijiet għal kundizzjonijiet ta' xiri uniformi għall-pitravi madwar l-Unjoni kollha. Diġà jeżistu ftehimiet f'dan il-qasam bejn l-assoċjazzjonijiet ta' dawk li jkabbru l-pitravi u l-impriżi taz-zokkor. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' qafas għandhom jiddefinixxu biss il-garanziji minimi meħtieġa kemm minn dawk li jkabbru l-pitravi kif ukoll mill-industrija taz-zokkor sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tas-suq taz-zokkor bil-possibbiltà li jsiru derogi minn xi regoli fil-kuntest ta' ftehim fi ħdan dan il-qasam.

(35) Għandu jkun hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament dwar l-imposta fuq il-produzzjoni prevista fis-settur taz-zokkor bħala kontribut għall-finanzjament tal-infiq li jseħħ.

(36) Sabiex jinżamm il-bilanċ strutturali tas-swieq taz-zokkor f'livell ta' prezzijiet li jkun qrib il-prezz ta' referenza, għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar il-possibbiltà li wieħed jiddeċiedi li jirtira z-zokkor mis-suq għal kemm ikun meħtieġ sabiex is-suq jerġa' jibbilanċja ruħu.

(37) Fir-rigward tal-pjanti ħajjin, taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur, għandha ssir dispożizzjoni dwar il-possibbiltà li wieħed jadotta ċerti miżuri sabiex jiffaċilita l-aġġustament tal-provvista għall-ħtiġijiet tas-suq. It-tali miżuri jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq u għall-iżgurar ta' standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola kkonċernata.

(38) Fis-settur taz-zokkor, il-limitazzjoni kwantitattiva tal-produzzjoni kienet strument essenzjali tal-politika tas-suq. Ir-raġunijiet li fl-imgħoddi wasslu lill-Komunità biex tadotta sistemi ta' kwoti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għadhom validi.

(39) L-iskema tal-kwoti taz-zokkor skont dan ir-Regolament għandha, b'mod partikulari, żżomm l-istatus ġuridiku tal-kwoti safejn, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sistema tal-kwoti tkun tikkostitwixxi mekkaniżmu biex wieħed jirregola s-suq fis-settur taz-zokkor li jkollu l-għan li jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet ta' interess pubbliku.

(40) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-possibbiltà li wieħed jaġġusta l-kwoti taz-zokkor sabiex jirrifletti d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar l-allokazzjoni mill-ġdid tal-kwoti nazzjonali.

(41) Fid-dawl tal-ħtieġa li jitħalla ċertu ammont ta' flessibbiltà nazzjonali fir-rigward tal-aġġustament strutturali tal-industrija tal-ipproċessar u tat-tkabbir tal-pitravi u tal-kannamieli matul il-perjodu li fih il-kwoti għandhom jiġu applikati, għandu jkun hemm dispożizzjoni biex l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jitħallew jibdlu l-kwoti tal-impriżi fi ħdan ċerti limiti filwaqt li ma jillimitawx it-tħaddim tal-fond ta' ristrutturar bħala strument.

(42) Sabiex jiġi evitat li z-zokkor żejjed ifixkel is-suq taz-zokkor, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipprevedi, skont ċerti kriterji, sabiex iz-zokkor żejjed, l-isoglukożju żejjed jew il-ġulepp tal-inulina żejjed jiġi ttrasferit 'il quddiem sabiex jiġi ttrattat bħala produzzjoni tal-kwota tas-sena tas-suq ta' wara. Barra minn hekk, jekk għal ċerti kwantitajiet ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet applikabbli, qed issir ukoll dispożizzjoni biex jiġi impost ħlas fuq l-ammont żejjed sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' dawn il-kwantitajiet, li jheddu l-qagħda tas-suq.

(43) Is-sistema ta' kwoti tal-ħalib għandha tinżamm sa ma tiskadi fl-2015, inkluża l-applikazzjoni ta' imposta fuq il-kwantitajiet ta' ħalib miġbur jew mibjugħ għall-konsum dirett li jaqbżu ċertu livell minimu ta' garanzija.

(44) Għandha tinżamm id-distinzjoni bejn il-kunsinna u l-bejgħ dirett tal-ħalib u l-iskema għandha tkun applikata fuq il-bażi ta' kontenut individwali tax-xaħam li jkun rappreżentattiv u ta' kontenut tax-xaħam li jservi ta' referenza nazzjonali. Il-bdiewa għandhom jitħallew jittrasferixxu l-kwota individwali tagħhom b'mod temporanju f'ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, għandu jinżamm il-prinċipju li meta razzett jinbiegħ, jinkera jew jiġi ttrasferit b'wirt, il-kwota korrispondenti tiġi ttrasferita lix-xerrej, lill-kerrej jew lill-werriet flimkien mal-art rilevanti, filwaqt li għandhom jinżammu l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju li l-kwoti huma marbutin mal-irziezet sabiex jitkompla r-ristrutturar tal-produzzjoni tal-ħalib u jitjieb l-ambjent. F'konformità mad-diversi tipi ta' trasferiment tal-kwoti u filwaqt li jintużaw kriterji oġġettivi, għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar regoli li jawtorizzaw lill-Istati Membri jqiegħdu parti mill-kwantitajiet ittrasferiti fir-riżerva nazzjonali.

(45) L-imposta fuq l-ammont żejjed li għandha titħallas fuq il-ħalib u l-prodotti l-oħra tal-ħalib għandha tiġi stabbilita f'livell dissważiv u għandha titħallas mill-Istati Membri hekk kif tinqabeż il-kwota nazzjonali. Imbagħad l-Istat Membru għandu jaqsam il-piż tal-ħlas fost il-produtturi li jkunu kkontribwixxew għall-ammont żejjed. Dawk il-produtturi għandhom ikunu responsabbli lejn l-Istat Membru għall-ħlas tal-kontribut tagħhom għall-imposta dovuta minħabba l-fatt li jkunu qabżu l-kwantità li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom iħallsu lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) l-imposta li tikkorrispondi għall-ammont żejjed tal-kwota nazzjonali tagħhom, imnaqqsa b'ammont b'rata fissa ta' 1 % sabiex jitqiesu l-każijiet ta' falliment jew in-nuqqas definittiv ta' ħila ta' ċerti produtturi li jagħmlu l-kontribut tagħhom għall-ħlas tal-imposta dovuta.

(46) L-għan ewlieni tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li tnaqqas l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq rispettiv u l-eċċessi strutturali li jirriżultaw minnu, biex b'hekk jinkiseb bilanċ aħjar fis-suq, deher li naqqas l-orjentazzjoni tas-suq għaliex għawweġ ir-risposta tal-bdiewa għas-sinjali tal-prezzijiet u evita milli jsir titjib fl-effiċjenza fis-settur billi naqqas il-pass tar-ristrutturar. Hemm dispożizzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-prodotti tal-ħalib b'żieda annwali ta' 1 % għal kull sena tas-suq mill-2009/2010 sal-2013/2014. Fil-kuntest tar-ristrutturar tas-settur, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu aktar għajnuna nazzjonali f'ċerti limiti sal-31 ta' Marzu 2014. Iż-żidiet fil-kwoti, inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 248/2008[8], u ż-żieda annwali ta' 1 %, flimkien mal-bidliet l-oħra li jnaqqsu l-probabbiltà li tiġġarrab

[8] ĠU L 76, 19.3.2008, p. 6.

l-imposta fuq l-ammont żejjed, ifissru li l-Italja biss tkun qiegħda f'riskju li ġġarrab l-imposta fuq il-bażi tax-xejriet attwali tal-produzzjoni li kieku ż-żidiet annwali ta' 1 % kienu applikati mill-perjodu tal-2009/2010 sal-2013/2014. Għalhekk, meta wieħed iqis ix-xejriet attwali tal-produzzjoni fl-Istati Membri kollha, iż-żieda fil-kwoti kienet mogħtija bi preċedenza lill-Italja sabiex jiġi evitat dan ir-riskju.

(47) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fih dispożizzjonijiet dwar diversi tipi ta' skemi tal-għajnuna. L-iskema għall-għalf imnixxef u għall-kittien u l-qanneb ipprevediet għajnuniet ta' pproċessar għal dawn is-setturi bħala mezz biex wieħed jirregola s-suq intern fir-rigward tas-setturi kkonċernati. Minħabba l-emendi li saru mir-Regolament (KE) Nru 72/2009 u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003[9], l-għajnuna se tibqa' tingħata sal-1 ta' April 2012 għall-għalf imnixxef, u sas-sena tas-suq 2011/2012 għall-fibri twal tal-kittien, għall-fibri qosra tal-kittien u għall-fibri tal-qanneb. Is-sistema ta' kwoti tal-lamtu tal-patata li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009, u l-prezz minimu relatat japplikaw biss sal-aħhar tas-sena tas-suq 2011/12.

(48) Sabiex jingħata kontribut għall-ibbilanċjar tas-suq tal-ħalib u sabiex jiġu stabbilizzati l-prezzijiet tas-suq għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, hemm bżonn ta' miżuri li jżidu l-possibbiltà li wieħed jeħles mill-prodotti tal-ħalib. Dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjoni dwar l-għoti ta' għajnuna għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib bil-għan li jintużaw b'mod speċifiku jew li jmorru f'destinazzjoni speċifika. Barra minn hekk, huwa għandu jinkludi dispożizzjoni li, sabiex jiġi stimulat il-konsum tal-ħalib mit-tfal u ż-żgħażagħ, l-Unjoni għandha tħalli parti mill-infiq li jsir għall-għoti tal-għajnuna għall-provvista tal-ħalib għall-istudenti fl-iskejjel.

(49) Għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar il-possibbiltà li wieħed jagħti rifużjoni tal-produzzjoni f'każijiet fejn, fir-rigward tal-manifattura ta' ċerti prodotti industrijali, kimiċi jew farmaċewtiċi, jkun hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri bil-għan li jkunu disponibbli ċerti prodotti taz-zokkor.

(50) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-ħlas skont l-erja għall-ħops ġie diżakkoppjat mill-1 ta' Jannar 2010. Sabiex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-ħops ikunu jistgħu jkomplu għaddejjin bl-attivitajiet tagħhom bħal qabel, għandu jkun hemm dispożizzjoni speċifika sabiex fl-Istat Membru kkonċernat jintużaw ammonti ekwivalenti għall-istess attivitajiet.

(51) Il-finanzjament tal-Unjoni, li huwa magħmul mill-perċentwali ta' għajnuna diretta li l-Istati Membri jistgħu jżommu skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, jeħtieġ li jinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet tal-operaturi approvati jfasslu programmi ta' ħidma bl-għan li jtejbu l-kwalità tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda. F'dak il-kuntest, dan ir-Regolament għandu jkun fih dispożizzjoni biex l-appoġġ tal-Unjoni jiġi allokat skont il-prijoritajiet mogħtija lill-attivitajiet imwettqa fi ħdan il-programmi ta' ħidma kkonċernati.

---

[9] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

(52) Dan ir-Regolament jagħmel distinzjoni bejn, minn naħa waħda, l-frott u l-ħaxix, li jinkludi l-frott u l-ħaxix għall-kummerċjalizzazzjoni u l-frott u l-ħaxix għall-ipproċessar u, min-naħa l-oħra, il-frott u l-ħaxix ipproċessat. Ir-regoli dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-programmi operattivi u l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni japplikaw biss għall-frott u l-ħaxix u għall-frott u l-ħaxix maħsub għall-ipproċessar biss.

(53) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma l-atturi bażiċi fir-reġim tal-frott u l-ħaxix. Quddiem konċentrazzjoni tad-domanda dejjem akbar, ir-raggruppament tal-provvista permezz ta' dawn l-organizzazzjonijiet ikompli jkun bżonn ekonomiku sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi fis-suq. Raggruppament bħal dan għandu jsir fuq bażi volontarja u għandu juri kemm hu utli permezz tal-ambitu u l-effikaċja tas-servizzi offruti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi lill-membri tagħhom. Ladarba l-organizzazjonijiet tal-produtturi jaġixxu eskluživament fl-interessi tal-membri tagħhom, huma għandhom jitqiesu li qed jaġixxu f'isem u għan-nom tal-membri tagħhom fi kwistjonijiet ekonomiċi.

(54) Il-produzzjoni tal-frott u l-ħaxix mhijiex prevedibbli u l-prodotti jeħżienu. Anki ammont żejjed limitat jista' jfixkel is-suq b'mod sinifikanti. Għalhekk, għandhom jiġu implimentati miżuri għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Sabiex jipprovdu għal żieda f'kemm huma attraenti l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, dawk il-miżuri għandhom jiġu integrati fi programmi operattivi.

(55) Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħaxix għandha tqis bis-sħiħ it-tħassib ambjentali, inklużi l-prattiki ta' kultivazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u d-disponiment ta' prodotti rtirati mis-suq, b'mod partikulari fir-rigward tal-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma, iż-żamma tal-bijodiversità u ż-żamma tal-kampanja.

(56) Il-gruppi ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara dik id-data, jew li jinsabu f'xi wħud mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew, u li jixtiequ jiksbu l-istatus ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi skont dan ir-Regolament għandhom jingħataw il-benefiċċju ta' perjodu ta' tranżizzjoni li matulu jkunu jistgħu jingħataw appoġġ finanzjarju nazzjonali u mill-Unjoni dejjem jekk il-grupp ta' produtturi jieħu ċerti impenji.

(57) Sabiex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix jingħataw aktar responsabbiltà, b'mod partikulari għad-deċiżjonijiet finanzjarji tagħhom, u sabiex ir-riżorsi pubbliċi assenjati lilhom jiġu indirizzati lejn ir-rekwiżiti tal-ġejjieni, għandhom jiġu stabbiliti t-termini għall-użu ta' dawn ir-riżorsi. Il-finanzjament konġunt ta' fondi operattivi stabbiliti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi hija soluzzjoni adegwata. F'każijiet partikulari għandu jkun permess ambitu addizzjonali għall-finanzjament. Il-fondi operattivi għandhom jintużaw biss biex jiġu ffinanzjati programmi operattivi fis-settur tal-frott u l-ħaxix. Sabiex jiġi kkontrollat l-infiq tal-Unjoni, għandu jkun hemm limitu fuq l-għajnuna mogħtija lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jistabbilixxu fondi operattivi.

(58) F'reġjuni fejn l-organizzazzjoni tal-produzzjoni fis-settur tal-frott u l-ħaxix hija dgħajfa, għandu jitħalla l-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji nazzjonali addizzjonali. Fil-każ ta' Stati Membri li jinsabu fi żvantaġġ partikulari fir-rigward tal-istrutturi, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jitħallsu lura mill-Unjoni.

(59) Sabiex titħaffef u titnaqqas l-ispiża tal-iskema, il-proċeduri u r-regoli għall-eliġibbiltà tal-infiq skont il-fondi operattivi għandhom, fejn possibbli, ikunu allinjati ma' dawk tal-programmi għall-iżvilupp rurali minn Stati Membri li jitolbu dan, sabiex tkun stabbilita strateġija nazzjonali għall-programmi operattivi.

(60) Huwa mixtieq li jiġi indirizzat il-konsum baxx ta' frott u ħaxix fost it-tfal billi jiżdied b'mod stabbli s-sehem tal-frott u l-ħaxix fid-dieti tat-tfal fl-istadju fejn id-drawwiet tal-ikel tagħhom ikunu għadhom qed jiġu ffurmati. Għalhekk għandu jkun hemm dispożizzjoni għal għajnuna mill-Unjoni għall-kofinanzjament tal-provvista ta' prodotti ta' frott u ħaxix, ta' frott u ħaxix ipproċessat u tas-settur tal-banana lit-tfal fi stabbilimenti edukattivi, u għall-kofinanzjament ta' ċerti spejjeż relatati marbutin mal-loġistika u mad-distribuzzjoni, mat-tagħmir, mar-riklamar, mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni ordnata, l-Istati Membri li jixtiequ jużaw l-iskema tal-frott fl-iskejjel għandhom ifasslu strateġija minn qabel, li tinkludi, fost l-oħrajn, lista tal-prodotti eliġibbli, magħżula fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi inklużi l-istaġun, id-disponibbiltà, jew it-tħassib ambjentali.

(61) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni baġitarja b'saħħitha tal-iskema tal-frott fl-iskejjel, għandhom jiġu stabbiliti limitu massimu fiss tal-għajnuna tal-Unjoni u rati massimi ta' kofinanzjament. L-għajnuna mill-Unjoni ma għandhiex tintuża biex tieħu post il-fondi ta' kwalunkwe skema nazzjonali tal-frott fl-iskejjel li teżisti diġà. Fid-dawl tal-limiti baġitarji, l-Istati Membri għandhom xorta waħda jkunu kapaċi jibdlu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għall-iskema tal-frott fl-iskejjel b'kontribuzzjonijiet mis-settur privat. Sabiex jiżguraw li l-iskema tagħhom tkun effettiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal miżuri ta' akkumpanjament li għalihom l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu għajnuna nazzjonali.

(62) Huwa importanti li jkun hemm dispożizzjonijiet għal miżuri ta' appoġġ fis-settur tal-inbid li jistgħu jsaħħu l-istrutturi ta' kompetizzjoni. Filwaqt li dawk il-miżuri għandhom ikunu ffinanzjati u ddefiniti mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħżlu huma stess is-sett ta' miżuri adattati għall-ħtiġijiet tal-entitajiet reġjonali tagħhom, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi partikulari tagħhom, fejn meħtieġ, kif ukoll li jintegrawhom fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi.

(63) Miżura ewlenija eliġibbli għall-programmi nazzjonali ta' appoġġ għandha tkun il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-inbejjed tal-Unjoni f'pajjiżi terzi. Il-ħidmiet ta' ristrutturar u ta' konverżjoni għandhom jibqgħu jkunu koperti minħabba l-effetti strutturali pożittivi tagħhom fuq is-settur tal-inbid. Għandu jkun disponibbli wkoll appoġġ għal investimenti fis-settur tal-inbid li jkollhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni ekonomika tal-intrapriżi. L-appoġġ għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji għandu jkun miżura disponibbli għall-Istati Membri li jixtiequ jużaw strument bħal dan biex jiżguraw il-kwalità tal-inbid, filwaqt li jħarsu l-ambjent.

(64) Strumenti ta' prevenzjoni bħall-assigurazzjoni tal-ħsad, il-fondi mutwi u l-ħsad bikri għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ skont il-programmi ta' appoġġ għall-inbid sabiex jinkoraġġixxu approċċ responsabbli f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

(65) Għal diversi raġunijiet, l-Istati Membri jistgħu jippreferu jagħtu għajnuna diżakkoppjata skont l-Iskema ta' Pagament Uniku lill-bdiewa. Għalhekk l-Istati Membri għandu jkollhom din il-possibbiltà, u minħabba l-karatteristiċi partikulari tal-

Iskema ta' Pagament Uniku kwalunkwe trasferiment ta' dan it-tip m'għandux ikun jista' jitraġġa' lura u għandu jnaqqas b'mod korrispondenti l-baġit disponibbli għall-programmi nazzjonali ta' appoġġ għall-inbid fis-snin ta' wara.

(66) L-appoġġ għas-settur tal-inbid għandu jiġi wkoll mill-miżuri strutturali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[10]. Sabiex jiżdiedu l-mezzi finanzjarji disponibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, għandu jiġi stabbilit trasferiment gradwali ta' fondi lill-baġit skont dak ir-Regolament, li matulu l-ammonti rilevanti jkunu kbar biżżejjed.

(67) Sabiex itejbu t-tħaddim tas-suq tal-inbejjed, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jimplimentaw deċiżjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur. Madankollu, l-ambitu tat-tali deċiżjonijiet għandu jeskludi prattiki li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni.

(68) Il-produzzjoni eċċessiva tal-inbid fl-Unjoni marret għall-agħar minħabba l-ksur tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil il-ġdid. Fl-Unjoni jeżisti għadd sinifikanti ta' tħawwil illegali, li jikkostitwixxi sors ta' kompetizzjoni inġusta, li jżid il-problemi tas-settur tal-inbid u li għandu jiġi indirizzat.

(69) Filwaqt li l-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil il-ġdid kellha xi effett fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid, fl-istess ħin ħolqot xkiel għall-produtturi kompetittivi li jixtiequ jwieġbu b'mod flessibbli għaż-żieda fid-domanda. Minħabba li għadu ma nstabx bilanċ fis-suq, u minħabba li l-miżuri ta' akkumpanjament bħall-iskema tal-qlugħ tad-dwieli għandhom bżonn iż-żmien biex jidħlu fis-seħħ, huwa importanti ferm li l-projbizzjoni fuq it-tħawwil il-ġdid tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2015, f'liema mument, iżda, trid titneħħa b'mod definittiv sabiex tippermetti lill-produtturi kompetittivi jwieġbu b'mod ħieles għall-kundizzjonijiet tas-suq. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jestendu l-projbizzjoni għat-territorji tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2018 jekk iqisu li dan huwa meħtieġ.

(70) Sabiex titjieb il-ġestjoni tal-potenzjal tal-vitikultura u sabiex issir promozzjoni tal-użu effiċjenti tad-drittijiet tat-tħawwil u b'hekk ikompli jittaffa l-effett tar-restrizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil, għandha tibqa' teżisti xi flessibbiltà bħall-użu ta' sistemi ta' riżervi nazzjonali jew reġjonali.

(71) It-tħaddim tajjeb tas-suq uniku jkun mhedded bl-għoti ta' għajnuna nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat fil-prinċipju għandhom japplikaw għall-prodotti tas-settur tal-inbid li huma koperti mill-OKS għall-inbid. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar il-primjums għall-qlugħ tad-dwieli u ċerti miżuri skont il-programmi ta' appoġġ waħedhom ma għandhomx iwaqqfu l-għoti ta' għajnuna nazzjonali għall-istess għanijiet.

(72) Sabiex issir dispożizzjoni biex is-settur tal-inbid jiddaħħal fl-Iskema ta' Pagament Uniku, iż-żoni kollha tal-vitikultura kkultivati b'mod attiv għandhom ikunu eliġibbli

[10] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

għall-Iskema ta' Pagament Uniku li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(73) It-trobbija tan-naħal, minħabba li huwa settur tal-agrikoltura, hija kkaratterizzata mid-diversità tal-kundizzjonijiet u tal-ammonti tal-produzzjoni u mill-firxa u l-varjetà tal-operaturi ekonomiċi, kemm fl-istadju tal-produzzjoni kif ukoll f'dak tal-kummerċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, minħabba l-firxa tal-"varroasis" f'diversi Stati Membri matul dawn l-aħħar snin u l-problemi li din il-marda toħloq għall-produzzjoni tal-għasel, l-azzjoni mill-Unjoni għadha meħtieġa billi l-"varroasis" ma tistax tinqered għal kollox u għandha tiġi ttrattata bi prodotti approvati. Minħabba t-tali ċirkustanzi u sabiex jittejbu l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura fl-Unjoni, għandhom jitfasslu programmi nazzjonali kull tliet snin, li jkunu jinkludu l-għajnuna teknika, il-kontroll tal-"varroasis", ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza, il-ġestjoni tat-tgħammir mill-ġdid tal-ġarar tan-naħal fl-Unjoni bin-naħal, u l-koperazzjoni fuq programmi ta' riċerka dwar it-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet ġenerali tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura. Dawk il-programmi nazzjonali għandhom jiġu ffinanzjati parzjalment mill-Unjoni.

(74) Għandha tingħata għajnuna mill-Unjoni għat-trobbija tad-dud tal-ħarir għal kull kaxxa ta' bajd tad-dud tal-ħarir użata.

(75) L-applikazzjoni ta' standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll għat-titjib tal-kwalità tat-tali prodotti. Għalhekk, l-applikazzjoni tat-tali standards hija fl-interess tal-produtturi, tal-kummerċjanti u tal-konsumaturi.

(76) B'segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli[11] u għad-dibattiti sussegwenti, huwa xieraq li jinżammu standards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti, sabiex jitqies dak li jistennew il-konsumaturi u sabiex ikun hemm kontribut għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli kif ukoll għall-kwalità tagħhom.

(77) Sabiex ikun żgurat li l-prodotti kollha jkunu ta' kwalità tajba, ġusta, u li tista' titqiegħed fis-suq, u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet adottati fis-settur tal-ikel u, b'mod partikulari, għal-liġi ġenerali dwar l-ikel mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[12] u għall-prinċipji u r-rekwiżiti tagħha, standard ġenerali bażiku ta' kummerċjalizzazzjoni kif previst fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija qabel għandu jkun xieraq għall-prodotti li mhumiex koperti minn standards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti. Meta t-tali prodotti jkunu jikkonformaw ma' standard internazzjonali applikabbli, kif inhu xieraq, dawk il-

---

[11] COM/2009/0234 finali.

[12] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

prodotti għandhom jitqiesu li jkunu konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni.

(78) Għal ċerti setturi u/jew prodotti, id-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u/jew id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ huma element importanti sabiex wieħed jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti d-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u d-deskrizzjonijiet tal-bejgħ għal dawk is-setturi u/jew il-prodotti, li għandhom jintużaw biss fl-Unjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti korrispondenti.

(79) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 żamm l-approċċ settorjali pprovdut mill-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq agrikoli ta' qabel dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. Huwa xieraq li jiddaħħlu dispożizzjonijiet ta' natura orizzontali.

(80) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, s'issa l-Kummissjoni ġiet fdata bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal ċerti setturi. Minħabba l-karattru tekniku ddettaljat tagħhom u l-ħtieġa li tittejjeb kontinwament l-effikaċja tagħhom u li dawn jiġu adattati għal prattiki kummerċjali li qegħdin jinbidlu, huwa xieraq li dan l-approċċ jiġi estiż għall-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni kollha, filwaqt li jiġu speċifikati l-kriterji li għandhom jitqiesu meta jkunu qed jitfasslu r-regoli rilevanti.

(81) Għandhom japplikaw standards tal-kummerċjalizzazzjoni biex jippermettu lis-suq jiġi pprovdut bi prodotti ta' kwalità standardizzata u sodisfaċenti. Dawn għandhom jirrelataw, b'mod partikulari, mad-definizzjonijiet, mal-klassifikazzjoni f'kategoriji, mal-preżentazzjoni u mat-tikkettar, mal-ippakkjar, mal-metodu ta' produzzjoni, mal-konservazzjoni, mat-trasport, mal-informazzjoni dwar il-produtturi, mal-kontentut ta' ċerti sustanzi, mad-dokumenti amministrattivi relatati, mal-ħżin, maċ-ċertifikazzjoni u mal-limiti taż-żmien.

(82) B'mod partikulari, filwaqt li jitqies l-interess tal-konsumaturi li jirċievu informazzjoni adegwata u trasparenti dwar il-prodotti, wieħed għandu jkun jista' jistabbilixxi indikazzjonijiet xierqa tal-post tal-biedja, b'approċċ ta' każ b'każ fil-livell ġeografiku x-xieraq, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' xi setturi, b'mod partikulari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti agrikoli pproċessati.

(83) Hija u tiddefinixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti, il-Kummissjoni għandha tqis dak li jistennew il-konsumaturi, il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur u r-rakkomandazzjonijiet tal-entitajiet internazzjonali.

(84) Barra minn hekk, għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri speċjali, fejn ikun meħtieġ, b'mod partikulari b'rabta mal-metodi tal-analiżi, sabiex jiġu evitati l-abbużi fir-rigward tal-kwalità u tal-awtentiċità tal-prodotti ppreżentati lill-konsumaturi.

(85) Sabiex tkun żgurata l-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar il-kontrolli u l-penali fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi f'dak ir-rigward. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għat-tali kontrolli.

(86) Fil-prinċipju, l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom japplikaw għall-prodotti kollha kkummerċjalizzati fl-Unjoni.

(87) Huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni dwar regoli speċjali fir-rigward ta' prodotti importati minn pajjiżi terzi, skont liema dispożizzjonijiet speċjali fis-seħħ f'ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġġustifikaw derogi mill-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni jekk tkun żgurata l-ekwivalenza tagħhom fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(88) Fir-rigward ta' xaħmijiet li jistgħu jiddelku huwa xieraq li tiddaħħal il-possibbiltà għall-Istati Membri li jżommu jew li jadottaw ċerti regoli nazzjonali dwar il-livelli tal-kwalità.

(89) Id-dispożizzjonijiet dwar l-inbid għandhom jiġu applikati fid-dawl tal-ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

(90) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli għall-klassifikazzjoni ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid, skont liema Stati Membri li jipproduċu aktar minn 50 000 ettolitru kull sena għandhom ikomplu jkunu responsabbli għall-klassifikazzjoni tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li minnhom jista' jsir l-inbid fit-territorji tagħhom. Ċerti varjetajiet tal-għeneb tal-inbid għandhom jiġu esklużi.

(91) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti ċerti prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni tal-inbid, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħlit u mal-użu ta' ċerti tipi ta' most, ta' meraq tal-għeneb u ta' għeneb frisk li joriġinaw f'pajjiżi terzi. Sabiex jiġu ssodisfati l-istandards internazzjonali, għal aktar prattiki enoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha, bħala regola ġenerali, fuq il-prattiki enoloġiċi rrakkomandati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV).

(92) Għas-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom jitħallew jillimitaw jew jeskludu l-użu ta' ċerti prattiki enoloġiċi u jitħallew iżommu restrizzjonijiet aktar stretti għal inbejjed prodotti fit-territorju tagħhom, kif ukoll għall-użu sperimentali ta' prattiki enoloġiċi mhux awtorizzati f'kundizzjonijiet li għad iridu jiġu ddefiniti.

(93) Il-kunċett ta' nbejjed ta' kwalità fl-Unjoni huwa bbażat, fost l-oħrajn, fuq il-karatteristiċi speċifiċi li jistgħu jingħataw lill-oriġini ġeografika tal-inbid. Inbejjed bħal dawn huma identifikati għall-konsumaturi permezz ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti. Sabiex tippermetti qafas trasparenti u aktar elaborat li jsostni l-pretensjoni ta' kwalità mill-prodotti kkonċernati, għandu jiġi stabbilit reġim skont liema l-applikazzjonijiet għal denominazzjoni tal-oriġini jew għal indikazzjoni ġeografika jiġu eżaminati f'konformità mal-approċċ segwit skont il-politika ta' kwalità orizzontali tal-Unjoni applikabbli għal oġġetti tal-ikel oħrajn minbarra l-inbid u l-ispirti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel[13].

(94) Sabiex jitħarsu l-karatteristiċi partikulari ta' kwalità tal-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw regoli aktar stretti f'dak ir-rigward.

---

[13] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

(95) Biex jikkwalifikaw għall-protezzjoni fl-Unjoni, id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid għandhom jiġu rrikonoxxuti u rreġistrati fil-livell tal-Unjoni. Biex tiżgura li l-ismijiet rispettivi jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, suġġetti għall-konformità ma' dispożizzjonijiet minimi komuni, inkluża proċedura nazzjonali biex wieħed joġġezzjona. Wara l-Kummissjoni għandha teżamina bir-reqqa l-applikazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żbalji evidenti u li l-liġi tal-Unjoni u l-interessi tal-partijiet interessati barra l-Istat Membru tal-applikazzjoni jkunu tqiesu.

(96) Il-protezzjoni għandha tkun miftuħa għal denominazzjonijiet tal-oriġini u għal indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi meta dawn ikunu protetti fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

(97) Il-proċedura ta' reġistrazzjoni għandha tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz biex teżerċita d-drittijiet tagħha billi tinnotifika l-oġġezzjonijiet tagħha.

(98) Id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati għandhom igawdu minn protezzjoni kontra użu li jieħu vantaġġ mhux dovut mir-reputazzjoni li jgawdu minnha l-prodotti li jikkonformaw. Sabiex ikun hemm il-promozzjoni tal-kompetizzjoni ġusta u sabiex il-konsumaturi ma jiġux ingannati, din il-protezzjoni għandha taffettwa wkoll il-prodotti u s-servizzi li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament, inklużi dawk li ma jinsabux fl-Anness I għat-Trattat.

(99) Ċerti termini jintużaw tradizzjonalment fl-Unjoni u jwasslu informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-karatteristiċi partikulari u l-kwalità tal-inbejjed li tikkumplimenta l-informazzjoni mogħtija mid-denominazzjonijiet tal-oriġini u mill-indikazzjonijiet ġeografiċi. Sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta u biex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu ingannati, dawk it-termini tradizzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-protezzjoni fl-Unjoni.

(100) Id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni u l-preżentazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid koperti minn dan ir-Regolament jista' jkollhom effetti sinifikanti fuq kemm jistgħu jkunu kkumerċjalizzati. Differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-tikkettar tal-prodotti tas-settur tal-inbid jistgħu jfixklu l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli li jqisu l-interessi leġittimi tal-konsumaturi u tal-produtturi. Għal dan il-għan, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni dwar regoli tal-Unjoni dwar it-tikkettar.

(101) Meta jakkumulaw ammonti żejda ta' prodotti tal-ħalib jew ikun hemm ċans li dan iseħħ, u b'hekk joħolqu jew probabbli jkunu se joħolqu żbilanċ serju fis-suq, għandha tingħata għajnuna għall-ħalib xkumat u għat-trab tal-ħalib xkumat prodott fl-Unjoni u maħsub għall-użu bħala għalf. Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-kaseina u tal-kaseinati fil-manifattura tal-ġobon huma maħsuba sabiex jiġġieldu l-effetti ħżiena li jistgħu jirriżultaw minn dik l-iskema tal-għajnuna, billi jqisu l-vulnerabbiltà tal-ġobon għal ħidmiet ta' sostituzzjoni bil-kaseina u bil-kaseinati, u b'hekk jikkontribwixxu biex jiġi stabbilizzat is-suq.

(102) Dan ir-Regolament jiffoka fuq diversi tipi ta' organizzazzjonijiet sabiex jintlaħqu l-miri politiċi, b'mod partikulari bil-ħsieb li jiġu stabbilizzati s-swieq fil-prodotti

kkonċernati u li titjieb u tkun żgurata l-kwalità tagħhom permezz ta' azzjoni konġunta. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma bbażati fuq organizzazzjonijiet li huma rrikonoxxuti mill-Istati Membri jew, f'ċerti kundizzjonijiet, mill-Kummissjoni. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinżammu.

(103) Sabiex fis-settur tal-frott u l-ħaxix jissaħħaħ aktar l-impatt tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-assoċjazzjonijiet tagħhom u sabiex tkun żgurata l-istabbiltà kollha mixtieqa għas-suq, l-Istati Membri għandhom jitħallew jestendu r-regoli, skont ċerti kundizzjonijiet, għall-produtturi li mhumiex membri fir-reġjun tagħhom, b'mod partikulari dawk ir-regoli marbutin mal-produzzjoni, mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-ħarsien ambjentali, li jkunu adottati għall-membri tagħhom mill-organizzazzjoni jew mill-assoċjazzjoni għar-reġjun ikkonċernat.

(104) Għas-settur tal-frott u l-ħaxix b'mod partikulari, għandu jkun possibbli li jingħata rikonoxximent speċifiku lil dawk l-organizzazzjonijiet li jipprovdu prova li huma rappreżentattivi biżżejjed u li jwettqu azzjoni prattika fir-rigward tal-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat. Id-dispożizzjonijiet dwar l-estensjoni tar-regoli adottati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tagħhom u dwar il-qsim tal-ispejjeż li jkunu ġejjin mit-tali estensjoni għandhom, minħabba x-xebh tal-għanijiet segwiti, japplikaw ukoll għall-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur. Approċċ simili għandu japplika għall-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tat-tabakk.

(105) [Sabiex ikun żgurat l-iżvilupp raġonevoli tal-produzzjoni u sabiex ikun żgurat standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa fis-settur tal-ħalib, is-setgħa fin-negozjar tagħhom meta mqabbla ma' dik tal-proċessuri għandha tissaħħaħ. Dan għandu jwassal għal tqassim aktar ġust tal-valur miżjud fil-katina tal-provvista. Għalhekk, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, għandha tiġi adottata dispożizzjoni skont l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat sabiex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma magħmula minn bdiewa fis-settur tal-ħalib jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jinnegozjaw it-termini tal-kuntratti, inkluż il-prezz, b'mod konġunt għall-produzzjoni kollha tal-membri tagħhom li għandhom maħleb jew għal parti minnha. Sabiex tinżamm kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-ħalib, din il-possibbiltà għandha tkun suġġetta għal limiti kwantitattivi xierqa. Għalhekk, it-tali organizzazzjonijiet tal-produtturi wkoll għandhom ikunu eliġibbli għar-rikonoxximent fl-OKS.

(106) F'ċerti setturi ddaħħlu regoli fil-livell tal-UE għall-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur. Dawn l-organizzazzjonijiet jista' jkollhom rwol utli sabiex jippermettu d-djalogu bejn l-atturi fil-katina tal-provvista u jippromwovu l-aħjar prattika u t-trasparenza tas-suq. It-tali regoli għandhom jiġu applikati bl-istess mod fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, flimkien ma' dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-pożizzjoni tat-tali organizzazzjonijiet fil-liġi tal-kompetizzjoni filwaqt li jiżguraw li ma jfixklux il-kompetizzjoni jew is-suq intern jew li ma jaffettwawx il-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq.]

(107) F'ċerti setturi, minbarra dawk li għalihom ir-regoli attwali jipprovdu għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew ta' organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur, l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jirrikonoxxu t-tali tipi ta' organizzazzjonijiet fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali sakemm dan ikun kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni.

(108) Suq uniku jinvolvi sistema ta' kummerċ mal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Dik is-sistema ta' kummerċ għandha tinkludi d-dazji tal-importazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u għandha, fil-prinċipju, tistabbilizza s-suq tal-Unjoni. Is-sistema ta' kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-impriżi aċċettati skont in-negozjati kummerċjali multilaterali tas-Serje tal-Urugwaj.

(109) Il-monitoraġġ tal-flussi tal-kummerċ huwa, qabel kollox, kwistjoni ta' ġestjoni li għandha tiġi indirizzata b'mod flessibbli. Id-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għall-għoti ta' liċenzji għandha tittieħed billi titqies il-ħtieġa għal liċenzji għall-ġestjoni tas-swieq ikkonċernati u, b'mod partikulari, għall-monitoraġġ tal-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati.

(110) Fil-biċċa l-kbira tagħhom, id-dazji doganali applikabbli għall-prodotti agrikoli skont il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-WTO) huma stabbiliti fit-Tariffa Doganali Komuni. Madankollu, għal xi prodotti tas-setturi taċ-ċereali u tar-ross, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi addizzjonali toħloq il-ħtieġa li wieħed jipprovdi għall-possibbiltà li jiġu adottati derogi.

(111) Sabiex jiġu evitati u bbilanċjati l-effetti ħżiena fuq is-suq tal-Unjoni li jistgħu jiġu mill-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli, l-importazzjonijiet tat-tali prodotti għandhom ikunu suġġetti għall-ħlas ta' dazju addizzjonali, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

(112) F'ċerti kundizzjonijiet, huwa xieraq li wieħed jiftaħ u jamministra kwoti tat-tariffi tal-importazzjoni li jkunu ġejjin minn ftehimiet internazzjonali konklużi skont it-Trattat jew minn atti oħra.

(113) Id-dazji tal-importazzjoni fuq it-taħlitiet għandhom l-għan li jiżguraw it-tħaddim tajjeb tas-sistema tad-dazji għall-importazzjonijiet ta' taħlitiet taċ-ċereali, tar-ross u tar-ross miksur.

(114) Dan ir-Regolament jistabbilixxi bżonn tradizzjonali ta' provvista taz-zokkor għar-raffinar għal sena tas-suq. Sabiex tkun żgurata l-provvista għall-industrija tar-raffinar fl-Unjoni, il-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor għar-raffinar għandhom ikunu rriżervati għar-raffinaturi full-time matul l-ewwel tliet xhur ta' kull sena tas-suq, fil-limiti stabbiliti mill-ħtieġa tradizzjonali ta' provvista.

(115) Sabiex jiġi evitat milli wċuħ tar-raba' illeċiti jfixklu l-OKS għall-qanneb għall-fibra, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal kontrolli fuq l-importazzjonijiet tal-qanneb u taż-żerriegħa tal-qanneb sabiex jiżgura li t-tali prodotti joffru ċerti garanziji fir-rigward tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet ta' żrieragħ tal-qanneb maħsubin għal użu ieħor minbarra ż-żrigħ għandhom ikomplu jkunu suġġetti għal sistema ta' kontroll li tipprevedi għall-awtorizzazzjoni tal-importaturi kkonċernati.

(116) Is-sistema ta' dazju doganali tagħmilha possibbli li jitwarrbu l-miżuri protettivi l-oħrajn kollha fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Is-suq intern u l-mekkaniżmu tad-dazju jistgħu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, juru li m'humiex adegwati. F'każijiet bħal dawn, sabiex is-suq tal-Unjoni ma jitħalliex mingħajr difiża kontra t-tfixkil li jista' jinħoloq, l-Unjoni għandha tkun tista' tieħu l-miżuri kollha meħtieġa mingħajr dewmien. It-tali miżuri għandhom ikunu konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.

(117) Għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar il-possibbiltà li l-użu ta' arranġamenti ta' pproċessar attiv u passiv jiġi pprojbit. Għalhekk huwa xieraq li wieħed ikun jista' jwaqqaf l-użu ta' arranġamenti ta' pproċessar attiv u passiv fit-tali sitwazzjonijiet.

(118) Id-dispożizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi, fuq il-bażi tad-differenza bejn il-prezzijiet fl-Unjoni u dawk fis-suq dinji, u li jaqgħu fil-limiti stabbiliti mill-impenji meħudin fi ħdan il-WTO, għandhom iservu sabiex jissalvagwardjaw il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-kummerċ internazzjonali ta' ċerti prodotti li jaqgħu fi ħdan dan ir-Regolament. L-esportazzjonijiet issussidjati għandhom ikunu suġġetti għal limiti f'termini tal-valur u tal-kwantità.

(119) Għandha tiġi żgurata l-konformità mal-limiti f'termini tal-valur meta jiġu ffissati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni permezz tal-monitoraġġ tal-ħlasijiet skont ir-regoli marbutin mal-FAEG. Il-monitoraġġ jista' jiġi ffaċilitat billi r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni jiġu ffissati b'mod obbligatorju bil-quddiem, filwaqt li titħalla l-possibbiltà, fil-każ ta' rifużjonijiet iddifferenzjati, li d-destinazzjoni speċifikata tinbidel f'żona ġeografika li għaliha tkun tapplika rata waħda ta' rifużjoni tal-esportazzjoni. Fil-każ ta' bidla tad-destinazzjoni, għandha titħallas ir-rifużjoni tal-esportazzjoni li tapplika għad-destinazzjoni reali, b'limitu massimu fuq l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni ffissata bil-quddiem.

(120) Għandha tiġi żgurata l-konformità mal-limiti tal-kwantità permezz ta' sistema ta' monitoraġġ affidabbli u effettiva. Għal dak il-għan, ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jingħataw suġġetti għal liċenzja tal-esportazzjoni. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jingħataw sal-limiti disponibbli, skont is-sitwazzjoni partikulari ta' kull prodott ikkonċernat. Għandhom ikunu permessi eċċezzjonijiet għal dik ir-regola biss għall-prodotti pproċessati li m'humiex imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat, li għalihom ma japplikawx limiti fuq il-volumi. Għandha ssir dispożizzjoni għal deroga minn konformità stretta mar-regoli tal-ġestjoni fejn l-esportazzjonijiet li jibbenefikaw minn rifużjonijiet tal-esportazzjoni mhumiex mistennija jaqbżu l-kwantità stabbilita.

(121) Fil-każ tal-esportazzjoni ta' annimali tal-ifrat ħajjin, għandha ssir dispożizzjoni sabiex ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni jingħataw u jitħallsu biss jekk jitħarsu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-benesseri tal-annimali, b'mod partikulari dawk dwar il-ħarsien tal-annimali waqt it-trasport.

(122) F'ċerti każijiet il-prodotti agrikoli jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali fuq l-importazzjoni f'pajjiżi terzi jekk il-prodotti jikkonformaw ma' ċerti speċifikazzjonijiet u/jew ma' ċerti kundizzjonijiet tal-prezzijiet. Hemm bżonn ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet fil-pajjiż terz tal-importazzjoni u l-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' sistema bħal din. Għal dak il-għan, il-prodotti għandhom ikollhom magħhom ċertifikat maħruġ fl-Unjoni.

(123) L-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ta' basal tal-fjuri huma ta' importanza ekonomika konsiderevoli għall-Unjoni. Il-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ta' esportazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu żgurati billi jiġu stabbilizzati l-prezzijiet f'dan il-kummerċ. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal prezzijiet minimi tal-esportazzjoni għall-prodotti kkonċernati.

(124) Skont l-Artikolu 42 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet tal-kapitolu tat-Trattat li għandu x'jaqsam mar-regoli dwar il-kompetizzjoni għandhom japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli biss safejn ikun deċiż mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 43(2) u (3) tat-Trattat u skont il-proċedura stabbilita fih. B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat ġew iddikjarati applikabbli. B'mod partikulari, l-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li japplikaw għall-impriżi ġiet iddefinita iktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli[14]. F'konformità mal-għan li jinħoloq sett komprensiv wieħed ta' regoli tal-politika tas-suq, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni dwar ir-regoli kkonċernati f'dan ir-Regolament.

(125) Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni marbutin mal-ftehimiet, mad-deċiżjonijiet u mal-prattiki msemmija fl-Artikolu 101 tat-Trattat u mal-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti għandhom jiġu applikati għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċ fihom, sakemm l-applikazzjoni tagħhom ma tfixkilx il-funzjonament ta' organizzazzjonijiet nazzjonali tas-swieq agrikoli jew ma theddidx l-ilħiq tal-għanijiet tal-PAK.

(126) Għandu jkun hemm approċċ speċjali fil-każ ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa li jkollhom l-għan partikulari li jipproduċu jew li jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli b'mod konġunt jew li jużaw faċilitajiet konġunti, dejjem jekk it-tali azzjoni konġunta ma teskludix il-kompetizzjoni jew ma theddidx l-ilħiq tal-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat.

(127) Sabiex jiġi evitat li jiġi kompromess l-iżvilupp tal-PAK kif ukoll sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trattament mhux diskriminatorju tal-impriżi kkonċernati, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa unika, suġġetta għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi jekk il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki msemmija fl-Artikolu 101 tat-Trattat humiex kompatibbli mal-għanijiet tal-PAK jew le.

(128) It-tħaddim tajjeb tas-suq uniku bbażat fuq prezzijiet komuni jkun mhedded bl-għoti ta' għajnuna nazzjonali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat għandhom, bħala regola ġenerali, japplikaw għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. F'ċerti sitwazzjonijiet għandhom jitħallew xi eċċezzjonijiet. Madankollu, fejn ikunu japplikaw it-tali eċċezzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tfassal lista ta' għajnuniet nazzjonali eżistenti, ġodda jew proposti, sabiex tagħmel osservazzjonijiet xierqa lill-Istati Membri u tipproponilhom miżuri xierqa għalihom.

(129) Sa mill-adeżjoni tagħhom, il-Finlandja u l-Isvezja jistgħu, minħabba l-qagħda ekonomika speċifika tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tar-renna u tal-prodotti tar-renna, jagħtu għajnuna f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Finlandja tista', suġġett għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, tagħti għajnuna għal ċerti kwantitajiet ta' żrieragħ u għal ċerti kwantitajiet ta' żerriegħa taċ-ċereali rispettivament li huma prodotti biss fil-Finlandja, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi tagħha.

---

[14] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.

(130) Sabiex jiġu indirizzati każijiet iġġustifikati ta' kriżi anki wara li tintemm il-miżura tranżizzjonali ta' appoġġ għad-distillazzjoni ta' kriżi li dwarha hemm dispożizzjoni fil-programmi ta' appoġġ fl-2012, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu għajnuna għad-distillazzjoni ta' kriżi f'limitu baġitarju ġenerali ta' 15 % tal-valur rispettiv tal-baġit annwali rilevanti tal-Istat Membru għall-programm nazzjonali ta' appoġġ tiegħu. Kwalunkwe għajnuna ta' dan it-tip għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u għandha tiġi approvata skont dan ir-Regolament qabel ma tingħata.

(131) Fi Stati Membri bi tnaqqis sinifikanti ta' kwota taz-zokkor, dawk li jkabbru l-pitravi se jħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' adattament partikolarment severi. F'każijiet bħal dawn, l-għajnuna tranżizzjonali tal-Unjoni għal dawk li jkabbru l-pitravi li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 mhix se tkun biżżejjed sabiex tindirizza bis-sħiħ id-diffikultajiet ta' dawk li jkabbru l-pitravi. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jkunu naqqsu l-kwota tagħhom b'aktar minn 50 % tal-kwota taz-zokkor stabbilita fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [*titlu mhux uffiċjali*][15] għandhom ikunu awtorizzati jagħtu għajnuna mill-Istat lil dawk li jkabbru l-pitravi matul il-perjodu li fih tapplika l-għajnuna tranżizzjonali tal-Unjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri ma jagħtux għajnuna mill-Istat li taqbeż il-ħtiġijiet ta' dawk li jkabbru l-pitravi, id-determinazzjoni tal-ammont totali tal-għajnuna mill-Istat ikkonċernata għandha tibqa' suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, ħlief fil-każ tal-Italja fejn ġie stmat li l-produtturi tal-pitravi li jipproduċu l-aktar sejrin ikollhom bżonn ta' massimu ta' EUR 11 għal kull tunnellata ta' pitravi prodotta sabiex jadattaw irwieħhom għall-kundizzjonijiet tas-suq ta' wara r-riforma. Barra minn hekk, minħabba l-problemi partikulari li mistennija jinħolqu fl-Italja, għandha tinżamm id-dispożizzjoni dwar arranġamenti li jippermettu lil dawk li jkabbru l-pitravi jibbenefikaw direttament jew indirettament mill-għajnuna mogħtija mill-Istat.

(132) Fil-Finlandja, it-tkabbir tal-pitravi huwa suġġett għal kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi partikulari li jaffettwaw lis-settur b'mod negattiv, lil hinn mill-effetti ġenerali tar-riforma taz-zokkor. Għalhekk, dak l-Istat Membru għandu jitħalla, fuq bażi permanenti, jagħti ammont adegwat ta' għajnuna mill-Istat lil dawk li jkabbru l-pitravi fih.

(133) Ir-regoli speċifiċi dwar l-għajnuna li tat il-Ġermanja fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja kellhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2010. Il-volumi mibjugħin mill-Monopolju naqsu mill-2003 'l hawn u d-distilleriji u l-irziezet żgħar u ta' daqs medju tagħhom li jfornu l-materja prima għamlu sforzi biex iħejju rwieħhom għad-dħul tagħhom fis-suq ħieles. Madankollu, minħabba li hemm bżonn ta' aktar żmien biex jiġi ffaċilitat dan l-adattament, hemm bżonn ta' estensjoni għat-tneħħija gradwali tal-Monopolju u għall-għajnuna għal dawn il-benfiċjarji sal-31 ta' Diċembru 2013. Xi distilleriji żgħar b'rata fissa, xi utenti tad-distilleriji, u xi distilleriji ta' kooperattivi tal-frott li jikkontribwixxu, billi jużaw materja prima lokali, b'mod partikulari sabiex jitħarsu l-pajsaġġi tradizzjonali u l-bijodiversità, għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-għajnuna mogħtija mill-Monopolju sal-31 ta' Diċembru 2017, f'liema data l-Monopolju għandu jitneħħa. Għal dak il-għan, il-Ġermanja għandha tippreżenta pjan annwali għat-tneħħija gradwali sa mill-2013 'il quddiem.

---

[15] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

(134) Jekk Stat Membru jkun jixtieq jappoġġa, fit-territorju tiegħu, miżuri li jippromwovu l-konsum tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib fl-Unjoni, għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-possibbiltà li t-tali miżuri jiġu ffinanzjati permezz ta' imposta promozzjonali fuq il-produtturi tal-ħalib fil-livell nazzjonali.

(135) [Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kuntratti formali bil-miktub, l-Istati Membri jistgħu, fi ħdan is-sistemi tal-liġi tal-kuntratti tagħhom stess, jagħmlu l-użu tat-tali kuntratti obbligatorju, dejjem jekk huma u jagħmlu hekk, titħares il-liġi tal-UE u jitħarsu b'mod partikulari t-tħaddim tajjeb tas-suq intern u tal-organizzazzjoni komuni tas-suq. Minħabba d-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE f'dan il-kuntest, fl-interess tas-sussidjarjetà, deċiżjoni bħal din għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri. Madankollu, sabiex ikunu żgurati standards minimi xierqa għat-tali kuntratti u t-tħaddim tajjeb tas-suq intern u tal-organizzazzjoni komuni tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti ċerti kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tat-tali kuntratti fil-livell tal-UE. Minħabba li ċerti kooperattivi fis-settur tal-ħalib jista' jkollhom regoli b'dan l-effett fl-istatut tagħhom, fl-interess tas-sempliċità dawn għandhom ikunu eżentati minn rekwiżit għall-kuntratti. Sabiex ikun żgurat li kwalunkwe sistema bħal din tkun effettiva f'każijiet fejn intermedjarji jiġbru l-ħalib mingħand il-bdiewa sabiex iwassluh għand il-proċessuri, din għandha tapplika bl-istess mod fit-tali każijiet.]

(136) Hemm bżonn ta' informazzjoni adegwata dwar il-qagħda attwali tas-suq tal-ħops fi ħdan l-Unjoni u dwar il-prospetti għall-iżvilupp tiegħu. Għalhekk għandu jkun hemm dispożizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-kuntratti kollha tal-provvista fir-rigward tal-ħops prodott fl-Unjoni.

(137) Sabiex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-potenzjal tal-vitikultura, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw inventarju tal-potenzjal ta' produzzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, bbażat fuq ir-reġistru tad-dwieli. Sabiex l-Istati Membri jitħeġġu jikkomunikaw l-inventarju, l-appoġġ għar-ristrutturar u għall-konverżjoni huwa limitat għal dawk l-Istati Membri li jkunu kkomunikaw l-inventarju. Sabiex tkun disponibbli l-informazzjoni neċessarja biex isiru l-għażliet politiċi u amministrattivi rilevanti, il-produtturi tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid, il-produtturi tal-most u dawk tal-inbid għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet dwar il-ħsad. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jeħtieġu lin-negozjanti tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid jiddikjaraw, ta' kull sena, l-kwantitajiet ikkummerċjalizzati mill-aħħar ħsad. Il-produtturi tal-most u tal-inbid u n-negozjanti, apparti l-bejjiegħa bl-imnut, għandhom jiddikjaraw il-ħażniet tagħhom tal-most u tal-inbid.

(138) Sabiex jiġi pprovdut livell sodisfaċenti ta' traċċabbiltà tal-prodotti kkonċernati, b'mod partikulari fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi, għandu jkun hemm dispożizzjoni biex il-prodotti kollha tas-settur tal-inbid koperti minn dan ir-Regolament ikollhom dokument ta' akkumpanjament meta jiċċirkolaw fi ħdan l-Unjoni.

(139) F'ċerti kundizzjonijiet u għal ċerti prodotti, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każijiet fejn ikun qed iseħħ tfixkil jew fejn x'aktarx li se jseħħ tfixkil minħabba bidliet sinifikanti fil-prezzijiet tas-suq intern jew fir-rigward ta' kwotazzjonijiet jew prezzijiet fis-suq dinji.

(140) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, u għandhom isiru arranġamenti biex il-

Kummissjoni tkun tista' twettaq monitoraġġ u tiżgura t-tali konformità, b'mod partikulari fis-settur tal-inbid.

(141) Jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' miżuri speċifiċi għall-etanol ta' oriġini agrikola sabiex tkun tista' tinġabar dejta ekonomika u tiġi analizzata informazzjoni statistika għall-għanijiet tal-monitoraġġ tas-suq. Safejn is-suq tal-etanol ta' oriġini agrikola jkun marbut mas-suq tal-etanol b'mod ġenerali, jeħtieġ li jkun hemm ukoll informazzjoni disponibbli dwar is-suq tal-etanol ta' oriġini mhux agrikola.

(142) L-infiq imġarrab mill-Istati Membri minħabba l-obbligi li ġejjin mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni[16].

(143) Sabiex jiżdiedu l-mezzi finanzjarji disponibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għas-settur tal-inbid, għandu jiġi stabbilit trasferiment gradwali ta' fondi lill-baġit skont dak ir-Regolament, li matulu l-ammonti rilevanti jkunu kbar biżżejjed.

(144) Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex issolvi problemi prattiċi speċifiċi f'każ ta' emerġenza.

(145) Billi s-swieq komuni tal-prodotti agrikoli qegħdin jiżviluppaw il-ħin kollu, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar l-iżviluppi rilevanti u għandhom jadottaw il-mezzi ta' notifika tal-iżviluppi rilevanti u l-mezzi ta' notifika tal-informazzjoni rilevanti.

(146) Sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' kwalunkwe wieħed mill-vantaġġi pprovduti f'dan ir-Regolament, it-tali vantaġġi m'għandhomx jingħataw jew għandhom jiġu rtirati, skont il-każ, f'każijiet fejn jinstab li l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' kwalunkwe wieħed minn dawk il-vantaġġi jkunu nħolqu artifiċjalment, b'mod li jmur kontra l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

(147) Biex tkun żgurata l-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, hemm bżonn ta' kontrolli u tal-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' penali amministrattivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, u ta' regoli marbutin mal-ħlas u mar-rilaxx tal-garanziji biex tkun żgurata l-ġestjoni b'saħħitha tal-ġestjoni ta' suq komuni uniku skont il-PAK. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu l-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti u l-obbligi ta' rrappurtar tal-Istati Membri li ġejjin mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(148) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, diversi miżuri ta' ġestjoni tas-swieq settorjali sejrin jiskadu fl-2012. Wara li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-dispożizzjonijiet rilevanti għandhom jibqgħu japplikaw sakemm jintemmu l-iskemi kkonċernati.

(149) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi d-data li fiha ċerti

[16] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma jibqgħux japplikaw għas-settur ikkonċernat.

(150) Sabiex tkun żgurata tranżizzjoni bla problemi mill-arranġamenti li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mas-setturi tal-frott u l-ħaxix u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta miżuri tranżizzjonali.

(151) Dan ir-Regolament għandu japplika mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Madankollu, id-dispożizzjoni li toħloq l-istandard ġenerali ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tapplika biss minn [sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

(152) [F'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet kuntrattwali u mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-setturi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma ġġustifikati fiċ-ċirkustanzi ekonomiċi attwali tas-suq tal-ħalib u l-istruttura tal-katina tal-provvista. Għalhekk huma għandhom jiġu applikati għal perjodu taż-żmien li jkun twil biżżejjed (kemm qabel u kif ukoll wara li jitneħħew il-kwoti tal-ħalib) sabiex jitħallew ikollhom effett sħiħ. Madankollu, minħabba n-natura tagħhom ta' effett fuq perjodu twil taż-żmien, huma għandhom xorta waħda jkunu miżuri temporanji fin-natura tagħhom, u għandhom ikunu suġġetti għal analiżi sabiex wieħed jara kif ikunu ħadmu u jekk għandhomx ikomplu japplikaw. Dan għandu jiġi ttrattat fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tas-suq tal-ħalib li għandhom jitressqu sat-30 ta' Ġunju 2014 u sal-31 ta' Diċembru 2018 u li għandhom ikopru b'mod partikulari l-inċentivi potenzjali sabiex il-bdiewa jitħeġġu jidħlu fi ftehimiet ta' produzzjoni konġunta,]

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI 2

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 2

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT 5

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA 5

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI 6

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI 6

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika) 7

PARTI I DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU 40

PARTI II IS-SUQ INTERN 43

TITOLU I INTERVENT FIS-SUQ 43

KAPITOLU I L-intervent pubbliku u l-ħżin privat 43

Taqsima I Dispożizzjonijiet tal-bidu dwar l-intervent pubbliku u l-ħżin privat 43

Taqsima II L-intervent pubbliku 45

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet ġenerali 45

Sottotaqsima II Ftuħ tax-xiri 46

Sottotaqsima III Prezzijiet ta' intervent 47

Sottotaqsima IV Disponiment minn intervent 49

[Sottotaqsima V Distribuzzjoni lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni 50

Taqsima III Ħżin privat 54

Sottotaqsima I Għajnuna obbligatorja 54

Sottotaqsima II Għajnuna mhux obbligatorja 54

Taqsima IV Dispożizzjonijiet komuni dwar l-intervent pubbliku u l-ħżin privat 57

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet ġenerali 57

Sottotaqsima II Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-klassifikazzjoni tal-karkassi 62

KAPITOLU II Miżuri speċjali ta' intervent..... 65

Taqsima I Miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq 65

Taqsima II Miżuri fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross..... 66

Taqsima III Miżuri fis-settur taz-zokkor 67

Taqsima IV Aġġustament tal-provvista 71

KAPITOLU III Sistemi ta' limitazzjoni tal-produzzjoni 72

Taqsima I Dispożizzjonijiet ġenerali..... 72

Taqsima II Zokkor 72

Sottotaqsima I Allokazzjoni u ġestjoni tal-kwoti 72

Sottotaqsima II Qbiż tal-kwota 74

Taqsima III Ħalib 77

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet ġenerali 77

Sottotaqsima II Allokazzjoni u ġestjoni tal-kwoti..... 78

Sottotaqsima III Qbiż tal-kwota 84

Taqsima IV Regoli proċedurali għall-kwoti taz-zokkor u tal-ħalib 88

Sottotaqsima I Regoli proċedurali għall-kwoti taz-zokkor 88

Sottotaqsima II Regoli proċedurali għall-kwoti tal-ħalib..... 89

Taqsima V Potenzjal tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid 91

Sottotaqsima I Tħawwil illegali 91

Sottotaqsima II Reġim tranżizzjonali tad-dritt għat-tħawwil 94

Sottotaqsima III Regoli dwar il-kummerċjalizzazjoni li għandhom l-għan li jtejbu u jistabbilizzaw it-tħaddim tas-suq komuni tal-inbejjed 99

KAPITOLU IV Skemi tal-għajnuna 100

Taqsima I Rifużjoni tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor 100

Taqsima II Għajnuna fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib 101

Sottotaqsima I Għajnuna għal użu speċjali 101

Sottotaqsima II Kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-ġobon 103

Sottotaqsima III Għajnuna għall-provvista ta' prodotti tal-ħalib lill-istudenti 104

Taqsima IV Għajnuna fis-settur tal-ħops 105

Taqsima V Għajnuna fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda 106

Taqsima VI Għajnuna fis-settur tal-frott u l-ħaxix 109

Sottotaqsima I Gruppi ta' produtturi 109

Sottotaqsima II Fondi operattivi u programmi operattivi 111

Sottotaqsima III Skema tal-frott fl-iskejjel 118

Taqsima VII Programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid 121

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet tal-bidu 121

Sottotaqsima II Tressiq tal-programmi ta' appoġġ u kontenut tagħhom 122

Sottotaqsima III Miżuri speċifiċi ta' appoġġ 125

Sottotaqsima IV Dispożizzjonijiet proċedurali 130

Taqsima VIII Dispożizzjonijiet speċjali għas-settur tal-apikultura 132

Taqsima IX Għajnuna fis-settur tad-dud tal-ħarir 134

TITOLU II REGOLI DWAR IL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI U L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI 136

[KAPITOLU I Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni 136

Taqsima I L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni 136

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet tal-bidu 136

Sottotaqsima II L-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni 136

Sottotaqsima III L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti 137

Sottotaqsima IV L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni marbutin mal-importazzjoni u mal-esportazzjoni 144

Sottotaqsima V Dispożizzjonijiet komuni 145

Taqsima II Id-denominazzjonijiet tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid 146

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet tal-bidu 146

Sottotaqsima II Id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi 146

Sottotaqsima III It-termini tradizzjonali..... 160

Taqsima III It-tikkettar u l-preżentazzjoni fis-settur tal-inbid..... 162

KAPITOLU II Organizzazzjonijiet tal-produtturi, gruppi tal-produtturi, organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur u organizzazzjonijiet tal-operaturi..... 166

Taqsima I Prinċipji ġenerali 167

Taqsima II Regoli dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur u l-gruppi tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix 172

Sottotaqsima I Regoli ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi..... 172

Sottotaqsima II Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u ta' gruppi tal-produtturi 174

Sottotaqsima III Estensjoni tar-regoli għall-produtturi ta' żona ekonomika..... 176

Sottotaqsima IV Organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tal-frott u l-ħaxix..... 178

Taqsima III Regoli dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tal-inbid..... 182

Taqsima IV Regoli dwar l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tat-tabakk 183

[Taqsima V 184

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib 184

Taqsima VI Regoli proċedurali 186

PARTI III KUMMERĊ MA' PAJJIŻI TERZI 188

KAPITOLU I Dispożizzjonijiet ġenerali 188

KAPITOLU II Importazzjonijiet..... 189

Taqsima I Liċenzji tal-importazzjoni 189

Taqsima II Dazji u imposti tal-importazzjoni 192

Taqsima III Ġestjoni tal-kwota tal-importazzjoni 197

Taqsima IV Dispożizzjonijiet speċjali għal ċerti prodotti..... 200

Sottotaqsima I Dispożizzjonijiet speċjali għall-importazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mas-setturi taċ-ċereali u tar-ross 200

Sottotaqsima II Arranġamenti tal-importazzjoni għaz-zokkor 201

Sottotaqsima III Dispożizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni tal-qanneb 202

Sottotaqsima IV Dispożizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni tal-ħops 203

Taqsima V Miżuri ta' salvagwardja u pproċessar attiv 204

KAPITOLU III Esportazzjonijiet 206

Taqsima I Liċenzji tal-esportazzjoni 206

Taqsima II Rifużjonijiet tal-esportazzjoni 208

Taqsima III Ġestjoni tal-kwota tal-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ... 214

Taqsima IV Trattament speċjali għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi 215

Taqsima V Dispożizzjonijiet speċjali għall-pjanti ħajjin 215

Taqsima VI Ipproċessar passiv 216

PARTI IV REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI 217

KAPITOLU I Regoli li japplikaw għall-impriżi 217

KAPITOLU II Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat 223

PARTI V DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL DIVERSI SETTURI JEW GĦAL SETTURI INDIVIDWALI 227

KAPITOLU I Dispożizzjonijiet speċifiċi għal diversi setturi 227

Taqsima I Tfixkil tas-swieq 227

Taqsima II Rappurtar 228

KAPITOLU II DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI INDIVIDWALI 229

Taqsima I Ħops 229

Taqsima II Inbid 230

Taqsima III Ħalib u prodotti tal-ħalib 233

Taqsima IV Etanol 235

PARTI VI DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI 237

PARTI VII DELEGA TAS-SETGĦA, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, REGOLI TRANŻIZZJONALI U FINALI 242

KAPITOLU I Delega tas-setgħa u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni..... 242

KAPITOLU II Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali..... 244

ANNESS I LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(1) Parti I: Ċereali . 247

Parti II: Ross..... 250

Parti III: Zokkor 251

Parti IV: Għalf imnixxef 251

Parti V: Żrieragħ..... 252

Parti VI: Ħops..... 254

Parti VII: Żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda 254

Parti VIII: Kittien u qanneb imkabbrin għall-fibra 254

Parti IX: Frott u ħaxix 255

Parti X: Prodotti tal-frott u l-ħaxix ipproċessati..... 255

Parti XI: Banana 259

Parti XII: Inbid 259

Parti XIII: Siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal, għeruq u affarijiet simili, fjuri maqtugħin u weraq ornamentali 260

Parti XIV: Tabakk mhux maħdum 260

Parti XV: Ċanga u vitella 260

Parti XVI: Ħalib u prodotti tal-ħalib 261

Parti XVII: Laħam tal-majjal 261

Parti XVIII: Laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż 262

Parti XIX: Bajd 262

Parti XX: Laħam tat-tjur 263

Parti XXI: Prodotti oħrajn 263

ANNESS II LISTA TA' PRODOTTI LI GĦALIHOM ĠEW STABBILITI MIŻURI SPEĊIFIĊI KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1(2) Parti I: Etanol ta' oriġini agrikola 271

Parti II: Prodotti tal-apikultura 271

Parti III: Dud tal-ħarir 271

ANNESS III DEFINIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1) Parti I: Definizzjonijiet għas-settur tar-ross 272

Parti II: Definizzjonijiet għas-settur taz-zokkor 275

Parti III: Definizzjonijiet għas-settur tal-ħops 276

Parti IV: Definizzjonijiet għas-settur tal-inbid 276

Parti V: Definizzjonijiet għas-settur taċ-ċanga u l-vitella 279

Parti VI: Definizzjonijiet għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib 279

Parti VII: Definizzjonijiet għas-settur tal-bajd 279

Parti VIII: Definizzjonijiet għas-settur tal-laħam tat-tjur 280

Parti IX: Definizzjonijiet għas-settur tal-apikultura 281

ANNESS IV IL-KWALITÀ STANDARD TAR-ROSS U TAZ-ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(1) U (3) 283

ANNESS V SKALI TAL-UNJONI GĦALL-KLASSIFIKA TAL-KARKASSI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 34 285

ANNESS VI IL-KWOTI NAZZJONALI U REĠJONALI GĦALL-PRODUZZJONI TAZ-ZOKKOR, TAL-ISOGLUKOŻJU U TAL-ĠULEPP TAL-INULINA MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 50 mis-sena tas-suq tal-2010/2011 'il quddiem 289

ANNESS VII REGOLI DDETTALJATI DWAR IT-TRASFERIMENTI TA' KWOTI TAZ-ZOKKOR JEW TAL-ISOGLUKOŻJU SKONT L-ARTIKOLU 53 I 291

ANNESS VIII KWOTI NAZZJONALI GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦALIB U L-PRODOTTI L-OĦRA TAL-ĦALIB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 59 294

ANNESS IX KONTENUT TA' REFERENZA TAX-XAĦAM IMSEMMI FL-ARTIKOLU 63 296

ANNESS X BAĠIT GĦALL-PROGRAMMI TA' APPOĠĠ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 136(1) 297

ANNESS XI ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 159(3) 298

ANNESS XII DEFINIZZJONIJIET, DENOMINAZZJONIJIET U DESKRIZZJONI TAL-BEJGĦ TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 163 299

Parti I. Laħam ta' annimali tal-ifrat li għandhom tnax-il xahar jew inqas 299

I. Definizzjoni 299

II. Deskrizzjonijiet tal-bejgħ 299

Parti II. Prodotti tad-dwieli 303

Parti III. Ħalib u prodotti tal-ħalib 310

Parti IV. Ħalib għall-konsum mill-bniedem li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0401 312

Parti V. Prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur 315

Parti VI. Xaħmijiet li jistgħu jiddelku 317

Parti VII. Deskrizzjonijiet u definizzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ 320

Appendiċi għall-Anness XII (imsemmi fil-Parti II) Żoni ta' vitikultura 321

ANNESS XIII Parti I It-tisħiħ tal-inbid, l-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni f'ċerti żoni tal-vitikultura 327

Parti II Restrizzjonijiet 331

ANNESS XIV LISTA EŻAWRJENTI TA' REGOLI LI JISTGĦU JIĠU ESTIŻI GĦAL PRODUTTURI LI MHUMIEX MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 218 U L-ARTIKOLU 224 334

ANNESS XV ID-DAZJI TAL-IMPORTAZZJONI GĦAR-ROSS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 242 u 244 336

ANNESS XVI VARJETAJIET TAR-ROSS TAT-TIP "BASMATI" MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 243 338

ANNESS XVII LISTA TA' PRODOTTI TAS-SETTURI TAĊ-ĊEREALI, TAR-ROSS, TAZ-ZOKKOR, TAL-ĦALIB U TAL-BAJD GĦALL-GĦAN TAL-ARTIKOLU 16(a)(ii) U GĦALL-GĦOTI TAR-RIFUŻJONIJIET TAL-ESPORTAZZJONI MSEMMIJA FIT-TAQSIMA II TAL-KAPITOLU III TAL-PARTI III Parti I: Ċereali 339

Parti II: Ross 342

Parti III: Zokkor 344

Parti IV: Ħalib 347

Parti V: Bajd 350

ANNESS XVIII LISTA TA' ĊERTI PRODOTTI LI FIHOM IZ-ZOKKOR GĦALL-GĦAN TAL-GĦOTI TAR-RIFUŻJONIJIET TAL-ESPORTAZZJONI MSEMMIJA FIT-TAQSIMA II TAL-KAPITOLU III TAL-PARTI III 351

ANNESS XIX ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT GĦALL-IŻVILUPP RURALI F'REĠJUNI LI JIPPRODUĊU L-INBID IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 314(3) 352

ANNESS XX TABELLA TA' KORRELAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 325(3)353

PARTI I

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU

Artikolu 1

L-ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq għall-prodotti tas-setturi li ġejjin, kif previst iktar fl-Anness I:

(a) iċ-ċereali, il-Parti I tal-Anness I;

(b) ir-ross, il-Parti II tal-Anness I;

(c) iz-zokkor, il-Parti III tal-Anness I;

(d) l-għalf imnixxef, il-Parti IV tal-Anness I;

(e) iż-żrieragħ, il-Parti V tal-Anness I;

(f) il-ħops, il-Parti VI tal-Anness I;

(g) iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, il-Parti VII tal-Anness I;

(h) il-kittien u l-qanneb, il-Parti VIII tal-Anness I;

(i) il-frott u l-ħaxix, il-Parti IX tal-Anness I;

(j) il-frott u l-ħaxix ipproċessati, il-Parti X tal-Anness I;

(k) il-banana, il-Parti XI tal-Anness I;

(l) l-inbid, il-Parti XII tal-Anness I;

(m) il-pjanti ħajjin u l-prodotti tal-florikultura, il-Parti XIII tal-Anness I (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-settur tal-pjanti ħajjin);

(n) it-tabakk mhux maħdum, il-Parti XIV tal-Anness I;

(o) iċ-ċanga u l-vitella, il-Parti XV tal-Anness I;

(p) il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-Parti XVI tal-Anness I;

(q) il-laħam tal-majjal, il-Parti XVII tal-Anness I;

(r) il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, il-Parti XVIII tal-Anness I;

(s) il-bajd, il-Parti XIX tal-Anness I;

(t) il-laħam tat-tjur, il-Parti XX tal-Anness I;

(u) prodotti oħrajn, il-Parti XXI tal-Anness I.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri speċifiċi għas-setturi li ġejjin, kif inhu mniżżel, u, skont il-każ, kif iddefinit aktar fl-Anness II:

(a) l-etanol ta' oriġini agrikola, il-Parti I tal-Anness II (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-settur tal-etanol agrikolu");

(b) il-prodotti tal-apikultura, il-Parti II tal-Anness II (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-settur tal-apikultura");

(c) id-dud tal-ħarir, il-Parti III tal-Anness II;

3. F'dak li għandu x'jaqsam mal-patata friska jew imkessħa li taqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0701 għandu japplika l-Kapitolu II tal-Parti IV.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għal ċerti setturi għandhom japplikaw id-definizzjonijiet kif stabbiliti fl-Anness III.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "bidwi" tfisser bidwi kif iddefinit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

(b) "aġenzija tal-pagamenti" tfisser l-entità jew l-entitajiet assenjati minn Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005;

(c) "prezz ta' intervent" tfisser il-prezz li bih il-prodotti għandhom jinxtraw b'intervent pubbliku.

Artikolu 3

Snin tas-suq

Għandhom jiġu stabbiliti s-snin tas-suq li ġejjin:

(a) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' sena partikulari għas-settur tal-banana;

(b) mill-1 ta' April sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara:

(i) għas-settur tal-għalf imnixxef;

(ii) għas-settur tad-dud tal-ħarir;

(c) mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara:

(i) għas-settur taċ-ċereali;

(ii) għas-settur taż-żrieragħ;

(iii) għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda;

(iv) għas-settur tal-kittien u l-qanneb;

(v) għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

(d) mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara għas-settur tal-inbid;

(e) mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara għas-settur tar-ross;

(f) mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara għas-settur taz-zokkor.

Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessati, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tiffissa s-snin tas-suq għal dawk il-prodotti permezz ta' atti delegati.

Artikolu 4

Setgħat iddelegati

Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur u sabiex jiġu indirizzati l-bidliet fil-qagħda tas-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, taġġorna d-definizzjonijiet stabbiliti fil-Parti I tal-Anness III.

Artikolu 5

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) tistabbilixxi r-rati ta' konverżjoni għar-ross f'diversi stadji tal-ipproċessar, l-ispejjeż tal-ipproċessar u l-valur tal-prodotti sekondarji;

(b) tadotta l-miżuri kollha meħtieġa dwar l-applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni.

PARTI II

IS-SUQ INTERN

TITOLU I

INTERVENT FIS-SUQ

KAPITOLU I

L-intervent pubbliku u l-ħżin privat

TAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU DWAR L-INTERVENT PUBBLIKU U L-ĦŻIN PRIVAT

Artikolu 6

L-ambitu

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli dwar, fejn applikabbli, ix-xiri b'intervent pubbliku u l-għoti ta' għajnuna għall-ħżin privat fir-rigward tas-setturi li ġejjin:

   (a) iċ-ċereali;

   (b) ir-ross;

   (c) iz-zokkor;

   (d) iz-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda;

   (e) iċ-ċanga u l-vitella;

   (f) il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

   (g) il-laħam tal-majjal;

   (h) il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż.

2. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu:

   (a) "ċereali" tfisser ċereali maħsudin fl-Unjoni;

   (b) "ħalib" tfisser ħalib tal-baqra prodott fl-Unjoni;

(c) “krema” tfisser krema li tinkiseb direttament u eskluživament mill-ħalib.

Artikolu 7

Oriġini fl-UE

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 6(2), il-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni biss għandhom ikunu eliġibbli għax-xiri b’intervent pubbliku jew għall-għoti ta’ għajnuna għall-ħżin privat tagħhom.

Artikolu 8

Il-prezzijiet ta’ referenza

1. Għall-prodotti li huma suġġetti għall-miżuri ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 6(1), għandhom jiġu stabbiliti l-prezzijiet ta’ referenza li ġejjin:

(a) għas-settur taċ-ċereali, EUR 101.31 għal kull tunnellata;

(b) għar-ross fil-fosdqa, EUR 150 għal kull tunnellata għall-kwalità standard kif iddefinita fil-punt A tal-Anness IV;

(c) għaz-zokkor:

(i) għaz-zokkor abjad: EUR 404.4 għal kull tunnellata mis-sena tas-suq tal-2009/2010;

(ii) għaz-zokkor mhux raffinat: EUR 335.2 għal kull tunnellata mis-sena tas-suq tal-2009/2010.

(d) għas-settur taċ-ċanga u tal-vitella, EUR 2 224 għal kull tunnellata għall-karkassi ta’ annimali tal-ifrat maskili tal-grad R3 kif stabbilit fl-iskala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 34(1)(a);

(e) għas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib:

(i) EUR 246.39 għal kull 100 kilogramm għall-butir;

(ii) EUR 169.80 għal kull 100 kilogramm għat-trab tal-ħalib xkumat;

(f) għas-settur tal-laħam tal-majjal, EUR 1 509.39 għal kull tunnellata għall-karkassi tal-majjali ta’ kwalità standard iddefinita f’termini tal-piż u tal-kontenut ta’ laħam dgħif skont l-iskala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali, kif imsemmi fl-Artikolu 34(1)(b), kif ġej:

(i) karkassi li jiżnu minn 60 sa mhux aktar minn 120 kilogramm: il-grad E kif stabbilit fil-punt B II tal-Anness V;

(ii) karkassi li jiżnu minn 120 sa 180 kilogramm: il-grad R kif stabbilit fil-punt B II tal-Anness V.

2. Il-prezzijiet ta' referenza għaċ-ċereali u r-ross stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 rispettivament għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa għall-prodotti li jkunu twasslu fil-maħżen, qabel ma jinħattu. Dawk il-prezzijiet ta' referenza għandhom ikunu validi għaċ-ċentri kollha ta' intervent tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 30.

3. Il-prezzijiet ta' referenza stabbiliti fil-punti (i) u (ii) tal-paragrafu 1(c) għandhom japplikaw għaz-zokkor mhux ippakkjat, kif joħroġ mill-fabbrika u ta' kwalità standard kif iddefinit fil-punt B tal-Anness IV.

4. Il-prezzijiet ta' referenza stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinbidlu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fid-dawl ta' żviluppi fil-produzzjoni u fis-swieq.

Artikolu 9

Ir-rappurtar tal-prezzijiet fis-suq taz-zokkor

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni dwar il-prezzijiet fis-suq taz-zokkor, inkluża sistema għall-pubblikazzjoni tal-livelli tal-prezzijiet fis-suq taz-zokkor.

Is-sistema għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni mibgħuta minn impriżi li jipproduċu z-zokkor abjad jew minn operaturi oħrajn involuti fil-kummerċ taz-zokkor. Din l-informazzjoni għandha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni ppubblikata ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-prezzijiet tal-impriżi jew tal-operaturi individwali.

TAQSIMA II

L-INTERVENT PUBBLIKU

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 10

Il-prodotti eliġibbli għal intervent pubbliku

L-intervent pubbliku għandu jkun applikabbli għall-prodotti li ġejjin, suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u għal aktar rekwiżiti u kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 31 u l-Artikolu 32:

(a) għall-qamħ komuni, il-qamħ durum, ix-xgħir, il-qamħirrun u s-sorgu;

(b) għar-ross fil-fosdqa;

(c) għal-laħam frisk jew imkessaħ tas-settur taċ-ċanga u l-vitella li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0201 10 00 u 0201 20 20 sa 0201 20 50;

(d) għall-butir prodott direttament u esklużivament minn krema ppasturizzata f'impriża approvata fl-Unjoni li jkollu kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skont il-piż, ta' 82 % u kontenut massimu tal-ilma, skont il-piż, ta' 16 %;

(e) għat-trab tal-ħalib xkumat tal-ogħla kwalità magħmul mill-ħalib bil-proċess ta' xxuttar bl-isprejjar f'impriża approvata fl-Unjoni li jkollu kontenut minimu ta' proteini ta' 34.0 % skont il-piż tal-materja niexfa mhux xaħmija.

SOTTOTAQSIMA II

FTUĦ TAX-XIRI

Artikolu 11

Perjodi ta' intervent pubbliku

Għandu jkun disponibbli intervent pubbliku:

(a) mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju għaċ-ċereali;

(b) mill-1 ta' April sal-31 ta' Lulju għar-ross fil-fosdqa;

(c) matul kwalunkwe sena tas-suq għaċ-ċanga u l-vitella;

(d) mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Awwissu għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat.

Artikolu 12

Ftuħ tal-intervent pubbliku

1. Matul il-perjodi msemmija fl-Artikolu 11, intervent pubbliku:

   (a) għandu jinfetaħ għall-qamħ komuni;

   (b) għandu jinfetaħ għall-qamħ durum, għax-xgħir, għall-qamħirrun, għas-sorgu, għar-ross fil-fosdqa, għall-butir u għat-trab tal-ħalib xkumat sal-limiti tal-intervent imsemmija fl-Artikolu 13(1);

   (c) għandu jinfetaħ għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), jekk il-prezz medju tas-suq għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella matul perjodu rappreżentattiv fi Stat Membru jew f'reġjun ta' Stat Membru rreġistrat fuq il-bażi tal-iskala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) ikun ta' inqas minn EUR 1 560 għal kull tunnellata.

2. L-intervent pubbliku għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, għandu jingħalaq mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), f'każ li, matul perjodu rappreżentattiv, il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-punt ma jkunux għadhom qegħdin jiġu ssodisfati.

Artikolu 13

Limiti tal-intervent

1. Ix-xiri b'intervent pubbliku għandu jitwettaq fil-limiti li ġejjin:

   (a) għall-qamħ durum, għax-xgħir, għall-qamħirrun, għas-sorgu u għar-ross fil-fosdqa, 0 tunnellati għall-perjodi msemmija fl-Artikolu 11(a) u (b) rispettivament;

   (b) għall-butir, 30 000 tunnellata għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(d);

   (c) għat-trab tal-ħalib xkumat, 109 000 tunnellata għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(d).

2. Għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tkompli l-intervent pubbliku lil hinn mill-ammonti msemmija f'dak il-paragrafu jekk dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq u, b'mod partikulari, l-iżvilupp tal-prezzijiet tas-suq.

SOTTOTAQSIMA III

PREZZIJIET TA' INTERVENT

Artikolu 14

Prezzijiet ta' intervent

1. Il-prezz tal-intervent:

   (a) għall-qamħ komuni għandu jkun daqs il-prezz ta' referenza għal kwantità massima offruta ta' 3 miljun tunnellata għal kull perjodu ta' intervent kif stabbilit fl-Artikolu 11(a);

   (b) għall-butir għandu jkun daqs 90 % tal-prezz ta' referenza għall-ammonti offruti fil-limitu msemmi fl-Artikolu 13(1)(b);

   (c) għat-trab tal-ħalib xkumat għandu jkun daqs il-prezz ta' referenza għall-ammonti offruti fil-limitu msemmi fl-Artikolu 13(1)(c).

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-prezzijiet tal-intervent u l-kwantitajiet għall-intervent għall-prodotti li ġejjin, permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti:

(a) għall-qamħ komuni għal ammonti li jaqbżu l-kwantità massima offruta ta' 3 miljun tunnellata għal kull perjodu ta' intervent kif stabbilit fl-Artikolu 11(a);

(b) għall-qamħ durum, għax-xgħir, għall-qamħirrun, għas-sorgu u għar-ross fil-fosdqa, b'applikazzjoni tal-Artikolu 13(2);

(c) għaċ-ċanga u l-vitella;

(d) għall-butir għal ammonti offruti li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 13(1)(b), b'applikazzjoni tal-Artikolu 13(2), u

(e) għat-trab tal-ħalib xkumat għal ammonti offruti li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 13(1)(c), b'applikazzjoni tal-Artikolu 13(2).

F'ċirkustanzi speċjali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tillimita l-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għal ċerti Stati Membri jew għal ċerti reġjuni ta' Stat Membru, u tistabbilixxi l-prezzijiet tal-intervent u l-kwantitajiet għall-intervent għal kull Stat Membru jew għal kull reġjun ta' Stat Membru fuq il-bażi tal-prezzijiet medji rreġistrati tas-suq.

3. Il-prezz massimu tax-xiri stabbilit skont il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti skont il-paragrafu 2 ma għandux ikun ogħla:

(a) mill-prezzijiet ta' referenza rispettivi għaċ-ċereali u għar-ross fil-fosdqa;

(b) mill-prezz medju rreġistrat tas-suq fi Stat Membru jew f'reġjun ta' Stat Membru miżjud b'ammont li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, għaċ-ċanga u l-vitella;

(c) minn 90 % tal-prezz ta' referenza għall-butir;

(d) mill-prezz ta' referenza għat-trab tal-ħalib xkumat.

4. Il-prezzijiet ta' intervent imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu:

(a) għaċ-ċereali, mingħajr ħsara għaż-żieda jew għat-tnaqqis fil-prezzijiet għal raġunijiet ta' kwalità, u

(b) għar-ross fil-fosdqa, miżjuda jew imnaqqsa kif jixraq jekk il-kwalità tal-prodotti offruti lill-aġenzija tal-pagamenti tkun differenti minn dik standard, iddefinita fil-punt A tal-Anness IV. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-produzzjoni tkun orjentata lejn ċerti varjetajiet, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi żidiet u tnaqqis fil-prezz tal-intervent.

SOTTOTAQSIMA IV

DISPONIMENT MINN INTERVENT

Artikolu 15

Prinċipji ġenerali

Wieħed għandu jeħles mill-prodotti mixtrija b'intervent pubbliku b'tali mod li jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq, sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-oġġetti u trattament ugwali tax-xerrejja, u f'konformità mal-impenji li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

Artikolu 16

Disponiment taz-zokkor

F'dak li għandu x'jaqsam maz-zokkor mixtri b'intervent pubbliku, l-aġenziji tal-pagamenti jistgħu jbigħu z-zokkor biss bi prezz li jkun ogħla mill-prezz ta' referenza stabbilit għas-sena tas-suq li fiha jsir il-bejgħ.

Madankollu, sabiex twieġeb għal opportunitajiet partikulari biex wieħed jeħles minn ħażniet tal-intervent mingħajr ma jfixkel is-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddeċiedi li l-aġenziji tal-pagamenti:

(a) jistgħu jbigħu z-zokkor bi prezz li jkun daqs il-prezz ta' referenza msemmi fl-ewwel paragrafu jew inqas minnu jekk iz-zokkor ikun maħsub:

(i) biex jintuża bħala għalf għall-annimali, jew

(ii) biex jiġi esportat, jew mingħajr iktar ipproċessar jew wara li jkun ġie pproċessat fil-prodotti mniżżlin fl-Anness I għat-Trattat jew fl-oġġetti mniżżlin fil-Parti III tal-Anness XVII għal dan ir-Regolament, jew

(iii) għall-użu industrijali msemmi fl-Artikolu 55;

(b) għandhom jagħmlu z-zokkor mhux ipproċessat li jkollhom disponibbli, għall-konsum mill-bniedem fis-suq intern tal-Unjoni, lill-organizzazzjonijiet ta' karità – li jkunu ġew irrikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Kummissjoni f'każijiet fejn Stat Membru ma jkun irrikonoxxa l-ebda organizzazzjoni bħal din – bi prezz li jkun inqas mill-prezz ta' referenza attwali jew mingħajr ħlas għad-distribuzzjoni bħala parti minn operazzjonijiet individwali ta' għajnuna ta' emerġenza.

[SOTTOTAQSIMA V

DISTRIBUZZJONI LILL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN FL-UNJONI

Artikolu 17

Skema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni

1. Qed tiġi stabbilita skema li permezz tagħha jistgħu jitqassmu prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni permezz ta' organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati Membri. Għal dak il-għan, il-prodotti fil-ħażniet tal-intervent għandhom jitqegħdu għad-dispożizzjoni tal-iskema, jew, fejn ma jkunux disponibbli ħażniet tal-invervent xierqa għall-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel, għandhom jinxtraw il-prodotti tal-ikel fis-suq.

   Għall-għanijiet tal-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu, "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk huma individwi, familji jew gruppi magħmulin mit-tali persuni, li d-dipendenza soċjali u finanzjarja tagħhom hija rreġistrata jew irrikonoxxuta abbażi tal-kriterji tal-eliġibbiltà adottati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, jew hija ġġudikata bħala tali abbażi tal-kriterji użati mill-organizzazzjonijiet maħtura u li huma approvati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel li jkun fihom dan li ġej:

   (a) id-dettalji tal-karatteristiċi ewlenin u tal-għanijiet tagħhom,

   (b) l-organizzazzjonijiet maħtura,

   (c) it-talbiet għall-kwantitajiet ta' prodotti tal-ikel li għandhom jitqassmu matul perjodu ta' tliet snin u informazzjoni rilevanti oħra.

   L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti tal-ikel abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi l-valuri nutrittivi tagħhom u kemm huma adattati biex jitqassmu. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil prodotti tal-ikel li jkunu ġejjin mill-UE.

3. Abbażi tat-talbiet innotifikati mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u informazzjoni oħra meqjusa rilevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' tliet snin.

   Kull pjan ta' tliet snin għandu jistabbilixxi l-allokazzjonijiet finanzjarji annwali mill-Unjoni għal kull Stat Membru u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minimi annwali tal-Istati Membri. L-allokazzjonijiet għat-tieni u t-tielet sena tal-programm għandhom ikunu indikattivi.

L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għandhom jikkonfermaw kull sena t-talbiet imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2. Wara dawn il-konfermi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi kull sena ta' wara dwar l-allokazzjonijiet definittivi, fi ħdan il-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit.

Meta l-prodotti nklużi fil-pjan ta' tliet snin ma jkunux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent fl-Istat Membru fejn it-tali prodotti jkunu meħtieġa, il-pjan ta' tliet snin għandu jipprovdi għat-trasferiment tagħhom mill-Istati Membri fejn dawn ikunu disponibbli fil-ħażniet ta' intervent.

Il-pjan ta' tliet snin jista' jiġi rrivedut fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp rilevanti li jaffettwa l-eżekuzzjoni tiegħu.

4. L-organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma jistgħux ikunu impriżi kummerċjali.

Il-prodotti tal-ikel għandhom jingħataw mingħajr ħlas lil dawk l-organizzazzjonijiet.

Id-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lil dawk l-aktar fil-bżonn għandha tkun:

(a) bla ħlas, jew

(b) bi prezz li fl-ebda każ ma għandu jkun akbar minn dak iġġustifikat mill-ispejjeż imġarrba mill-organizzazzjonijiet maħtura biex jimplimentaw l-operazzjoni, għajr għall-ispejjeż li jistgħu jkunu koperti mill-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7.

5. L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għandhom:

(a) jibagħtu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema;

(b) iżommu lill-Kummissjoni infurmata, fil-ħin, dwar l-iżviluppi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel.

6. L-Unjoni għandha tikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema. Dan il-kofinanzjament la għandu:

(a) jaqbeż il-500 miljun Euro għal kull sena tal-baġit bħala total; u lanqas m'għandu

(b) jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli, jew id-90 % tal-ispejjeż eliġibbli fl-Istati Membri li jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu mill-2007 sal-2013, kif imniżżel fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/596/KE[17].

7. L-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema għandhom ikunu:

(a) l-ispejjeż tal-prodotti rrilaxxati mill-ħażniet ta' intervent,

[17] ĠU L 243, 6.9.2006, p. 47.

(b) l-ispejjeż tal-prodotti tal-ikel mixtrija fis-suq, u

(c) l-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti fil-ħażniet ta' intervent bejn l-Istati Membri, meta dan ikun meħtieġ.

Fi ħdan ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' tliet snin f'kull Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jqisu eliġibbli l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti tal-ikel lejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet maħtura;

(b) l-ispejjeż li ġejjin tal-organizzazzjonijiet maħtura, safejn dawn huma marbutin direttament mal-implimentazzjoni tal-pjan:

(i) l-ispejjeż amministrattivi;

(ii) l-ispejjeż tat-trasport bejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet maħtura u l-punti tad-distribuzzjoni finali, u

(iii) l-ispejjeż tal-ħżin.

8. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi u fiżiċi biex jiżguraw li l-pjan ikun qed jiġi implimentat skont ir-regoli applikabbli u għandhom jistabbilixxu l-penali applikabbli f'każ ta' irregolaritajiet.

9. L-indikazzjoni "Għajnuna tal-Unjoni Ewropea" flimkien mal-emblema tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar fuq il-pakkett tal-ikel imqassam permezz tal-pjanijiet kif ukoll fil-punti tad-distribuzzjoni.

10. L-iskema tal-Unjoni għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe skema nazzjonali li permezz tagħha jitqassmu prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 18

Setgħat iddelegati

1. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-baġit mogħti lill-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-metodu għall-kalkolu tal-allokazzjoni totali tar-riżorsi, inklużi d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-intervent u l-mezzi finanzjarji għax-xiri tal-prodotti tal-ikel fis-suq fost l-Istati Membri. Hija għandha tiddefinixxi wkoll il-valur tal-kontabilità tal-prodotti rrilaxxati mill-ħażniet tal-intervent kif ukoll il-metodu li għandu jintuża għal kwalunkwe allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi fost l-Istati Membri minħabba reviżjoni tal-pjan ta' tliet snin.

2. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tal-baġit mogħti lill-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 17, u sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-obbligi tal-operaturi, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-użu ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għall-ħidmiet

kollha marbutin mal-eżekuzzjoni tal-programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel, dispożizzjonijiet dwar il-garanziji li għandhom jingħataw minn dawk li jieħdu sehem fis-sejħa għall-offerti, u dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet, tnaqqis u esklużjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri, b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' ħarsien tal-limiti taż-żmien għall-irtirar tal-prodotti mill-ħażniet tal-intervent u fil-każ ta' nuqqasijiet jew ta' irregolaritajiet serji fl-eżekuzzjoni tal-pjan ta' tliet snin.

Artikolu 19

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni uniformi tal-pjan ta' tliet snin u tal-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 17. Dawk l-atti għandhom jikkonċernaw:

(a) ir-regoli u l-proċeduri ddettaljati għall-adozzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet ta' tliet snin, inklużi d-dati ta' skadenza applikabbli;

(b) l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' tliet snin u r-reviżjonijiet tagħhom kif ukoll l-allokazzjonijiet definittivi msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(3);

(c) id-dispożizzjonijiet dwar elementi addizzjonali li minnhom għandhom jikkonsistu l-pjanijiet ta' tliet snin, ir-regoli għall-provvista tal-prodotti tal-ikel, kif ukoll il-proċeduri u l-limiti taż-żmien li japplikaw għall-irtirar tal-prodotti tal-intervent u t-trasferimenti bejn l-Istati Membri;

(d) id-dispożizzjonijiet dwar il-forma tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni kif ukoll tal-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel;

(e) ir-regoli ddettaljati li japplikaw għall-ħlas lura tal-ispejjeż li dwarhom hemm dispożizzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7), inklużi l-limiti massimi finanzjarji u l-limiti taż-żmien;

(f) il-kundizzjonijiet uniformi li għandhom x'jaqsmu mas-sejħiet għall-offerti, inklużi l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-prodotti tal-ikel u għall-provvista tagħhom;

(g) id-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli amministrattivi u fiżiċi li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri;

(h) id-dispożizzjonijiet uniformi li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-ħlas u d-dati ta' skadenza u t-tnaqqis applikabbli fil-każ tan-nuqqas ta' ħarsien, id-dispożizzjonijiet tal-kontabilità u l-proċeduri għat-trasferimenti bejn l-Istati Membri, inkluża d-deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom jitwettqu mill-entitajiet nazzjonali ta' intervent ikkonċernati;

(i) il-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 17(9).]

TAQSIMA III

ĦŻIN PRIVAT

SOTTOTAQSIMA I

GĦAJNUNA OBBLIGATORJA

Artikolu 20

Prodotti eliġibbli

L-għajnuna għall-ħżin privat għandha tingħata għall-prodotti li ġejjin, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u għal aktar rekwiżiti u kundizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 31 u l-Artikolu 32, fir-rigward:

(i) tal-butir mingħajr melħ prodott mill-krema jew mill-ħalib f'impriża approvata fl-Unjoni li jkollu kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skont il-piż, ta' 82 %, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skont il-piż, ta' 2 % u kontenut massimu tal-ilma, skont il-piż, ta' 16 %,

(ii) tal-butir bil-melħ prodott mill-krema jew mill-ħalib f'impriża approvata fl-Unjoni li jkollu kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skont il-piż, ta' 80 %, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skont il-piż, ta' 2 %, kontenut massimu tal-ilma, skont il-piż, ta' 16 %, u kontenut minimu tal-melħ, skont il-piż, ta' 2 %.

Artikolu 21

Kundizzjonijiet u livell ta' għajnuna għall-butir

Il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-għajnuna għall-butir skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

SOTTOTAQSIMA II

GĦAJNUNA MHUX OBBLIGATORJA

Artikolu 22

Prodotti eliġibbli

1. L-għajnuna għall-ħżin privat tista' tingħata għall-prodotti li ġejjin, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u għal aktar rekwiżiti u kundizzjonijiet li

għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 31 u l-Artikolu 32:

(a) għaz-zokkor abjad;

(b) għaż-żejt taż-żebbuġa;

(c) għal-laħam frisk jew imkessaħ ta' annimali adulti tal-ifrat ippreżentat fil-forma ta' karkassi, nofs karkassi, rbiegħ ikkumpensati, rbiegħ ta' quddiem jew irbiegħ ta' wara, ikklassifikati skont l-iskala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 34(1)(a);

(d) għal-laħam tal-majjal;

(e) għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż.

Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-laħam tal-annimali adulti tal-ifrat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, temenda l-lista ta' prodotti stabbiliti fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu jekk dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq.

2. Il-Kummisjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-għajnuna għall-ħżin privat li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 bil-quddiem jew permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti.

Artikolu 23

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għaz-zokkor abjad

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li tqis il-qagħda tas-suq, tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin privat taz-zokkor abjad lil impriżi li jkollhom kwota taz-zokkor allokata għalihom, jekk il-prezz medju rreġistrat fl-Unjoni għaz-zokkor abjad ikun inqas mill-prezz ta' referenza matul perjodu rappreżentattiv u jkun mistenni jibqa' f'dak il-livell.

2. Iz-zokkor maħżun skont il-paragrafu 1 matul sena tas-suq ma jista' jkun suġġett għall-ebda miżura oħra ta' ħżin li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 45 jew 56.

Artikolu 24

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tawtorizza lill-Istati Membri jikkonkludu kuntratti ma' entitajiet li huma jkunu approvaw u li joffru biżżejjed garanziji, għall-ħżin taż-żejt taż-żebbuġa li huma jikkummerċjalizzaw, fil-każ ta' tfixkil serju fis-suq f'ċerti reġjuni tal-Unjoni, fost l-oħrajn meta l-prezz medju rreġistrat fuq is-suq matul perjodu rappreżentattiv ikun inqas minn:

(a) EUR 1 779 għal kull tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni, jew

(b) EUR 1 710 għal kull tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa verġni, jew

(c) EUR 1 524 għal kull tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa "lampante" li jkollu 2 gradi ta' aċidità libera, liema ammont għandu jitnaqqas b'EUR 36.70 għal kull tunnellata għal kull grad ta' aċidità addizzjonali.

Artikolu 25

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għall-prodotti tas-settur taċ-ċanga u l-vitella

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin meta l-prezz medju tas-suq tal-Unjoni, irreġistrat abbażi tal-iskala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 34(1)(a), ikun, u x'aktarx jibqa', inqas minn 103 % tal-prezz ta' referenza.

Artikolu 26

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għal-laħam tal-majjal

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin ta' karkassi tal-majjali meta l-prezz medju tas-suq fl-Unjoni, kif stabbilit b'referenza għall-prezzijiet irreġistrati f'kull Stat Membru fis-swieq rappreżentattivi tal-Unjoni u ppeżati permezz ta' koeffiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-merħla tal-majjali f'kull Stat Membru, ikun, u x'aktarx jibqa', inqas minn 103 % tal-prezz ta' referenza.

Artikolu 27

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, meta jkun hemm qagħda tas-suq partikularment diffiċli għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż f'waħda miż-żoni ta' kwotazzjoni li ġejjin jew aktar:

(a) fil-Gran Brittanja;

(b) fl-Irlanda ta' Fuq;

(c) fi kwalunkwe Stat Membru għajr ir-Renju Unit, meqjus separatament.

TAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI DWAR L-INTERVENT PUBBLIKU U L-ĦŻIN PRIVAT

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 28

Regoli dwar il-ħżin

1. L-aġenziji tal-pagamenti ma jistgħux jaħżnu, barra t-territorju tal-Istat Membru li għandu ġuriżdizzjoni fuqhom, prodotti li jkunu xtraw sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, skont l-Artikolu 32.

   Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, it-territorji tal-Belġju u tal-Lussemburgu għandhom jitqiesu bħala Stat Membru wieħed.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata jekk il-ħżin ikun essenzjali u filwaqt li jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

   (a) il-possibbiltajiet tal-ħżin u r-rekwiżiti tal-ħżin fl-Istat Membru li għandu ġuriżdizzjoni fuq l-aġenzija tal-pagamenti u fi Stati Membri oħrajn;

   (b) kwalunkwe spiża addizzjonali li tkun ġejja mill-ħżin fl-Istat Membru li għandu ġuriżdizzjoni fuq l-aġenzija tal-pagamenti u mit-transport.

3. L-awtorizzazzjoni għall-ħżin f'pajjiż terz għandha tingħata biss jekk, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-ħżin fi Stat Membru ieħor ikun se joħloq diffikultajiet sinifikanti.

4. L-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandha titfassal wara li jiġu kkonsultati l-Istati Membri kollha.

5. Kwalunkwe dazju doganali u kwalunkwe ammont ieħor li għandu jingħata jew li fuqu hemm imposta skont il-politika agrikola komuni m'għandhomx japplikaw għal prodotti:

   (a) ttrasportati wara awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2 u 3, jew

   (b) ttrasferiti minn aġenzija tal-pagamenti għal oħra.

6. Kwalunkwe aġenzija tal-pagamenti li taġixxi skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tibqa' responsabbli għall-prodotti maħżuna barra t-territorju tal-Istat Membru li għandu ġuriżdizzjoni fuqha.

7. Jekk il-prodotti miżmumin minn aġenzija tal-pagamenti barra t-territorju tal-Istat Membru li għandu ġuriżdizzjoni fuqha ma jinġibux lura f'dak l-Istat Membru, dawn għandhom jitneħħew bil-prezzijiet u suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti jew li għandhom jiġu stabbiliti għall-post tal-ħżin.

Artikolu 29

Regoli għall-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti

Il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għandhom jiżguraw aċċess ugwali għall-persuni kollha kkonċernati.

Fl-għażla tal-offerti għandha tingħata preferenza lil dawk l-offerti li huma l-aktar favorevoli għall-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, mhux bilfors jingħata kuntratt.

Artikolu 30

Ċentri ta' intervent għaċ-ċereali u għar-ross

1. Sabiex tqis id-diversità tal-faċilitajiet tal-ħżin fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross fl-Unjoni u sabiex tiżgura aċċess adegwat għall-intervent pubbliku għall-operaturi, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati miċ-ċentri ta' intervent u mill-postijiet tal-ħżin għall-prodotti li għandhom jinxtraw b'sistema ta' intervent pubbliku, inkluż l-iffissar ta' kapaċità minima tal-ħżin għall-postijiet tal-ħżin u l-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għaż-żamma tal-prodotti li jkunu nxtraw f'kundizzjoni tajba u għat-tneħħija tagħhom fi tmiem il-perjodu tal-ħżin.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tinnomina ċ-ċentri ta' intervent fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross; filwaqt li tqis il-fatturi li ġejjin:

   (a) il-qagħda taċ-ċentri f'żoni ta' ammonti żejda fir-rigward tal-prodotti kkonċernati;

   (b) id-disponibbiltà ta' biżżejjed proprjetà u tagħmir tekniku;

   (c) qagħda favorevoli fir-rigward tal-mezzi ta' trasport.

   Iċ-ċentri ta' intervent jistgħu jiġu nnominati għal kull ċereali.

Artikolu 31

Setgħat iddelegati

1. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi differenti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li l-prodotti li għandhom jinxtraw b'intervent pubbliku kif imsemmi fl-Artikolu 10 u li għandhom jinħażnu skont is-sistema ta' għoti tal-għajnuna għall-ħżin privat għandhom jissodisfaw, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk ir-rekwiżiti u

l-kundizzjonijiet għandhom jimmiraw li jiżguraw l-eliġibbiltà u l-kwalità tal-prodotti mixtrija u maħżuna, fir-rigward tal-gruppi ta' kwalità, tal-livelli ta' kwalità, tal-kategoriji, tal-kwantitajiet, tal-ippakkjar inkluż it-tikkettar, tal-etajiet massimi, tal-preservazzjoni, u tal-istadju tal-prodotti li miegħu ikollhom x'jaqsmu l-prezz tal-intervent u l-għajnuna.

2. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi taċ-ċereali u tar-ross fil-fosdqa, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta ż-żidiet jew it-tnaqqis applikabbli fil-prezz għall-għanijiet tal-kwalità kif imsemmi fl-Artikolu 14(4) kemm għax-xiri kif ukoll għall-bejgħ.

3. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur taċ-ċanga u tal-vitella, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta d-dispożizzjonijiet marbutin mal-obbligu tal-aġenziji tal-pagamenti li jkollhom iċ-ċanga kollha mingħajr għadam wara li tinxtara u qabel l-arranġamenti tal-ħżin.

4. Sabiex tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet marbutin mal-ħżin tal-ħażniet tal-intervent fl-Unjoni u sabiex tiżgura aċċess adegwat għall-intervent pubbliku għall-operaturi, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta:

   (a) ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-postijiet tal-ħżin tal-intervent għall-prodotti, minbarra ċ-ċereali u r-ross, li għandhom jinxtraw skont is-sistema, inkluż l-iffissar ta' kapaċità minima tal-ħżin għall-postijiet tal-ħżin u l-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għaż-żamma tal-prodotti li jkunu nxtraw f'kundizzjoni tajba u għat-tneħħija tagħhom fi tmiem il-perjodu tal-ħżin;

   (b) dispożizzjonijiet marbutin mal-bejgħ ta' kwantitajiet żgħar li jibqgħu maħżuna fl-Istati Membri, li għandu jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, billi tiġi applikata l-istess proċedura bħal dik applikata mill-Unjoni; u l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid għall-bejgħ dirett ta' kwantitajiet li ma jistgħux ikunu ppakkjati mill-ġdid jew li jkunu ddeterjoraw.

5. Sabiex tiżgura li l-ħżin privat ikollu l-effett mixtieq fis-suq, il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati:

   (a) għandha tagħmel arranġamenti biex tnaqqas l-ammont tal-għajnuna li għandha titħallas;

   (b) tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet marbutin mal-għoti ta' ħlas bil-quddiem u r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati.

6. Sabiex tiżgura li l-opearturi jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri biex ikunu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-esklużjoni tal-operaturi kkonċernati mill-parteċipazzjoni f'għajnuna għal intervent pubbliku jew għall-ħżin privat b'rabta mal-frodi u mal-irregolaritajiet mikxufa.

7. Sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u l-obbligi tal-operaturi li jkunu qed jieħdu sehem f'miżuri ta' intervent pubbliku jew ta' ħżin privat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa marbutin ma':

(a) l-użu ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti li jiżguraw aċċess ugwali għall-oġġetti u trattament ugwali tal-operaturi;

(b) l-istabbiliment tal-operaturi u r-reġistrazzjoni tagħhom għat-taxxa fuq il-valur miżjud;

(c) il-ħlas ta' garanzija li tiżgura li se titħares l-eżekuzzjoni tal-obbligi tal-operaturi;

(d) it-telf tal-garanzija kollha jew ta' parti minnha jekk ma jitħarisx l-obbligu.

8. Sabiex tqis l-evoluzzjoni teknika tal-prodotti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta l-kwalitajiet standard għaz-zokkor stabbiliti fil-Parti B tal-Anness IV.

Artikolu 32

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa li jimmiraw li jilħqu applikazzjoni uniformi ta' dan il-Kapitolu fl-Unjoni. Dawn ir-regoli jistgħu, b'mod partikolari, ikunu marbutin mal-affarijiet li ġejjin:

(a) it-testijiet u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex tkun stabbilita l-eliġibbiltà tal-prodotti;

(b) għaċ-ċanga u l-vitella, id-definizzjoni tal-perjodu rappreżentattiv li matulu għandhom jiġu rreġistrati l-prezzijiet tas-suq sabiex jiġu applikati l-Artikoli 12(1)(c) u 12(2);

(c) il-proċeduri u l-kundizzjonijiet marbutin mal-kunsinna tal-prodotti li għandhom jinxtraw b'intervent pubbliku, mal-ispejjeż tat-trasport li għandhom jitħallsu mill-offerent, mat-teħid tal-prodotti mill-aġenziji tal-pagamenti u mal-ħlas;

(d) il-ħidmiet differenti marbutin mal-proċess tat-tneħħija tal-għadam;

(e) l-awtorizzazzjoni tal-ħżin barra t-territorju tal-Istat Membru fejn ikunu nxtraw u nħażnu l-prodotti, kif imsemmi fl-Artikolu 28;

(f) il-kundizzjonijiet għall-bejgħ jew għat-tneħħija ta' prodotti mixtrija b'intervent pubbliku, b'mod partikulari, kif xieraq, dwar il-prezzijiet tal-bejgħ, il-kundizzjonijiet għat-tneħħija mill-ħżin, u l-użu jew id-destinazzjoni sussegwenti tal-prodotti rrilaxxati fejn ikun xieraq;

(g) l-iffissar tal-għajnuna għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 20;

(h) għaz-zokkor u għaż-żejt taż-żebbuġa, id-definizzjoni tal-perjodu rappreżentattiv li matulu għandhom jiġu rreġistrati l-prezzijiet tas-suq sabiex jiġu applikati l-Artikolu 23 u l-Artikolu 24 rispettivament;

(i) l-adozzjoni tal-lista ta' swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal imsemmija fl-Artikolu 26;

(j) il-konklużjoni u l-kontenut ta' kuntratti bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u l-applikant;

(k) it-tqegħid u ż-żamma fil-ħżin privat u t-tneħħija mill-ħażna;

(l) it-tul ta' żmien tal-perjodu tal-ħżin privat u l-kundizzjonijiet skont liema dawn il-perjodi, ladarba jkunu speċifikati fil-kuntratti, jistgħu jitnaqqsu jew jiġu estiżi;

(m) il-kundizzjonijiet skont liema jista' jiġi deċiż li l-prodotti koperti minn kuntratti ta' ħżin privat jistgħu jerġgħu jitpoġġew fis-suq jew jitneħħew;

(n) ir-regoli marbutin mal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għax-xiri bi prezz fiss jew għall-għoti ta' għajnuna għall-ħżin privat bi prezz fiss;

(o) l-użu tal-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, kemm għall-intervent pubbliku kif ukoll għall-ħżin privat, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma':

i) t-tressiq ta' offerti jew sejħiet għall-offerti, u, fejn ikun xieraq, il-kwantità minima għal applikazzjoni jew għat-tressiq,

(ii) l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata,

(iii) il-komunikazzjoni tal-offerti jew tas-sejħiet għall-offerti lill-Kummissjoni;

(p) ir-regoli dwar ir-rappurtar tal-prezzijiet ta' ċerti prodotti mill-Istati Membri;

(q) id-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri;

(r) l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni.

Artikolu 33

Atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1)

Il-Kummissjoni, mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), għandha, tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex:

(a) tirrispetta l-kwantitajiet massimi u l-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1);

(b) taqleb għall-proċedura ta' sejħiet għall-offerti msemmija fl-Artikolu 14(2), għall-qamħ komuni.

SOTTOTAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI

Artikolu 34

L-iskali u l-ispezzjonijiet tal-Unjoni

1. Fis-setturi li ġejjin għandhom japplikaw l-iskali tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness V:

   (a) fis-setturi taċ-ċanga u l-vitella għall-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat;

   (b) fis-settur tal-laħam tal-majjal għall-karkassi tal-majjali minbarra dawk li jkunu ntużaw għat-tnissil.

   Fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi għall-karkassi tan-nagħaġ skont ir-regoli stabbiliti fil-punt Ċ tal-Anness V.

2. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post marbutin mal-klassifika tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat u tan-nagħaġ f'isem l-Unjoni minn kumitat ta' spezzjoni tal-Unjoni magħmul minn esperti mill-Kummissjoni u minn esperti maħtura mill-Istati Membri. Dan il-Kumitat għandu jirrapporta lura lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-ispezzjonijiet li jkunu twettqu.

   L-Unjoni għandha tħallas l-ispejjeż li jiġu mill-ispezzjonijiet imwettqa.

Artikolu 35

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tqis l-iżviluppi tekniċi u l-ħtiġijiet tas-setturi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta u taġġorna d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V kif ukoll id-dispożizzjonijiet marbutin mal-klassifikazzjoni, mal-identifikazzjoni u mal-preżentazzjoni tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat, tal-karkassi tal-majjali u tal-karkassi tan-nagħaġ.

2. Sabiex tiġi standardizzata l-preżentazzjoni tal-prodotti differenti għall-għanijiet tat-titjib tat-trasparenza tas-suq, tar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet u tal-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-intervent fis-suq fil-forma ta' intervent pubbliku u ta' ħżin privat fis-setturi taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal u tal-laħam tan-nagħaġ kif applikabbli, il-Kummissjoni tista', permezzi ta' atti delegati:

   (a) tadotta dispożizzjonijiet marbutin mal-klassifikazzjoni, mat-tqegħid f'livelli (fosthom b'metodi awtomatizzati tat-tqegħid f'livelli), mal-identifikazzjoni, mal-użin u mal-immarkar tal-karkassi;

(b) tadotta derogi mid-dispożizzjonijiet, u dispożizzjonijiet addizzjonali għall-prodotti kkonċernati, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-klassijiet ta' konformazzjoni u mal-kisja tax-xaħam fis-settur taċ-ċanga u iktar dispożizzjonijiet dwar il-piż, il-kulur tal-laħam u l-kisja tax-xaħam fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ;

(c) tistabbilixxi regoli dwar il-kalkolu tal-prezzijiet medji tal-Unjoni u l-obbligi fuq l-operaturi li jibagħtu informazzjoni, dwar il-karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ, b'mod partikulari dwar il-prezzijiet tas-suq u l-prezzijiet rappreżentattivi;

(d) tistabbilixxi iktar regoli għall-għan tal-intervent u tal-ħżin privat, li jistgħu jkunu marbutin b'mod partikulari ma':

(i) il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-biċċeriji kif previst fil-punt A.III tal-Anness V;

(ii) kwalunkwe deroga li tista' tingħata lill-Istati Membri li jixtiequ dan għal biċċeriji li fihom jinqatlu ftit annimali tal-ifrat;

(e) tiddefinixxi kriterji għall-karkassi ta' ħrief ħfief;

(f) tirrevedi b'mod regolari l-koeffiċjenti tal-ippeżar.

3. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi li wieħed jiltaqa' magħhom fl-Unjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

(a) tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jissuddividu kull waħda mill-klassijiet ta' konformazzjoni u ta' kisjiet tax-xaħam tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-punt A.III tal-Anness V f'massimu ta' tliet klassijiet sekondarji;

(b) tipprovdi preżentazzjoni differenti ta' karkassi u nofs karkassi minn dik ippreżentata fil-punt A.IV tal-Anness V għall-għan li jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq;

(c) tawtorizza lill-Istati Membri sabiex ma japplikawx l-iskala għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali u sabiex jużaw kriterji ta' valutazzjoni flimkien mal-piż u mal-kontenut tal-laħam dgħif stmat;

(d) tadotta dispożizzjonijiet u rekwiżiti addizzjonali fosthom:

(i) l-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għal preżentazzjoni differenti tal-karkassi tal-majjali jekk tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

– il-prattika kummerċjali normali fit-territorju tagħhom tkun differenti mill-preżentazzjoni standard,

– ir-rekwiżiti tekniċi jkunu jeħtieġu dan,

– il-karkassi tkun tneħħitilhom il-ġilda b'mod uniformi;

(ii) l-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-Istati Membri sabiex jippermettu preżentazzjonijiet differenti tal-karkassi tan-nagħaġ meta ma tintużax il-preżentazzjoni ta' referenza;

(e) tipprovdi sabiex l-Istati Membri japplikaw penali amministrattivi biex jevitaw li jkun hemm ksur tal-liġi, b'mod partikulari bħall-falsifikazzjoni u l-użu bi frodi ta' timbri u tikketti, jew il-klassifikazzjoni magħmula minn persunal li ma jkollux liċenzja.

4. Sabiex tiżgura l-korrettezza u l-affidabbiltà tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat, tal-majjali u tan-nagħaġ, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tipprovdi li l-klassifikazzjoni ssir minn klassifikaturi li jkunu kkwalifikati b'mod suffiċjenti.

5. Sabiex tiżgura l-affidabbiltà tal-iskala tal-klassifikazzjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet marbutin mal-kontrolli li għandhom jitwettqu u mal-konsegwenzi li għandhom jittieħdu f'każ ta' applikazzjoni mhix adegwata.

6. Sabiex tiżgura li l-kumitat ta' spezzjoni tal-Unjoni jilħaq l-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi r-responsabbiltajiet tiegħu u l-mod kif inhu magħmul.

Artikolu 36

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar:

(a) l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma':

(i) il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-klassifika,

(ii) il-kontrolli fuq il-post, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet u l-azzjonijiet ta' segwitu,

(iii) l-ispezzjonijiet fuq il-post b'rabta mal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat u tan-nagħaġ f'isem l-Unjoni mill-kumitat ta' spezzjoni tal-Unjoni;

(b) ir-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ta' informazzjoni eżatta, b'mod partikulari b'rabta mal-prezzijiet tal-karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ;

(c) ir-rappurtar ta' informazzjoni dwar il-biċċeriji u entitajiet oħrajn li jirreġistraw il-prezzijiet u r-reġjuni li għalihom ikunu rreġistrati l-prezzijiet fis-settur taċ-ċanga;

(d) l-ispezzjonijiet fuq il-post b'rabta mar-rappurtar tal-prezzijiet tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat u tan-nagħaġ f'isem l-Unjoni mill-kumitat ta' spezzjoni tal-Unjoni.

KAPITOLU II

Miżuri speċjali ta' intervent

TAQSIMA I

MIŻURI EĊĊEZZJONALI TA' APPOĠĠ GĦAS-SUQ

Artikolu 37

Mard tal-annimali

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq affetwat sabiex tqis ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi li jista' jkun hemm minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri sabiex tiġi evitata l-firxa tal-mard tal-annimali.

   Il-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għas-setturi li ġejjin:

   (a) għaċ-ċanga u l-vitella;

   (b) għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

   (c) għal-laħam tal-majjal;

   (d) għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż;

   (e) għall-bajd;

   (f) għal-laħam tat-tjur.

2. Il-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jittieħdu fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat (/tal-Istati Membri kkonċernati).

   Dawn jistgħu jittieħdu biss jekk l-Istat Membru kkonċernat (/l-Istati Membri kkonċernati) jkun ħa (/ikunu ħadu) miżuri tas-saħħa u miżuri veterinarji malajr sabiex jeqred (/jeqirdu) l-marda, u biss sal-punt u għat-tul ta' żmien li jkun strettament meħtieġ għall-appoġġ tas-suq ikkonċernat.

Artikolu 38

Telf ta' fiduċja min-naħa tal-konsumaturi

F'dak li għandu x'jaqsam mas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq sabiex

jitqies tfixkil serju fis-suq li jkun attribwit direttament għal telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa tal-annimali.

Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat (/tal-Istati Membri kkonċernati).

Artikolu 39

Finanzjament

1. Għall-miżuri eċċezzjonali msemmija fl-Artikoli 37 u 38, l-Unjoni għandha tipprovdi parti mill-finanzjament li jkun daqs 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri.

   Madankollu, għas-setturi taċ-ċanga u l-vitella, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal u tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, l-Unjoni għandha tipprovdi parti mill-finanzjament li jkun daqs 60 % tat-tali nefqa meta tkun qed tiġi miġġielda l-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-produtturi jikkontribwixxu għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri, dan ma jwassalx għal tfixkil fil-kompetizzjoni bejn il-produtturi fi Stati Membri differenti.

TAQSIMA II

MIŻURI FIS-SETTURI TAĊ-ĊEREALI U TAR-ROSS

Artikolu 40

Miżuri speċjali tas-suq fis-settur taċ-ċereali

1. Sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq, meta dan ikun meħtieġ minħabba l-qagħda tas-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, adottati fejn meħtieġ skont il-proċedura ta' urġenza, tieħu miżuri speċjali ta' intervent għas-settur taċ-ċereali. It-tali miżuri ta' intervent jistgħu jittieħdu b'mod partikulari jekk, f'reġjun wieħed jew aktar tal-Unjoni, il-prezzijiet tas-suq jaqgħu, jew jheddu li jaqgħu, meta mqabbla mal-prezz tal-intervent.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa b'rabta ma' dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri jistgħu, b'mod partikulari, ikunu marbutin mal-proċeduri, man-notifiki, mal-kriterji tekniċi u mal-kontrolli fiżiċi u amministrattivi li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri.

Artikolu 41

Miżuri speċjali tas-suq fis-settur tar-ross

1. Sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq fis-settur tar-ross, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, adottati fejn meħtieġ skont il-proċedura ta' urġenza, tieħu miżuri speċjali biex:

   (a) tiġi evitata l-applikazzjoni ta' intervent pubbliku fuq skala kbira, kif previst fit-Taqsima II tal-Kapitolu I ta' din il-Parti, f'ċerti reġjuni tal-Unjoni;

   (b) tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet tar-ross fil-fosdqa wara li jseħħu diżastri naturali.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa b'rabta ma' dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri jistgħu, b'mod partikulari, ikunu marbutin mal-proċeduri, man-notifiki, mal-kriterji tekniċi u mal-kontrolli fiżiċi u amministrattivi li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri.

TAQSIMA III

MIŻURI FIS-SETTUR TAZ-ZOKKOR

Artikolu 42

Prezz minimu tal-pitravi

1. Il-prezz minimu għall-pitravi tal-kwota għandu jkun ta' EUR 26.29 għal kull tunnellata mis-sena tas-suq tal-2009/2010 'l quddiem.

2. Il-prezz minimu msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-pitravi ta' kwalità standard iddefinita fil-Parti B tal-Anness IV.

3. L-impriżi taz-zokkor li jixtru pitravi tal-kwota li jkun xieraq għall-ipproċessar f'zokkor u li jkun maħsub għall-ipproċessar f'zokkor tal-kwota għandhom ikunu meħtieġa jħallsu tal-inqas il-prezz minimu, aġġustat b'żidiet jew tnaqqis fil-prezz sabiex jippermettu għal devjazzjonijiet mill-kwalità standard.

   Sabiex jiġi aġġustat il-prezz f'każ li l-kwalità attwali tal-pitravi tkun differenti mill-kwalità standard, iż-żidiet u t-tnaqqis imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu applikati skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 46(a).

4. Għall-kwantitajiet ta' pitravi li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' zokkor industrijali jew ta' zokkor żejjed li huma suġġetti għall-imposta fuq l-ammont żejjed li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 57, l-impriża taz-zokkor ikkonċernata għandha taġġusta l-prezz tax-xiri sabiex ikun tal-inqas daqs il-prezz minimu għall-pitravi tal-kwota.

Artikolu 43

Ftehimiet interprofessjonali

1. Il-ftehimiet fi ħdan il-qasam u l-kuntratti ta' kunsinna għandhom ikunu konformi mal-paragrafu 3 u mat-termini tax-xiri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 46(b), b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet li jirregolaw ix-xiri, il-kunsinna, it-teħid u l-ħlas tal-pitravi.

2. It-termini għax-xiri tal-pitravi u tal-kannamieli għandhom ikunu rregolati minn ftehimiet fi ħdan il-qasam konklużi bejn dawk li jkabbru din il-materja prima fl-Unjoni u l-impriżi taz-zokkor tal-Unjoni.

3. Fil-kuntratti ta' kunsinna, għandha ssir distinzjoni skont jekk il-kwantitajiet taz-zokkor li għandhom ikunu mmanifatturati mill-pitravi humiex:

   (a) zokkor tal-kwota; jew

   (b) zokkor barra mill-kwota.

4. Kull impriża taz-zokkor għandha tagħti lill-Istat Membru li fih tipproduċi z-zokkor l-informazzjoni li ġejja:

   (a) il-kwantitajiet ta' pitravi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3, li għalihom huma kkonkludew kuntratti ta' kunsinna ta' qabel iż-żrigħ u l-kontenut taz-zokkor li fuqu huma bbażati dawk il-kuntratti;

   (b) l-ammont stmat tal-produzzjoni korrispondenti.

   L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu informazzjoni addizzjonali.

5. L-impriżi taz-zokkor li ma jkunux iffirmaw kuntratti ta' kunsinna ta' qabel iż-żrigħ bil-prezz minimu għall-pitravi tal-kwota għal kwantità ta' pitravi li tkun daqs iz-zokkor li għalih għandhom kwota, aġġustat, skont il-każ, bil-koeffiċjent għall-irtirar preventiv stabbilit skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45(2), jeħtieġ li jħallsu mill-inqas il-prezz minimu għall-pitravi tal-kwota għall-pitravi kollu li huma jipproċessaw f'zokkor.

6. Suġġetti għall-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, ftehimiet fi ħdan il-qasam jistgħu jidderogaw mill-paragrafi 3, 4 u 5.

7. Jekk ma jkun jeżisti ebda ftehim fi ħdan il-qasam, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-passi meħtieġa li jkunu kompatibbli ma' dan ir-Regolament sabiex iħares l-interessi tal-partijiet ikkonċernati.

Artikolu 44

Imposta fuq il-produzzjoni

1. Għandha titħallas imposta fuq il-produzzjoni fuq il-kwota taz-zokkor, il-kwota tal-isoglukożju u l-kwota tal-ġulepp tal-inulina li għandhom l-impriżi li jipproduċu z-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina kif imsemmi fl-Artikolu 50(2).

2. L-imposta fuq il-produzzjoni għandha tkun stabbilita għall-ammont ta' EUR 12.00 għal kull tunnellata taz-zokkor tal-kwota u tal-ġulepp tal-inulina tal-kwota. Għall-isoglukożju, l-imposta fuq il-produzzjoni għandha tkun stabbilita għal 50 % tal-imposta applikabbli għaz-zokkor.

3. L-imposta totali fuq il-produzzjoni mħallsa skont il-paragrafu 1 għandha tkun imposta mill-Istat Membru fuq l-impriżi fit-territorju tiegħu skont il-kwota miżmuma matul is-sena tas-suq ikkonċernata.

   Il-ħlasijiet għandhom isiru mill-impriżi sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar tas-sena tas-suq rilevanti.

4. L-impriżi taz-zokkor u tal-ġulepp tal-inulina tal-Unjoni jistgħu jeħtieġu lil dawk li jkabbru l-pitravi jew il-kannamieli jew lill-fornituri taċ-ċikwejra jħallsu sa 50 % mill-imposta fuq il-produzzjoni kkonċernata.

Artikolu 45

Irtirar taz-zokkor

1. Sabiex jinżamm il-bilanċ strutturali tas-suq f'livell ta' prezzijiet li jkun qrib il-prezz ta' referenza, u filwaqt li tqis l-impenji tal-Unjoni li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tirtira mis-suq, għal sena tas-suq partikulari, dawk il-kwantitajiet ta' zokkor jew ta' isoglukosju prodotti skont il-kwoti li jaqbżu l-limitu kkalkulat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-limitu tal-irtirar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat, għal kull impriża li jkollha kwota, billi l-kwota tagħha tiġi mmultiplikata b'koeffiċjent, li jista' jiġi stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni sas-16 ta' Marzu tas-sena tas-suq ta' qabel, fuq il-bażi tax-xejriet mistennija tas-suq.

   Fuq il-bażi tax-xejriet aġġornati tas-suq, il-Kummissjoni tista', sal-31 ta' Ottubru tas-sena tas-suq ikkonċernata, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jew li taġġusta l-koeffiċjent jew, fil-każ fejn ma jkunx ġie stabbilit koeffiċjent skont l-ewwel subparagrafu, li tistabbilixxih.

3. Kull impriża li tingħata kwota għandha taħżen, bi spejjeż tagħha stess, sal-bidu tas-sena tas-suq ta' wara, iz-zokkor prodott skont il-kwota li jaqbeż il-limitu kkalkulat skont il-paragrafu 2. Il-kwantitajiet taz-zokkor jew tal-isoglukożju rtirati matul sena tas-suq għandhom ikunu ttrattati bħala l-ewwel kwantitajiet prodotti skont il-kwota għas-sena tas-suq ta' wara.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, filwaqt li tqis ix-xejriet mistennija tas-suq taz-zokkor, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tqis, għas-sena tas-suq attwali u/jew ta' wara, iz-zokkor jew l-isoglukożju kollu rtirat jew parti minnu bħala:

(a) zokkor jew isoglukożju żejjed li huwa disponibbli biex isir zokkor industrijali jew isoglukożju industrijali; jew

(b) produzzjoni tal-kwota temporanja li parti minnha tista' tkun riżervata għall-esportazzjoni, li tħares l-impenji tal-Unjoni li ġejjin minn ftehimiet konkluži skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

4. Jekk il-provvista taz-zokkor fl-Unjoni ma tkunx adegwata, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li ċerta kwantità ta' zokkor irtirata mis-suq tista' tinbiegħ fis-suq tal-Unjoni qabel ma jintemm il-perjodu ta' rtirar.

5. Fil-każ fejn iz-zokkor irtirat jiġi ttrattat bħala l-ewwel produzzjoni taz-zokkor tas-sena tas-suq ta' wara, il-prezz minimu ta' dik is-sena tas-suq għandu jitħallas lil dawk li jkabbru l-pitravi.

Fil-każ fejn iz-zokkor irtirat isir zokkor industrijali jew jiġi esportat skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, m'għandhomx japplikaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 42 dwar il-prezz minimu.

Fil-każ fejn iz-zokkor irtirat jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni qabel jintemm il-perjodu ta' rtirar skont il-paragrafu 4, il-prezz minimu tas-sena tas-suq li tkun għaddejja għandu jitħallas lil dawk li jkabbru l-pitravi.

Artikolu 46

Setgħat iddelegati

Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur taz-zokkor u sabiex tiżgura li l-interessi tal-partijiet kollha jkunu tqiesu kif xieraq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) l-aġġustamenti fil-prezzijiet li għandhom jiġu applikati kif previst fl-Artikolu 42(3);

(b) il-kuntratti ta' kunsinna u t-termini ta' xiri kif imsemmi fl-Artikolu 43(1);

(c) il-kriterji li l-impriżi taz-zokkor għandhom japplikaw meta jallokaw, fost il-bejjiegħa tal-pitravi, l-kwantitajiet ta' pitravi li għandhom jiġu koperti mill-kuntratti ta' kunsinna ta' qabel iż-żrigħ kif imsemmi fl-Artikolu 43(4).

TAQSIMA IV

AĠĠUSTAMENT TAL-PROVVISTA

Artikolu 47

Miżuri sabiex ikun iffaċilitat l-aġġustament tal-provvista għall-ħtiġijiet tas-suq

Sabiex tkun imħeġġa azzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ u mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ konġunt sabiex ikun iffaċilitat l-aġġustament tal-provvista għar-rekwiżiti tas-suq, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-azzjonijiet marbutin mal-irtirar mis-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tieħu l-miżuri li ġejjin għas-setturi tal-pjanti ħajjin, taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd u tat-tjur:

(a) miżuri għat-titjib tal-kwalità;

(b) miżuri għall-promozzjoni ta' organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni;

(c) miżuri sabiex tkun iffaċilitata r-reġistrazzjoni tax-xejriet fil-prezzijiet tas-suq;

(d) miżuri li jippermettu l-istabbiliment ta' previżjonijiet għal perjodu qasir u ta' previżjonijiet fit-tul abbażi tal-metodi ta' produzzjoni użati.

Artikolu 48

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli marbutin mal-proċeduri u mal-kundizzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 47.

KAPITOLU III

Sistemi ta' limitazzjoni tal-produzzjoni

TAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 49

Sistemi ta' kwoti u l-potenzjal tal-produzzjoni

1. Għandha tapplika sistema ta' kwoti għall-prodotti li ġejjin:

   (a) il-ħalib u l-prodotti l-oħra tal-ħalib fi ħdan it-tifsira tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 58(1);

   (b) iz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina.

2. Għas-sistemi ta' kwoti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jekk produttur jaqbeż il-kwota rilevanti u, għaz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina, ma jużax il-kwantitajiet żejda kif previst fl-Artikolu 54, għandha titħallas imposta fuq l-ammont żejjed fuq it-tali kwantitajiet, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet II u III.

3. B'rabta mas-settur tal-inbid, ir-regoli dwar il-potenzjal tal-produzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħawwil illegali, id-drittijiet tranżizzjonali tat-tħawwil kif ukoll l-iskema għall-qlugħ tad-dwieli għandhom japplikaw skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima V.

TAQSIMA II

ZOKKOR

SOTTOTAQSIMA I

ALLOKAZZJONI U ĠESTJONI TAL-KWOTI

Artikolu 50

Allokazzjoni tal-kwoti

1. Il-kwoti għall-produzzjoni taz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina fil-livell nazzjonali jew reġjonali huma stabbiliti fl-Anness VI.

2. L-Istati Membri għandhom jallokaw kwota għal kull impriża li tipproduċi z-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina li hija stabbilita fit-territorju tagħhom u li hija approvata skont l-Artikolu 51.

Għal kull impriża, il-kwota allokata għandha tkun daqs il-kwota li kienet allokata lill-impriża għas-sena tas-suq tal-2007/2008 skont ir-Regolament (KE) Nru 318/2006.

3. Fil-każ tal-allokazzjoni ta' kwota għal impriża taz-zokkor li jkollha aktar minn unità waħda tal-produzzjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri li huma jqisu bħala meħtieġa sabiex jitqiesu kif dovut l-interessi ta' dawk li jkabbru l-pitravi u l-kannamieli.

Artikolu 51

Impriżi approvati

1. Fuq talba, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni lil impriża li tipproduċi z-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina jew lil impriża li tipproċessa dawn il-prodotti fi prodott li tkun inkluża fil-lista msemmija fl-Artikolu 55(2) sakemm l-impriża:

(a) tagħti prova tal-kapaċitajiet professjonali ta' produzzjoni tagħha;

(b) taqbel li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni u li tkun suġġetta għal kontrolli marbutin ma' dan ir-Regolament;

(c) ma tkunx suġġetta għal sospensjoni jew għal irtirar tal-approvazzjoni.

2. L-impriżi approvati għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Istat Membru li fih jinħasdu l-pitravi u l-kannamieli jew li fih isir ir-raffinar:

(a) il-kwantitajiet ta' pitravi jew ta' kannamieli li għalihom ikun ġie konkluż kuntratt ta' kunsinna, kif ukoll l-ammonti stmati korrispondenti tal-produzzjoni ta' pitravi jew ta' kannamieli, u z-zokkor għal kull ettaru;

(b) dejta dwar il-kunsinni provviżorji u attwali tal-pitravi, tal-kannamieli u taz-zokkor mhux raffinat u dwar il-produzzjoni taz-zokkor u dikjarazzjonijiet dwar il-ħażniet taz-zokkor;

(c) il-kwantitajiet ta' zokkor abjad mibjugħ u l-prezzijiet u l-kundizzjonijiet korrispondenti.

Artikolu 52

Aġġustament tal-kwoti nazzjonali

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, taġġusta l-kwoti stabbiliti fl-Anness VI bħala riżultat tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri meħuda skont l-Artikolu 53.

Artikolu 53

Allokazzjoni mill-ġdid tal-kwoti nazzjonali u tnaqqis tal-kwoti

1. Stat Membru jista' jnaqqas il-kwota taz-zokkor jew tal-isoglukożju allokata lil impriża stabbilita fit-territorju tiegħu b'ammont sa 10 % għas-sena tas-suq tal-2008/2009 u għas-snin ta' wara. Huwa u jagħmel dan, l-Istat Membru għandu japplika kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. L-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu l-kwoti bejn l-impriżi skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness VII filwaqt li jqisu l-interessi ta' kull waħda mill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikulari ta' dawk li jkabbru l-pitravi u l-kannamieli.

3. Il-kwantitajiet imnaqqsin skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu allokati mill-Istat Membru kkonċernat lil impriża waħda jew aktar fit-territorju tiegħu, kemm jekk din ikollha kwota kif ukoll jekk le.

SOTTOTAQSIMA II

QBIŻ TAL-KWOTA

Artikolu 54

L-ambitu

Iz-zokkor, l-isoglukożju u l-ġulepp tal-inulina prodotti matul sena tas-suq li jaqbżu l-kwota msemmija fl-Artikolu 50 jistgħu:

(a) jintużaw għall-ipproċessar ta' ċerti prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 55;

(b) jinġarru 'l quddiem għall-produzzjoni tal-kwota tas-sena tas-suq ta' wara, skont l-Artikolu 56;

(c) jintużaw għal reġim speċifiku ta' provvista għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, skont [il-Kapitolu III tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [li qabel kien ir-Regolament (KE) Nru 247/2006]; jew

(d) jiġu esportati fil-limitu kwantitattiv stabbilit mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li jitħarsu l-impenji li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

Kwantitajiet oħrajn għandhom ikunu suġġetti għall-imposta fuq l-ammont żejjed imsemmija fl-Artikolu 57.

Artikolu 55

Zokkor industrijali

1. Iz-zokkor industrijali, l-isoglukożju industrijali jew il-ġulepp tal-inulina industrijali għandhom ikunu rriżervati għall-produzzjoni ta' wieħed mill-prodotti msemmi fil-paragrafu 2 meta:

   (a) jkunu ġew suġġetti għal kuntratt ta' kunsinna konkluż qabel l-aħħar tas-sena tas-suq bejn produttur u utent li t-tnejn ikunu ngħataw approvazzjoni skont l-Artikolu 51; u

   (b) jkunu twasslu lill-utent sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru tas-sena tas-suq ta' wara.

2. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att delegat, tfassal lista ta' prodotti li għall-produzzjoni tagħhom jista' jintuża z-zokkor industrijali, l-isoglukożju industrijali jew il-ġulepp tal-inulina industrijali.

   Din il-lista għandha tinkludi b'mod partikulari:

   (a) il-bijoetanol, l-alkoħol, ir-rum, il-ħmira ħajja u l-kwantitajiet ta' ġulepp biex jiddellek u ta' ġulepp li għandu jiġi pproċessat f'"*Rinse appelstroop*";

   (b) ċerti prodotti industrijali mingħajr kontenut taz-zokkor iżda li fl-ipproċessar tagħhom jintuża z-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina;

   (c) ċerti prodotti tal-industrija kimika jew farmaċewtika li fihom iz-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina.

Artikolu 56

Trasferiment 'il quddiem ta' zokkor żejjed

1. Kull impriża tista' tiddeċiedi li tittrasferixxi 'l quddiem parti mill-produzzjoni tagħha jew il-produzzjoni kollha tagħha li taqbeż il-kwota taz-zokkor tagħha, il-kwota tal-isoglukożju tagħha jew il-kwota tal-ġulepp tal-inulina tagħha sabiex titqies bħala parti mill-produzzjoni tas-sena tas-suq ta' wara. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, dik id-deċiżjoni għandha tkun irrevokabbli.

2. Impriżi li jieħdu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

   (a) jgħarrfu lill-Istat Membru kkonċernat qabel data li għandha tiġi stabbilita minn dak l-Istat Membru:

      – bejn l-1 ta' Frar u l-15 ta' Awwissu tas-sena tas-suq attwali għall-kwantitajiet ta' kannamieli li qed jiġu ttrasferiti 'l quddiem,

      – bejn l-1 ta' Frar u l-15 ta' Awwissu tas-sena tas-suq attwali għall-kwantitajiet l-oħra ta' zokkor jew ta' ġulepp tal-inulina li qed jiġu ttrasferiti 'l quddiem;

(b) jintrabtu li jaħżnu t-tali kwantitajiet bi spejjeż tagħhom sa tmiem is-sena tas-suq attwali.

3. Jekk il-produzzjoni definittiva ta' impriża fis-sena tas-suq ikkonċernata kienet inqas mill-istima li saret meta ttieħdet id-deċiżjoni skont il-paragrafu 1, il-kwantità ttrasferita 'l quddiem tista' tiġi aġġustata b'lura sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tas-sena tas-suq ta' wara.

4. Il-kwantitajiet ittrasferiti 'l quddiem għandhom jitqiesu bħala l-ewwel kwantitajiet prodotti skont il-kwota tas-sena tas-suq ta' wara.

5. Iz-zokkor maħżun skont dan l-Artikolu matul sena tas-suq ma jista' jkun suġġett għall-ebda miżura ta' ħżin oħra li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 23 jew 45.

Artikolu 57

Imposta fuq l-ammont żejjed

1. Dawn il-kwantitajiet huma suġġetti għal imposta fuq l-ammont żejjed:

(a) iz-zokkor żejjed, l-isoglukożju żejjed u l-ġulepp tal-inulina żejjed prodotti matul kwalunkwe sena tas-suq, ħlief għall-kwantitajiet ittrasferiti 'l quddiem għall-produzzjoni tal-kwota tas-sena tas-suq ta' wara u maħżuna skont l-Artikolu 56 jew il-kwantitajiet imsemmija fil-punti (ċ) u (d) tal-Artikolu 54;

(b) iz-zokkor industrijali, l-isoglukożju industrijali u l-ġulepp tal-inulina industrijali li għalihom ma tkun ingħatat l-ebda prova, sa data li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li jkunu ġew ipproċessati f'wieħed mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 55(2);

(c) iz-zokkor u l-isoglukożju rtirati mis-suq skont l-Artikolu 45 u li għalihom mhumiex issodisfati l-obbligi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 45(3).

2. L-imposta fuq l-ammont żejjed għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'livell għoli biżżejjed biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni tal-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-imposta fuq l-ammont żejjed imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun imposta mill-Istat Membru fuq l-impriżi fit-territorju tiegħu skont il-kwantitajiet ta' produzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew stabbiliti għal dawk l-impriżi għas-sena tas-suq ikkonċernata.

TAQSIMA III

ĦALIB

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 58

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "ħalib" tfisser il-prodott li ġej mit-taħlib ta' baqra waħda jew aktar;

(b) "prodotti oħrajn tal-ħalib" tfisser kwalunkwe prodott tal-ħalib minbarra l-ħalib, b'mod partikulari l-ħalib xkumat, il-krema, il-butir, il-jogurt u l-ġobon, li, meta rilevanti, għandhom jinbidlu f'"ekwivalenti tal-ħalib" billi jiġu applikati koeffiċjenti li għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni;

(c) "produttur" tfisser bidwi li għandu impriża li tinsab fit-territorju ġeografiku ta' Stat Membru, li jipproduċi u jikkummerċjalizza l-ħalib jew li jkun qed iħejji biex jagħmel dan fil-futur qrib;

(d) "impriża" tfisser impriża kif iddefinita fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

(e) "xerrej" tfisser impriżi jew gruppi li jixtru l-ħalib mingħand il-produtturi:

– sabiex jiġbruh, jippakkjawh, jaħżnuh, ikessħuh jew jipproċessawh, inkluż skont kuntratt,

– sabiex ibiegħuh lil impriża waħda jew aktar li tittratta jew li tipproċessa l-ħalib jew il-prodotti l-oħra tal-ħalib;

(f) "kunsinna" tfisser kwalunkwe kunsinna ta' ħalib, li ma tinkludi l-ebda prodott ieħor tal-ħalib, mingħand produttur għal għand xerrej, kemm jekk it-trasport isir mill-produttur, minn xerrej, minn impriża li tipproċessa jew li tittratta t-tali prodotti u kemm jekk dan isir minn parti terza;

(g) "bejgħ dirett" tfisser kwalunkwe bejgħ jew trasferiment ta' ħalib minn produttur direttament lill-konsumaturi, kif ukoll kwalunkwe bejgħ jew trasferiment ta' prodotti oħra tal-ħalib minn produttur;

(h) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser il-kunsinni tal-ħalib jew il-bejgħ dirett ta' ħalib jew ta' prodotti oħra tal-ħalib;

(i) "kwota individwali" tfisser il-kwota ta' produttur fl-1 ta' April ta' kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar;

(j) "kwota nazzjonali" tfisser il-kwota msemmija fl-Artikolu 59, stabbilita għal kull Stat Membru;

(k) "kwota disponibbli" tfisser il-kwota disponibbli għall-produtturi fil-31 ta' Marzu tal-perjodu ta' tnax-il xahar li għalih hija kkalkulata l-imposta fuq l-ammont żejjed, filwaqt li jitqiesu t-trasferimenti, il-bejgħ, il-konverżjonijiet u l-allokazzjonijiet temporanji mill-ġdid kollha li dwarhom hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament u li jkunu saru matul dak il-perjodu ta' tnax-il xahar.

2. F'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni mogħtija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, kwalunkwe grupp ta' xerrejja fl-istess żona ġeografika li jwettaq il-ħidmiet amministrattivi u ta' kontabbiltà meħtieġa għall-ħlas tal-imposta fuq l-ammont żejjed f'isem il-membri tiegħu għandu jitqies bħala xerrej. Għal dak il-għan, il-Greċja għandha titqies bħala żona ġeografika waħda u tista' tqis entità uffiċjali bħala grupp ta' xerrejja.

3. Sabiex tiżgura, b'mod partikulari, li l-ebda kwantità ta' ħalib jew ta' prodotti oħra tal-ħalib ikkummerċjalizzata ma tkun eskluża mill-arranġamenti tal-kwota, il-Kummissjoni tista', filwaqt li tħares id-definizzjoni ta' "kunsinna" mogħtija fil-punt (f) tal-paragrafu 1, taġġusta d-definizzjoni ta' "bejgħ dirett" permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 80(1)(i).

4. Sabiex tiżgura li s-sitwazzjonijiet speċifiċi kollha jkunu koperti mis-sistema tal-kwoti tal-ħalib, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 80(1)(h) tadotta definizzjonijiet speċifiċi marbutin mat-tħaddim tas-sistema.

SOTTOTAQSIMA II

ALLOKAZZJONI U ĠESTJONI TAL-KWOTI

Artikolu 59

Kwoti nazzjonali

1. Il-kwoti nazzjonali għall-produzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti l-oħra tal-ħalib ikkummerċjalizzati matul seba' perjodi konsekuttivi ta' tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' April 2008 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "perjodi ta' tnax-il xahar") huma stabbiliti fl-Anness VIII.

2. Il-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu maqsumin bejn il-produtturi skont l-Artikolu 60, b'distinzjoni bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett. Kwalunkwe qbiż tal-kwoti nazzjonali għandu jiġi stabbilit b'mod nazzjonali f'kull Stat Membru, skont din it-Taqsima u b'distinzjoni bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett.

3. Il-kwoti nazzjonali stabbiliti fl-Anness VIII għandhom jiġu stabbiliti mingħajr ħsara għal reviżjoni possibbli fid-dawl tal-qagħda ġenerali tas-suq u tal-kundizzjonijiet partikulari li jeżistu f'ċerti Stati Membri.

4. Għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja, il-kwoti nazzjonali għandhom jinkludu l-ħalib kollu jew l-ekwivalenti kollu tal-ħalib imwassal lil xerrej jew mibjugħ direttament, irrispettivament minn jekk dan ikunx ġie prodott jew ikkummerċjalizzat skont miżura tranżizzjonali applikabbli f'dawk il-pajjiżi jew le.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli kollha meħtieġa marbutin mal-implimentazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu fl-Istati Membri. Dawk ir-regoli jista' jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri, man-notifiki u mal-kriterji tekniċi.

Artikolu 60

Kwoti individwali

1. Il-kwota jew il-kwoti individwali tal-produtturi fl-1 ta' April 2008 għandhom ikunu daqs il-kwoti individwali tagħhom fil-31 ta' Marzu 2008 mingħajr ħsara għat-trasferimenti, il-bejgħ jew il-konverżjonijiet tal-kwota li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2008.

2. Il-produtturi jista' jkollhom jew kwota individwali waħda jew tnejn, waħda għall-kunsinni u l-oħra għall-bejgħ dirett. Il-kwantitajiet ta' produttur jistgħu jinbidlu minn kwota waħda għall-oħra biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, fuq talba debitament iġġustifikata tal-produttur.

3. Meta produttur ikollu żewġ kwoti, il-kontribut tiegħu għal kwalunkwe imposta dovuta fuq l-ammont żejjed għandu jkun ikkalkulat b'mod separat għal kull waħda.

4. Il-parti tal-kwota nazzjonali Finlandiża allokata għall-kunsinni msemmija fl-Artikolu 59 tista' tiżdied sa ammont li ma jaqbiżx il-200 000 tunnellata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni sabiex jingħata kumpens lill-produtturi tas-"SLOM" Finlandiżi. Din ir-riżerva, li għandha tkun allokata skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandha tintuża eskluživament f'isem il-produtturi li d-dritt tagħhom li jerġgħu jibdew il-produzzjoni jkun ġie affettwat minħabba l-adeżjoni.

5. Il-kwoti individwali għandhom jinbidlu, fejn xieraq, għal kull wieħed mill-perjodi ta' tnax-il xahar ikkonċernati, sabiex, għal kull Stat Membru, is-somma tal-kwoti individwali għall-kunsinni u s-somma għall-bejgħ dirett ma taqbiżx il-parti korrispondenti tal-kwota nazzjonali adattata skont l-Artikolu 62, filwaqt li jitqies kwalunkwe tnaqqis magħmul għall-allokazzjoni għar-riżerva nazzjonali kif previst fl-Artikolu 64.

Artikolu 61

Allokazzjoni tal-kwoti mir-riżerva nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jadottaw regoli li jippermettu l-allokazzjoni lill-produtturi tal-kwoti kollha mir-riżerva nazzjonali li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 64 jew ta' parti minnhom abbażi ta' kriterji oġġettivi li għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 62

Ġestjoni tal-kwoti

1. Il-Kummissjoni għandha tadatta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(a), għal kull Stat Membru u għal kull perjodu, qabel tmiem dak il-perjodu, id-diviżjoni tal-kwoti nazzjonali f'"kunsinni" u "bejgħ dirett", fid-dawl tal-konverżjonijiet mitluba mill-produtturi bejn kwoti individwali għall-kunsinni u għall-bejgħ dirett.

2. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, sad-dati li għandhom jiġu stabbiliti minnha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u skont ir-regoli li għandhom jiġu stabbiliti minnha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 316(3), l-informazzjoni meħtieġa biex:

   (a) isir l-adattament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

   (b) tiġi kkalkulata l-imposta fuq l-ammont żejjed li huma għandhom iħallsu.

3. Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 80(2)(b) u permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(g).

Artikolu 63

Kontenut tax-xaħam

1. Kull produttur għandu jingħata kontenut ta' referenza tax-xaħam, li għandu jiġi applikat għall-kwota individwali għall-kunsinni allokati lil dak il-produttur.

2. Għall-kwoti allokati lill-produtturi fil-31 ta' Marzu 2008 skont l-Artikolu 60(1), il-kontenut ta' referenza tax-xaħam imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun l-istess bħall-kontenut ta' referenza tax-xaħam applikat għal dik il-kwota f'dik id-data.

3. Il-kontenut ta' referenza tax-xaħam għandu jinbidel matul il-konverżjoni msemmija fl-Artikolu 60(2) u meta l-kwoti jinkisbu, jiġu ttrasferuti jew jiġu ttrasferuti b'mod temporanju skont ir-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(b).

4. Għall-produtturi l-ġodda li għandhom kwota individwali għall-kunsinni allokata għal kollox mir-riżerva nazzjonali, il-kontenut tax-xaħam għandu jkun stabbilit skont ir-

regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(b).

5. Il-kontenut ta' referenza individwali tax-xaħam imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun aġġustat, fejn xieraq, mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u, minn hemm 'il quddiem, fil-bidu ta' kull perjodu ta' tnax-il xahar kif meħtieġ, sabiex, għal kull Stat Membru, il-medja ppeżata tal-kontenuti tax-xaħam rappreżentattivi individwali ma taqbiżx il-kontenut ta' referenza tax-xaħam stabbilit fl-Anness IX b'aktar minn 0.1 gramma għal kull kilogramm.

Artikolu 64

Riżerva nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf riżerva nazzjonali bħala parti mill-kwoti nazzjonali stabbiliti fl-Anness VIII, b'mod partikulari bil-għan li jagħmel l-allokazzjonijiet li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 61. Fir-riżerva nazzjonali għandhom jidħlu, kif meħtieġ, kwantitajiet li jkunu rtirati kif previst fl-Artikolu 65, kwantitajiet li jinżammu mit-trasferimenti kif previst fl-Artikolu 69, jew kwantitajiet li jkunu ġejjin mit-tnaqqis ġenerali tal-kwoti individwali kollha. Il-kwoti kkonċernati għandhom iżommu l-għan oriġinali tagħhom, jiġifieri l-kunsinni jew il-bejgħ dirett.

2. Kwalunkwe kwota addizzjonali allokata lil Stat Membru għandha titpoġġa awtomatikament fir-riżerva nazzjonali u għandha tinqasam f'kunsinni u bejgħ dirett skont il-ħtiġijiet previsti.

3. Il-kwoti mpoġġija fir-riżerva nazzjonali m'għandhomx ikollhom kontenut ta' referenza tax-xaħam.

Artikolu 65

Każijiet ta' inattività

1. Meta persuna fiżika jew ġuridika li għandha kwoti individwali ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 58(1) matul perjodu ta' tnax-il xahar, il-kwantitajiet korrispondenti għandhom imorru lura fir-riżerva nazzjonali sa mhux aktar tard mill-1 ta' April tas-sena kalendarja ta' wara, ħlief meta dik il-persuna terġa' ssir produttur skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 58(1) qabel dik id-data.

   Meta dik il-persuna terġa' ssir produttur sa mhux aktar tard minn tmiem it-tieni perjodu ta' tnax-il xahar wara l-irtirar, il-kwota individwali kollha li tkun ġiet irtirata, jew parti minnha, għandha tingħata lura lil dik il-persuna sa mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' wara d-data tal-applikazzjoni.

2. Meta l-produtturi ma jikkummerċjalizzawx kwantità li tkun mill-inqas daqs 85 % tal-kwota individwali tagħhom matul mill-inqas perjodu wieħed ta' tnax-il xahar, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk il-kwota li ma tkunx intużat jew parti minnha

għandhiex tmur lura fir-riżerva nazzjonali, u b'liema kundizzjonijiet għandu jseħħ dan.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'liema kundizzjonijiet kwota tista' tkun allokata mill-ġdid lill-produttur ikkonċernat jekk hu jerġa' jibda jikkummerċjalizza l-prodotti.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw f'każijiet ta' forza maġġuri u f'każijiet debitament iġġustifikati li jaffettwaw temporanjament il-kapaċità ta' produzzjoni tal-produtturi kkonċernati u li huma rrikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 66

Trasferimenti temporanji

1. Sa tmiem kull perjodu ta' tnax-il xahar, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw, għall-perjodu kkonċernat, kwalunkwe trasferiment temporanju ta' parti mill-kwoti individwali li l-produtturi li huma intitolati għalihom mhux beħsiebhom jużaw.

L-Istati Membri jistgħu jirregolaw operazzjonijiet ta' trasferiment skont il-kategoriji tal-produtturi jew skont l-istrutturi tal-produzzjoni tal-ħalib ikkonċernati, jistgħu jillimitawhom għal-livell tax-xerrej jew fir-reġjuni, jawtorizzaw trasferimenti sħaħ fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 65(3) u jiddeċiedu sa liema punt dak li jkun qed jittrasferixxi l-kwoti jista' jirrepeti operazzjonijiet ta' trasferiment.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jimplimentax il-paragrafu 1 abbażi ta' waħda mill-kriterji li ġejjin jew tat-tnejn li huma:

(a) il-ħtieġa li jkunu ffaċilitati l-bidliet u l-aġġustamenti strutturali;

(b) ħtiġijiet amministrattivi iktar importanti.

Artikolu 67

Trasferimenti ta' kwoti flimkien mal-art

1. Il-kwoti individwali għandhom jiġu ttrasferiti mal-impriża lill-produtturi li jeħduha meta din tinbiegħ, tinkera, tkun ittrasferita b'wirt attwali jew antiċipat jew bi kwalunkwe mezz ieħor li jinvolvi effetti legali komparabbli għall-produtturi, skont regoli ddettaljati li għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu ż-żoni użati għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib jew kriterji oġġettivi oħra u, fejn applikabbli, kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet. Il-parti tal-kwota li, fejn applikabbli, ma tkunx ġiet ittrasferita mal-impriża għandha tiżdied mar-riżerva nazzjonali.

2. Meta jkunu ġew ittrasferiti kwoti skont il-paragrafu 1 permezz ta' kirjiet rurali jew permezz ta' mezzi oħrajn li jinvolvu effetti legali komparabbli, jew meta l-kwoti jkunu ttrasferiti b'dan il-mod, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u bil-ħsieb li jiżguraw li l-kwoti jkunu attribwiti biss lill-produtturi, li l-kwota m'għandhiex tiġi ttrasferita mal-impriża.

3. Meta l-art tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet pubbliċi u/jew għall-użu tal-interess pubbliku, jew meta t-trasferiment iseħħ għal għanijiet mhux agrikoli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jitħarsu l-interessi leġittimi tal-partijiet, u, b'mod partikulari, għandhom jiżguraw li l-produtturi li qed jagħtu t-tali art ikunu f'pożizzjoni li jkomplu l-produzzjoni tal-ħalib jekk jixtiequ jagħmlu dan.

4. Meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, fil-każ ta' kirjiet li waslu biex jintemmu mingħajr ebda possibbiltà ta' tiġdid b'termini simili, jew f'sitwazzjonijiet li jinvolvu effetti legali komparabbli, il-kwoti individwali kkonċernati għandhom jiġu ttrasferiti kollha, jew b'mod parzjali, lill-produttur li jkun qed jeħodhom, skont id-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi tal-partijiet.

Artikolu 68

Miżuri speċjali ta' trasferiment

1. Sabiex isir ristrutturar b'suċċess tal-produzzjoni tal-ħalib jew sabiex jittejjeb l-ambjent, l-Istati Membri jistgħu, skont regoli ddettaljati li huma għandhom jistabbilixxu, u filwaqt li jqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati:

   (a) jagħtu kumpens, fi ħlas wieħed annwali jew aktar, lill-produtturi li jintrabtu li jabbandunaw b'mod permanenti l-produzzjoni kollha tal-ħalib tagħhom jew parti minnha u jpoġġu l-kwoti individwali li jkunu rrilaxxati b'dan il-mod fir-riżerva nazzjonali;

   (b) jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi, l-kundizzjonijiet li bihom il-produtturi jistgħu jiksbu, bi ħlas, fil-bidu ta' perjodu ta' tnax-il xahar, l-allokazzjoni mill-ġdid, mill-awtorità kompetenti jew minn entità maħtura minn dik l-awtorità, ta' kwoti individwali rrilaxxati definittivament, fi tmiem il-perjodu ta' tnax-il xahar ta' qabel, minn produtturi oħrajn b'kumpens, fi ħlas wieħed annwali jew aktar, li jkun daqs il-ħlas imsemmi hawn fuq;

   (c) jiċċentralizzaw u jimmonitorjaw it-trasferimenti tal-kwoti mingħajr l-art;

   (d) jipprovdu, fil-każ ta' art ittrasferita bil-ħsieb li jittejjeb l-ambjent, sabiex il-kwota individwali kkonċernata tkun allokata lil produttur li jkun qed jagħti l-art iżda li jixtieq ikompli l-produzzjoni tal-ħalib;

   (e) jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi, ir-reġjuni jew iż-żoni tal-ġbir li fihom huwa awtorizzat it-trasferiment permanenti tal-kwoti mingħajr it-trasferiment tal-art korrispondenti, bil-għan li tittejjeb l-istruttura tal-produzzjoni tal-ħalib;

   (f) jawtorizzaw, wara li ssir applikazzjoni minn produttur lill-awtorità kompetenti jew lil entità maħtura minn dik l-awtorità, it-trasferiment definittiv tal-kwoti mingħajr it-trasferiment tal-art korrispondenti, jew viċeversa, bil-għan li tittejjeb l-istruttura tal-produzzjoni tal-ħalib fil-livell tal-impriża jew sabiex tkun permessa l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni.

2. Il-paragrafu 1 jista' jiġi implimentat fuq livell nazzjonali, fil-livell territorjali x-xieraq jew f'żoni tal-ġbir speċifiċi.

Artikolu 69

Żamma tal-kwoti

1. Fil-każ tat-trasferimenti msemmija fl-Artikoli 67 u 68, l-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' kriterji oġġettivi, iżommu parti mill-kwoti individwali għar-riżerva nazzjonali tagħhom.

2. Meta jkunu ġew ittrasferiti kwoti skont l-Artikoli 67 u 68, flimkien mal-art korrispondenti jew mingħajrha, permezz ta' kirjiet rurali jew permezz ta' mezzi oħrajn li jinvolvu effetti legali komparabbli, jew meta l-kwoti jkunu ttrasferiti b'dan il-mod, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u bil-ħsieb li jiżguraw li l-kwoti jkunu attribwiti biss lill-produtturi, jekk il-kwota kollha ttrasferita jew parti minnha għandhiex tmur lura fir-riżerva nazzjonali, u b'liema kundizzjonijiet għandu jseħħ dan.

Artikolu 70

Għajnuna għall-akkwist tal-kwoti

L-ebda għajnuna finanzjarja marbuta direttament mal-akkwist tal-kwoti ma tista' tingħata minn kwalunkwe awtorità pubblika għall-bejgħ, it-trasferiment jew l-allokazzjoni tal-kwoti skont din it-Taqsima.

SOTTOTAQSIMA III

QBIŻ TAL-KWOTA

Artikolu 71

Imposta fuq l-ammont żejjed

1. Għandha titħallas imposta fuq l-ammont żejjed fuq il-ħalib u l-prodotti l-oħra tal-ħalib ikkummerċjalizzati li jaqbżu l-kwota nazzjonali stabbilita skont is-Sottotaqsima II.

   L-imposta għandha tkun ta' EUR 27.83 għal kull 100 kilogramma ta' ħalib.

   Madankollu, għall-perjodi ta' tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' April 2009 u fl-1 ta' April 2010, l-imposta fuq l-ammont żejjed għall-ħalib imwassal li jaqbeż il-106 % tal-kwota nazzjonali għall-kunsinni applikabbli għall-perjodu ta' tnax-il xahar li jibda mill-1 ta' April 2008 għandha tkun ta' 150 % tal-imposta msemmija fit-tieni subparagrafu.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għall-perjodi ta' 12-il xahar li jibdew mill-1 ta' April 2009 u l-1 ta' April 2010 u għall-kunsinni, l-imposta fuq l-ammont żejjed għandha titħallas fuq il-ħalib ikkummerċjalizzat li jaqbeż il-kwota nazzjonali stabbilita skont is-Sottotaqsima II u mnaqqsa bil-kwoti individwali għall-kunsinni meħuda fir-riżerva nazzjonali skont l-Artikolu 68(1)(a) mit-30 ta' Novembru 2009 u miżmuma fiha sal-31 ta' Marzu tal-perjodu ta' 12-il xahar ikkonċernat.

3. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli lejn l-Unjoni għall-imposta fuq l-ammont żejjed li tkun ġejja mill-ammonti maqbużin tal-kwota nazzjonali, iddeterminata fuq livell nazzjonali u b'mod separat għall-kunsinni u għall-bejgħ dirett, u huma għandhom, bejn is-16 ta' Ottubru u t-30 ta' Novembru ta' wara l-perjodu ta' tnax-il xahar ikkonċernat, iħallsu 99 % tal-ammont dovut lill-FAEG.

4. Id-differenza bejn l-ammont tal-imposta fuq l-ammont żejjed li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 u dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tintuża mill-Istat Membru sabiex jiffinanzja miżuri ta' ristrutturar fis-settur tal-ħalib.

5. Jekk l-imposta fuq l-ammont żejjed li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 ma tkunx tħallset qabel id-data dovuta u wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni għandha tnaqqas, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(d) ta' dan ir-Regolament, somma li tkun daqs l-imposta fuq l-ammont żejjed mhux imħallsa mill-ħlasijiet ta' kull xahar skont it-tifsira tal-Artikoli 14 u 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha twissi lill-Istat Membru kkonċernat, li għandu jgħarraf il-pożizzjoni tiegħu fi żmien ġimgħa. L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 m'għandux japplika.

Artikolu 72

Kontribut tal-produtturi għall-imposta fuq l-ammont żejjed dovuta

L-imposta fuq l-ammont żejjed għandha tkun allokata kollha, skont l-Artikoli 73 u 76, fost il-produtturi li kkontribwew għal kull wieħed mill-ammonti maqbuża tal-kwoti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 59(2).

Mingħajr ħsara għall-Artikoli 73(2) u 76(1), il-produtturi għandhom ikunu responsabbli lejn l-Istat Membru għall-ħlas tal-kontribut tagħhom għall-imposta fuq l-ammont żejjed dovuta, ikkalkulata skont l-Artikoli 62, 63 u 73, għas-sempliċi raġuni li qabżu l-kwoti li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

Għall-perjodi ta' 12-il xahar li jibdew mill-1 ta' April 2009 u l-1 ta' April 2010 u għall-kunsinni, l-imposta fuq l-ammont żejjed għandha tkun allokata b'mod sħiħ, skont l-Artikoli 73 u 76, fost il-produtturi li kkontribwew biex tinqabeż il-kwota nazzjonali, kif stabbilit b'applikazzjoni tal-Artikolu 71(2).

Artikolu 73

Imposta fuq l-ammont żejjed fuq il-kunsinni

1. Sabiex jiġi kkalkulat l-ammont definittiv tal-imposta fuq l-ammont żejjed, il-kwantitajiet imwassla minn kull produttur għandhom jiżdiedu jew jitnaqqsu sabiex ikunu jirriflettu kwalunkwe differenza bejn il-kontenut reali tax-xaħam u l-kontenut ta' referenza tax-xaħam.

   Fuq livell nazzjonali, l-imposta fuq l-ammont żejjed għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tas-somma tal-kunsinni, aġġustata skont l-ewwel subparagrafu.

2. Il-kontribut ta' kull produttur għall-ħlas tal-imposta fuq l-ammont żejjed għandu jiġi stabbilit b'deċiżjoni tal-Istat Membru, wara li kwalunkwe parti tal-kwota nazzjonali allokata għall-kunsinni li ma tkunx intużat tiġi allokata mill-ġdid jew le, b'mod li jkun proporzjonali għall-kwoti individwali ta' kull produttur jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri:

   (a) jew fil-livell nazzjonali abbażi tal-ammont li bih inqabżet il-kwota ta' kull produttur;

   (b) jew l-ewwel fuq il-livell tax-xerrej u minn hemm 'il quddiem fil-livell nazzjonali skont il-każ.

   Meta japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 71(1), l-Istati Membri, huma u jistabbilixxu l-kontribut ta' kull produttur għall-ammont tal-imposta li għandha titħallas minħabba l-applikazzjoni tar-rata ogħla msemmija f'dak is-subparagrafu, għandhom jiżguraw li dan l-ammont jingħata b'mod proporzjonat mill-produtturi responsabbli skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru.

Artikolu 74

Rwol tax-xerrejja

1. Ix-xerrejja għandhom ikunu responsabbli għall-ġbir, mingħand il-produtturi, tal-kontributi li dawn tal-aħħar ikollhom jagħtu minħabba l-imposta fuq l-ammont żejjed, u għandhom iħallsu lill-entità kompetenti tal-Istat Membru, qabel data u skont proċedura li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 81(d), (f) u (g), l-ammont ta' dawn il-kontributi mnaqqas mill-prezz tal-ħalib imħallas lill-produtturi responsabbli għall-ammont żejjed jew, fin-nuqqas ta' dan, miġbur bi kwalunkwe mod ieħor li jkun xieraq.

2. Meta xerrej jieħu post xerrej wieħed ieħor jew aktar, għal kollox jew b'mod parzjali, il-kwoti individwali disponibbli għall-produtturi għandhom jitqiesu għall-bqija tal-perjodu ta' tnax-il xahar li jkun għaddej, wara li jitnaqqsu l-kwantitajiet li jkunu diġà twasslu u filwaqt li jitqies il-kontenut tax-xaħam tagħhom. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll meta produttur jittrasferixxi minn xerrej għal ieħor.

3. Meta, matul perjodu ta' referenza, il-kwantitajiet imwassla minn produttur jaqbżu l-kwota disponibbli għal dak il-produttur, l-Istat Membru rilevanti jista' jiddeċiedi li x-xerrej għandu jnaqqas parti mill-prezz tal-ħalib fi kwalunkwe kunsinna mill-

produttur ikkonċernat li jaqbeż il-kwota, bħala ħlas bil-quddiem tal-kontribut tal-produttur, skont regoli ddettaljati stabbiliti mill-Istat Membru. L-Istat Membru jista' jagħmel arranġamenti speċifiċi sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jnaqqsu dan il-ħlas bil-quddiem meta l-produtturi jagħtu kunsinni lil diversi xerrejja.

Artikolu 75

Approvazzjoni

L-istatus ta' xerrej għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-Istat Membru skont kriterji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 80(1)(f).

Artikolu 76

Imposta fuq l-ammont żejjed fuq il-bejgħ dirett

1. Fil-każ tal-bejgħ dirett, il-kontribut ta' kull produttur għall-ħlas tal-imposta fuq l-ammont żejjed għandu jkun stabbilit b'deċiżjoni tal-Istat Membru, wara li kwalunkwe parti tal-kwota nazzjonali allokata għall-bejgħ dirett li ma tkunx intużat tiġi allokata mill-ġdid jew le, fil-livell territorjali x-xieraq jew fil-livell nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-bażi tal-kalkolu tal-kontribut tal-produttur għall-imposta fuq l-ammont żejjed dovuta fuq il-kwantità totali ta' ħalib mibjugħ, ittrasferit jew użat għall-manifattura tal-prodotti tal-ħalib mibjugħin jew ittrasferiti, billi japplikaw il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni.

3. Ma għandha titqies ebda korrezzjoni marbuta mal-kontenut tax-xaħam għall-għan tal-kalkolu tal-ammont definittiv tal-imposta fuq l-ammont żejjed.

Artikolu 77

Ammonti żejda mħallsa jew ammonti mhux imħallsa

1. Meta, fil-każ tal-kunsinni jew tal-bejgħ dirett, jinstab li trid titħallas l-imposta fuq l-ammont żejjed u l-kontribut miġbur mill-produtturi jkun akbar minn dik l-imposta, l-Istat Membru jista':

   (a) juża l-ammont żejjed kollu jew parti minnu sabiex jiffinanzja l-miżuri mogħtija fil-punt (a) tal-Artikolu 68(1), u/jew

   (b) iqassmu kollu mill-ġdid jew iqassam parti minnu mill-ġdid lill-produtturi li:

      (i) jaqgħu fi ħdan kategoriji ta' prijorità stabbiliti mill-Istat Membru fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u f'perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, jew

(ii) huma affettwati minn sitwazzjoni eċċezzjonali li ġejja minn regola nazzjonali li mhix marbuta mas-sistema tal-kwoti għall-ħalib u għall-prodotti l-oħra tal-ħalib stabbilita b'dan il-Kapitolu.

2. Meta jkun stabbilit li ma għandha titħallas l-ebda imposta fuq l-ammont żejjed, kwalunkwe ħlas bil-quddiem li jkun inġabar mix-xerrejja jew mill-Istat Membru għandu jitħallas lura sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' tnax-il xahar ta' wara.

3. Meta xerrej ma jirrispettax l-obbligu li jiġbor il-kontribut tal-produtturi għall-imposta fuq l-ammont żejjed skont l-Artikolu 74, l-Istat Membru jista' jiġbor l-ammonti mhux imħallsa direttament mingħand il-produttur, mingħajr ħsara għal kwalunkwe penali li huwa jista' jimponi fuq ix-xerrej li jkun naqas minn dmiru.

4. Meta produttur jew xerrej jonqos milli jirrispetta l-limitu taż-żmien għall-ħlas, l-imgħax fuq l-arretrati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni għandhom jitħallsu lill-Istat Membru.

TAQSIMA IV

REGOLI PROĊEDURALI GĦALL-KWOTI TAZ-ZOKKOR U TAL-ĦALIB

SOTTOTAQSIMA I

REGOLI PROĊEDURALI GĦALL-KWOTI TAZ-ZOKKOR

Artikolu 78

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura li l-impriżi msemmija fl-Artikolu 51 jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, regoli dwar l-għoti jew l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tali impriżi, kif ukoll il-kriterji għall-penali amministrattivi.

2. Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur taz-zokkor u tiżgura li l-interessi tal-partijiet kollha jitqiesu kif jixraq, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati, iktar definizzjonijiet, fosthom tal-produzzjoni taz-zokkor, tal-isoglukożju u tal-ġulepp tal-inulina u tal-produzzjoni ta' impriża; kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bejgħ lir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

3. Sabiex tiżgura li dawk li jkabbru l-pitravi jkunu marbutin mill-qrib ma' deċiżjoni biex ċerta kwantità tal-produzzjoni tingħadda 'l quddiem għas-sena ta' wara, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi regoli dwar it-trasferiment 'il quddiem taz-zokkor.

Artikolu 79

Setgħat ta' implimentazzjoni

F'dak li għandu x'jaqsam mal-impriżi msemmija fl-Artikolu 51, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli:

(a) dwar l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni mill-impriżi, ir-reġistri li għandhom jinżammu mill-impriżi approvati u l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-impriżi approvati;

(b) dwar is-sistema ta' kontrolli li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fuq l-impriżi approvati;

(c) dwar il-komunikazzjonijiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-impriżi approvati;

(d) dwar il-kunsinna ta' materja prima lill-impriżi, fosthom il-kuntratti ta' kunsinna u n-noti tal-kunsinna;

(e) dwar l-ekwivalenza fir-rigward taz-zokkor imsemmi fl-Artikolu 54(a);

(f) għar-reġim speċifiku ta' provvista għar-reġjuni l-aktar imbiegħda;

(g) dwar l-esportazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 54(d);

(h) dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex ikunu żgurati kontrolli effettivi;

(i) dwar il-bdil tad-dati stabbiliti fl-Artikolu 56;

(j) għall-istabbiliment tal-kwantità żejda, il-komunikazzjonijiet u l-ħlas tal-imposta fuq l-ammont żejjed imsemmija fl-Artikolu 57.

SOTTOTAQSIMA II

REGOLI PROĊEDURALI GĦALL-KWOTI TAL-ĦALIB

Artikolu 80

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura li s-sistema tal-kwoti tal-ħalib tilħaq l-għan tagħha, b'mod partikulari l-użu effiċjenti tal-kwota individwali u l-kalkolu, il-ġbir u l-użu korretti tal-imposta, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

   (a) il-konverżjonijiet temporanji u definittivi tal-kwoti;

   (b) il-metodi għall-kalkolu tal-imposta;

   (c) l-allokazzjoni mill-ġdid ta' kwoti li ma jkunux intużaw;

(d) il-limitu għall-applikazzjoni tal-korrezzjoni tal-kontenut tax-xaħam;

(e) l-obbligu tal-produtturi li jwasslu l-kunsinni lil xerrejja approvati;

(f) l-approvazzjoni tax-xerrejja;

(g) il-kriterji oġġettivi għat-tqassim mill-ġdid tal-imposta żejda;

(h) definizzjonijiet speċifiċi marbutin mat-tħaddim tas-sistema;

(i) l-aġġustament tad-definizzjoni tal-"bejgħ dirett", filwaqt li titqies id-definizzjoni ta' "kunsinna" mogħtija fil-punt (f) tal-Artikolu 58(1).

2. Sabiex tiżgura li l-operaturi u l-Istati Membri jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) il-penali f'każijiet fejn il-produtturi jew ix-xerrejja jonqsu milli jħarsu l-obbligi tagħhom, b'mod partikulari fir-rigward tal-limiti taż-żmien għall-ħlas tal-imposta, il-kunsinna lil xerrej approvat, ir-rappurtar tal-kunsinni u tal-bejgħ dirett, it-twassil ta' stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet mhux korretti u n-nuqqas li jinżammu reġistri aġġornati;

(b) il-penali li għandhom ikunu applikati fuq l-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom kif stabbiliti fl-Artikolu 62(2).

Artikolu 81

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli kollha meħtieġa, fosthom:

(a) il-konverżjonijiet definittivi tal-kwoti u d-diviżjoni tal-kwota nazzjonali bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett;

(b) l-istabbiliment ta' koeffiċjent għall-kwota individwali tal-kontenut tax-xaħam, il-korrezzjoni tal-kontenut tax-xaħam u r-reġistrazzjoni tal-qbiż tal-kontenut tax-xaħam tal-kwota nazzjonali;

(c) l-istabbiliment ta' ekwivalenzi tal-ħalib;

(d) il-limitu taż-żmien u l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli dwar il-ħlas tal-mposta u t-tqassim mill-ġdid tal-imposta żejda, it-tnaqqis tal-ħlasijiet bil-quddiem f'każijiet fejn ma tħarsux il-limiti taż-żmien;

(e) ir-rati tal-imgħax applikabbli f'każijiet ta' ħlas tard, talba korretta tal-imposta u l-użu tal-imposta ta' 1 % li m'għandhiex titħallas lill-FAEG;

(f) li tinforma lill-produtturi b'definizzjonijiet ġodda, il-komunikazzjoni tal-kwota individwali u n-notifika tal-imposta;

(g) il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' arranġamenti għall-imposta fis-settur tal-ħalib;

(h) it-tfassil ta' stqarrija tal-kunsinni u tad-dikjarazzjonijiet tal-bejgħ dirett;

(i) l-obbligi tax-xerrejja u tal-produtturi li jfasslu dikjarazzjonijiet, iżommu reġistri u jipprovdu informazzjoni;

(j) il-kontrolli fuq il-kunsinni u l-bejgħ dirett.

TAQSIMA V

POTENZJAL TAL-PRODUZZJONI FIS-SETTUR TAL-INBID

SOTTOTAQSIMA I

THAWWIL ILLEGALI

Artikolu 82

Thawwil illegali li sar wara l-31 ta' Awwissu 1998

1. Il-produtturi għandhom jaqilgħu, bi spejjeż tagħhom, id-dwieli li jinsabu f'żoni li jkunu thawlu bid-dwieli mingħajr dritt korrispondenti għat-thawwil wara l-31 ta' Awwissu 1998, fejn dan ikun applikabbli.

2. Sakemm isir il-qlugħ tad-dwieli skont il-paragrafu 1, l-għeneb u prodotti magħmulin mill-għeneb li jkunu ġejjin miż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni biss għall-għanijiet tad-distillazzjoni, u bi spejjeż tal-produttur biss. Il-prodotti li jiġu mid-distillazzjoni ma jistgħux jintużaw fil-preparazzjoni ta' alkoħol li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' 80 % tal-volum jew inqas.

3. Mingħajr ħsara, fejn applikabbli, għall-penali preċedenti imposti mill-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jimponu penali fuq il-produtturi li ma jkunux ikkonformaw ma' dan l-obbligu ta' qlugħ tad-dwieli, li jkunu proporzjonali għall-gravità, il-firxa u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità.

4. It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-thawwil il-ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015, kif previst fl-Artikolu 89(1), ma għandux jaffettwa l-obbligi li dwarhom hemm dispożizzjoni f'dan l-Artikolu.

Artikolu 83

Regolarizzazzjoni obbligatorja tat-tħawwil illegali li sar qabel l-1 ta' Settembru 1998

1. Il-produtturi għandhom, bi ħlas u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, jirregolarizzaw iż-żoni mħawlin bid-dwieli qabel l-1 ta' Settembru 1998 mingħajr dritt korrispondenti għat-tħawwil, fejn dan ikun applikabbli.

   Mingħajr ħsara għal kwalunkwe proċedura skont l-approvazzjoni tal-kontijiet, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal żoni rregolarizzati fuq il-bażi tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999[18].

2. Il-ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri. Dan għandu jkun tal-inqas daqs il-valur medju tad-dritt korrispondenti għat-tħawwil fir-reġjun ikkonċernat għal darbtejn.

3. Sakemm issir ir-regolarizzazzjoni skont il-paragrafu 1, l-għeneb u prodotti magħmulin mill-għeneb li jkunu ġejjin miż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni biss għall-għanijiet tad-distillazzjoni, u bi spejjeż tal-produttur biss. Il-prodotti ma jistgħux jintużaw fil-preparazzjoni ta' alkoħol li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' 80 % tal-volum jew inqas.

4. Il-produtturi kkonċernati għandhom jaqilgħu, bi spejjeż tagħhom, id-dwieli miż-żoni illegali msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkunux irregolarizzati skont dak il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru 2009.

   L-Istati Membri għandhom jimponu penali fuq il-produtturi li ma jikkonformawx ma' dan l-obbligu ta' qlugħ tad-dwieli, li jkunu proporzjonali għall-gravità, il-firxa u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità.

   Sakemm isir il-qlugħ tad-dwieli msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis*.

5. It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil il-ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015, kif previst fl-Artikolu 89(1), ma għandux jaffettwa l-obbligi li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-paragrafi 3 u 4.

Artikolu 84

Verifika tan-nuqqas ta' ċirkolazzjoni u tad-distillazzjoni

1. B'rabta mal-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(3) u (4), l-Istati Membri għandhom jitolbu prova tan-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-prodotti kkonċernati jew, fejn il-prodotti kkonċernati jkunu distillati, il-preżentazzjoni tal-kuntratti ta' distillazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni u d-distillazzjoni li msemmija fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, għandhom jimponu penali.

---

[18] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ż-żoni suġġetti għad-distillazzjoni u l-volumi tal-alkoħol korrispondenti.

Artikolu 85

Miżuri ta' akkumpanjament

Iż-żoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 83(1), sakemm ma jkunux irregolarizzati, u ż-żoni msemmija fl-Artikolu 82(1) m'għandhomx jibbenefikaw minn xi miżura ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni.

Artikolu 86

Setgħat iddelegati

1. Sabiex ikun żgurat li l-produtturi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont din is-Sottotaqsima, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet dwar in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 84(1), kif ukoll dwar il-penali li l-Istati Membri jistgħu jimponu f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmija.

2. Sabiex tiżgura li t-tħawwil illegali jkun innutat u jiġi eliminat b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att delegat, tadotta regoli biex tnaqqas l-allokazzjoni tal-Unjoni għall-miżuri ta' appoġġ f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri mal-obbligu li jikkomunikaw dejta dwar it-tħawwil illegali.

Artikolu 87

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta d-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa dwar:

(a) il-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri;

(b) il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-komunikazzjonijiet tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000[19].

(c) il-kontrolli li l-Istati Membri għandhom iwettqu u r-rappurtar tal-informazzjoni dwar dawn il-kontrolli lill-Kummissjoni.

---

[19] ĠU L 143, 16.6.2000, p. 1.

SOTTOTAQSIMA II

REĠIM TRANŻIZZJONALI TAD-DRITT GĦAT-THAWWIL

Artikolu 88

Tul ta' żmien

Din is-Sottotaqsima għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 89

Projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil tad-dwieli

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 166 u b'mod partikulari għall-paragrafu 4 tiegħu, it-tħawwil ta' dwieli ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 166(2) għandu jkun ipprojbit.

2. It-tilqim mill-ġdid ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 166(2) ma' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li huma differenti minn dawk imsemmija f'dak l-Artikolu wkoll għandu jkun ipprojbit.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, it-tħawwil u t-tilqim mill-ġdid imsemmija f'dawk il-paragrafi għandhom ikunu permessi jekk ikunu koperti minn:

   (a) dritt għal tħawwil ġdid, kif previst fl-Artikolu 90;

   (b) dritt għat-tħawwil mill-ġdid, kif previst fl-Artikolu 91;

   (c) dritt għat-tħawwil mogħti minn riżerva, kif previst fl-Artikoli 92 u 93.

4. Id-drittijiet għat-tħawwil imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jingħataw f'ettari.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fit-territorju tagħhom jew f'partijiet mit-territorju tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. F'dawn il-każijiet ir-regoli li jirregolaw ir-reġim tranżizzjonali tad-dritt għat-tħawwil kif stabbilit f'din is-Sottotaqsima, inkluż dan l-Artikolu, għandhom japplikaw, kif meħtieġ, f'dak l-Istat Membru partikulari.

Artikolu 90

Drittijiet għal tħawwil ġdid

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet għal tħawwil ġdid lill-produtturi għal żoni:

   (a) li jkunu maħsubin għal tħawwil ġdid imwettaq skont il-miżuri għall-konsolidazzjoni tal-art jew il-miżuri dwar ix-xiri obbligatorju fl-interess pubbliku adottati skont il-liġi nazzjonali;

(b) li jkunu maħsubin għal għanijiet sperimentali;

(c) li jkunu maħsubin għall-mixtliet għat-tilqim; jew

(d) li l-prodotti tal-inbid jew tad-dwieli tagħhom huma maħsubin biss għall-konsum mill-familja tal-produttur tal-inbid.

2. Id-drittijiet għal tħawwil ġdid mogħtija għandhom:

(a) jiġu eżerċitati mill-produttur li lilu jkunu ngħataw;

(b) jintużaw qabel tmiem it-tieni sena tal-inbid wara dik li matulha jkunu ngħataw;

(c) jintużaw għall-għanijiet li għalihom ikunu ngħataw.

Artikolu 91

Drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid lill-produtturi li jkunu qalgħu d-dwieli minn żona mħawla bid-dwieli.

Madankollu, iż-żoni li minnhom ikunu nqalgħu d-dwieli li għalihom ikun ingħata primjum għall-qlugħ tad-dwieli skont is-Sottotaqsima III tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 m'għandhomx jiġġeneraw drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid lil produtturi li jkunu mpenjaw ruħhom li jaqilgħu d-dwieli minn żona mħawla bid-dwieli. F'dawn il-każijiet, il-qlugħ tad-dwieli miż-żona mwegħda għandu jsir sa mhux aktar tard minn tmiem it-tielet sena minn meta jkunu tħawlu d-dwieli l-ġodda li għalihom ikunu ngħataw id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid.

3. Id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid għandhom jikkorrispondu għall-ekwivalenti taż-żona li minnha jinqalgħu d-dwieli f'termini ta' uċuħ tar-raba' puri.

4. Id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid għandhom jiġu eżerċitati fl-impriża li għaliha jkunu ngħataw. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw ukoll li dawn id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid jistgħu jiġu eżerċitati biss fiż-żona fejn ikun sar il-qlugħ tad-dwieli.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid jistgħu jiġu ttrasferiti kollha, jew b'mod parzjali, lil impriża oħra fl-istess Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta parti mill-impriża kkonċernata tkun ittrasferita lil dik l-impriża l-oħra;

(b) meta żoni f'dik l-impriża l-oħra jkunu maħsubin:

(i) għall-produzzjoni ta' nbejjed li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta; jew

(ii) għall-kultivazzjoni ta' mixtliet għat-tilqim.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tad-derogi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu ma twassalx għal żieda ġenerali fil-potenzjal tal-produzzjoni fit-territorju tagħhom, b'mod partikulari meta jsiru trasferimenti minn żoni li ma jissaqqewx għal żoni li jissaqqew.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal drittijiet li jixbhu d-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid li jkunu nkisbu skont il-liġijiet nazzjonali jew tal-Unjoni ta' qabel.

7. Id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid mogħtija skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandhom jintużaw matul il-perjodi previsti fih.

Artikolu 92

Riżerva nazzjonali u reġjonali tad-drittijiet għat-tħawwil

1. Sabiex itejbu l-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni, l-Istati Membri għandhom joħolqu riżerva nazzjonali jew riżervi reġjonali tad-drittijiet għat-tħawwil.

2. L-Istati Membri li jkunu ħolqu riżervi nazzjonali jew reġjonali tad-drittijiet għat-tħawwil skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistgħu jżommu dawk ir-riżervi, dejjem jekk huma japplikaw ir-reġim tranżizzjonali tad-dritt għat-tħawwil skont din is-Sottotaqsima.

3. Jekk ma jintużawx fiż-żmien preskritt, id-drittijiet għat-tħawwil li ġejjin għandhom jiġu allokati lir-riżervi nazzjonali jew reġjonali:

(a) id-drittijiet għal tħawwil ġdid;

(b) id-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid;

(c) id-drittijiet għat-tħawwil mogħtija mir-riżerva.

4. Il-produtturi jistgħu jittrasferixxu d-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid lir-riżervi nazzjonali jew reġjonali. Il-kundizzjonijiet tat-tali trasferiment, magħmul, fejn meħtieġ, bi ħlas mill-fondi nazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi tal-partijiet.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jimplimentawx sistema ta' riżerva sakemm ikunu jistgħu jagħtu prova li teżisti sistema alternattiva effettiva għall-ġestjoni tad-drittijiet għat-tħawwil fit-territorju tagħhom. Is-sistema alternattiva tista', meta dan ikun meħtieġ, tidderoga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din is-Sottotaqsima.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal Stati Membri li jwaqqfu t-tħaddim tar-riżervi nazzjonali jew reġjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

Artikolu 93

L-għoti ta' drittijiet għat-tħawwil mir-riżerva

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet minn riżerva:

   (a) mingħajr ħlas, lill-produtturi li jkollhom inqas minn 40 sena, li jkollhom ħiliet u kompetenzi tas-sengħa adegwati, li jkunu qegħdin jistabbilixxu ruħhom għall-ewwel darba u li jkunu stabbiliti bħala l-kap tal-impriża;

   (b) bi ħlas lill-fondi nazzjonali jew, fejn xieraq, lill-fondi reġjonali, lill-produtturi li jkunu beħsiebhom jużaw id-drittijiet sabiex iħawlu vinji li l-produzzjoni tagħhom ikollha post tal-bejgħ żgurat.

   L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kriterji għall-iffissar tal-ammonti tal-ħlas imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, li jistgħu jvarjaw skont il-prodott finali maħsub tal-vinji kkonċernati u skont il-perjodu tranżizzjonali li jkun għad fadal li matulu tapplika l-projbizzjoni fuq it-tħawwil il-ġdid, kif previst fl-Artikolu 89(1) u(2).

2. Meta jintużaw drittijiet għat-tħawwil mogħtija minn riżerva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

   (a) il-post, il-varjetajiet u t-tekniki ta' kultivazzjoni użati jiżguraw li l-produzzjoni sussegwenti hija adattata għad-domanda tas-suq;

   (b) l-ammonti tal-produzzjoni kkonċernati huma ammonti tipiċi tal-medja għal dak ir-reġjun, b'mod partikulari meta d-drittijiet għat-tħawwil li oriġinaw f'żoni li ma jissaqqewx jintużaw f'żoni li jissaqqew.

3. Id-drittijiet għat-tħawwil mogħtija minn riżerva li ma jintużawx qabel tmiem it-tieni sena tal-inbid wara dik li matulha jkunu ngħataw għandhom jintilfu u għandhom jerġgħu jiġu allokati lir-riżerva.

4. Id-drittijiet għat-tħawwil f'riżerva li ma jerġgħux jingħataw qabel tmiem il-ħames sena tal-inbid wara li jkunu ġew allokati lir-riżerva għandhom jispiċċaw.

5. Jekk fi Stat Membru jkunu jeżistu riżervi reġjonali, l-Istat Membru jista' jistabbilixxi regoli li jippermettu t-trasferiment tad-drittijiet għat-tħawwil bejn ir-riżervi reġjonali. Jekk fi Stat Membru jkunu jeżistu kemm riżervi reġjonali kif ukoll riżerva nazzjonali, l-Istat Membru jista' jippermetti wkoll it-trasferiment bejn dawk ir-riżervi.

   It-trasferimenti jistgħu jkunu suġġetti għal koefficjent ta' tnaqqis.

Artikolu 94

De minimis

Din is-Sottotaqsima m'għandhiex tapplika fi Stati Membri li fihom ir-reġim Komunitarju tad-dritt għat-tħawwil ma kienx japplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 95

Regoli nazzjonali aktar stretti

L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti għall-għoti tad-drittijiet għal tħawwil ġdid jew għall-għoti tad-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid. Huma jistgħu jitolbu li mal-applikazzjonijiet rispettivi u l-informazzjoni rilevanti li għandha tingħata fihom tiżdied informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-potenzjal tal-produzzjoni.

Artikolu 96

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiġi evitata żieda fil-potenzjal tal-produzzjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati,

   (a) tistabbilixxi lista ta' sitwazzjonijiet li fihom il-qlugħ tad-dwieli ma jiġġenerax drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid;

   (b) tadotta regoli dwar it-trasferimenti tad-drittijiet għat-tħawwil bejn ir-riżervi;

   (c) tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' nbid jew prodotti tad-dwieli li jkunu maħsubin biss għall-konsum mill-familja ta' min ikabbar id-dwieli.

2. Sabiex il-produtturi li jkunu involuti fil-qlugħ tad-dwieli jiġu ttrattati bl-istess mod, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli sabiex tiżgura l-effikaċja tal-qlugħ tad-dwieli f'każijiet fejn jingħataw drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid.

3. Sabiex jitħarsu l-fondi tal-Unjoni u l-identità, il-provenjenza u l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

   (a) tipprovdi għall-istabbiliment ta' bank tad-dejta analitiku ta' dejta isotopika li se jgħin sabiex jiġi identifikat il-frodi u li għandu jissejjes fuq kampjuni miġbura mill-Istati Membri; u għal regoli dwar il-banek tad-dejta tal-Istati Membri stess;

   (b) tadotta regoli dwar l-entitajiet ta' kontroll u l-għajnuna reċiproka ta' bejniethom;

   (c) tadotta regoli dwar l-użu komuni tas-sejbiet tal-Istati Membri;

   (d) tadotta regoli dwar it-trattament tas-sanzjonijiet fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali.

Artikolu 97

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima, fosthom regoli dwar:

(a) l-għoti ta' drittijiet għal tħawwil ġdid, inkluż l-obbligi tar-reġistrazzjoni u tal-komunikazzjoni;

(b) it-trasferiment tad-drittijiet għat-tħawwil mill-ġdid, inkluż il-koeffiċjent tat-tnaqqis;

(c) ir-reġistri li għandhom jinżammu mill-Istati Membri u n-notifiki lill-Kummissjoni, inkluża l-għażla possibbli ta' sistema ta' riżervi;

(d) l-għoti ta' drittijiet għat-tħawwil mir-riżerva;

(e) il-kontrolli li l-Istati Membri għandhom iwettqu u r-rappurtar tal-informazzjoni dwar dawn il-kontrolli lill-Kummissjoni;

(f) il-komunikazzjoni mill-Istati Membri dwar il-ħsieb li japplikaw l-Artikolu 89(5) fit-territorju tagħhom.

SOTTOTAQSIMA III

REGOLI DWAR IL-KUMMERĊJALIZZAZJONI LI GĦANDHOM L-GĦAN LI JTEJBU U JISTABBILIZZAW IT-TĦADDIM TAS-SUQ KOMUNI TAL-INBEJJED

Artikolu 98

Regoli dwar il-kummerċjalizzazjoni li għandhom l-għan li jtejbu u jistabbilizzaw it-tħaddim tas-suq komuni tal-inbejjed

1. Sabiex itejbu u jistabbilizzaw it-tħaddim tas-suq komuni tal-inbejjed, inklużi l-għeneb, il-most u l-inbejjed li minnhom jiġu, l-Istati Membri produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni sabiex jirregolaw il-provvista, b'mod partikulari permezz ta' deċiżjonijiet meħudin mill-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur imsemmija fl-Artikoli 210(3) u 227.

   Dawn ir-regoli għandhom ikunu proporzjonati mal-għan mixtieq u m'għandhomx:

   (a) ikunu marbutin ma' xi tranżazzjoni wara l-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodott ikkonċernat;

   (b) jippermettu l-iffissar tal-prezzijiet, inkluż ta' prezzijiet li jkunu stabbiliti bħala gwida jew rakkomandazzjoni;

   (c) iġibu mhux disponibbli proporzjon eċċessiv tal-ħsad li mill-bqija kien ikun disponibbli;

(d) jipprovdu l-ambitu għar-rifjut tal-ħruġ taċ-ċertifikati nazzjonali u tal-Unjoni meħtieġa għaċ-ċirkolazzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-inbejjed meta t-tali kummerċjalizzazzjoni ssir skont dawk ir-regoli.

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-operaturi permezz ta' pubblikazzjoni fit-tul f'pubblikazzjoni uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-obbligu tar-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 227(3) għandu japplika wkoll fir-rigward tad-deċiżjonijiet jew tal-azzjonijiet li jittieħdu mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu.

KAPITOLU IV

Skemi tal-għajnuna

TAQSIMA I

RIFUŻJONI TAL-PRODUZZJONI FIS-SETTUR TAZ-ZOKKOR

Artikolu 99

Rifużjoni tal-produzzjoni

1. Tista' tingħata rifużjoni tal-produzzjoni għall-prodotti tas-settur taz-zokkor imniżżlin fil-punti (b) sa (e) tal-Parti III tal-Anness I jekk iz-zokkor żejjed jew iz-zokkor importat, l-isoglukożju żejjed jew il-ġulepp tal-inulina żejjed ma jkunux disponibbli bi prezz li jikkorrispondi mal-prezz dinji għall-manifattura tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 55(2)(b) u (c).

2. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-istabbiliment tar-rifużjoni tal-produzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

Artikolu 100

Kundizzjonijiet għall-għoti

Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq taz-zokkor barra mill-kwota fl-Unjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta l-kundizzjonijiet għall-għoti tar-rifużjonijiet tal-produzzjoni msemmija f'din it-Taqsima.

TAQSIMA II

GĦAJNUNA FIS-SETTUR TAL-ĦALIB U L-PRODOTTI TAL-ĦALIB

SOTTOTAQSIMA I

GĦAJNUNA GĦAL UŻU SPEĊJALI

Artikolu 101

Għajnuna għall-ħalib xkumat u għat-trab tal-ħalib xkumat għall-użu bħala għalf

1. Meta jakkumulaw ammonti żejda ta' prodotti tal-ħalib jew ikun hemm ċans li dan iseħħ, u b'hekk joħolqu jew probabbli jkunu se joħolqu żbilanċ serju fis-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li għandha tingħata għajnuna għall-ħalib xkumat u għat-trab tal-ħalib xkumat prodott fl-Unjoni u maħsub għall-użu bħala għalf, b'kundizzjonijiet u skont standards tal-prodotti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 103.

   Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, ix-xorrox tal-butir u t-trab tax-xorrox tal-butir għandhom jitqiesu bħala ħalib xkumat u trab tal-ħalib xkumat.

2. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-istabbiliment tal-ammonti tal-għajnuna skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

Artikolu 102

Għajnuna għall-ħalib xkumat ipproċessat f'kaseina u kaseinati

1. Meta jakkumulaw ammonti żejda ta' prodotti tal-ħalib jew ikun hemm ċans li dan iseħħ, u b'hekk joħolqu jew probabbli jkunu se joħolqu żbilanċ serju fis-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li għandha tingħata għajnuna għall-ħalib xkumat prodott fl-Unjoni u pproċessat f'kaseina u f'kaseinati, b'kundizzjonijiet u skont standards tal-prodotti tat-tali ħalib u tal-kaseina u tal-kaseinati prodotti minnu li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 103.

2. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-istabbiliment tal-ammonti tal-għajnuna skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

Artikolu 103

Setgħat iddelegati

1. Sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tal-għajnuna msemmija fl-Artikoli 101 u 102, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-prodotti li jistgħu jibbenefikaw minn dik l-għajnuna u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-istandards marbutin mal-użu tal-prodotti u mal-approvazzjoni u mal-irtirar tal-approvazzjoni ta' impriżi li jużaw il-prodotti biex jitolbu għall-għajnuna.

2. Sabiex ikun żgurat li l-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat li għalih tkun qed tingħata l-għajnuna kif previst fl-Artikoli 101 u 102 jintuża għall-għanijiet maħsubin, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddeċiedi dwar ir-reġistri li l-impriżi għandhom iżommu.

3. Sabiex ikun żgurat li l-operaturi jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati:

   (a) għandha titlob li tingħata garanzija f'każ li għajnuna titħallas bil-quddiem u meta l-operaturi jieħdu sehem fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat minn intervent pubbliku;

   (b) tista' tintroduċi penali f'każijiet fejn l-operaturi ma jkunux konformi mar-regoli tal-iskema jew f'każijiet fejn l-ammont mitlub u mħallas ikun ogħla minn dak dovut.

Artikolu 104

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa marbutin mal-Artikoli 101 u 102, u b'mod partikulari tistabbilixxi:

(a) l-aġġustamenti li għandhom isiru għar-rata tal-għajuna fuq il-bażi tal-kwalità tal-ħalib xkumat użat;

(b) ir-rekwiżiti tal-ippakkjar, l-informazzjoni li trid tidher fuq il-pakketti, u r-rekwiżiti għall-prodotti li jinġarru fi kwantitajiet kbar;

(c) ir-rekwiżiti għat-twassil tal-għalf;

(d) il-kontrolli u l-ispezzjonijiet li l-Istati Membri għandhom iwettqu u t-testijiet analitiċi li għandhom jintużaw;

(e) il-proċeduri għall-applikazzjonijiet, għall-pretensjonijiet u għall-ħlas tal-għajnuna;

(f) il-proċeduri li japplikaw meta t-trab tal-ħalib xkumat jiġi rrilaxxat mill-intervent pubbliku sabiex jintuża bħala għalf.

SOTTOTAQSIMA II

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĠOBON

Artikolu 105

L-użu tal-kaseina u tal-kaseinati fil-manifattura tal-ġobon

1. Meta l-għajnuna titħallas skont l-Artikolu 102, l-użu tal-kaseina u tal-kaseinati fil-manifattura tal-ġobon jista' jkun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel li għandha tingħata biss jekk it-tali użu jkun meħtieġ għall-manifattura tal-prodotti.

2. Għall-għanijiet ta' din is-Sottotaqsima:

   (a) "ġobon" tfisser il-prodotti koperti mill-kodiċi tan-NM bin-numru 0406 u mmanifatturati fit-territorju tal-Unjoni;

   (b) "kaseina u kaseinati" tfisser il-prodotti koperti mill-kodiċijiet tan-NM bin-numri 3501 10 90 u 3501 90 90 u użati bħala tali jew fil-forma ta' taħlita.

Artikolu 106

Setgħat iddelegati

Sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 102, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli:

(a) li jagħmlu l-użu tal-kaseina u tal-kaseinati msemmija fl-Artikolu 105 suġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel;

(b) li jillimitaw l-użu tal-kaseina u tal-kaseinati għall-ogħla perċentwal ta' kaseina u ta' kaseinati li għandhom jiddaħħlu fil-ġobon fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi wara li jkun tqies dak kollu li huwa meħtieġ teknoloġikament;

(c) li jistabbilixxu penali għall-użu ta' kaseina u ta' kaseinati mingħajr awtorizzazzjoni.

Artikolu 107

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa dwar l-użu tal-kaseina u tal-kaseinati msemmija fl-Artikolu 105, inklużi b'mod partikulari:

(a) il-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri għandhom jagħtu l-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-kaseina u tal-kaseinati;

(b) l-obbligi li l-impriżi awtorizzati skont il-punt (a) għandhom iħarsu;

(c) il-kontrolli u l-ispezzjonijiet li l-Istati Membri għandhom iwettqu u r-reġistri li għandhom jinżammu.

SOTTOTAQSIMA III

GĦAJNUNA GĦALL-PROVVISTA TA' PRODOTTI TAL-ĦALIB LILL-ISTUDENTI

Artikolu 108

Provvista ta' prodotti tal-ħalib lill-istudenti

1. L-għajnuna tal-Unjoni għandha tingħata biex l-istudenti fi stabbilimenti edukattivi jingħataw ċerti prodotti tal-ħalib ipproċessat li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0401, 0403, 0404 90 u 0406 jew fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 2202 90.

2. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-għajnuna tal-Unjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1, jagħtu għajnuna nazzjonali biex il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jingħataw lill-istudenti fi stabbilimenti edukattivi. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw l-għajnuna nazzjonali tagħhom permezz ta' imposta fuq is-settur tal-ħalib jew permezz ta' kwalunkwe kontribut ieħor mis-settur tal-ħalib.

3. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-iffissar tal-għajnuna tal-Unjoni għall-ħalib kollu skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

4. L-għajnuna tal-Unjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq kwantità massima ta' 0.25 litru ta' ekwivalenti tal-ħalib għal kull student u għal kull jum.

Artikolu 109

Setgħat iddelegati

1. Sabiex jitqiesu l-evoluzzjoni fix-xejriet tal-konsum tal-prodotti tal-ħalib u l-innovazzjonijiet u l-iżviluppi fis-suq tal-prodotti tal-ħalib, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi l-prodotti msemmija fl-Artikolu 108(1).

2. Sabiex tiżgura li l-benefiċjarji u l-applikanti xierqa jkunu jikkwalifikaw għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 108(1), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna.

   Sabiex tiżgura li l-applikanti jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri sabiex tevita każijiet ta' frodi u irregolaritajiet, fosthom:

   (a) is-sospensjoni tad-dritt li wieħed jieħu sehem fl-iskema tal-għajnuna,

   (b) l-għoti ta' garanzija li tiżgura t-twettiq f'każijiet fejn titħallas għajnuna bil-quddiem, u

(c) l-applikazzjoni ta' penali sabiex tkun evitata mġiba qarrieqa.

3. Sabiex tiżgura li l-għajnuna tintwera fil-prezz li bih il-prodotti jkunu disponibbli skont l-iskema tal-għajnuna, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi regoli dwar l-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-prezzijiet skont l-iskema tal-għajnuna.

4. Sabiex tippromwovi l-għarfien dwar l-iskema tal-għajnuna, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, teħtieġ li l-istabbilimenti edukattivi jikkomunikaw ir-rwol tal-Unjoni li tagħti sussidju lill-iskema.

Artikolu 110

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa, b'mod partikulari dwar:

(a) il-kwantità massima eliġibbli għall-għajnuna;

(b) il-ġestjoni tal-monitoraġġ tal-prezzijiet skont l-Artikolu 109(3);

(c) l-approvazzjoni tal-applikanti, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-ħlasijiet;

(d) il-kontrolli;

(e) il-metodi ta' kif ikun hemm riklamar dwar l-iskema;

(f) in-notifika tal-informazzjoni lill-Kummissjoni.

TAQSIMA IV

GĦAJNUNA FIS-SETTUR TAL-ĦOPS

Artikolu 111

Ghajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. L-Unjoni għandha tiffinanzja ħlas lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħops li huma rrikonoxxuti skont l-Artikolu 209 sabiex jiġu ffinanzjati l-għanijiet imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. Il-finanzjament annwali tal-Unjoni sabiex jitħallsu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kif previst fil-paragrafu 1 għandu jkun, għall-Ġermanja, ta' EUR 2 277 000.

Artikolu 112

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura li l-għajnuna tiffinanzja l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 209, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, inklużi regoli dwar id-dati tal-iskadenza u d-dokumenti ta' akkumpanjament;

(b) id-dritt għall-għajnuna, inklużi regoli dwar iż-żoni tal-ħops li huma eliġibbli u l-kalkolu tal-ammonti li għandhom jitħallsu lil kull organizzazzjoni tal-produtturi;

(c) is-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' ħlas mhux dovut.

Artikolu 113

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima dwar:

(a) il-ħlas tal-għajnuna;

(b) il-kontrolli u l-ispezzjonijiet.

TAQSIMA V

GĦAJNUNA FIS-SETTUR TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA U TAŻ-ŻEBBUĠ TAL-MEJDA

Artikolu 114

Għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-operaturi

1. L-Unjoni għandha tiffinanzja l-programmi ta' ħidma ta' tliet snin li għandhom jitfasslu mill-organizzazzjonijiet tal-operaturi kif iddefinit fl-Artikolu 212 f'wieħed mill-oqsma li ġejjin jew aktar:

   (a) is-segwitu tas-suq u l-ġestjoni amministrattiva fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda;

   (b) it-titjib tal-impatti ambjentali tal-kultivazzjoni taż-żebbuġ;

   (c) it-titjib tal-kwalità tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda;

   (d) is-sistema ta' traċċabbiltà, iċ-ċertifikazzjoni u l-protezzjoni tal-kwalità taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, b'mod partikulari l-monitoraġġ tal-kwalità taż-żjut taż-żebbuġa mibjugħin lill-konsumaturi finali, taħt l-awtorità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali;

(e) it-tixrid tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqin mill-organizzazzjonijiet tal-operaturi bil-għan li titjieb il-kwalità taż-żejt taż-żebbuġa.

2. Il-finanzjament tal-Unjoni għal kull sena tal-programmi ta' ħidma għandu jkun:

(a) ta' EUR 11 098 000 għall-Greċja;

(b) ta' EUR 576 000 għal Franza; u

(c) ta' EUR 35 991 000 għall-Italja.

3. Il-finanzjament massimu tal-Unjoni għall-programmi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun daqs il-parti tal-ammonti miżmuma mill-Istati Membri. Dan il-finanzjament għandu jingħata għall-ispiża eliġibbli u għandu jkun ta' ammont massimu ta':

(a) 100 % għall-attivitajiet fl-oqsma msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1;

(b) 100 % għall-investimenti f'assi fissi u 75 % għall-attivitajiet l-oħra fil-qasam imsemmi fil-punt (ċ) tal-paragrafu 1;

(c) 75 % għall-programmi ta' ħidma mwettqin f'mill-inqas tliet pajjiżi terzi jew Stati Membri li mhumiex produtturi minn organizzazzjonijiet tal-operaturi approvati li ġejjin minn tal-inqas żewġ Stati Membri produtturi, fl-oqsma msemmija fil-punti (d) u (e) tal-paragrafu 1, u 50 % għall-attivitajiet l-oħra f'dawn l-oqsma.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament kumplimentari għal dan, li jkun jammonta għal mhux aktar minn 50 % tal-ispejjeż li mhumiex koperti mill-finanzjament tal-Unjoni.

4. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika li l-Kummissjoni tista' tadotta skont l-Artikolu 318, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-fondi tal-Unjoni jkunu ssodisfati. Għal dak il-għan, huma għandhom iwettqu verifika tal-programmi ta' ħidma u pjan li jinvolvi l-iċċekkjar ta' kampjun, deċiż abbażi ta' analiżi tar-riskju u li jkun jinkludi tal-inqas 30 %, kull sena, tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet tal-operaturi l-oħrajn kollha li jkunu qed jirċievu fondi tal-Unjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 115

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura li l-għajnuna li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 114 tissodisfa l-għanijiet tagħha li ttejjeb il-kwalità tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-operaturi, u għas-sospensjoni jew l-irtirar ta' din l-approvazzjoni;

(b) il-miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni;

(c) l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni għal miżuri partikulari;

(d) l-attivitajiet u l-ispejjeż li mhumiex eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni;

(e) l-għażla u l-approvazzjoni tal-programmi ta' ħidma.

2. Sabiex tiżgura li l-operaturi jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, teħtieġ:

(a) li tingħata garanzija meta titħallas għajnuna bil-quddiem;

(b) li jiġu applikati sanzjonijiet f'każ li jinstabu xi irregolaritajiet.

Artikolu 116

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima dwar:

(a) il-monitoraġġ tal-infiq tal-programm;

(b) it-twettiq tal-programmi ta' ħidma u l-emendi għal dawn il-programmi;

(c) il-ħlas tal-għajnuna, inkluż il-ħlas tal-għajnuna bil-quddiem;

(d) ir-rappurtar mill-benefiċjarji dwar il-programmi ta' ħidma;

(e) il-kontrolli u l-ispezzjonijiet;

(f) ir-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

TAQSIMA VI

GHAJNUNA FIS-SETTUR TAL-FROTT U L-ĦAXIX

SOTTOTAQSIMA I

GRUPPI TA' PRODUTTURI

Artikolu 117

Għajnuna lill-gruppi ta' produtturi

1. Matul il-perjodu tranżizzjonali awtorizzat skont l-Artikolu 217, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-gruppi ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix li jkunu ġew iffurmati bil-ħsieb li jkunu rrikonoxxuti bħala organizzazzjoni tal-produtturi:

   (a) għajnuna sabiex tiġi nkuraġġuta l-formazzjoni tagħhom u jkun iffaċilitat it-tħaddim amministrattiv tagħhom;

   (b) għajnuna, mogħtija jew direttament jew permezz ta' istituzzjonijiet tal-kreditu, biex tkopri parti mill-investimenti meħtieġa sabiex dawn jiksbu rikonoxximent li jkunu stabbiliti fil-pjan ta' rikonoxximent imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 217(1).

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha titħallas lura mill-Unjoni skont ir-regoli dwar il-finanzjament tat-tali għajnuna, inklużi l-limiti, il-limiti massimi u l-livell ta' finanzjament tal-Unjoni, li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 118.

3. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tiġi stabbilita għal kull grupp ta' produtturi fuq il-bażi tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tiegħu u għandha tammonta, għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sena, għal:

   (a) 10 %, 10 %, 8 %, 6 % u 4 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara rispettivament; u

   (b) 5 %, 5 %, 4 %, 3 % u 2 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006[20] rispettivament.

   Dawk ir-rati perċentwali jistgħu jitnaqqsu għall-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata li taqbeż il-limitu. Fi kwalunkwe sena jista' jiġi applikat limitu massimu fuq l-għajnuna li tista' titħallas lil grupp ta' produtturi.

---

[20] ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1.

Artikolu 118

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura l-użu effiċjenti u mmirat tal-appoġġ lill-gruppi ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) il-finanzjament tal-pjanijiet ta' rikonoxximent ta' grupp ta' produtturi;

(b) il-limiti u l-limiti massimi tal-għajnuna u l-livell ta' kofinanzjament min-naħa tal-Unjoni;

(c) il-bażi għall-kalkolu tal-għajnuna, inkluż il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' grupp ta' produtturi;

(d) l-eliġibbiltà tal-gruppi ta' produtturi;

(e) l-attivitajiet ewlenin ta' grupp ta' produtturi;

(f) il-kontenut tal-pjanijiet ta' rikonoxximent u t-tressiq u l-approvazzjoni tagħhom;

(g) il-kundizzjonijiet li bihom il-gruppi ta' produtturi jistgħu jitolbu biex isir tibdil fil-pjanijiet ta' rikonoxximent;

(h) l-għajnuna għall-investimenti;

(i) l-għaqda flimkien ta' gruppi ta' produtturi u l-kontinwità tal-għajnuna.

Artikolu 119

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima dwar:

(a) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, inkluż il-ħlas tal-għajnuna;

(b) l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rikonoxximent;

(c) il-konsegwenzi tar-rikonoxximent.

SOTTOTAQSIMA II

FONDI OPERATTIVI U PROGRAMMI OPERATTIVI

Artikolu 120

Fondi operattivi

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix jistgħu jistabbilixxu fond operattiv. Il-fond għandu jkun iffinanzjat:

   (a) mill-kontributi finanzjarji tal-membri jew tal-organizzazzjoni tal-produtturi nfisha;

   (b) mill-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li tista' tingħata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti delegati u fl-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 126 u 127.

2. Il-fondi operattivi għandhom jintużaw biss biex jiffinanzjaw il-programmi operattivi approvati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 125.

Artikolu 121

Programmi operattivi

1. Il-programmi operattivi fis-settur tal-frott u l-ħaxix għandu jkollhom tnejn mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 209(c) jew mill-għanijiet li ġejjin, jew aktar:

   (a) l-ippjanar tal-produzzjoni;

   (b) it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

   (c) it-titjib tal-valur kummerċjali tal-prodotti;

   (d) il-promozzjoni tal-prodotti, kemm jekk ikunu friski kif ukoll jekk ikunu pproċessati;

   (e) miżuri ambjentali u metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluża l-biedja organika;

   (f) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

2. Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet għandhom ikunu marbutin mal-evitar u mat-trattar ta' kriżijiet fis-swieq tal-frott u l-ħaxix u għandhom ikopru f'dan il-kuntest:

   (a) l-irtirar mis-suq;

   (b) il-ħsad bikri jew il-fatt li ma jsirx ħsad ta' frott u ħaxix;

(c) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni;

(d) il-miżuri tat-taħriġ;

(e) l-assigurazzjoni tal-ħsad;

(f) l-appoġġ għall-ispejjeż amministrattivi biex jiġu stabbiliti fondi mutwi.

Il-miżuri ta' prevenjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, inkluż kwalunkwe ħlas lura ta' kapital u ta' imgħax kif imsemmi fit-tielet subparagrafu, m'għandhomx jinkludu aktar minn terz tan-nefqa skont il-programm operattiv.

Sabiex jiffinanzjaw il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jieħdu self b'termini kummerċjali. F'dan il-każ, il-ħlas lura tal-kapital u tal-imgħax fuq dan is-self jista' jifforma parti mill-programm operattiv u għalhekk jista' jkun eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont l-Artikolu 122. Kwalunkwe azzjoni speċifika taħt il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet għandha tkun iffinanzjata jew b'self bħal dan jew direttament, iżda mhux biż-żewġ modi.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjoni:

(a) li l-programmi operattivi jkunu jinkludu żewġ azzjonijiet ambjentali jew aktar; jew

(b) li tal-inqas 10 % tal-infiq skont il-programmi operattivi jkun ikopri azzjonijiet ambjentali.

L-azzjonijiet ambjentali għandhom iħarsu r-rekwiżiti għall-ħlasijiet agroambjentali stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 39(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

F'każijiet fejn mill-inqas 80 % tal-membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi li jkunu produtturi jkunu suġġetti għal impenn agroambjentali identiku wieħed jew aktar skont dik id-dispożizzjoni, kull wieħed minn dawk l-impenji għandu jgħodd bħala azzjoni ambjentali kif imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

L-appoġġ għall-azzjonijiet ambjentali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkopri l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li ġejjin mill-azzjoni.

[4. Fil-Bulgarija u fir-Rumanija, il-paragrafu 3 għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2011.]

5. L-investimenti li jżidu l-pressjoni ambjentali għandhom ikunu permessi biss f'sitwazzjonijiet fejn ikunu ġew stabbiliti salvagwardji effettivi sabiex l-ambjent jitħares minn dawn il-pressjonijiet.

Artikolu 122

Għajnuna finanzjarja tal-Unjoni

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun daqs l-ammont tal-kontributi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 120(1)(a) hekk kif ikunu tħallsu fil-verità, iżda għandha tkun limitata għal 50 % tan-nefqa effettiva mġarrba.

2. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandu jkollha limitu massimu ta' 4.1 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi.

   Madankollu, dak il-perċentwal jista' jiżdied għal 4.6 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata dejjem jekk l-ammont li jaqbeż l-4.1 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata jintuża biss għall-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

3. Fuq talba ta' organizzazzjoni tal-produtturi, il-perċentwal li dwaru hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 60 % għal programm operattiv jew għal parti minn programm operattiv meta dan ikun jissodisfa tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) meta jitressaq minn diversi organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni li jkunu qegħdin joperaw fi Stati Membri differenti fuq skemi transnazzjonali;

   (b) meta jitressaq minn organizzazzjoni tal-produtturi waħda jew aktar li tkun involuta fi skemi mħaddma fuq bażi li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur;

   (c) meta jkun ikopri biss appoġġ speċifiku għall-produzzjoni ta' prodotti organiċi koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[21];

   (d) meta jitressaq minn organizzazzjoni tal-produtturi f'wieħed mill-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, għal miżuri li ma jibqgħux għaddejjin sa aktar tard minn tmiem l-2013;

   (e) meta jkun l-ewwel wieħed imressaq minn organizzazzjoni tal-produtturi rrikonoxxuta li tkun ingħaqdet ma' organizzazzjoni tal-produtturi rrikonoxxuta oħra;

   (f) meta jkun l-ewwel wieħed imressaq minn assoċjazzjoni rrikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;

   (g) meta jitressaq minn organizzazzjonijiet tal-produtturi fi Stati Membri li fihom l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkummerċjalizzaw inqas minn 20 % tal-produzzjoni tal-frott u l-ħaxix;

   (h) meta jitressaq minn organizzazzjoni tal-produtturi f'wieħed mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni;

---

[21] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

(i) meta jkun ikopri biss appoġġ speċifiku għal azzjonijiet biex jippromwovu l-konsum tal-frott u l-ħaxix immirati lejn it-tfal fl-istabbilimenti edukattivi.

4. Il-perċentwal li dwaru hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 100 % fil-każ tal-irtirar mis-suq ta' frott u ħaxix li ma għandux jaqbeż il-5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi u li wieħed jeħles minnhom billi:

(a) jqassamhom b'xejn lil organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet tal-karità li huma approvati f'dan is-sens mill-Istati Membri, għall-użu fl-attivitajiet tagħhom biex jgħinu lil persuni li għandhom dritt għall-għajnuna pubblika li huwa rrikonoxxut mil-liġi nazzjonali, b'mod partikulari minħabba li m'għandhomx il-mezzi meħtieġa biex jgħixu;

(b) jqassamhom b'xejn lil istituzzjonijiet penali, skejjel u istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi u lil kampijiet tal-btala tat-tfal kif ukoll lil sptarijiet u djar tal-anzjani maħtura mill-Istati Membri, li għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kwantitajiet imqassmin b'dan il-mod ikunu addizzjonali għall-kwantitajiet li normalment jinxtraw mit-tali stabbilimenti.

Artikolu 123

Għajnuna finanzjarja nazzjonali

1. F'reġjuni tal-Istati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix ikun partikularment baxx, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq talba debitament sostanzjata, li jħallsu lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi għajnuna finanzjarja nazzjonali li tkun daqs ammont massimu ta' 80 % tal-kontributi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 120(1)(a). Din l-għajnuna għandha tkun addizzjonali għall-fond operattiv.

2. F'reġjuni tal-Istati Membri fejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkummerċjalizzaw inqas minn 15 % mill-valur tal-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix u li fihom il-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix tirrappreżenta tal-inqas 15 % tal-produzzjoni agrikola kollha tagħhom, l-għajnuna finanzjarja nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tista' titħallas lura mill-Unjoni fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar dak il-ħlas lura permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Artikolu 124

Qafas nazzjonali u strateġija nazzjonali għall-programmi operattivi

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas nazzjonali sabiex ifasslu l-kundizzjonijiet ġenerali marbutin mal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 121(3). Dan il-qafas għandu jipprovdi, b'mod partikulari, li t-tali azzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti x-xierqa tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, inkluži dawk dwar il-kumplimentarjetà, il-konsistenza u l-konformità mogħtija fl-Artikolu 5 tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-qafas propost tagħhom lill-Kummissjoni li, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tista' titlob li jsiru xi bidliet fi żmien tliet xhur jekk issib li l-proposta ma tippermettix li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 191 tat-Trattat u fis-sitt programm ta' azzjoni ambjentali tal-Unjoni. L-investimenti f'impriżi individwali appoġġati minn programmi operattivi wkoll għandhom iħarsu dawk l-għanijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija nazzjonali għal programmi operattivi sostenibbli fis-suq tal-frott u l-ħaxix. Strateġija bħal din għandha tipprovdi għall-elementi li ġejjin:

(a) analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' punti tajba u ħżiena u tal-potenzjal għall-iżvilupp;

(b) ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet magħżula;

(c) l-għanijiet tal-programmi operattivi, kif ukoll l-istrumenti u l-indikaturi tal-prestazzjoni;

(d) valutazzjoni tal-programmi operattivi;

(e) obbligi ta' rappurtar għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

L-istrateġija nazzjonali għandha tintegra fiha wkoll il-qafas nazzjonali msemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal Stati Membri li m'għandhomx organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti.

Artikolu 125

Approvazzjoni tal-programmi operattivi

1. L-abbozzi tal-programmi operattivi għandhom jitressqu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li għandhom japprovawhom jew jirrifjutawhom jew jitolbu li jinbidlu skont id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sottotaqsima.

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-ammont stmat tal-fond operattiv għal kull sena u għandhom iressqu raġunijiet xierqa għal dan, ibbażati fuq stimi tal-programmi operattivi, fuq in-nefqa għas-sena attwali u possibbilment in-nefqa għas-snin ta' qabel u, jekk ikun meħtieġ, fuq il-kwantitajiet ta' produzzjoni stmati għas-sena ta' wara.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-organizzazzjoni tal-produtturi jew lill-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi bl-ammont stmat tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 122.

4. Il-ħlasijiet tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandhom isiru abbażi tan-nefqa mġarrba għall-iskemi koperti mill-programm operattiv. Jistgħu jsiru ħlasijiet bil-quddiem għall-istess skemi, suġġetti għall-għoti ta' garanzija jew ta' sigurtà.

5. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tgħarraf lill-Istat Membru bl-ammont finali tan-nefqa għas-sena ta' qabel, u għandha tibgħat miegħu l-provi dokumentati meħtieġa, sabiex tkun tista' tirċievi l-bilanċ tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni.

6. Il-programmi operattivi u l-finanzjament tagħhom mill-produtturi u mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, minn naħa waħda, u mill-fondi tal-Unjoni, min-naħa l-oħra, għandhom idumu għal perjodu minimu ta' tliet snin u perjodu massimu ta' ħames snin.

Artikolu 126

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura li jingħata appoġġ effiċjenti, immirat u sostenibbli lill-organizazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) il-fondi operattivi u l-programmi operattivi, fosthom regoli dwar:

(i) il-finanzjament u l-użu tal-fondi operattivi;

(ii) il-kontenut, l-approvazzjoni u l-bidla tal-programmi operattivi;

(iii) l-eliġibbiltà tal-miżuri, tal-azzjonijiet jew tan-nefqa skont programm operattiv u r-regoli nazzjonali kumplimentari f'dan ir-rigward;

(iv) ir-relazzjoni bejn il-programmi operattivi u l-programmi għall-iżvilupp rurali;

(v) il-programmi operattivi parzjali;

(vi) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi;

(b) il-qafas nazzjonali u l-istrateġija nazzjonali għall-programmi operattivi, fosthom regoli dwar:

(i) l-istruttura u l-kontenut ta' qafas nazzjonali u ta' strateġija nazzjonali;

(ii) il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-komunikazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas nazzjonali u mal-istrateġiji nazzjonali;

(c) l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni, fosthom regoli dwar:

(i) il-bażi għall-kalkoku tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni, b'mod partikulari l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

(ii) il-perjodi ta' referenza applikabbli għall-kalkolu tal-għajnuna;

(iii) it-tnaqqis tad-drittijiet għall-għajnuna finanzjarja f'każ ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna li jintbagħtu tard;

(iv) l-għoti ta' garanziji u t-telf tagħhom fil-każ ta' ħlasijiet bil-quddiem;

(d) il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom regoli dwar:

(i) l-għażla tal-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

(ii) id-definizzjoni tal-irtirar mis-suq;

(iii) id-destinazzjonijiet tal-prodotti rtirati;

(iv) l-appoġġ massimu għall-irtirar mis-suq;

(v) in-notifiki minn qabel fil-każ tal-irtirar mis-suq;

(vi) il-kalkolu tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fil-każ tal-irtirar;

(vii) il-wiri tal-emblema Ewropea fuq il-pakketti tal-prodotti li jkunu se jitqassmu b'xejn;

(viii) il-kundizzjonijiet għal min jirċievi l-prodotti rtirati;

(ix) id-definizzjonijiet tal-ħsad bikri u ta' meta ma jsirx ħsad;

(x) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ħsad bikri u ta' meta ma jsirx ħsad;

(xi) l-għanijiet tal-assigurazzjoni tal-ħsad;

(xii) id-definizzjoni ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp;

(xii) il-kundizzjonijiet għall-appoġġ għall-ispiża amministrattiva biex jiġu stabbiliti fondi mutwi;

(e) l-għajnuna finanzjarja nazzjonali, fosthom regoli dwar:

(i) il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

(ii) il-bidliet tal-programmi operattivi;

(iii) it-tnaqqis tad-drittijiet għall-għajnuna finanzjarja f'każ ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja li jintbagħtu tard;

(iv) l-għoti ta' garanziji u r-rilaxx u t-telf tagħhom fil-każ ta' ħlasijiet bil-quddiem;

(v) il-proporzjon massimu ta' ħlas lura mill-Unjoni għall-għajnuna finanzjarja nazzjonali.

Artikolu 127

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima dwar:

(a) il-ġestjoni tal-fondi operattivi u l-komunikazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-ammonti stmati tal-fondi operattivi;

(b) it-tressiq tal-programmi operattivi, inklużi l-limiti taż-żmien u d-dokumenti ta' akkumpanjament meħtieġa;

(c) il-format tal-programmi operattivi;

(d) il-ġestjoni tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali u tal-programmi operattivi skont l-Artikolu 126(a)(vi);

(e) il-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi dwar l-ammonti tal-għajnuna approvata;

(f) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-ħlasijiet tal-għajnuna, inklużi l-ħlasijiet bil-quddiem u l-ħlasijiet parzjali tal-għajnuna;

(g) is-self biex jiġu ffinanzjati miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

(h) il-ħarsien tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fil-każ tal-irtirar;

(i) l-ispejjeż tat-trasport, tal-għażla u tal-ippakkjar fil-każ tat-tqassim b'xejn;

(j) il-miżuri ta' promozzjoni, ta' komunikazzjoni u tat-taħriġ fil-każ tal-prevenzjoni u tal-ġestjoni tal-kriżijiet;

(k) il-ġestjoni tal-miżuri għall-assigurazzjoni tal-ħsad;

(l) id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

(m) l-awtorizzazzjoni sabiex titħallas l-għajnuna finanzjarja nazzjonali;

(n) l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja nazzjonali u l-ħlas tagħha;

(o) il-ħlas lura tal-għajnuna finanzjarja nazzjonali.

SOTTOTAQSIMA III

SKEMA TAL-FROTT FL-ISKEJJEL

Artikolu 128

Għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, ta' frott u ħaxix ipproċessati u ta' prodotti tal-banana għat-tfal

1. B'kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikoli 129 u 130, l-għajnuna tal-Unjoni għandha tingħata:

(a) għall-provvista ta' prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessati u tal-banana lit-tfal fi stabbilimenti edukattivi, inklużi fl-iskejjel tat-trabi, fi stabbilimenti oħrajn ta' qabel l-iskola obbligatorja, fl-iskejjel primarji u f'dawk sekondarji; u

(b) għal ċerti spejjeż marbutin mal-loġistika u mad-distribuzzjoni, mat-tagħmir, mar-riklamar, mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni.

2. L-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jkunu jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema għandhom ifasslu strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha li tkun tinkludi, b'mod partikulari, il-baġit tal-iskema tagħhom, inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali, it-tul ta' żmien, il-grupp fil-mira, il-prodotti eliġibbli u l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti. Huma jridu jipprovdu wkoll għall-miżuri ta' akkumpanjament li jkunu meħtieġa sabiex l-iskema tkun effettiva.

3. Huma u jfasslu l-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom ifasslu lista ta' prodotti tas-setturi tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessati u tal-banana li jkunu eliġibbli skont l-iskemi rispettivi tagħhom. Din il-lista, madankollu, m'għandhiex tinkludi prodotti eskluži b'miżura adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 129. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti tagħhom fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jistgħu jinkludu l-istaġun, id-disponibbiltà tal-prodotti jew it-tħassib ambjentali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil prodotti li jkunu ġejjin mill-Unjoni.

4. L-għajnuna tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 la għandha:

(a) taqbeż id-90 miljun Euro għal kull sena skolastika; u lanqas m'għandha

(b) taqbeż il-50 % tal-ispejjeż tal-provvista u tal-ispejjeż relatati msemmija fil-paragrafu 1, jew il-75 % ta' dawn l-ispejjeż fir-reġjuni li huma eliġibbli skont l-Għan ta' Konverġenza skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006[22] u fir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat; u lanqas m'għandha

(c) tkopri spejjeż oħra, ħlief dawk tal-provvista u l-ispejjeż relatati msemmija fil-paragrafu 1.

5. L-għajnuna tal-Unjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi bbażati fuq il-proporzjon tagħhom ta' tfal li għandhom bejn is-sitta u l-għaxar snin. Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri li jieħu sehem fl-iskema għandu jirċievi għajnuna tal-Unjoni li tammonta għal mill-inqas EUR 175 000. L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għandhom japplikaw kull sena għall-għajnuna tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-istrateġija tagħhom. Wara li jsiru t-talbiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-allokazzjonijiet definittivi, fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli tal-baġit.

6. L-għajnuna tal-Unjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 m'għandhiex tintuża biex tieħu post il-fondi ta' kwalunkwe skema nazzjonali eżistenti tal-frott fl-

[22] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

iskejjel jew ta' skemi oħrajn tad-distribuzzjoni fl-iskejjel li jinkludu l-frott. Madankollu, jekk Stat Membru jkollu diġà skema fis-seħħ li tkun eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni skont dan l-Artikolu u huwa jkun beħsiebu jestendiha jew jagħmilha aktar effettiva, inkluż fir-rigward tal-grupp fil-mira tal-iskema, it-tul ta' żmien tagħha jew il-prodotti eliġibbli, l-għajnuna tal-Unjoni tista' tingħata dejjem jekk jitħarsu l-limiti tal-paragrafu 4(b) fir-rigward tal-proporzjon tal-għajnuna tal-Unjoni mal-kontribuzzjoni nazzjonali totali. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jindika fl-istrateġija tiegħu kif beħsiebu jestendi l-iskema tiegħu jew kif beħsiebu jagħmilha aktar effettiva.

7. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-għajnuna tal-Unjoni, jagħtu għajnuna nazzjonali għall-provvista ta' prodotti u għall-ispejjeż relatati msemmija fil-paragrafu 1. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu koperti wkoll permezz ta' kontribuzzjonijiet mis-settur privat. L-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll għajnuna nazzjonali għall-finanzjament tal-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fil-paragrafu 2.

8. L-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel tal-Unjoni għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe skema nazzjonali separata tal-frott fl-iskejjel li hija kompatibbli mal-liġijiet tal-Unjoni.

9. L-Unjoni tista' tiffinanzja wkoll, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, miżuri ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni marbutin mal-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel, inklużi dawk biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwarha, kif ukoll miżuri ta' netwerking relatati.

Artikolu 129

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tippromwovi drawwiet tal-ikel li huma tajbin għas-saħħa tat-tfal, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

   (a) il-prodotti li mhumiex eliġibbli għall-iskema;

   (b) il-grupp fil-mira tal-iskema;

   (c) l-istrateġiji nazzjonali jew reġjonali li l-Istati Membri jridu jfasslu sabiex jibbenefikaw mill-għajnuna, inklużi l-miżuri ta' akkumpanjament;

   (d) l-approvazzjoni u l-għażla tal-applikanti għall-għajnuna.

2. Sabiex tiżgura l-użu effiċjenti u fil-mira tal-Fondi Ewropej, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

   (a) l-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna bejn l-Istati Membri, il-metodu sabiex l-għajnuna tiġi allokata mill-ġdid bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet li jkunu waslu u kull tnaqqis li għandu jiġi applikat minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-iskema;

   (b) l-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna, inkluża l-possibbiltà li jiġi stabbilit limitu massimu ġenerali għal dawn l-ispejjeż;

(c) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

3. Sabiex tiżgura li l-operaturi jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri sabiex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, inklużi s-sospensjoni tad-dritt li wieħed jieħu sehem fl-iskema u l-irtirar tal-approvazzjoni.

4. Sabiex tippromwovi l-għarfien dwar l-iskema, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, titlob lill-benefiċjarji jirriklamaw ir-rwol ta' sussidju tal-iskema.

Artikolu 130

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima, b'mod partikulari dwar:

(a) l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna bejn l-Istati Membri;

(b) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-ħlasijiet;

(c) il-kontrolli;

(d) il-metodi ta' kif ikun hemm riklamar dwar l-iskema u l-miżuri ta' netwerking fir-rigward tal-iskema;

(e) in-notifika tal-informazzjoni lill-Kummissjoni.

TAQSIMA VII

PROGRAMMI TA' APPOĠĠ FIS-SETTUR TAL-INBID

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU

Artikolu 131

L-ambitu

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-għoti tal-fondi tal-Unjoni lill-Istati Membri u l-użu ta' dawk il-fondi mill-Istati Membri permezz ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ (minn hawn 'il quddiem imsejħin "programmi ta' appoġġ") sabiex jiġu ffinanzjati miżuri speċifiċi ta' appoġġ biex jiġi megħjun is-settur tal-inbid.

Artikolu 132

Kompatibbilità u konsistenza

1. Il-programmi ta' appoġġ għandhom ikunu kompatibbli mal-liġijiet tal-Unjoni u għandhom ikunu konsistenti mal-attivitajiet, mal-politiki u mal-prijoritajiet tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-programmi ta' appoġġ u għandhom jiżguraw li dawn ikunu internament konsistenti u li jkunu mfassla u implimentati b'mod oġġettiv, filwaqt li jitqiesu kemm il-qagħda ekonomika tal-produtturi kkonċernati kif ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat li l-produtturi jiġu ttrattati b'mod differenti mingħajr raġuni ġġustifikata.

   L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli sabiex jistabbilixxu u jwettqu l-kontrolli u l-verifiki meħtieġa u l-penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-programmi ta' appoġġ.

3. L-ebda appoġġ ma għandu jingħata:

   (a) għall-proġetti ta' riċerka u għall-miżuri ta' appoġġ għall-proġetti ta' riċerka;

   (b) għal miżuri li jinsabu fi programmi għall-iżvilupp rurali tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

SOTTOTAQSIMA II

TRESSIQ TAL-PROGRAMMI TA' APPOĠĠ U KONTENUT TAGĦHOM

Artikolu 133

Tressiq tal-programmi ta' appoġġ

1. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness X għandu jibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' programm ta' appoġġ għal ħames snin li jkun fih miżuri skont din it-Taqsima.

   Il-programmi ta' appoġġ li saru applikabbli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008[23] għandhom ikomplu japplikaw skont dan ir-Regolament.

   Il-miżuri ta' appoġġ fil-programmi ta' appoġġ għandhom jitfasslu fil-livell ġeografiku li l-Istati Membri jqisu bħala l-aktar xieraq. Qabel ma jintbagħat lill-Kummissjoni, il-programm ta' appoġġ għandu jkun suġġett għal konsultazzjoni mal-awtoritajiet u mal-organizzazzjonijiet kompetenti fil-livell territorjali x-xieraq.

---

[23] ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

Kull Stat Membru għandu jibgħat abbozz ta' programm ta' appoġġ wieħed, li jista' jkun adattat għal karatteristiċi partikulari reġjonali.

2. Il-programmi ta' appoġġ għandhom jibdew japplikaw tliet xhur wara li jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Madankollu, jekk il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), issib li l-programm ta' appoġġ mibgħut ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru b'dan. F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni programm ta' appoġġ rivedut. Il-programm ta' appoġġ rivedut għandu jibda japplika xahrejn wara n-notifika tiegħu sakemm ma jkunx għad hemm xi inkompatibbiltà, f'liema każ għandu japplika dan is-subparagrafu.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika *mutatis mutandis* għal bidliet fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ mibgħuta mill-Istati Membri.

4. L-Artikolu 134 m'għandux japplika meta l-unika miżura ta' Stat Membru fi programm ta' appoġġ tkun tikkonsisti fit-trasferiment għall-Iskema ta' Pagament Uniku msemmija fl-Artikolu 137. F'każ bħal dan, l-Artikolu 308(5) għandu japplika biss għas-sena li fiha jseħħ it-trasferiment u l-Artikolu 308(6) m'għandux japplika.

Artikolu 134

Kontenut tal-programmi ta' appoġġ

Il-programmi ta' appoġġ għandhom ikunu magħmulin mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni ddettaljata tal-miżuri proposti kif ukoll l-għanijiet ikkwantifikati tagħhom;

(b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru;

(c) valutazzjoni li turi l-impatt tekniku, ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni;

(d) skeda għall-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) tabella tal-finanzjament ġenerali li turi r-riżorsi li għandhom jintużaw u l-allokazzjoni indikattiva mbassra tar-riżorsi bejn il-miżuri skont il-limiti massimi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Anness X;

(f) il-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni, kif ukoll il-passi meħudin sabiex ikun żgurat li l-programmi ta' appoġġ jiġu implimentati b'mod xieraq u effettiv; u

(g) isem l-awtoritajiet u l-entitajiet kompetenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ.

Artikolu 135

Miżuri eliġibbli

1. Il-programmi ta' appoġġ għandu jkun fihom waħda mill-miżuri li ġejjin jew aktar:

   (a) l-appoġġ għall-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Artikolu 137;

   (b) il-promozzjoni skont l-Artikolu 138;

   (c) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji skont l-Artikolu 139;

   (d) il-ħsad bikri skont l-Artikolu 140;

   (e) il-fondi mutwi skont l-Artikolu 141;

   (f) l-assigurazzjoni tal-ħsad skont l-Artikolu 142;

   (g) l-investimenti skont l-Artikolu 143;

   (h) id-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji skont l-Artikolu 144;

   (i) id-distillazzjoni ta' alkoħol tajjeb għax-xorb skont l-Artikolu 103w tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

   (j) id-distillazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 103x tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

   (k) l-użu tal-most ikkonċentrat skont l-Artikolu 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Il-programmi ta' appoġġ m'għandux ikun fihom miżuri oħrajn għajr dawk imniżżlin fl-Artikoli 137 sa 144 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 103w, 103x u 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 136

Regoli ġenerali dwar il-programmi ta' appoġġ

1. L-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni li huma disponibbli kif ukoll il-limiti tal-baġit hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Anness X.

2. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata biss għan-nefqa eliġibbli mġarrba wara li jintbagħat il-programm ta' appoġġ rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 133(1).

3. L-Istati Membri m'għandhomx jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' miżuri ffinanzjati mill-Unjoni skont il-programmi ta' appoġġ.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 138, 142 u 143.

Ir-rata massima tal-għajnuna kif stabbilit fir-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għandha tapplika għall-finanzjament pubbliku totali, jiġifieri kemm għall-fondi tal-Unjoni kif ukoll għal dawk nazzjonali.

SOTTOTAQSIMA III

MIŻURI SPEĊIFIĊI TA' APPOĠĠ

Artikolu 137

Skema ta' Pagament Uniku u appoġġ għal min ikabbar id-dwieli

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ lil min ikabbar id-dwieli billi jallokawlhom drittijiet għall-pagamenti fi ħdan it-tifsira tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 skont il-punt O tal-Anness VII għal dak ir-Regolament.

2. L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jużaw il-possibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprevedu t-tali appoġġ fil-programmi ta' appoġġ tagħhom, inkluż, f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasferimenti sussegwenti ta' fondi għall-Iskema ta' Pagament Uniku, permezz ta' tibdil għal dawk il-programmi skont l-Artikolu 133(3).

3. Malli jidħol fis-seħħ, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

   (a) jibqa' fl-Iskema ta' Pagament Uniku u ma jibqax disponibbli għall-miżuri mniżżlin fl-Artikoli 138 sa 144 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 103w, 103x u 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jew isir disponibbli għalihom skont l-Artikolu 133(3), fis-snin ta' wara tat-tħaddim tal-programmi ta' appoġġ;

   (b) inaqqas b'mod proporzjonat l-ammont ta' fondi disponibbli għall-miżuri mniżżlin fl-Artikoli 138 sa 144 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 103w, 103x u 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fil-programmi ta' appoġġ.

Artikolu 138

Promozzjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi

1. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkopri l-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, u b'hekk isaħħaħ il-kompetittività tagħhom f'dawk il-pajjiżi.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikollhom x'jaqsmu ma' nbejjed li għandhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jew ma' nbejjed li għandhom indikazzjoni tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu magħmulin biss minn:

(a) miżuri ta' relazzjonijiet pubbliċi, ta' promozzjoni jew ta' riklamar, li jenfasizzaw b'mod partikulari l-vantaġġi tal-prodotti tal-Unjoni, b'mod speċjali f'termini tal-kwalità, tas-sikurezza tal-ikel jew tal-ħarsien ambjentali;

(b) il-parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew wirjiet ta' importanza internazzjonali;

(c) kampanji ta' informazzjoni, b'mod partikulari dwar is-sistemi tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-produzzjoni organika;

(d) studji ta' swieq ġodda, li huma meħtieġa għat-tkabbir tal-postijiet tal-bejgħ fis-swieq;

(e) studji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni.

4. Il-kontribut tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' promozzjoni m'għandux jaqbeż il-50 % tan-nefqa eliġibbli.

Artikolu 139

Ristrutturar u konverżjoni tal-vinji

1. L-għan tal-miżuri marbutin mar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji għandu jkun li tiżdied il-kompetittività tal-produtturi tal-inbid.

2. Ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji għandhom jingħataw appoġġ skont dan l-Artikolu biss jekk l-Istati Membri jibagħtu l-inventarju tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom skont l-Artikolu 304(3).

3. L-appoġġ għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji jista' jkopri biss waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew aktar:

(a) il-konverżjoni tal-varjetà, inkluż permezz tat-tilqim mill-ġdid;

(b) ir-rilokazzjoni tal-vinji;

(c) it-titjib fit-tekniki tal-ġestjoni tal-vinji.

L-iskema m'għandhiex tkopri t-tiġdid normali ta' vinji li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom.

4. L-appoġġ għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji jista' jieħu l-forom li ġejjin biss:

(a) kumpens lill-produtturi għat-telf fid-dħul minħabba l-implimentazzjoni tal-miżura;

(b) kontribut għall-ispejjeż tar-ristrutturar u tal-konverżjoni.

5. Il-kumpens lill-produtturi għat-telf fid-dħul imsemmi fil-paragrafu 4(a) jista' jkopri sa 100 % tat-telf rilevanti u jista' jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(a) minkejja s-Sottotaqsima II tat-Taqsima V tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II li tistabbilixxi r-reġim tranżizzjonali tad-dritt għat-tħawwil, il-permess biex kemm id-dwieli l-qodma kif ukoll dawk il-ġodda jeżistu flimkien għal perjodu fiss li m'għandux jaqbeż it-tliet snin, sa ma jintemm ir-reġim tranżizzjonali dwar id-drittijiet għat-tħawwil;

(b) kumpens finanzjarju.

6. Il-kontribut tal-Unjoni għall-ispejjeż reali tar-ristrutturar u tal-konverżjoni tal-vinji m'għandux jaqbeż il-50 %. F'reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-kontribut tal-Unjoni għall-ispejjeż tar-ristrutturar u tal-konverżjoni m'għandux jaqbeż il-75 %.

Artikolu 140

Ħsad bikri

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, ħsad bikri tfisser il-qerda totali jew il-qtugħ ta' għenieqed tal-għeneb meta l-għeneb ikun għadu ma sarx, u b'hekk il-produzzjoni taż-żona rilevanti titnaqqas għax-xejn.

2. L-appoġġ għall-ħsad bikri għandu jikkontribwixxi sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid fil-Komunità, sabiex jiġu evitati kriżijiet fis-suq.

3. L-appoġġ għall-ħsad bikri jista' jingħata bħala kumpens fil-forma ta' pagament b'rata fissa għal kull ettaru li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

Il-pagament m'għandux jaqbeż il-50 % tat-total tal-ispejjeż diretti tal-qerda jew tal-qtugħ tal-għenieqed tal-għeneb u tat-telf fid-dħul marbut mat-tali qerda jew mat-tali qtugħ.

4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu sistema bbażata fuq kriterji oġġettivi sabiex jiżguraw li l-miżura ta' ħsad bikri ma twassalx għal kumpens għall-produtturi individwali tal-inbid li jkun ogħla mil-limitu massimu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.

Artikolu 141

Fondi mutwi

1. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' fondi mutwi għandu jipprovdi għajnuna lill-produtturi li jfittxu li jassiguraw ruħhom kontra ċ-ċaqliq fis-suq.

2. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' fondi mutwi jista' jingħata fil-forma ta' għajnuna temporanja u digressiva biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi tal-fondi.

Artikolu 142

Assigurazzjoni tal-ħsad

1. L-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad għandu jikkontribwixxi sabiex jipproteġi d-dħul tal-produtturi meta dawn jintlaqtu minn diżastri naturali, minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, minn mard jew minn impestazzjonijiet mid-dud.

2. L-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad jista' jingħata fil-forma ta' kontribut finanzjarju tal-Unjoni li ma jistax jaqbeż:

   (a) it-80 % tal-ispiża tal-primjums tal-assigurazzjoni li l-produtturi jkunu ħallsu għall-assigurazzjoni kontra t-telf li jiġi minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali;

   (b) il-50 % tal-ispiża tal-primjums tal-assigurazzjoni li l-produtturi jkunu ħallsu għall-assigurazzjoni kontra:

      (i) it-telf imsemmi fil-punt (a) u kontra telf ieħor ikkawżat minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp;

      (ii) it-telf ikkawżat minn annimali, minn mard tal-pjanti jew minn impestazzjonijiet mid-dud.

3. L-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad jista' jingħata biss jekk il-pagamenti tal-assigurazzjoni kkonċernati ma jikkumpensawx lill-produtturi għal aktar minn 100 % tat-telf imġarrab fid-dħul, filwaqt li jitqies kwalunkwe kumpens li l-produtturi setgħu ħadu minn skemi oħra ta' appoġġ marbutin mar-riskju assigurat.

4. L-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad m'għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni.

Artikolu 143

Investimenti

1. Jista' jingħata appoġġ għal investimenti tanġibbli jew intanġibbli fil-faċilitajiet tal-ipproċessar, fl-infrastruttura għall-produzzjoni tal-inbid u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-inbid li jtejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-impriża u li għandhom x'jaqsmu ma' ħaġa waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (a) il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness XII;

   (b) l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda marbutin mal-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness XII.

2. L-appoġġ bl-ogħla rata skont il-paragrafu 1 għandu jkun limitat għall-intrapriżi ż-żgħar ħafna, għall-intrapriżi ż-żgħar u għall-intrapriżi ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi żgħar ħafna, tal-intrapriżi żgħar u tal-intrapriżi ta' daqs

medju [*titlu mhux uffiċjali*][24]. Għat-territorji tal-Ażores, ta' Madejra, u tal-Gżejjer Kanarji, tal-gżejjer minuri tal-Eġew fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 u għad-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, m'għandu japplika l-ebda limitu fuq id-daqs għall-ogħla rata. Għall-impriżi li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tat-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li għandhom inqas minn 750 impjegat jew li għandhom fatturat ta' inqas minn EUR 200 miljun, l-intensità massima tal-għajnuna għandha titnaqqas bin-nofs.

M'għandux jingħata appoġġ lil impriżi li jinsabu f'diffikultà fi ħdan it-tifsira tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà [*titlu mhux uffiċjali*][25].

3. In-nefqa eliġibbli għandha teskludi l-elementi msemmija fl-Artikolu 71(3)(a), (b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

4. Ir-rati massimi ta' għajnuna li ġejjin għandhom japplikaw għall-kontribut tal-Unjoni b'rabta mal-ispejjeż eliġibbli tal-investiment:

   (a) 50 % f'reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006;

   (b) 40 % f'reġjuni oħra għajr ir-reġjuni ta' konverġenza;

   (c) 75 % fir-reġjuni l-aktar imbiegħda skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006;

   (d) 65 % fil-gżejjer minuri tal-Eġew fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

5. L-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 144

Distillazzjoni tal-prodotti sekondarji

1. Jista' jingħata appoġġ għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid li tkun twettqet skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima D tal-Parti II tal-Anness XIII.

   L-ammont tal-għajnuna għandu jiġi stabbilit għal kull perċentwal tal-volum u għal kull ettolitru ta' alkoħol li jkun prodott. M'għandha tingħata l-ebda għajnuna għall-volum tal-alkoħol li jkun hemm fil-prodotti sekondarji li għandhom jiġu ddistillati li jaqbeż l-10 % meta mqabbel mal-volum tal-alkoħol li jkun hemm fl-inbid prodott.

---

24 ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.
25 ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

2. Il-livelli massimi tal-għajnuna applikabbli għandhom ikunu bbażati fuq l-ispejjeż tal-ġbir u tal-ipproċessar u għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 147.

3. L-alkoħol li jkun ġej mid-distillazzjoni li tkun ingħatat l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża eskluživament għal għanijiet industrijali jew tal-enerġija sabiex jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Artikolu 145

Kundizzjonalità

F'każ li l-bdiewa jinstabu li ma kkonformawx fl-impriża tagħhom, fi kwalunkwe waqt fit-tliet snin minn meta jsir il-ħlas skont il-programmi ta' appoġġ għar-ristrutturar u għall-konverżjoni jew fi kwalunkwe waqt f'sena minn meta jsir il-ħlas skont il-programmi ta' appoġġ għall-ħsad bikri, mar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni u mal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikoli 6 u 22 sa 24 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammont tal-pagament għandu, meta n-nuqqas ta' konformità jkun ġej minn azzjoni jew minn ommissjoni direttament min-naħa tal-bidwi, jitnaqqas jew jiġi kkanċellat, parzjalment jew kompletament, skont il-gravità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità, u fejn applikabbli, il-bidwi għandu jiġi ordnat irodd lura l-ħlas skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet.

SOTTOTAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 146

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura li l-programmi ta' appoġġ jissodisfaw l-għanijiet tagħhom u li qed ikun hemm użu mmirat tal-fondi Ewropej, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli:

(a) dwar ir-responsabbiltà għan-nefqa bejn id-data minn meta jaslu l-programmi ta' appoġġ u l-bidliet għall-programmi ta' appoġġ u d-data tal-applikabbiltà tagħhom;

(b) dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-miżuri ta' appoġġ, it-tip ta' nefqa u l-ħidmiet eliġibbli għall-appoġġ, il-miżuri li mhumiex eliġibbli għall-appoġġ u l-livell massimu tal-appoġġ għal kull miżura;

(c) dwar tibdil fil-programmi ta' appoġġ wara li dawn ikunu bdew japplikaw;

(d) dwar ir-rekwiżiti u l-limiti għall-ħlasijiet bil-quddiem, inkluż ir-rekwiżit għal garanzija meta jsir ħlas bil-quddiem;

(e) li jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali u definizzjonijiet għall-għanijiet ta' din it-Taqsima;

(f) sabiex ikun evitat l-abbuż tal-miżuri ta' appoġġ, inklużi restrizzjonijiet sabiex ikun evitat il-finanzjament doppju tal-proġetti;

(g) li bihom il-produtturi għandhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, l-eċċezzjonijiet minn dan l-obbligu sabiex ikun evitat piż amministrattiv żejjed u d-dispożizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi;

(h) li jistabbilixxu r-rekwiżiti, inklużi kontrolli speċifiċi, li l-Istati Membri għandhom iwettqu għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ, kif ukoll ir-restrizzjonijiet u l-kontrolli sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-ambitu tal-miżuri ta' appoġġ;

(i) dwar is-sospensjoni tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità minn Stat Membru fir-rigward tar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni jew jekk jidher li l-komunikazzjoni tkun żbaljata;

(j) dwar il-ħlasijiet lill-benefiċjarji, inklużi l-ħlasijiet permezz ta' intermedjarji tal-assigurazzjoni fil-każ tal-appoġġ li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 142, l-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti, is-sanzjonijiet nazzjonali u s-sitwazzjonijiet maħluqa b'mod artifiċjali għall-għanijiet tal-ħlas.

Artikolu 147

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima dwar:

(a) ir-rekwiżiti marbutin man-notifika tal-programmi ta' appoġġ, inklużi l-kontenut, il-format, l-iskeda taż-żmien, id-dati tal-iskadenza u l-mekkaniżmu tan-notifika, u l-ippjanar finanzjarju korrispondenti, kif ukoll dawk marbutin mar-reviżjoni tal-programmi;

(b) il-komunikazzjonijiet marbutin mal-għajnuna mill-Istat;

(c) il-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-għażla;

(d) l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet li ngħataw appoġġ;

(e) il-kalkolu u l-ħlas tal-għajnuna għall-ħsad bikri u għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji;

(f) ir-rekwiżiti dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontrolli tal-miżuri ta' appoġġ mill-Istati Membri;

(g) ir-regoli dwar il-koerenza tal-miżuri;

(h) ir-regoli dwar l-istabbiliment ta' nuqqas ta' konformità u dwar it-tnaqqis, it-tħassir jew il-ħlas lura tal-ammonti għall-għanijiet tal-Artikolu 145.

TAQSIMA VIII

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAS-SETTUR TAL-APIKULTURA

Artikolu 148

L-ambitu

1. Bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura, l-Istati Membri jistgħu jfasslu programm nazzjonali għal perjodu ta' tliet snin (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm tal-apikultura").

2. L-Istati Membri jistgħu jħallsu għajnuna nazzjonali speċifika għall-ħarsien ta' azjendi tan-naħal li jkunu żvantaġġati minħabba kundizzjonijiet strutturali jew naturali jew skont programmi ta' żvilupp ekonomiku, ħlief għall-għajnuna mogħtija għall-produzzjoni jew għall-kummerċ. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din l-għajnuna meta jibagħtulha l-programm tal-apikultura skont l-Artikolu 152.

Artikolu 149

Programm tal-apikultura

Il-miżuri li jistgħu jiddaħħlu fil-programm tal-apikultura għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u għall-gruppi ta' dawk li jrabbu n-naħal;

(b) il-kontroll tal-"varroasis";

(c) ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

(d) miżuri għall-appoġġ tal-laboratorji li jwettqu l-analiżi tal-karatteristiċi fiżikokimiċi tal-għasel;

(e) miżuri għall-appoġġ tat-tgħammir mill-ġdid tal-ġarar tan-naħal fl-Unjoni bin-naħal;

(f) kooperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati sabiex ikunu implimentati programmi tar-riċerka applikata fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u tal-prodotti tal-apikultura.

Il-miżuri ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 għandhom jiġu eskłużi mill-programm tal-apikultura.

Artikolu 150

Studju tal-istruttura tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tat-trobbija tan-naħal

Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament parzjali li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 151(1), l-Istati Membri għandhom iwettqu studju tal-istruttura tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tat-trobbija tan-naħal fit-territorju tagħhom.

Artikolu 151

Finanzjament

1. L-Unjoni għandha tipprovdi finanzjament parzjali għall-programmi tal-apikultura li jkun daqs 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri.

2. In-nefqa marbuta mal-miżuri meħudin skont il-programmi tal-apikultura għandha ssir mill-Istati Membri sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena.

Artikolu 152

Konsultazzjoni

Il-programm tal-apikultura għandu jitfassal b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u mal-koperattivi għat-trobbija tan-naħal. Dan għandu jintbagħat lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

Artikolu 153

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura l-użu mmirat tal-fondi tal-Unjoni għall-apikultura, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta:

(a) regoli dwar l-obbligi marbutin mal-kontenut tal-programmi nazzjonali u mal-istudji msemmija fl-Artikolu 150; u

(b) il-kundizzjonijiet għall-allokazzjoni tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni għal kull Stat Membru li jipparteċipa, bbażata, fost l-oħrajn, fuq l-għadd totali ta' ġarar tan-naħal fl-Unjoni.

Artikolu 154

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) tadotta regoli dwar in-notifika mill-Istati Membri dwar il-programmi nazzjonali tagħhom u l-aġġustamenti għal dawn il-programmi, inklużi l-pjanijiet ta' monitoraġġ;

(b) tadotta regoli sabiex tiżgura li l-miżuri ffinanzjati skont il-programmi tal-apikultura ma jkunux suġġetti fl-istess ħin għal ħlasijiet skont skemi oħrajn tal-Unjoni u regoli għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-fondi li ma jkunux intużaw;

(c) tapprova l-programmi tal-apikultura li l-Istati Membri jkunu bagħtu, inkluża l-allokazzjoni tal-kontribut finanzjarju tal-Unjoni;

(d) taġġorna l-istatistika dwar l-għadd ta' ġarar tan-naħal fuq il-bażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri.

TAQSIMA IX

GĦAJNUNA FIS-SETTUR TAD-DUD TAL-ĦARIR

Artikolu 155

Ghajnuna li għandha tingħata lil dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir

1. Għandha tingħata għajnuna għad-dud tal-ħarir li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 0106 90 00 u għall-bajd tad-dud tal-ħarir li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 0511 99 85 imrobbi fl-Unjoni.

2. L-għajnuna għandha tingħata lil dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir għal kull kaxxa bajd tad-dud tal-ħarir użata, bil-kundizzjoni li l-kaxex ikollhom kwantità minima ta' bajd, li għandha tiġi stabbilita, u li d-dud ikunu trabbew b'suċċess.

3. L-Istati Membri huma awtorizzati jagħtu l-għajnuna biss lil dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir li jkunu kisbu l-kaxex tal-bajd tagħhom minn entità approvata u li, meta jtemmu t-trobbija b'suċċess, ikunu taw il-fosdqiet prodotti lil entità approvata.

4. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-iffissar tal-għajnuna għal kull kaxxa ta' bajd tad-dud tal-ħarir użata skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

Artikolu 156

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura l-użu effiċjenti tal-Fondi Ewropej, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar:

(a) il-kwantità minima ta' bajd u kundizzjonijiet oħra dwar it-trobbija b'suċċess imsemmija fl-Artikolu 155(2);

(b) il-kundizzjonijiet li l-entitajiet approvati msemmija fl-Artikolu 155(3) għandhom jissodisfaw.

Artikolu 157

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima dwar:

(a) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u d-dokumenti ta' akkumpanjament;

(b) it-tnaqqis fl-għajnuna f'każ ta' applikazzjonijiet li jintbagħtu tard;

(c) il-kontrolli tal-Istati Membri fuq l-entitajiet approvati msemmija fl-Artikolu 155(3);

(d) in-notifiki tal-Istati Membri.

TITOLU II

REGOLI DWAR IL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI U L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI

[KAPITOLU I

Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni

TAQSIMA I

L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU

Artikolu 158

L-ambitu

Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra applikabbli għall-prodotti mniżżlin fl-Anness I u għall-etanol agrikolu msemmi fil-Parti I tal-Anness II, kif ukoll għad-dispożizzjonijiet adottati fis-settur veterinarju u f'dak tal-ikel sabiex ikun żgurat li l-prodotti jkunu konformi mal-istandards tal-iġjene u tas-saħħa u sabiex titħares is-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin, din it-Taqsima tistabbilixxi r-regoli dwar l-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni u l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-settur u/jew il-prodott għall-prodotti mniżżlin fl-Anness I u għall-etanol agrikolu msemmi fil-Parti I tal-Anness II.

SOTTOTAQSIMA II

L-ISTANDARD ĠENERALI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

Artikolu 159

Il-konformità mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, prodott ikun konformi mal-"istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni" jekk dan ikun ta' kwalità tajba, ġusta u li tista' titqiegħed fis-suq.

2. Fejn ma kien stabbilit ebda standard ta' kummerċjalizzazzjoni kif imsemmi fis-Sottotaqsima III u fid-Direttivi tal-Kunsill 2000/36/KE[26], 2001/112/KE[27], 2001/113/KE[28], 2001/114/KE[29], 2001/110/KE[30] u 2001/111/KE[31], il-prodotti mniżżlin fl-Anness I għal dan ir-Regolament li huma lesti għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għall-bniedem, imsemmija fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss jekk dawn ikunu konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni.

3. Prodott għandu jitqies bħala wieħed li huwa konformi mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni meta l-prodott maħsub biex jiġi kkummerċjalizzat ikun konformi ma' standard applikabbli, kif inhu xieraq, li jkun adottat minn waħda mill-organizzazzjonijiet internazzjonali mniżżlin fl-Anness XI.

Artikolu 160

Setgħat iddelegati

Sabiex jiġu indirizzati l-bidliet fil-qagħda tas-suq, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta, tibdel u tidderoga mir-rekwiżiti marbutin mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 159(1) u mir-regoli dwar il-konformità msemmija fit-tielet paragrafu ta' dak l-Artikolu.

SOTTOTAQSIMA III

L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI SKONT IS-SETTURI JEW IL-PRODOTTI

Artikolu 161

Il-prinċipju ġenerali

Il-prodotti li għalihom ikunu ġew stabbiliti standards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni biss skont dawk l-istandards.

---

26 ĠU L 197, 3.8.2000, p. 19.
27 ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.
28 ĠU L 10, 12.1.2002, p. 67.
29 ĠU L 15, 17.1.2002, p. 19.
30 ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.
31 ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.

Artikolu 162

Stabbiliment u kontenut

1. Sabiex tqis dak li jistennew il-konsumaturi u sabiex tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli kif ukoll għat-titjib tal-kwalità tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta standards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti msemmija fl-Artikolu 158, fil-fażijiet kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll derogi u eżenzjonijiet mill-applikazzjoni ta' dawn l-istandards, sabiex tadatta għall-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jinbidlu l-ħin kollu u għad-domandi tal-konsumaturi li qed jinbidlu, kif ukoll sabiex tqis l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti u sabiex tevita milli jinħolqu ostakli għall-innovazzjoni tal-prodotti.

2. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu marbutin, fejn xieraq, mar-rekwiżiti għal:

   (a) id-definizzjoni, id-denominazzjoni u/jew id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ, ħlief għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-listi tal-karkassi u l-partijiet tagħhom li għalihom japplika l-Anness XII;

   (b) il-kriterji tal-klassifikazzjoni bħalma huma l-klassifikazzjoni f'kategoriji, il-piż, id-daqs, l-età u l-kategorija;

   (c) il-varjetà tal-pjanta jew ir-razza tal-annimal jew it-tip kummerċjali;

   (d) il-preżentazzjoni, id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ, it-tikkettar marbut mal-istandards obbligatorji tal-kummerċjalizzazzjoni, l-ippakkjar, ir-regoli li għandhom jiġu applikati fir-rigward taċ-ċentri tal-ippakkjar, l-immarkar, it-tgeżwir, is-sena tal-ħsad u l-użu ta' termini speċifiċi;

   (e) il-kriterji bħalma huma d-dehra, il-konsistenza, il-forma, u l-karatteristiċi tal-prodott;

   (f) sustanzi speċifiċi li jintużaw fil-produzzjoni, jew komponenti jew kostitwenti, inkluż il-kontenut kwantitattiv tagħhom, il-purità u l-identifikazzjoni;

   (g) it-tip ta' biedja u l-metodu tal-produzzjoni, inklużi l-prattiki enoloġiċi u r-regoli amministrattivi relatati, u ċ-ċirkwit tal-operat;

   (h) it-taħlit tal-most u tal-inbid, inklużi d-definizzjonijiet tagħhom, it-taħlit u r-restrizzjonijiet fuqu;

   (i) il-metodu ta' konservazzjoni u t-temperatura;

   (j) il-post tal-biedja u/jew l-oriġini;

   (k) il-frekwenza tal-ġbir, it-twassil, il-preservazzjoni u l-ġarr;

   (l) l-identifikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tal-produttur u/jew tal-faċilitajiet industrijali li fihom il-prodott ikun ġie ppreparat jew ipproċessat;

(m) il-perċentwal ta' kontenut tal-ilma;

(n) ir-restrizzjonijiet dwar l-użu ta' ċerti sustanzi u/jew ta' ċerti prattiki;

(o) użu speċifiku;

(p) id-dokumenti kummerċjali, id-dokumenti ta' akkumpanjament u r-reġistri li għandhom jinżammu;

(q) il-ħażna u t-trasport;

(r) il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni;

(s) il-kundizzjonijiet li jirregolaw id-disponiment, iż-żamma, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' prodotti li ma jkunux konformi mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 u/jew mad-definizzjonijiet, mad-denominazzjonijiet u mad-deskrizzjonijiet tal-bejgħ imsemmija fl-Artikolu 163, kif ukoll id-disponiment ta' prodotti sekondarji;

(t) il-limiti taż-żmien;

(u) in-notifiki mill-Istati Membri, in-notifiki minn stabbilimenti differenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u r-regoli biex tinkiseb informazzjoni statistika dwar is-swieq ta' prodotti differenti.

3. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-setturi jew il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar it-Termini tal-kwalità mhux obbligatorji tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*ir-Regolament dwar l-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli*], u billi jitqiesu:

(a) il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti kkonċernati;

(b) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għat-tqegħid bla xkiel ta' dawk il-prodotti fis-suq;

(c) l-interess tal-konsumaturi li jirċievu informazzjoni adegwata u trasparenti dwar il-prodott, inkluż il-post tal-biedja li għandu jiġi stabbilit b'approċċ ta' każ b'każ fil-livell ġeografiku x-xieraq;

(d) fejn ikun xieraq, il-metodi użati sabiex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi tagħhom;

(e) ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-istandard adottati minn entitajiet internazzjonali.

Artikolu 163

Id-definizzjoni, id-denominazzjoni u/jew id-deskrizzjoni tal-bejgħ għal ċerti setturi u/jew għal ċerti prodotti

1. Id-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u/jew id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Anness XII għandhom japplikaw għas-setturi jew għall-prodotti li ġejjin:

   (a) għaż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda;

   (b) għall-inbid;

   (c) għaċ-ċanga u l-vitella;

   (d) għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib maħsubin għall-konsum mill-bniedem;

   (e) għal-laħam tat-tjur;

   (f) għax-xaħmijiet li jistgħu jiddelku maħsubin għall-konsum mill-bniedem.

2. Definizzjoni, denominazzjoni jew deskrizzjoni tal-bejgħ li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Anness XII tista' tintuża fl-Unjoni biss għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott li jkun konformi mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti fl-Anness XII.

3. Sabiex tadatta għad-domandi tal-konsumaturi li qed jinbidlu u sabiex tqis il-progress tekniku u tevita milli jinħolqu ostakli għall-innovazzjoni tal-prodotti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta kwalunkwe bidla, deroga jew eżenzjoni li tkun meħtieġa għad-definizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet tal-bejgħ li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Anness XII.

Artikolu 164

It-tolleranza

Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta tolleranza għal kull standard li lil hinn minnha, il-lott kollu ta' prodotti se jitqies bħala lott li ma jirrispettax dak l-istandard.

Artikolu 165

Il-prattiki enoloġiċi

1. F'każijiet fejn l-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV) tkun irrakkomandat u ppubblikat metodi ta' analiżi sabiex tkun stabbilita l-kompożizzjoni tal-prodotti kif ukoll regoli li permezz tagħhom wieħed ikun jista' jistabbilixxi jekk il-prodotti jkunux għaddew minn proċessi li jmorru kontra l-prattiki enoloġiċi awtorizzati, dawn għandhom ikunu l-metodi u r-regoli li japplikaw.

Fejn ma jkunx hemm metodi u regoli rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV, il-metodi u r-regoli li jikkorrispondu magħhom għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 162(2)(g).

Sakemm jiġu adottati dawn ir-regoli, il-metodi u r-regoli li għandhom jintużaw għandhom ikunu dawk awtorizzati mill-Istat Membru kkonċernat.

2. Għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid fl-Unjoni, għandhom jintużaw biss il-prattiki enoloġiċi awtorizzati skont l-Anness XIII u li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 162(2)(g) u fl-Artikolu 168(2) u (3).

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal:

(a) il-meraq tal-għeneb u l-meraq tal-għeneb ikkonċentrat;

(b) il-most u l-most ikkonċentrat maħsub għall-preparazzjoni tal-meraq tal-għeneb.

Il-prattiki enoloġiċi awtorizzati għandhom jintużaw biss sabiex tiġi żgurata produzzjoni tajba tal-inbid, preżervazzjoni tajba tal-prodott jew raffinar tajjeb tiegħu.

Il-prodotti tas-settur tal-inbid għandhom jiġu prodotti fl-Unjoni skont ir-restrizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness XIII.

Il-prodotti tas-settur tal-inbid imniżżlin fil-Parti II tal-Anness XII li jkunu għaddew minn prattiki enoloġiċi tal-Unjoni mhux awtorizzati jew, fejn applikabbli, minn prattiki enoloġiċi nazzjonali mhux awtorizzati jew li jiksru r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIII m'għandhomx ikunu kkummerċjalizzati fl-Unjoni.

3. Hija u tawtorizza l-prattiki enoloġiċi għall-inbid imsemmija fl-Artikolu 162(2)(g), il-Kummissjoni għandha:

(a) tibbaża ruħha fuq il-prattiki enoloġiċi u l-metodi ta' analiżi rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV, kif ukoll fuq ir-riżultati tal-użu sperimentali ta' prattiki enologiċi li jkun għadhom mhumiex awtorizzati;

(b) tqis il-ħarsien ta' saħħet il-bniedem;

(c) tqis ir-riskju li jista' jkun hemm li l-konsumaturi jiġu ingannati minħabba l-aspettattivi u l-perċezzjonijiet stabbiliti tagħhom, filwaqt li tqis id-disponibbiltà u l-fattibbiltà tal-mezzi ta' informazzjoni sabiex ikunu evitati dawk ir-riskji;

(d) tippermetti l-preżervazzjoni tal-karatteristiċi naturali u essenzjali tal-inbid u ma ġġibx bidla sostanzjali fil-kompożizzjoni tal-prodott ikkonċernat;

(e) tiżgura livell minimu aċċettabbli ta' kura ambjentali;

(f) tirrispetta r-regoli ġenerali dwar il-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIII.

Artikolu 166

Il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid

1. Il-prodotti mniżżlin fil-Parti II tal-Anness XII u prodotti fl-Unjoni għandhom ikunu magħmulin minn varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont it-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

2. Suġġett għall-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw liema varjetajiet tal-għeneb tal-inbid jistgħu jitħawlu, jitħawlu mill-ġdid jew jitlaqqmu fit-territorji tagħhom għall-produzzjoni tal-inbid.

   Il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jiġu kklassifikati mill-Istati Membri:

   (a) il-varjetà kkonċernata tkun tagħmel parti mill-*Vitis vinifera* jew tkun ġejja minn tlaqqim bejn l-ispeċi *Vitis vinifera* u speċijiet oħrajn tal-ġenus *Vitis*;

   (b) il-varjetà ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin: Noah, Othello, Isabelle, Jacquez, Clinton u Herbemont.

   Meta varjetà tal-għeneb tal-inbid titħassar mill-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-qlugħ tad-dwieli ta' din il-varjetà għandu jsir fi żmien ħmistax-il sena minn meta titħassar.

3. L-Istati Membri li l-produzzjoni tal-inbid tagħhom ma taqbiżx il-50 000 ettrolitru għal kull sena tal-inbid, ikkalkulati fuq il-bażi tal-produzzjoni medja matul l-aħħar ħames snin tal-inbid, għandhom jiġu eżentati mill-obbligu tal-klassifikazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

   Madankollu, fl-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu wkoll, il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jkunu konformi mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 biss jistgħu jitħawlu, jitħawlu mill-ġdid jew jitlaqqmu għall-produzzjoni tal-inbid.

4. B'deroga mill-ewwel u mit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, it-tħawwil, it-tħawwil mill-ġdid jew it-tlaqqim tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li ġejjin għandhom ikunu awtorizzati mill-Istati Membri għar-riċerka xjentifika u għal għanijiet sperimentali:

   (a) il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li mhumiex ikklassifikati safejn għandhom x'jaqsmu l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3;

   (b) il-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li mhumiex konformi mal-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 safejn għandhom x'jaqsmu l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3.

5. Id-dwieli fiż-żoni mħawlin b'varjetaijiet tal-għeneb tal-inbid għall-produzzjoni tal-inbid li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jinqalgħu.

   Madankollu, ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu li jinqalgħu d-dwieli f'dawn iż-żoni f'każijiet fejn il-produzzjoni rilevanti tkun maħsuba biss għall-konsum mill-familji tal-produtturi tal-inbid.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifikaw li l-produtturi jkunu konformi mal-paragrafi 2 sa 5.

Artikolu 167

Użu speċifiku tal-inbid

Għajr għall-inbid fil-fliexken li jkun hemm provi li jkun ġie bbottiljat qabel l-1 ta' Settembru 1971, l-inbid prodott minn varjetajiet tal-għeneb tal-inbid imniżżlin fil-klassifikazzjonijiet stabbiliti skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(2) iżda li ma jkunx jikkonforma ma' waħda mill-kategoriji mniżżlin fil-Parti II tal-Anness XII għandu jintuża biss għall-konsum mill-familji tal-produtturi individwali tal-inbid, għall-produzzjoni tal-ħall tal-inbid jew għad-distillazzjoni.

Artikolu 168

Regoli nazzjonali għal ċerti prodotti u/jew għal ċerti setturi

1. Minkejja l-Artikolu 162(1), l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu livelli ta' kwalità differenti għax-xaħmijiet li jistgħu jiddelku. It-tali regoli għandhom jippermettu l-valutazzjoni ta' dawn il-livelli ta' kwalità abbażi ta' kriterji li għandhom x'jaqsmu b'mod partikulari mal-materja prima użata, mal-karatteristiċi organolettiċi tal-prodotti u mal-istabbiltà fiżika u mikrobijoloġika tagħhom.

   L-Istati Membri li jużaw din il-possibbiltà, li dwarha hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-Istati Membri l-oħra li jkunu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti minn dawk ir-regoli nazzjonali jistgħu, b'kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, jużaw termini li, bis-saħħa ta' dawk ir-regoli, jiddikjaraw li huma ssodisfati dawk il-kriterji.

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jeskludu l-użu ta' ċerti prattiki enoloġiċi u jipprovdu għal restrizzjonijiet aktar stretti għall-inbejjed awtorizzati skont il-liġi tal-Unjoni li jkunu prodotti fit-territorju tagħhom bil-għan li jsaħħu l-preżervazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-inbejjed li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta u tal-inbejjed spumanti u l-inbejjed likuri.

   L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawk il-limitazzjonijiet, esklużjonijiet u restrizzjonijiet lill-Kummissjoni, li għandha tgħaddihom lill-Istati Membri l-oħrajn għall-attenzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu sperimentali ta' prattiki enoloġiċi mhux awtorizzati b'kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati adottati skont il-paragrafu 4.

4. Sabiex tiżgura li jkun hemm applikazzjoni korretta u trasparenti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, kif ukoll il-kundizzjonijiet għaż-żamma, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-prodotti miksuba mill-prattiki sperimentali msemmija fil-paragrafu 3.

SOTTOTAQSIMA IV

L-ISTANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI MARBUTIN MAL-IMPORTAZZJONI U MAL-ESPORTAZZJONI

Artikolu 169

Dispożizzjonijiet ġenerali

Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-kummerċ bejn l-Unjoni u ċerti pajjiżi terzi u l-karattru speċjali ta' ċerti prodotti agrikoli, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom il-prodotti importati jitqiesu bħala prodotti ta' livell ekwivalenti ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u li jippermettu li jiġu stabbiliti miżuri li jidderogaw mill-Artikolu 161, u tistabbilixxi r-regoli marbutin mal-applikazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti esportati mill-Unjoni.

Artikolu 170

Dispożizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni tal-inbid

1. Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor fi ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet dwar id-denominazzjoni tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-tikkettar tal-inbid stabbiliti fis-Sottotaqsima II tat-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu u fid-definizzjonijiet u fid-deskrizzjonijiet tal-bejgħ imsemmija fl-Artikolu 163 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 2009 61, 2009 69 u 2204 li jiġu importati fl-Unjoni.

2. Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor fi ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat, il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu prodotti skont prattiki enoloġiċi rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV jew awtorizzati mill-Unjoni skont dan ir-Regolament u skont il-miżuri adottati skont dan ir-Regolament.

3. L-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta':

   (a) ċertifikat li jindika l-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, li għandu jitfassal minn entità kompetenti, u li għandu jkun inkluż f'lista li għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni, fil-pajjiż tal-oriġini tal-prodott;

   (b) rapport tal-analiżi mfassal minn entità jew minn dipartiment maħtur mill-pajjiż tal-oriġini tal-prodott, sakemm il-prodott ikun maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem.

SOTTOTAQSIMA V

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 171

Kontrolli nazzjonali

L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli, ibbażati fuq analiżi tar-riskju, sabiex jivverifikaw jekk il-prodotti jikkonformawx mar-regoli stabbiliti f'din it-Taqsima jew le, u huma għandhom japplikaw penali amministrattivi kif xieraq.

Artikolu 172

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima, u b'mod partikulari:

(a) tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni;

(b) tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tad-definizzjonijiet u tad-deskrizzjonijiet tal-bejgħ li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Anness XII;

(c) tfassal lista tal-prodotti msemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 5 tal-Parti III tal-Anness XII u fil-punt (a) tas-sitt paragrafu tal-Parti VI tal-Anness XII, abbażi tal-listi indikattivi tal-prodotti li l-Istati Membri jqisu bħala prodotti li jikkorrispondu, fit-territorju tagħhom, għall-prodotti msemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 5 tal-Parti III tal-Anness XII u fil-punt (a) tas-sitt paragrafu tal-Parti VI tal-Anness XII u li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni;

(d) tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-settur jew il-prodott, inklużi r-regoli ddettaljati għat-teħid tal-kampjuni u l-metodi tal-analiżi biex wieħed jistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-prodotti;

(e) tistabbilixxi regoli li permezz tagħhom wieħed ikun jista' jistabbilixxi jekk il-prodotti jkunux għaddew minn proċessi li jmorru kontra l-prattiki enoloġiċi awtorizzati;

(f) tistabbilixxi regoli għat-twettiq tal-kontrolli tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni skont is-settur jew il-prodott;

(g) tistabbilixxi regoli għall-iffissar tal-livell ta' tolleranza;

(h) tadotta dispożizzjonijiet marbutin mal-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli tal-konformità, kif ukoll mal-kontenut, mal-frekwenza u mal-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni li għalih għandhom japplikaw dawk il-kontrolli;

(i) tadotta l-miżuri meħtieġa biex jiġu implimentati d-derogi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 169.]

TAQSIMA II

ID-DENOMINAZZJONIJIET TAL-ORIĠINI, L-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI U T-TERMINI TRADIZZJONALI FIS-SETTUR TAL-INBID

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-BIDU

Artikolu 173

L-ambitu

1. Ir-regoli marbutin mad-denominazzjonijiet tal-oriġini, mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u mat-termini tradizzjonali stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fil-punti 1, 3 sa 6, 8, 9, 11, 15 u 16 tal-Parti II tal-Anness XII.

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissejsu fuq:

   (a) il-ħarsien tal-interessi leġittimi:

      (i) tal-konsumaturi; u

      (ii) tal-produtturi;

   (b) l-iżgurar tat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern fil-prodotti kkonċernati; u

   (c) il-promozzjoni tal-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità, filwaqt li jiġu awtorizzati miżuri nazzjonali tal-politika ta' kwalità.

SOTTOTAQSIMA II

ID-DENOMINAZZJONIJIET TAL-ORIĠINI U L-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

Artikolu 174

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' din is-Sottotaqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "denominazzjoni tal-oriġini" tfisser l-isem ta' reġjun, ta' post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, ta' pajjiż, li jintuża sabiex jiddeskrivi prodott imsemmi fl-Artikolu 173(1) li jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kwalità u l-karatteristiċi tiegħu huma essenzjalment jew esklużivament ġejjin minn ambjent ġeografiku partikulari bil-fatturi naturali u umani inerenti tiegħu;

(ii) l-għeneb li minnu huwa prodott jiġi esklużivament minn din iż-żona ġeografika;

(iii) huwa jiġi prodott f'din iż-żona ġeografika; u

(iv) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli tal-ispeċi *Vitis vinifera*;

(b) "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzjoni li tirreferi għal reġjun, għal post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, għal pajjiż, li tintuża sabiex tiddeskrivi prodott imsemmi fl-Artikolu 173(1) li jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) huwa għandu kwalità speċifika, reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn li jistgħu jkunu attribwiti għal dik l-oriġini ġeografika;

(ii) tal-inqas 85 % tal-għeneb li jintuża fil-produzzjoni tiegħu jiġi esklużivament minn din iż-żona ġeografika;

(iii) huwa jiġi prodott f'din iż-żona ġeografika; u

(iv) huwa magħmul minn varjetajiet ta' dwieli tal-ispeċi *Vitis vinifera* jew minn varjetajiet li ġejjin mit-tlaqqim bejn l-ispeċi *Vitis vinifera* u speċijiet oħrajn tal-ġenus *Vitis*.

2. Ċerti ismijiet użati tradizzjonalment għandhom jikkostitwixxu denominazzjoni tal-oriġini meta jkunu:

(a) jiddenominaw inbid;

(b) jirriferu għal isem ġeografiku;

(c) jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1(a)(i) sa (iv); u

(d) jgħaddu mill-proċedura li tagħti protezzjoni lid-denominazzjonijiet tal-oriġini u lill-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilita f'din is-Sottotaqsima.

3. Id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi dawk relatati ma' żoni ġeografiċi f'pajjiżi terzi, għandhom ikunu eliġibbli għall-protezzjoni fl-Unjoni skont ir-regoli stabbiliti f'din is-Sottotaqsima.

Artikolu 175

Il-kontenut tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni

1. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' ismijiet bħala denominazzjonijiet tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom jinkludu fajl tekniku li jkun fih:

   (a) l-isem li għandu jiġi protett;

   (b) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

   (c) speċifikazzjoni tal-prodott kif imsemmi fil-paragrafu 2; u

   (d) dokument uniku b'taqsira tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fil-paragrafu 2.

2. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha tippermetti lill-partijiet interessati jivverifikaw il-kundizzjonijiet rilevanti tal-produzzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika.

   Hija għandu jkun fiha tal-inqas:

   (a) l-isem li għandu jiġi protett;

   (b) deskrizzjoni tal-inbid (jew tal-inbejjed):

      (i) għal inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini, il-karatteristiċi analitiċi u organolettiċi ewlenin tagħhom;

      (ii) għal inbejjed b'indikazzjoni ġeografika, il-karatteristiċi analitiċi ewlenin tagħhom, kif ukoll evalwazzjoni jew indikazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi tagħhom;

   (c) fejn applikabbli, il-prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid (jew biex isiru l-inbejjed), kif ukoll ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tal-inbid (jew tal-inbejjed);

   (d) id-demarkazzjoni taż-żona ġeografika kkonċernata;

   (e) l-ammonti massimi ta' produzzjoni għal kull ettaru;

   (f) indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li minnhom jinkiseb l-inbid (jew jinkisbu l-inbejjed);

   (g) id-dettalji li juru r-rabta msemmija fl-Artikolu 174(1)(a)(i) jew fl-Artikolu 174(1)(b)(i), skont il-każ;

   (h) ir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew, fejn previst mill-Istati Membri, minn organizzazzjoni li jkollha f'idejha l-ġestjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika protetta, filwaqt li jitqies il-fatt li t-tali

rekwiżiti għandhom ikunu oġġettivi, mhux diskriminatorji u kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni;

(i) l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet jew tal-entitajiet li jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-ħidmiet speċifiċi tagħhom.

Artikolu 176

Applikazzjoni għall-protezzjoni marbuta ma' żona ġeografika f'pajjiż terz

1. Meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni tkun tikkonċerna żona ġeografika f'pajjiż terz, minbarra l-elementi li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 175, hija għandu jkun fiha wkoll prova li l-isem ikkonċernat huwa protett fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

2. L-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni jew direttament mill-applikant jewinkella permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat.

3. L-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tintbagħat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jewinkella jkollha magħha traduzzjoni ċċertifikata f'waħda minn dawk il-lingwi.

Artikolu 177

L-applikanti

1. Kwalunkwe grupp ta' produtturi interessat, jew f'każijiet eċċezzjonali produttur uniku, jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika. Partijiet interessati oħrajn jistgħu jieħdu sehem fl-applikazzjoni.

2. Il-produtturi jistgħu jibagħtu applikazzjoni għall-protezzjoni għall-inbejjed li jipproduċu huma biss.

3. F'każ ta' isem li jirriferi għal żona ġeografika transkonfinali jew isem tradizzjonali li huwa relatat ma' żona ġeografika transkonfinali, tista' tintbagħat applikazzjoni konġunta.

Artikolu 178

Proċedura nazzjonali preliminari

1. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika, skont l-Artikolu 174, ta' inbejjed li joriġinaw fl-Unjoni għandhom ikunu suġġetti għal proċedura nazzjonali preliminari skont dan l-Artikolu.

2. L-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tintbagħat fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu toriġina d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika.

3. L-Istat Membru għandu jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni sabiex jivverifika jekk din tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sottotaqsima jew le.

L-Istat Membru għandu jwettaq proċedura nazzjonali li tiżgura l-pubblikazzjoni adegwata tal-applikazzjoni u tipprovdi għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni li fih kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li hija residenti jew stabbilita fit-territorju tiegħu tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Istat Membru.

4. Jekk l-Istat Membru jqis li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika ma tissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti jew li mhijiex kompatibbli mal-liġi ġenerali tal-Unjoni, dan għandu jirrifjuta l-applikazzjoni.

5. Jekk l-Istat Membru jqis li r-rekwiżiti rilevanti jkunu ġew issodisfati, huwa għandu:

(a) jippubblika d-dokument uniku u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-inqas fuq l-internet; u

(b) jibgħat lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-protezzjoni li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(ii) id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 175(1)(d);

(iii) dikjarazzjoni mill-Istat Membru li huwa jqis li l-applikazzjoni mibgħuta mill-applikant tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa; u

(iv) ir-referenza għall-pubblikazzjoni, kif imsemmi fil-punt (a).

L-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tintbagħat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jewinkella jkollha magħha traduzzjoni ċċertifikata f'waħda minn dawk il-lingwi.

6. L-Istati Membri għandhom ikollhom fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 118(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u ma' dan l-Artikolu sa mill-1 ta' Awwissu 2009.

7. Fejn Stat Membru ma għandu l-ebda leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, huwa jista', fuq bażi tranżizzjonali biss, jagħti protezzjoni lill-isem skont it-termini ta' din is-Sottotaqsima fil-livell nazzjonali b'effett mill-jum li fih tintbagħat l-applikazzjoni lill-Kummissjoni. It-tali protezzjoni tranżizzjonali nazzjonali għandha tintemm fid-data li fiha tittieħed deċizjoni dwar ir-reġistrazzjoni jew ir-rifjut skont din is-Sottotaqsima.

Artikolu 179

Skrutinju mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 178(5) jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sottotaqsima.

3. F'każ li l-Kummissjoni tqis li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sottotaqsima, hija għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiddeċiedi li tippubblika d-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 175(1)(d) u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 178(5) f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. F'każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sottotaqsima ma jkunux ġew issodisfati, hija għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tirrifjuta l-applikazzjoni.

Artikolu 180

Proċedura ta' oġġezzjoni

Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 179(3), kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li hija residenti jew stabbilita fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun qed japplika għall-protezzjoni, jew f'pajjiż terz, tista' toġġezzjona għall-protezzjoni proposta billi tibgħat dikjarazzjoni debitament sostanzjata lill-Kummissjoni, marbuta mal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà kif stabbiliti f'din is-Sottotaqsima.

Fil-każ ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma residenti jew li huma stabbiliti f'pajjiż terz, din id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat, direttament jew permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, fi żmien xahrejn kif imsemmi fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 181

Deċiżjoni dwar il-protezzjoni

Fuq il-bażi tal-informazzjoni li l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha meta titlesta l-proċedura ta' oġġezzjoni msemmija fl-Artikolu 180, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li jew tagħti l-protezzjoni lid-denominazzjoni tal-oriġini jew lill-indikazzjoni ġeografika li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sottotaqsima u li tkun kompatibbli mal-liġijiet tal-Unjoni, jew li tirrifjuta l-applikazzjoni meta dawk il-kundizzjonijiet ma jkunux issodisfati.

Artikolu 182

Omonimi

1. Isem li għalih tintbagħat applikazzjoni u li jkun kompletament jew parzjalment omonimu ma' isem li huwa diġà rreġistrat skont dan ir-Regolament dwar is-settur tal-inbid, għandu jiġi rreġistrat b'kunsiderazzjoni xierqa għall-użanza lokali u tradizzjonali u għal kwalunkwe riskju ta' konfużjoni.

   Isem omonimu li jiżgwida lill-konsumatur billi jagħtih x'jifhem li l-prodotti jkunu ġejjin minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat anke jekk l-isem ikun preċiż fir-rigward tat-territorju, ir-reġjun jew il-post tal-oriġini attwali tal-prodotti kkonċernati.

   L-użu ta' isem omonimu rreġistrat għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm distinzjoni ċara fil-prattika bejn l-omonimu rreġistrat wara u l-isem li jkun diġà rreġistrat, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-produtturi kkonċernati jiġu ttrattati b'mod ekwu u l-ħtieġa li l-konsumatur ma jiġix żgwidat.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* jekk isem li għalih tintbagħat applikazzjoni jkun kompletament jew parzjalment omonimu ma' indikazzjoni ġeografika protetta b'dan il-mod skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

   L-Istati Membri m'għandhomx jirreġistraw indikazzjonijiet ġeografiċi mhux identiċi għall-protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi jekk id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika tkun protetta fl-Unjoni permezz tal-liġi tal-Unjoni li hija rilevanti għad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. Ħlief hekk kif ikun deċiż mod ieħor mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati sabiex jitqiesu l-prattiki eżistenti tat-tikkettar, fejn l-isem ta' varjetà tal-għeneb tal-inbid ikun fih jew ikun jikkonsisti minn denominazzjoni protetta tal-oriġini jew minn indikazzjoni ġeografika protetta, dak l-isem ma għandux jintuża għall-finijiet ta' ttikkettar tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

4. Il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti koperti mill-Artikolu 174 għandha tkun mingħajr ħsara għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti li japplikaw għall-ispirti skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u viceversa.

Artikolu 183

Raġunijiet għal ċaħda tal-protezzjoni

1. Ismijiet li jkunu saru ġeneriċi ma għandhomx ikunu protetti bħala denominazzjoni tal-oriġini jew bħala indikazzjoni ġeografika.

---

[32] ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

Għall-għanijiet ta' din is-Sottotaqsima, "isem li sar ġeneriku" tfisser l-isem ta' nbid li, għalkemm huwa relatat mal-post jew mar-reġjun fejn kien oriġinarjament prodott jew ikkummerċjalizzat dan il-prodott, issa sar l-isem komuni ta' nbid fl-Unjoni.

Sabiex jiġi stabbilit jekk isem sarx ġeneriku jew le, għandhom jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikulari:

(a) is-sitwazzjoni li teżisti fl-Unjoni, l-iktar fiż-żoni ta' konsum;

(b) il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni rilevanti.

2. Isem ma għandux ikun protett bħala denominazzjoni tal-oriġini jew bħala indikazzjoni ġeografika fejn, fid-dawl tar-reputazzjoni u l-fama ta' trademark, il-protezzjoni x'aktarx li tiżgwida lill-konsumatur dwar l-identità vera tal-inbid.

Artikolu 184

Ir-relazzjoni mat-trademarks

1. Meta denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 185(2) u li għandha x'taqsam ma' prodott li jaqa' f'waħda mill-kategoriji mniżżlin fil-Parti II tal-Anness XII għandha tiġi miċħuda jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tintbagħat wara d-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika lill-Kummissjoni u d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika wara tkun protetta.

It-trademarks irreġistrati bi ksur tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu invalidati.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 183(2), trademark li l-użu tagħha jikkorrispondi ma' waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 185(2), li għaliha tkun intbagħtet applikazzjoni, li tkun ġiet irreġistrata jew li tkun ġiet stabbilita bl-użu, jekk il-leġiżlazzjoni kkonċernata tkun tagħti dik il-possibbiltà, fit-territorju tal-Unjoni qabel id-data li fiha tintbagħat l-applikazzjoni għall-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika lill-Kummissjoni, tista' tibqa' tintuża u tiġġedded minkejja l-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika. Dan sakemm ma jkunux jeżistu raġunijiet għall-invalidità jew għar-revoka tat-trademark kif speċifikat fid-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] jew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009[34].

F'każijiet bħal dawn l-użu tad-denominazzjoni tal-oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika għandu jkun permess flimkien mat-trademarks rilevanti.

---

33 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
34 ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

Artikolu 185

Protezzjoni

1. Id-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jistgħu jintużaw minn kwalunkwe operatur li jikkumerċjalizza nbid li jkun ġie prodott b'mod li huwa konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

2. Id-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-inbejjed li jużaw dawk l-ismijiet protetti b'mod li huwa konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jitħarsu minn:

   (a) kwalunkwe użu kummerċjali, dirett jew indirett, ta' isem protett:

      (i) minn prodotti komparabbli li ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett; jew

      (ii) sa fejn dan l-użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

   (b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott jew tas-servizz huwa indikat jew jekk l-isem protett huwa tradott jew għandu miegħu espressjoni bħal "stil", "tip", "metodu", "kif prodott fi", "imitazzjoni", "togħma", "bħal" jew xi espressjoni simili;

   (c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew li tiżgwida oħra dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fuq il-pakkett minn ġewwa jew minn barra, fuq il-materjal ta' riklamar jew fuq dokumenti marbutin mal-prodott tal-inbid ikkonċernat, u mill-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur li x'aktarx jagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tiegħu;

   (d) kull prattika oħra li tista' tiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

3. Id-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti m'għandhomx isiru ġeneriċi fl-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 183(1).

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex iwaqqfu l-użu illegali ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 186

Reġistru

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru elettroniku tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għall-inbid, li għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Artikolu 187

Ħatra tal-awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għall-kontrolli fir-rigward tal-obbligi stabbiliti minn din is-Sottotaqsima skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35].

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe operatur li jkun konformi ma' din is-Sottotaqsima jkun intitolat li jkun kopert minn sistema ta' kontrolli.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ismijiet u l-indirizzi tagħhom u għandha taġġornahom b'mod regolari.

Artikolu 188

Verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet

1. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti marbutin ma' żona ġeografika fi ħdan l-Unjoni, il-verifika annwali tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul jew wara l-ipproċessar tal-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

   (a) l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 187(1); jew

   (b) entità waħda jew aktar responsabbli għall-verifika fi ħdan it-tifsira tal-punt (5) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li topera bħala entità taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

   L-ispejjeż tat-tali verifika għandhom jitħallsu mill-operaturi li jkunu suġġetti għaliha stess.

2. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti marbutin ma' żona ġeografika f'pajjiż terz, il-verifika annwali tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-produzzjoni u matul jew wara l-ipproċessar tal-inbid, għandha tkun żgurata permezz ta':

   (a) awtorità pubblika waħda jew aktar maħtura mill-pajjiż terz; jew

   (b) entità taċ-ċertifikazzjoni waħda jew aktar.

3. L-entitajiet taċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafi 1(b) u 2(b) għandhom ikunu konformi mal-istandard Ewropew EN 45011 jew mal-Gwida 65 tal-ISO/IEC (Rekwiżiti ġenerali għal entitajiet li jħaddmu sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti), u għandhom ikunu akkreditati skont dan l-istandard jew din il-gwida.

---

35 ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

4. Meta l-awtorità jew l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1(a) u 2(a) jivverifikaw il-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, huma għandhom joffru garanziji adegwati ta' oġġettività u imparzjalità, u għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal ikkwalifikat u r-riżorsi meħtieġa sabiex iwettqu ħidmiethom.

Artikolu 189

Emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott

1. Applikant li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 177 jista' japplika għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni protetta tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta, b'mod partikulari sabiex jitqiesu żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku jew sabiex tiġi ddefinita mill-ġdid iż-żona ġeografika msemmija fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 175(2). L-applikazzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-emendi mitluba u jagħtu r-raġunijiet għalihom.

2. Meta l-emenda proposta tkun tinvolvi emenda waħda jew aktar fid-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 175(1)(d), l-Artikoli 178 sa 181 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-applikazzjoni għall-emenda. Madankollu, jekk l-emenda proposta tkun waħda minuri biss, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk tapprovax l-applikazzjoni mingħajr ma ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 179(2) u fl-Artikolu 180 u, fil-każ li tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bil-pubblikazzjoni tal-elementi msemmija fl-Artikolu 179(3).

3. Jekk l-emenda proposta ma tkun tinvolvi l-ebda bidla fid-dokument uniku, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

   (a) meta ż-żona ġeografika tkun fi Stat Membru partikulari, dak l-Istat Membru għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-emenda u jekk ikun favuriha, għandu jippubblika l-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendata u jgħarraf lill-Kummissjoni dwar l-emendi approvati u dwar ir-raġunijiet għalihom;

   (b) meta ż-żona ġeografika tkun f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk tapprovax l-emenda proposta jew le.

Artikolu 190

Tħassir

1. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba debitament sostanzjata ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz jew ta' persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tħassar il-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika jekk ma tkunx għadha żgurata l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

   L-Artikoli 178 sa 181 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 191

Ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed

1. L-ismijiet ta' nbejjed li huma protetti skont l-Artikoli 51 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u skont l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002[36] se jkunu protetti awtomatikament skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tniżżilhom fir-reġistru li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 186 ta' dan ir-Regolament.

2. Fir-rigward tal-ismijiet protetti eżistenti tal-inbejjed imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

   (a) il-fajls tekniċi kif previst fl-Artikolu 175(1);

   (b) id-deċiżjonijiet nazzjonali ta' approvazzjoni.

3. L-ismijiet ta' nbejjed imsemmija fil-paragrafu 1, li għalihom l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tintbagħatx sal-31 ta' Diċembru 2011, m'għandhomx jibqgħu protetti skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-pass formali korrispondenti li tneħħi dawn l-ismijiet mir-reġistru li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 186 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1).

4. L-Artikolu 190 ma għandux japplika għall-ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

   Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tħassar il-protezzjoni tal-ismijiet protetti eżistenti ta' nbejjed imsemmija fil-paragrafu 1 jekk huma ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 174.

Artikolu 192

Ħlasijiet

L-Istati Membri jistgħu jitolbu ħlas biex ikopru l-ispejjeż tagħhom, inklużi dawk imġarrba biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni, id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni, l-applikazzjonijiet għall-emendi u t-talbiet għat-tħassir skont din is-Sottotaqsima.

Artikolu 193

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni fiż-żona ġeografika ddemarkata, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta:

---

[36] ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1.

(a) il-prinċipji għad-demarkazzjoni taż-żona ġeografika, u

(b) id-definizzjonijiet, ir-restrizzjonijiet u d-derogi marbutin mal-produzzjoni fiż-żona ġeografika ddemarkata.

2. Sabiex tiżgura l-kwalità u t-traċċabbiltà tal-prodotti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tagħmel dispożizzjoni dwar il-kundizzjonijiet li bihom l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott jistgħu jinkludu rekwiżiti addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 175(2)(h).

3. Sabiex tiżgura d-drittijiet leġittimi jew l-interessi tal-produtturi jew tal-operaturi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

(a) tiddefinixxi f'liema każijiet produttur wieħed jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

(b) tadotta restrizzjonijiet dwar it-tip ta' applikant li jista' japplika għall-protezzjoni ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

(c) tadotta miżuri speċifiċi marbutin mal-proċeduri nazzjonali li japplikaw għall-applikazzjonijiet transkonfinali;

(d) tiddefinixxi d-data tat-tressiq ta' applikazzjoni jew ta' talba;

(e) tiddefinixxi d-data minn meta tibda tgħodd il-protezzjoni;

(f) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom emenda għandha titqies bħala waħda minuri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 189(2);

(g) tiddefinixxi d-data li fiha emenda se tidħol fis-seħħ;

4. Sabiex tiżgura protezzjoni adegwata, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta restrizzjonijiet dwar l-isem protett.

5. Sabiex tevita l-użu illegali ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-azzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw f'dan ir-rigward.

6. Sabiex tiżgura l-effiċjenza tal-kontrolli li dwarhom hemm dispożizzjoni f'din is-Sottotaqsima, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta l-miżuri meħtieġa dwar in-notifika tal-operaturi lill-awtoritajiet kompetenti.

7. Sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti ma ssirilhomx ħsara meta tiġi applikata din is-Sottotaqsima f'dak li għandu x'jaqsam ma' ismijiet ta' nbejjed li ngħataw protezzjoni qabel l-1 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar:

(a) l-ismijiet tal-inbejjed li ġew rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala denominazzjonijiet tal-oriġini jew bħala indikazzjonijiet ġeografiċi sal-1 ta' Awwissu 2009;

(b) il-proċedura nazzjonali preliminari;

(c) l-inbejjed li tqiegħdu fis-suq jew li ġew ittikkettati qabel data speċifika; u

(d) l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott.

Artikolu 194

Setgħat ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima dwar:

(a) l-informazzjoni li għandha tingħata fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott dwar ir-rabta bejn iż-żona ġeografika u l-prodott finali;

(b) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tad-deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni jew dwar iċ-ċaħda;

(c) l-istabbiliment u ż-żamma tar-reġistru msemmi fl-Artikolu 186;

(d) il-konverżjoni minn denominazzjoni protetta tal-oriġini għal indikazzjoni ġeografika protetta;

(e) it-tressiq ta' applikazzjonijiet transkonfinali;

(f) il-kontrolli u l-verifika li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri, inklużi t-testijiet.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima dwar il-proċedura, inkluża l-ammissibbiltà, għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda ta' denominazzjoni tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika, kif ukoll il-proċedura, inkluża l-ammissibbiltà, għal talbiet ta' oġġezzjoni, għat-tħassir, jew għall-konverżjoni, u t-tressiq ta' informazzjoni marbuta mal-ismijiet protetti eżistenti tal-inbid, b'mod partikulari fir-rigward ta':

(a) il-mudelli tad-dokumenti u l-format tat-trażmissjoni;

(b) il-limiti taż-żmien;

(c) id-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-provi dokumentati li jridu jitressqu biex jappoġġaw l-applikazzjoni jew it-talba.

Artikolu 195

Atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1)

Fejn applikazzjoni jew talba titqies bħala waħda li mhix ammissibbli, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiddeċiedi li tirrifjutaha bħala applikazzjoni jew talba li mhix ammissibbli.

SOTTOTAQSIMA III

IT-TERMINI TRADIZZJONALI

Artikolu 196

Definizzjoni

"Terminu tradizzjonali" tfisser terminu użat tradizzjonalment fl-Istati Membri għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 173(1) sabiex jindika:

(a) li l-prodott għandu denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali; jew

(b) il-metodu ta' produzzjoni jew ta' maturazzjoni jew il-kwalità, il-kulur, it-tip ta' post jew avveniment partikulari marbut mal-imgħoddi tal-prodott b'denominazzjoni protetta tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika protetta.

Artikolu 197

Protezzjoni

1. Terminu tradizzjonali protett jista' jintuża biss għal prodott li jkun ġie prodott skont id-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 196.

   It-termini tradizzjonali għandhom jitħarsu mill-użu illegali.

   L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex iwaqqfu l-użu illegali ta' termini tradizzjonali protetti.

2. It-termini tradizzjonali m'għandhomx isiru ġeneriċi fl-Unjoni.

Artikolu 198

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura protezzjoni adegwata, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet dwar il-lingwa u l-ortografija tat-terminu li għandu jiġi protett.

2. Sabiex tiżgura d-drittijiet leġittimi jew l-interessi tal-produtturi jew tal-operaturi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi dan li ġej:

   (a) it-tip ta' applikanti li jistgħu japplikaw għall-protezzjoni ta' terminu tradizzjonali;

   (b) il-kundizzjonijiet tal-validità ta' applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' terminu tradizzjonali;

(c) ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent propost ta' terminu tradizzjonali;

(d) l-ambitu tal-protezzjoni, inkluża r-relazzjoni ma' trademarks, ma' termini tradizzjonali protetti, ma' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini jew ma' indikazzjonijiet ġeografiċi, ma' omonimi, jew ma' ċerti ismijiet tal-għeneb tal-inbid;

(e) ir-raġunijiet għat-tħassir ta' terminu tradizzjonali;

(f) id-data tat-tressiq ta' applikazzjoni jew ta' talba.

3. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-kummerċ bejn l-Unjoni u ċerti pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta l-kundizzjonijiet li bihom jistgħu jintużaw termini tradizzjonali fuq prodotti minn pajjiżi terzi u tipprovdi għal derogi mill-Artikolu 196.

4. Sabiex tevita l-użu illegali ta' termini tradizzjonali protetti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tispeċifika l-azzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw f'dan ir-rigward.

Artikolu 199

Setgħat ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din is-Sottotaqsima dwar il-proċedura, inkluża l-ammissibbiltà, għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda ta' terminu tradizzjonali, kif ukoll il-proċedura, inkluża l-ammissibbiltà, għal talbiet ta' oġġezzjoni jew għat-tħassir, b'mod partikulari fir-rigward ta':

(a) il-mudelli tad-dokumenti u l-format tat-trażmissjoni;

(b) il-limiti taż-żmien;

(c) id-dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-provi dokumentati li jridu jitressqu biex jappoġġaw l-applikazzjoni jew it-talba.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li taċċetta jew li tirrifjuta applikazzjoni għall-protezzjoni ta' terminu tradizzjonali jew talba għal emenda tat-terminu protett jew għat-tħassir tal-protezzjoni ta' terminu tradizzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi għall-protezzjoni ta' termini tradizzjonali li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni tagħhom ikunu ġew aċċettati, b'mod partikulari billi tikklassifikahom skont il-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 196 u billi tippubblika definizzjoni u/jew il-kundizzjonijiet tal-użu.

Artikolu 200

Atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1)

Fejn applikazzjoni jew talba titqies bħala waħda li mhix ammissibbli, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiddeċiedi li tirrifjutaha bħala applikazzjoni jew talba li mhix ammissibbli.

TAQSIMA III

IT-TIKKETTAR U L-PREŻENTAZZJONI FIS-SETTUR TAL-INBID

Artikolu 201

Definizzjoni

Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "tikkettar" tfisser kwalunkwe kelma, dettall, trademark, marka kummerċjali, rappreżentazzjoni bl-istampi jew simbolu mqiegħed fuq pakkett, dokument, avviż, tikketta, ċirku jew kullar li jakkumpanja prodott partikulari jew li jirreferi għalih;

(b) "preżentazzjoni" tfisser kwalunkwe informazzjoni mogħtija lill-konsumaturi permezz tal-pakkett tal-prodott ikkonċernat, inkluż il-forma u t-tip ta' fliexken.

Artikolu 202

L-applikabbiltà tar-regoli orizzontali

Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, id-Direttiva 2008/95/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE[37], id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] u d-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] għandhom japplikaw għat-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu tagħhom.

Artikolu 203

Dettalji obbligatorji

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punti 1 sa 11, 13, 15 u 16 tal-Parti II tal-Anness XII li jkunu kkummerċjalizzati fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom id-dettalji obbligatorji li ġejjin:

---

37 ĠU L 186, 30.6.1989, p. 21.
38 ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.
39 ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17.

(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli skont il-Parti II tal-Anness XII;

(b) għal inbejjed b'denominazzjoni protetta tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika protetta:

(i) it-terminu "denominazzjoni protetta tal-oriġini" jew "indikazzjoni ġeografika protetta"; u

(ii) isem id-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;

(c) il-qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum;

(d) indikazzjoni tal-provenjenza;

(e) indikazzjoni tal-bottiljatur jew, fil-każ tal-inbid spumanti, tal-inbid frizzanti bil-gass, tal-inbid spumanti ta' kwalità jew tal-inbid spumanti aromatiku ta' kwalità, isem il-produttur jew il-bejjiegħ;

(f) indikazzjoni tal-importatur fil-każ tal-inbejjed importati; u

(g) fil-każ tal-inbid spumanti, tal-inbid frizzanti bil-gass, tal-inbid spumanti ta' kwalità jew tal-inbid spumanti aromatiku ta' kwalità, indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), ir-referenza għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli tista' titħalla barra għal inbejjed li t-tikketti tagħhom jinkludu l-isem ta' denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta.

3. B'deroga mill-paragrafu 1(b), ir-referenza għat-termini "denominazzjoni protetta tal-oriġini" jew "indikazzjoni ġeografika protetta" tista' titħalla barra fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta fuq it-tikketta jintwera terminu tradizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 196(a);

(b) f'ċirkustanzi eċċezzjonali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati, sabiex tkun żgurata l-konformità mal-prattiki eżistenti tat-tikkettar.

Artikolu 204

Dettalji mhux obbligatorji

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 203(1) jistgħu jinkludu, b'mod partikulari, d-dettalji mhux obbligatorji li ġejjin:

(a) is-sena tal-qtugħ u l-għasir tal-għeneb;

(b) l-isem ta' waħda mill-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid jew aktar;

(c) fil-każ ta' nbejjed għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 203(1)(g), termini li jindikaw il-kontenut taz-zokkor;

(d) għal inbejjed b'denominazzjoni protetta tal-oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika protetta, termini tradizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 196(b);

(e) is-simbolu tal-Unjoni li jindika d-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika protetta;

(f) termini li jirreferu għal ċerti metodi ta' produzzjoni;

(g) għal inbejjed li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, l-isem ta' unità ġeografika oħra li hija iżgħar jew ikbar miż-żona li magħha hija marbuta d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 182(3), fir-rigward tal-użu tad-dettalji msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) għal inbejjed mingħajr denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta:

(a) l-Istati Membri għandhom idaħħlu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi sabiex jiżguraw il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, approvazzjoni u verifika, bil-għan li tkun żgurata l-veraċità tal-informazzjoni kkonċernata;

(b) l-Istati Membri jistgħu, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetizzjoni leali, iħejju, għall-inbid li jiġi prodott minn varjetajiet tal-għeneb tal-inbid fit-territorju tagħhom, listi ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li huma eskluži, b'mod partikulari jekk:

(i) ikun hemm riskju ta' konfużjoni għall-konsumaturi dwar l-oriġini vera tal-inbid minħabba l-fatt li l-varjetà partikulari tal-għeneb tal-inbid tifforma parti integrali minn denominazzjoni protetta tal-oriġini eżistenti jew minn indikazzjoni ġeografika protetta;

(ii) il-kontrolli rilevanti mhux se jkunu kosteffiċjenti minħabba l-fatt li l-varjetà partikulari tal-għeneb tal-inbid tirrappreżenta parti żgħira ħafna mid-dwieli tal-Istat Membru partikulari;

(c) it-taħlitiet ta' nbejjed minn Stati Membri differenti ma għandhomx iwasslu għat-tikkettar tal-varjetà jew tal-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid sakemm l-Istati Membri kkonċernati ma jaqblux mod ieħor u sakemm ma jiżgurawx il-fattibbiltà tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, approvazzjoni u verifika rilevanti.

Artikolu 205

Il-lingwi

1. Id-dettalji obbligatorji u mhux obbligatorji msemmija fl-Artikoli 203 u 204 għandhom, fejn imfissra fi kliem, jidhru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew aktar.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-isem ta' denominazzjoni protetta tal-oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta jew terminu tradizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 196(a) għandu jidher fuq it-tikketta fil-lingwa jew fil-lingwi li għalihom tapplika l-protezzjoni.

Fil-każ ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew ta' denominazzjonijiet nazzjonali speċifiċi li jagħmlu użu minn alfabett mhux Latin, l-isem jista' jidher ukoll f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew aktar.

Artikolu 206

L-infurzar

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li prodott imsemmi fl-Artikolu 203(1) li ma jkollux tikkettar skont din it-Taqsima ma jitpoġġiex fis-suq, jew jiġi rtirat minnu.

Artikolu 207

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura l-konformità mar-regoli orizzontali marbutin mat-tikkettar u l-preżentazzjoni u biex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-inbid, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta definizzjonijiet, regoli u restrizzjonijiet dwar:

(a) il-preżentazzjoni u l-użu ta' dettalji dwar it-tikkettar għajr dawk li dwarhom hemm dispożizzjoni f'din it-Taqsima;

(b) ċerti dettalji obbligatorji, b'mod partikulari:

(i) it-termini li għandhom jintużaw biex jiġu fformulati d-dettalji obbligatorji u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom;

(ii) it-termini li jirreferu għal intrapriża u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom;

(iii) dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri produtturi jistabbilixxu regoli addizzjonali marbutin mad-dettalji obbligatorji;

(iv) dispożizzjonijiet li jippermettu aktar derogi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 203(2) fir-rigward tal-ommissjoni tar-referenza għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli; u

(v) dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-lingwi;

(c) id-dettalji mhux obbligatorji, b'mod partikulari:

(i) it-termini li għandhom jintużaw biex jiġu fformulati d-dettalji mhux obbligatorji u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom;

(ii) dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri produtturi jistabbilixxu regoli addizzjonali marbutin mad-dettalji mhux obbligatorji;

(d) il-preżentazzjoni, b'mod partikulari:

(i) il-kundizzjonijiet tal-użu ta' ċerti forom tal-fliexken, u lista ta' ċerti forom tal-fliexken partikulari;

(ii) il-kundizzjonijiet tal-użu ta' fliexken u ta' għeluq tat-tip tal-"inbid spumanti";

(iii) dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri produtturi jistabbilixxu regoli addizzjonali marbutin mal-preżentazzjoni;

(iv) dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-lingwi.

2. Sabiex tiżgura l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, approvazzjoni u verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni f'din it-Taqsima, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta l-miżuri meħtieġa f'dan ir-rigward.

3. Sabiex tiżgura l-interessi leġittimi tal-operaturi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar it-tikkettar temporanju u l-preżentazzjoni temporanja ta' nbejjed li jkollhom denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, li d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata tagħhom tkun tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 178(5).

4. Sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi ma ssirilhomx ħsara, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet tranżizzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-inbid imqiegħed fis-suq u ttikkettat qabel l-1 ta' Awwissu 2009.

5. Sabiex tevita l-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti li ma jkollhomx tikkettar skont din it-Taqsima, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-azzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw f'dan ir-rigward.

6. Sabiex tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-kummerċ bejn l-Unjoni u ċerti pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta derogi minn din it-Taqsima.

Artikolu 208

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima dwar il-proċeduri, in-notifiki u l-kriterji tekniċi.

KAPITOLU II

Organizzazzjonijiet tal-produtturi, gruppi tal-produtturi,

organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur u organizzazzjonijiet tal-operaturi

TAQSIMA I

PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 209

Organizzazzjonijiet tal-produtturi

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu organizzazzjonijiet tal-produtturi li:

(a) jkunu magħmula minn produtturi ta' wieħed mis-setturi li ġejjin:

(i) is-settur tal-ħops;

(ii) is-settur taz-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda;

(iii) is-settur tal-frott u l-ħaxix fir-rigward ta' bdiewa li jkabbru prodott wieħed jew iktar ta' dak is-settur u/jew li jkabbru t-tali prodotti li jkunu maħsubin biss għall-ipproċessar;

[(iv) is-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;]

(v) is-settur tad-dud tal-ħarir;

(b) jkunu ffurmati fuq inizjattiva tal-produtturi;

(c) ifittxu li jilħqu għan speċifiku li jista', b'mod partikulari, jinkludi jew li, għas-settur tal-frott u l-ħaxix, għandu jinkludi, wieħed jew aktar mill-għanijiet li ġejjin:

(i) l-iżgurar li l-produzzjoni tiġi ppjanata u li tiġi aġġustata għad-domanda, b'mod partikulari f'termini tal-kwalità u tal-kwantità;

(ii) il-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati mill-membri tagħhom;

(iii) li jsir l-aħjar użu mill-ispejjeż tal-produzzjoni u li jiġu stabbilizzati l-prezzijiet tal-produtturi.

L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu wkoll l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu magħmulin minn produtturi fi kwalunkwe settur imsemmi fl-Artikolu 1, għajr dawk imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu, bil-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (c) ta' dak il-paragrafu.

L-Istati Membri jistgħu, għas-settur tal-inbid, jirrikonoxxu organizzazzjonijiet tal-produtturi bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-punti (b) u (c) tal-ewwel paragrafu, li japplikaw regoli ta' assoċjazzjoni li jitolbu lill-membri tagħhom, b'mod partikulari, biex:

(a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi b'rabta mar-rappurtar tal-produzzjoni, mal-produzzjoni, mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-ħarsien ambjentali;

(b) jipprovdu l-informazzjoni mitluba mill-organizzazzjoni tal-produtturi għal għanijiet tal-istatistika, b'mod partikulari dwar iż-żoni ta' tkabbir u l-evoluzzjoni tas-suq;

(c) iħallsu penali għall-ksur tal-obbligi skont ir-regoli tal-assoċjazzjoni.

L-għanijiet speċifiċi li ġejjin skont it-tifsira tal-punt (c) tal-ewwel paragrafu jistgħu jiġu segwiti, b'mod partikulari, fis-settur tal-inbid:

(a) il-promozzjoni u l-għoti ta' għajnuna teknika għall-użu ta' prattiki ta' kultivazzjoni u ta' tekniki ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(b) il-promozzjoni ta' inizjattivi għall-ġestjoni ta' prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid u l-ġestjoni tal-iskart b'mod partikulari sabiex titħares il-kwalità tal-ilma, tal-ħamrija u tal-pajsaġġ u sabiex tiġi ppreservata u titħeġġeġ il-bijodiversità;

(c) it-twettiq ta' riċerka dwar metodi ta' produzzjoni sostenibbli u dwar l-iżviluppi fis-suq;

(d) l-għoti ta' kontribut għall-ksib tal-programmi ta' appoġġ imsemmija fit-Taqsima VII tal-Kapitolu IV tat-Titolu I ta' din il-Parti.

Artikolu 210

Organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur li:

   (a) jkunu magħmulin minn rappreżentanti ta' attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-produzzjoni ta' prodotti fis-setturi li ġejjin, mal-kummerċ fihom, u/jew mal-ipproċessar tagħhom:

      (i) is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda;

      (ii) is-settur tat-tabakk;

   (b) jkunu ffurmati fuq inizjattiva tal-organizzazzjonijiet jew tal-assoċjazzjonijiet kollha li huma magħmulin minnhom, jew fuq inizjattiva ta' xi wħud minnhom;

   (c) ifittxu li jilħqu għan speċifiku, li jista', b'mod partikulari, jkollu x'jaqsam ma':

      (i) il-konċentrazzjoni u l-koordinazzjoni tal-provvista u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri;

      (ii) l-adattament tal-produzzjoni u tal-ipproċessar b'mod konġunt għar-rekwiżiti tas-suq u t-titjib tal-prodott;

(iii) il-promozzjoni tar-razzjonalizzazzjoni u t-titjib tal-produzzjoni u tal-ipproċessar;

(iv) it-twettiq ta' riċerka dwar metodi ta' produzzjoni sostenibbli u dwar l-iżviluppi fis-suq.

2. F'każ li l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur imsemmija fil-paragrafu 1 iwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorji ta' diversi Stati Membri, ir-rikonoxximent għandu jingħata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1).

3. Minbarra l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, għas-settur tal-frott u l-ħaxix, u jistgħu, għas-settur tal-inbid, jirrikonoxxu wkoll organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur li:

(a) jkunu magħmulin minn rappreżentanti ta' attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-produzzjoni tal-prodotti tas-setturi msemmija fil-kliem tal-bidu, mal-kummerċ fihom, u/jew mal-ipproċessar tagħhom;

(b) jkunu ffurmati fuq inizjattiva tar-rappreżentanti kollha msemmija fil-punt (a) jew ta' wħud minnhom;

(c) iwettqu waħda, u fil-każ tas-settur tal-frott u l-ħaxix, tnejn jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin f'wieħed mir-reġjuni tal-Unjoni jew aktar, filwaqt li jqisu l-interessi tal-konsumaturi, u, mingħajr ħsara għal setturi oħrajn, fis-settur tal-inbid, filwaqt li jqisu s-saħħa pubblika u l-interessi tal-konsumaturi:

(i) it-titjib tal-għarfien u tat-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq;

(ii) l-għoti ta' kontribut biex ikun ikkoordinat aħjar il-mod li bih il-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix u tas-settur tal-inbid jitpoġġew fis-suq, b'mod partikulari permezz tar-riċerka u tal-istudji tas-suq;

(iii) it-tfassil ta' forom standard ta' kuntratti li jkunu kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

(iv) l-isfruttament aħjar tal-potenzjal tal-frott u l-ħaxix prodotti u tal-potenzjal tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid;

(v) l-għoti tal-informazzjoni u t-twettiq tar-riċerka meħtieġa biex il-produzzjoni tkun aġġustata għal prodotti li jkunu aktar adattati għar-rekwiżiti tas-suq u għall-gosti u għall-aspettattivi tal-konsumaturi, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-prodotti u mal-ħarsien ambjentali;

(vi) it-tiftix ta' modi kif ikun restritt l-użu ta' prodotti għas-saħħa tal-pjanti u ta' prodotti agrikoli ("inputs") oħrajn u ta' modi kif ikunu żgurati l-kwalità tal-prodotti u l-konservazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma;

(vii) l-iżvilupp ta' metodi u strumenti għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti fl-istadji kollha tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni u, għas-settur tal-inbid, tal-produzzjoni tal-inbid ukoll;

(viii) l-isfruttament tal-potenzjal tal-biedja organika u l-ħarsien u l-promozzjoni ta' din it-tip ta' biedja kif ukoll tad-denominazzjonijiet tal-oriġini, tat-tikketti tal-kwalità u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(ix) il-promozzjoni tal-produzzjoni integrata jew ta' metodi ta' produzzjoni oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(x) għas-settur tal-frott u l-ħaxix, l-istabbiliment ta' regoli, f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni msemmija fil-punti 2 u 3 tal-Anness XIV, li huma aktar stretti mir-regoli nazzjonali jew minn dawk tal-Unjoni;

(xi) għas-settur tal-inbid:

– l-għoti ta' informazzjoni dwar karatteristiċi partikulari tal-inbid li jkollu denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta,

– l-inkuraġġiment ta' konsum moderat u responsabbli tal-inbid u l-għoti ta' tagħrif dwar il-periklu marbut ma' użanzi tal-konsum perikolużi,

– it-twettiq ta' azzjonijiet ta' promozzjoni għall-inbid, b'mod speċjali f'pajjiżi terzi.

[4. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu wkoll organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur li:

(a) jkunu magħmulin minn rappreżentanti ta' attivitajiet ekonomiċi marbutin mal-produzzjoni ta' prodotti tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, mal-kummerċ fihom, u/jew mal-ipproċessar tagħhom;

(b) jkunu ffurmati fuq inizjattiva tar-rappreżentanti kollha msemmija fil-punt (a) jew ta' wħud minnhom;

(c) iwettqu waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew aktar f'wieħed mir-reġjuni tal-Unjoni jew aktar, filwaqt li jqisu l-interessi tal-konsumaturi:

(i) it-titjib tal-għarfien u tat-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq, inkluż billi jippubblikaw dejta statistika dwar il-prezzijiet, il-volumi u t-tul ta' żmien tal-kuntratti għall-kunsinna tal-ħalib mhux imsajjar li jkunu ġew konklużi qabel, u billi jipprovdu analiżi tal-iżviluppi potenzjali tas-suq fil-ġejjieni fil-livell nazzjonali jew reġjonali;

(ii) l-għoti ta' kontribut biex ikun ikkoordinat aħjar il-mod li bih il-prodotti tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib jitpoġġew fis-suq, b'mod partikulari permezz tar-riċerka u tal-istudji tas-suq;

(iii) it-tfassil ta' forom standard ta' kuntratti li jkunu kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

(iv) l-għoti tal-informazzjoni u t-twettiq tar-riċerka meħtieġa biex il-produzzjoni tkun aġġustata għal prodotti li jkunu aktar adattati għar-rekwiżiti tas-suq u għall-gosti u għall-aspettattivi tal-konsumaturi, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-prodotti u mal-ħarsien ambjentali;

(v) it-tiftix ta' modi kif ikun restritt l-użu ta' prodotti għas-saħħa tal-annimali u ta' prodotti agrikoli ("inputs") oħrajn;

(vi) l-iżvilupp ta' metodi u strumenti għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti fl-istadji kollha tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni;

(vii) l-isfruttament tal-potenzjal tal-biedja organika u l-ħarsien u l-promozzjoni ta' din it-tip ta' biedja kif ukoll tad-denominazzjonijiet tal-oriġini, tat-tikketti tal-kwalità u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi; u

(viii) il-promozzjoni tal-produzzjoni integrata jew ta' metodi ta' produzzjoni oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.]

Artikolu 211

Dispożizzjonijiet komuni dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur

1. L-Artikolu 209 u l-Artikolu 210(1) għandhom japplikaw mingħajr ħsara għar-rikonoxximent, deċiż mill-Istati Membri abbażi tal-liġijiet nazzjonali u f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni, ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew ta' organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur rispettivament, fi kwalunkwe settur imsemmi fl-Artikolu 1 ħlief għas-setturi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 209 u fl-Artikolu 210(1).

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti jew approvati skont ir-Regolamenti (KE) Nru 865/2004, (KE) Nru 1952/2005 u (KEE) Nru 707/76 għandhom jitqiesu bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti skont l-Artikolu 209 ta' dan ir-Regolament.

   L-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti jew approvati skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 2077/92 u (KE) Nru 865/2004 għandhom jitiqiesu bħala organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti skont l-Artikolu 210 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 212

Organizzazzjonijiet tal-operaturi

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-organizzazzjonijiet tal-operaturi għandhom jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti, l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti jew l-organizzazzjonijiet irrikonoxxuti ta' operaturi oħrajn fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

TAQSIMA II

REGOLI DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI, L-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIĠBRU FIHOM DIVERSI FERGĦAT TAS-SETTUR U L-GRUPPI TAL-PRODUTTURI FIS-SETTUR TAL-FROTT U L-ĦAXIX

SOTTOTAQSIMA I

REGOLI TA' ASSOĊJAZZJONI U R-RIKONOXXIMENT TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI

Artikolu 213

Regoli ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. Ir-regoli ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix għandhom jitolbu lill-membri tagħha li huma produtturi, b'mod partikulari, biex:

   (a) japplikaw ir-regoli adottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi b'rabta mar-rappurtar tal-produzzjoni, mal-produzzjoni, mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-ħarsien ambjentali;

   (b) ikunu membri f'organizzazzjoni tal-produtturi waħda biss fir-rigward tal-produzzjoni, minn impriża partikulari, ta' prodott partikulari msemmi fil-punt (a)(iii) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 209;

   (c) jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni kollha kkonċernata tagħhom permezz tal-organizzazzjoni tal-produtturi;

   (d) jipprovdu l-informazzjoni mitluba mill-organizzazzjoni tal-produtturi għal għanijiet tal-istatistika, b'mod partikulari dwar iż-żoni ta' tkabbir, il-kwantitajiet maħsuda, l-ammonti tal-produzzjoni u l-bejgħ dirett;

   (e) iħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fir-regoli tal-assoċjazzjoni tagħha għall-istabbiliment u r-riforniment tal-fond operattiv li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 120.

2. Minkejja l-paragrafu 1(c), meta l-organizzazzjoni tal-produtturi tawtorizza dan u meta dan ikun konformi mat-termini u l-kundizzjonijiet stipulati mill-organizzazzjoni tal-produtturi, il-membri li huma produtturi jistgħu:

   (a) ibigħu mhux aktar minn perċentwal fiss tal-produzzjoni u/jew tal-prodotti tagħhom direttament fl-impriżi tagħhom u/jew barra mill-impriżi tagħhom lill-konsumaturi għall-ħtiġijiet personali tagħhom, u dawn il-perċentwali għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri f'livell li ma jkunx inqas minn 10 %;

(b) jikkummerċjalizzaw huma stess jew permezz ta' organizzazzjoni tal-produtturi oħra magħżula mill-organizzazzjoni tagħhom stess, kwantitajiet ta' prodotti li jkunu marġinali meta mqabbla mal-volum tal-produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq tal-organizzazzjoni tagħhom;

(c) jikkummerċjalizzaw huma stess jew permezz ta' organizzazzjoni tal-produtturi oħra magħżula mill-organizzazzjoni tagħhom stess, prodotti li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, normalment ma jkunux koperti mill-attivitajiet kummerċjali tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.

3. Ir-regoli ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produtturi għandhom jistabbilixxu wkoll:

(a) il-proċeduri għall-istabbiliment, l-adozzjoni u l-emendar tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1;

(b) l-impożizzjoni fuq il-membri li jħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa sabiex tiġi ffinanzjata l-organizzazzjoni tal-produtturi;

(c) regoli li jippermettu lill-membri li huma produtturi jeżaminaw bir-reqqa u b'mod demokratiku l-organizzazzjoni tagħhom u d-deċiżjonijiet tagħha;

(d) penali għall-ksur tal-obbligi skont ir-regoli ta' assoċjazzjoni, b'mod partikulari n-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, jew tar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(e) regoli dwar id-dħul ta' membri ġodda, b'mod partikulari perjodu minimu ta' sħubija;

(f) ir-regoli baġitarji u ta' kontabilità meħtieġa għat-tħaddim tal-organizzazzjoni.

4. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix għandhom jitqiesu li qed jaġixxu f'isem u għan-nom tal-membri tagħhom fi kwistjonijiet ekonomiċi.

Artikolu 214

Rikonoxximent

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix l-entitajiet legali kollha jew il-partijiet iddefiniti b'mod ċar tal-entitajiet legali li japplikaw għat-tali rikonoxximent, dejjem jekk:

(a) ikollhom l-għan li jużaw prattiki ta' kultivazzjoni, tekniki ta' produzzjoni u prattiki għall-ġestjoni tal-iskart li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, b'mod partikulari sabiex titħares il-kwalità tal-ilma, tal-ħamrija u tal-pajsaġġ u sabiex tiġi ppreservata u titħeġġeġ il-bijodiversità, u jekk ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 209 u 213 u jipprovdu l-provi rilevanti dwar dan;

(b) ikollhom għadd minimu ta' membri u jkunu jkopru volum minimu jew valur minimu ta' produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, filwaqt li jipprovdu l-provi rilevanti dwar dan;

(c) ikun hemm biżżejjed evidenza li huma jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom tajjeb, kemm fit-tul taż-żmien, kif ukoll f'termini tal-effikaċja u l-konċentrazzjoni tal-provvista. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema mill-prodotti jew mill-gruppi ta' prodotti msemmija fil-punt (a)(iii) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 209 għandhom jiġu koperti mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(d) jippermettu, b'mod effettiv, lill-membri tagħhom jiksbu għajnuna teknika fl-użu ta' prattiki ta' kultivazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(e) jipprovdu, b'mod effettiv, lill-membri tagħhom, fejn meħtieġ, bil-mezzi tekniċi għall-ġbir, il-ħżin, l-ippakkjar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom;

(f) jiżguraw il-ġestjoni kummerċjali u ta' kontabilità xierqa tal-attivitajiet tagħhom; u

(g) ma jkollhomx pożizzjoni dominanti f'suq partikulari sakemm dan ma jkunx meħtieġ skont l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat.

2. L-Istati Membri għandhom:

(a) jiddeċiedu jekk għandhomx jagħtu rikonoxximent lil organizzazzjoni tal-produtturi fi żmien tliet xhur minn meta tintbagħat applikazzjoni li jkollha magħha l-evidenza rilevanti kollha;

(b) iwettqu kontrolli f'intervalli regolari biex jaċċertaw ruħhom li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu konformi ma' dan il-Kapitolu, jimponu l-penali fuq it-tali organizzazzjonijiet f'każ li jkun hemm nuqqas ta' konformità jew irregolaritajiet marbutin mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiddeċiedu li jirtiraw ir-rikonoxximent, fejn dan ikun meħtieġ;

(c) jgħarrfu lill-Kummissjoni, darba f'sena, dwar kull deċiżjoni li jagħtu, jirrifjutaw jew jirtiraw rikonoxximent.

SOTTOTAQSIMA II

ASSOĊJAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI U TA' GRUPPI TAL-PRODUTTURI

Artikolu 215

Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix

Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix għandha tiġi ffurmata fuq inizjattiva ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti u tista' twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' organizzazzjoni tal-produtturi msemmija f'dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu, fuq talba, assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi meta:

(a) l-Istat Membru jqis li l-assoċjazzjoni hija kapaċi twettaq dawk l-attivitajiet b'mod effettiv; u

(b) l-assoċjazzjoni ma jkollhiex pożizzjoni dominanti f'suq partikulari sakemm dan ma jkunx meħtieġ skont l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat.

L-Artikolu 213(4) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 216

Esternalizzazzjoni tax-xogħol

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lil organizzazzjoni tal-produtturi rrikonoxxuta fis-settur tal-frott u l-ħaxix jew lil assoċjazzjoni rrikonoxxuta ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dak is-settur testernalizza kwalunkwe waħda mill-attivitajiet tagħha, inkluż lil sussidjarji, dejjem jekk hija tagħti biżżejjed provi lill-Istat Membru dwar il-fatt li din l-esternalizzazzjoni hija mod xieraq kif jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernata.

Artikolu 217

Gruppi tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix

1. Fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, jew fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 349(2) tat-Trattat, jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, il-gruppi tal-produtturi jistgħu jiġu ffurmati bħala entità legali jew bħala parti ddefinita b'mod ċar ta' entità legali, fuq inizjattiva ta' bdiewa li jkabbru prodott wieħed jew iktar mill-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix u/jew li jkabbru t-tali prodotti li jkunu maħsubin biss għall-ipproċessar, bil-għan li dawn jiġu rrikonoxxuti bħala organizzazzjoni tal-produtturi.

   Dawn il-gruppi tal-produtturi jistgħu jingħataw perjodu tranżizzjonali li matulu jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-produtturi skont l-Artikolu 209.

   Sabiex jikkwalifikaw għal dan, dawk il-gruppi tal-produtturi għandhom jippreżentaw pjan ta' rikonoxximent imqassam f'fażijiet lill-Istat Membru rilevanti, u l-aċċettazzjoni tiegħu għandha timmarka l-bidu tal-perjodu tranżizzjonali msemmi fit-tieni subparagrafu u għandha tikkostitwixxi rikonoxximent preliminari. Il-perjodu tranżizzjonali m'għandux ikun ta' aktar minn ħames snin.

2. Qabel ma jaċċettaw il-pjan ta' rikonoxximent, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dak li beħsiebhom jagħmlu u dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji li dan x'aktarx ikollu.

SOTTOTAQSIMA III

ESTENSJONI TAR-REGOLI GĦALL-PRODUTTURI TA' ŻONA EKONOMIKA

Artikolu 218

Estensjoni tar-regoli

1. F'każijiet fejn organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix li topera f'żona ekonomika speċifika titqies, għal prodott speċifiku, li hija rappreżentattiva tal-produzzjoni u tal-produtturi f'dik iż-żona, l-Istat Membru kkonċernat jista', fuq talba tal-organizzazzjoni tal-produtturi, jagħmel ir-regoli li ġejjin bħala regoli li jorbtu għall-produtturi stabbiliti f'dik iż-żona ekonomika li ma jkunux imsieħba fl-organizzazzjoni tal-produtturi:

   (a) ir-regoli msemmija fl-Artikolu 213(1)(a);

   (b) ir-regoli meħtieġa biex jiġu implimentati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 121(2)(c).

   L-ewwel subparagrafu għandu japplika bil-kundizzjoni li dawk ir-regoli:

   (a) ikunu ilhom fis-seħħ għal mill-inqas sena waħda tas-suq;

   (b) ikunu inklużi fil-lista eżawrjenti mogħtija fl-Anness XIV;

   (c) ikunu jorbtu legalment għal mhux aktar minn tliet snin tas-suq.

   Madankollu, il-kundizzjoni msemmija fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu ma għandhiex tapplika jekk ir-regoli kkonċernati jkunu dawk imniżżlin fil-punti 1, 3 u 5 tal-Anness XIV. F'dan il-każ, l-estensjoni tar-regoli ma tistax tapplika għal aktar minn sena waħda tas-suq.

2. Għall-għanijiet ta' din is-Sottotaqsima, "żona ekonomika" tfisser żona ġeografika magħmula minn reġjuni tal-produzzjoni li jmissu ma' xulxin jew tal-viċinat li għandhom l-istess kundizzjonijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni.

   L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista taż-żoni ekonomiċi.

   Fi żmien xahar min-notifika, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tapprova l-lista jew għandha, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, tiddeċiedi dwar l-emendi li dan l-Istat Membru għandu jagħmlilha. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed il-lista approvata għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bil-metodi li hija tqis li huma xierqa.

3. Organizzazzjoni tal-produtturi għandha titqies bħala organizzazzjoni rappreżentattiva skont it-tifsira tal-paragrafu 1 meta l-membri tagħha jkunu jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-produtturi fiż-żona ekonomika fejn topera u meta hija tkun tkopri mill-inqas 60 % tal-volum tal-produzzjoni ta' dik iż-żona. Mingħajr ħsara għall-

paragrafu 5, meta jiġu kkalkulati dawn il-perċentwali, ma għandhomx jitqiesu l-produtturi jew il-produzzjoni ta' prodotti organiċi koperti, sal-31 ta' Diċembru 2008, mir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u, mill-1 ta' Jannar 2009, mir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

4. Ir-regoli li jsiru jorbtu għall-produtturi kollha f'żona ekonomika speċifika:

(a) ma għandhom jikkawżaw ebda ħsara għall-produtturi l-oħrajn fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni;

(b) ma għandhomx japplikaw, sakemm ma jkopruhomx b'mod ċar, għall-prodotti li jitwasslu għall-ipproċessar skont kuntratt iffirmat qabel il-bidu tas-sena tas-suq, bl-eċċezzjoni tar-regoli dwar ir-rappurtar tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 213(1)(a);

(c) ma għandhomx ikunu f'kunflitt mar-regoli tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali li jkunu fis-seħħ.

5. Ir-regoli ma għandhomx isiru jorbtu għall-produtturi ta' prodotti organiċi koperti, sal-31 ta' Diċembru 2008, mir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u, mill-1 ta' Jannar 2009, mir-Regolament (KE) Nru 834/2007 sakemm ma jkunx hemm qbil dwar it-tali miżura minn tal-inqas 50 % tat-tali produtturi fiż-żona ekonomika li fiha topera l-organizzazzjoni tal-produtturi u sakemm dik l-organizzazzjoni ma tkunx tkopri mill-inqas 60 % tat-tali produzzjoni ta' dik iż-żona.

Artikolu 219

Notifika

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar ir-regoli li huma jkunu għamlu bħala regoli li jorbtu għall-produtturi kollha f'żona ekonomika speċifika skont l-Artikolu 218(1). Il-Kummissjoni għandha tqiegħed dawk ir-regoli għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bil-metodi li hija tqis li huma xierqa.

Artikolu 220

Revoka tal-estensjoni tar-regoli

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiddeċiedi li Stat Membru għandu jirrevoka estensjoni tar-regoli li huwa jkun iddeċieda dwarha skont l-Artikolu 218(1):

(a) meta ssib li l-estensjoni kkonċernata għal produtturi oħrajn teskludi l-kompetizzjoni f'parti sostanzjali tas-suq intern jew tfixkel il-kummerċ ħieles, jew li l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat qed jitpoġġew f'periklu;

(b) meta ssib li l-Artikolu 101(1) tat-Trattat japplika għar-regoli estiżi għal produtturi oħrajn. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli għandha tapplika biss mid-data tat-tali sejba;

(c) meta, wara l-kontrolli li tagħmel, issib li ma kienx hemm konformità ma' din is-Sottotaqsima.

Artikolu 221

Kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' produtturi li mhumiex membri

Meta jiġi applikat l-Artikolu 218(1), l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi, wara eżami bir-reqqa tal-provi ppreżentati, li l-produtturi li mhumiex membri għandhom ikunu responsabbli lejn l-organizzazzjoni tal-produtturi għall-parti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri li huma produtturi, sakemm dawn jintużaw biex ikopru:

(a) l-ispejjeż amministrattivi li jiġu mill-applikazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 218(1);

(b) l-ispejjeż tar-riċerka, tal-istudji tas-suq u tal-promozzjoni tal-bejgħ imwettqa mill-organizzazzjoni jew mill-assoċjazzjoni u li minnhom jibbenifikaw il-produtturi kollha f'dik iż-żona.

Artikolu 222

Estensjoni tar-regoli tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi

Għall-għanijiet ta' din is-Sottotaqsima, kwalunkwe referenza għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandha tinftiehem ukoll bħala referenza għall-assoċjazzjonijiet irrikonoxxuti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

SOTTOTAQSIMA IV

ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIĠBRU FIHOM DIVERSI FERGĦAT TAS-SETTUR FIS-SETTUR TAL-FROTT U L-ĦAXIX

Artikolu 223

Rikonoxximent u rtirar tar-rikonoxximent

1. Jekk ikun iġġustifikat mill-istrutturi tal-Istat Membru, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tal-frott u l-ħaxix l-entitajiet legali kollha stabbiliti fit-territorju tagħhom li jagħmlu applikazzjoni xierqa, dejjem jekk:

   (a) huma jwettqu l-attività tagħhom f'wieħed mir-reġjuni fl-Istat Membru kkonċernat jew aktar;

   (b) huma jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-produzzjoni tal-frott u l-ħaxix u tal-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħaxix fir-reġjun jew fir-reġjuni kkonċernati, mill-kummerċ fihom, u/jew mill-ipproċessar tagħhom u, fejn ikun hemm aktar

minn reġjun wieħed involut, huma jistgħu juru livell minimu ta' rappreżentanza f'kull reġjun għal kull waħda mill-fergħat li tagħmel parti mill-grupp tagħhom;

(c) huma jwettqu tnejn jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 210(3)(c);

(d) huma stess mhumiex involuti fil-produzzjoni jew fl-ipproċessar jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta' frott u ħaxix jew ta' prodotti pproċessati mill-frott u l-ħaxix;

(e) huma mhuma involuti fl-ebda ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma msemmija fl-Artikolu 285(4).

2. Qabel jagħtu r-rikonoxximent, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur li jkunu applikaw għar-rikonoxximent, u għandhom jagħtuha l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rappreżentanza tagħhom u d-diversi attivitajiet tagħhom, flimkien mal-informazzjoni l-oħra kollha meħtieġa għal valutazzjoni.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), toġġezzjona għar-rikonoxximent fi żmien xahrejn minn meta ssir in-notifika.

3. L-Istati Membri għandhom:

(a) jiddeċiedu jekk għandhomx jagħtu r-rikonoxximent fi żmien tliet xhur minn meta tintbagħat applikazzjoni bil-provi dokumentati rilevanti kollha;

(b) iwettqu kontrolli f'intervalli regolari biex jaċċertaw ruħhom li l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur jkunu konformi mat-termini u mal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent, jimponu l-penali fuq it-tali organizzazzjonijiet f'każ li jkun hemm nuqqas ta' konformità jew irregolaritajiet marbutin mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiddeċiedu li jirtiraw ir-rikonoxximent, fejn dan ikun meħtieġ;

(c) jirtiraw ir-rikonoxximent jekk:

(i) ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent stabbiliti f'din is-Sottotaqsima ma jkunux għadhom qegħdin jiġu ssodisfati;

(ii) l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur tinvolvi ruħha fi kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma msemmija fl-Artikolu 285(4), mingħajr ħsara għal kwalunkwe penali oħrajn li għandhom jiġu imposti skont il-liġijiet nazzjonali;

(iii) l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur tonqos milli tikkonforma mal-obbligu tan-notifika msemmi fl-Artikolu 285(2);

(d) jgħarrfu lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn, dwar kwalunkwe deċiżjoni li jagħtu, jirrifjutaw jew jirtiraw rikonoxximent.

4. Ir-rikonoxximent għandu jinkludi awtorizzazzjoni biex jitwettqu l-attivitajiet imniżżlin fl-Artikolu 210(3)(ċ), suġġetti għat-termini ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet u l-frekwenza li bihom l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur.

6. Il-Kummissjoni tista', bħala riżultat tal-kontrolli, titlob lil Stat Membru, permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), biex jirtira rikonoxximent.

7. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku lista tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti, bil-metodi li hija tqis li huma xierqa, li fiha tindika l-qasam ekonomiku jew iż-żona tal-attivitajiet tagħhom u l-attivitajiet imwettqa skont it-tifsira tal-Artikolu 224. L-irtirar tar-rikonoxximent ukoll għandu jiġi ppubblikat.

Artikolu 224

Estensjoni tar-regoli

1. F'każijiet fejn organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur li topera f'reġjun speċifiku jew f'reġjuni speċifiċi ta' Stat Membru titqies li hija rappreżentattiva tal-produzzjoni ta' prodott partikulari, tal-kummerċ fih jew tal-ipproċessar tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista', fuq talba ta' dik l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur, jagħmel xi wħud mill-ftehimiet, mid-deċiżjonijiet u mill-prattiki miftiehma li kien hemm qbil dwarhom f'dik l-organizzazzjoni bħala ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jorbtu, għal perjodu limitat taż-żmien, għall-operaturi l-oħrajn li joperaw fir-reġjun jew fir-reġjuni kkonċernati li ma jkunux imsieħba fl-organizzazzjoni, kemm jekk dawn ikunu individwi u kemm jekk ikunu gruppi.

2. Organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur għandha titqies bħala organizzazzjoni rappreżentattiva skont it-tifsira tal-paragrafu 1 meta tkun tammonta għal mill-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni tal-prodott jew tal-prodotti kkonċernati jew tal-kummerċ fihom jew tal-ipproċessar tagħhom fir-reġjun jew fir-reġjuni kkonċernati ta' Stat Membru. Meta l-applikazzjoni għall-estensjoni tar-regoli tagħha għal operaturi oħrajn tkun tkopri aktar minn reġjun wieħed, l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur għandha turi livell minimu ta' rappreżentanza għal kull waħda mill-fergħat li hija tiġbor fi ħdanha f'kull wieħed mir-reġjuni kkonċernati.

3. Ir-regoli li għalihom tista' tintalab l-estensjoni għal operaturi oħrajn:

   (a) għandu jkollhom waħda mill-miri li ġejjin:

      (i) ir-rappurtar tal-produzzjoni u tas-suq;

      (ii) regoli ta' produzzjoni aktar stretti minn dawk stabbiliti fir-regoli tal-Unjoni jew fir-regoli nazzjonali;

(iii) it-tfassil ta' kuntratti standard li huma kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

(iv) regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni;

(v) regoli dwar il-ħarsien ambjentali;

(vi) miżuri sabiex ikun hemm il-promozzjoni u l-isfruttament tal-potenzjal tal-prodotti;

(vii) miżuri sabiex jitħarsu l-biedja organika, kif ukoll id-denominazzjonijiet tal-oriġini, it-tikketti tal-kwalità u l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(b) għandhom ikunu ilhom fis-seħħ għal mill-inqas sena waħda tas-suq;

(c) jistgħu jsiru jorbtu għal mhux aktar minn tliet snin tas-suq;

(d) ma għandhom jikkawżaw ebda ħsara għall-operaturi l-oħrajn fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni.

Madankollu, il-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika jekk ir-regoli kkonċernati jkunu dawk imniżżlin fil-punti 1, 3 u 5 tal-Anness XIV. F'dan il-każ, l-estensjoni tar-regoli ma tistax tapplika għal aktar minn sena waħda tas-suq.

4. Ir-regoli msemmija fil-punti (a)(ii), (iv) u (v) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu regoli oħrajn għajr dawk stabbiliti fl-Anness XIV. Ir-regoli msemmija fil-punt (a)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li jkunu ġew prodotti barra r-reġjun speċifiku jew ir-reġjuni speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 225

Notifika u revoka tal-estensjoni tar-regoli

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar ir-regoli li huma jkunu għamlu bħala regoli li jorbtu għall-operaturi kollha f'reġjun speċifiku wieħed jew aktar skont l-Artikolu 224(1). Il-Kummissjoni għandha tqiegħed dawk ir-regoli għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bil-metodi li hija tqis li huma xierqa.

2. Qabel ma jiġu ppubblikati r-regoli, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1) dwar kwalunkwe notifika tal-estensjoni tal-ftehimiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiddeċiedi li Stat Membru għandu jirrevoka estensjoni tar-regoli li huwa jkun iddeċieda dwarha fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 220.

Artikolu 226

Kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' individwi jew gruppi li mhumiex membri

F'każijiet fejn ir-regoli għal prodott wieħed jew aktar jiġu estiżi u fejn waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 224(3)(a) huma segwiti minn organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuta u fejn ir-regoli huma fl-interess ekonomiku ġenerali ta' dawk il-persuni li l-attivitajiet tagħhom huma marbutin ma' wieħed jew aktar mill-prodotti kkonċernati, l-Istat Membru li jkun ta r-rikonoxximent jista' jiddeċiedi li individwi jew gruppi li mhumiex membri tal-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur iżda li jibbenifikaw minn dawk l-attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha li jħallsu l-membri tagħha, jew parti minnhom, safejn it-tali kontribuzzjonijiet ikunu maħsubin biex ikopru l-ispejjeż imġarrbin direttament minħabba s-segwitu tal-attivitajiet ikkonċernati.

TAQSIMA III

REGOLI DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI U L-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIĠBRU FIHOM DIVERSI FERGĦAT TAS-SETTUR FIS-SETTUR TAL-INBID

Artikolu 227

Rikonoxximent

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur li jkunu bagħtu applikazzjoni għar-rikonoxximent lill-Istat Membru kkonċernat li jkun fiha provi li l-entità:

   (a) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi:

      (i) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 209;

      (ii) għandha għadd minimu ta' membri, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat;

      (iii) tkopri volum minimu ta' produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, fiż-żona fejn hija topera;

      (iv) tista' twettaq l-attivitajiet tagħha tajjeb, kemm fit-tul taż-żmien, kif ukoll f'termini tal-effikaċja u l-konċentrazzjoni tal-provvista;

      (v) tippermetti, b'mod effettiv, lill-membri tagħha jiksbu għajnuna teknika fl-użu ta' prattiki ta' kultivazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

   (b) fir-rigward tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur:

      (i) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 210(3);

(ii) twettaq l-attivitajiet tagħha f'reġjun wieħed jew aktar fit-territorju kkonċernat;

(iii) tirrappreżenta parti sinifikanti mill-produzzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, jew mill-kummerċ fihom;

(iv) mhijiex involuta fil-produzzjoni, fl-ipproċessar jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid.

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandhom jitqiesu bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi rrikonoxxuti skont dan l-Artikolu.

L-organizzazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 210(3) u fil-paragrafu (1)(b) ta' dan l-Artikolu, li ġew irrikonoxxuti mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu bħala organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti skont dawk id-dispożizzjonijiet.

3. L-Artikoli 214(2) u 223(3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur rispettivament fis-settur tal-inbid. Madankollu:

(a) il-perjodi msemmija fl-Artikolu 214(2)(a) u fl-Artikolu 223(3)(a) rispettivament għandhom ikunu ta' erba' xhur;

(b) l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent imsemmija fl-Artikolu 214(2)(a) u fl-Artikolu 223(3)(a) għandhom jintbagħtu lill-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-organizzazzjoni;

(c) in-notifiki annwali msemmija fl-Artikolu 214(2)(ċ) u fl-Artikolu 223(3)(d) rispettivament għandhom isiru sal-1 ta' Marzu ta' kull sena.

TAQSIMA IV

REGOLI DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIĠBRU FIHOM DIVERSI FERGĦAT TAS-SETTUR FIS-SETTUR TAT-TABAKK

Artikolu 228

Ħlas tas-sħubija minn min mhux membru

1. F'każijiet fejn waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 tkun segwita minn organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuta u fejn din tkun fl-interess ekonomiku ġenerali ta' dawk il-persuni li l-attivitajiet tagħhom huma marbutin ma' wieħed jew aktar mill-prodotti kkonċernati, l-Istat Membru li jkun ta r-rikonoxximent, jew il-Kummissjoni, mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), meta r-rikonoxximent ikun ingħata mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi jew tista' tiddeċiedi rispettivament, li individwi jew gruppi li mhumiex membri tal-organizzazzjoni iżda li jibbenifikaw minn dawk l-

attivitajiet għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni l-ħlas kollu tas-sħubija li jħallsu l-membri tagħha, jew parti minnu, safejn it-tali ħlasijiet tas-sħubija jkunu maħsubin biex ikopru l-ispejjeż imġarrbin direttament minħabba s-segwitu tal-attivitajiet ikkonċernati, minbarra dawk amministrattivi ta' kwalunkwe deskrizzjoni.

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom x'jaqsmu ma' wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(a) riċerka sabiex jiżdied il-valur tal-prodotti, b'mod partikulari permezz ta' użi ġodda li mhumiex ta' theddida għas-saħħa pubblika;

(b) studji sabiex titjieb il-kwalità tat-tabakk f'weraq jew f'balal;

(c) riċerka dwar metodi ta' kultivazzjoni li jippermettu użu mnaqqas ta' prodotti għas-saħħa tal-pjanti u li jiżguraw il-konservazzjoni tal-ħamrija u tal-ambjent.

3. L-Istat Membri kkonċernati għandhom jgarrfu lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet li huma jkunu beħsiebhom jieħdu skont il-paragrafu 1. It-tali deċiżjonijiet ma jistgħux japplikaw qabel ma jiskadi perjodu ta' tliet xhur li jibda mid-data tan-notifika lill-Kummissjoni. F'dak il-perjodu ta' tliet xhur, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), titlob li l-abbozz tad-deċiżjoni jiġi rrifjutat kollu jew li jiġi rrifjutat parti minnu, jekk l-interess ekonomiku ġenerali mressaq ma jkunx jidher li huwa ġġustifikat.

4. Meta l-attivitajiet ta' organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuta mill-Kummissjoni skont dan il-Kapitolu jkunu fl-interess ekonomiku ġenerali, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kkonċernati, li mbagħad għandu jkollhom xahrejn biex jibagħtu l-kummenti tagħhom.

[TAQSIMA V

L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI FIS-SETTUR TAL-ĦALIB U L-PRODOTTI TAL-ĦALIB

Artikolu 229

Negozjati kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

1. Il-kuntratti għall-kunsinna tal-ħalib mhux imsajjar mingħand bidwi għal għand proċessur tal-ħalib mhux imsajjar, jew għal għand min jiġbru skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 311(1), jistgħu jiġu nnegozjati minn organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li tkun irrikonoxxuta skont l-Artikolu 209, f'isem il-membri tagħha li huma bdiewa, għall-produzzjoni konġunta kollha tagħhom, jew għal parti minnha.

2. In-negozjati mill-organizzazzjoni tal-produtturi jistgħu jseħħu:

(a) kemm jekk ikun hemm trasferiment tas-sjieda tal-ħalib mhux imsajjar mingħand il-bdiewa għal għand l-organizzazzjoni tal-produtturi u kemm jekk le;

(b) kemm jekk il-prezz innegozjat ikun l-istess għall-produzzjoni konġunta ta' ċerti membri li huma bdiewa jew ta' kollha kemm huma u kemm jekk le;

(c) jekk il-volum totali tal-ħalib mhux imsajjar li jkun kopert mit-tali negozjati minn organizzazzjoni partikulari tal-produtturi ma jaqbiżx:

(i) it-3.5 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni, u

(ii) it-33 % tal-produzzjoni totali nazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru li jkun kopert mit-tali negozjati magħmulin minn dik l-organizzazzjoni tal-produtturi, u

(iii) it-33 % tal-produzzjoni totali nazzjonali tal-Istati Membri kollha li jkunu koperti mit-tali negozjati magħmulin minn dik l-organizzazzjoni tal-produtturi, meħuda flimkien,

(d) jekk il-bdiewa kkonċernati ma jkunux imsieħba fi kwalunkwe organizzazzjoni oħra tal-produtturi li wkoll tinnegozja t-tali negozjati f'isimhom, u

(e) jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri li topera fihom.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ikopru wkoll l-assoċjazzjonijiet tat-tali organizzazzjonijiet tal-produtturi. Sabiex tiżgura li dawk l-assoċjazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati kif xieraq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta r-regoli dwar il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tat-tali assoċjazzjonijiet.

4. Sabiex jiġi applikat il-punt (c) tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tippubblika, bil-metodi li hija tqis li huma xierqa, l-ammonti tal-produzzjoni tal-ħalib mhux imsajjar fl-Unjoni u fl-Istati Membri billi tuża l-iktar informazzjoni aġġornata li tkun disponibbli.

5. B'deroga mill-paragrafu 2(c)(ii) u (iii), ukoll meta ma jinqabiżx il-limitu ta' 33 %, l-awtorità kompetenti msemmija fit-tieni subparagrafu tista' tiddeċiedi, f'każ individwali, li ma jistgħux iseħħu n-negozjati minn organizzazzjoni tal-produtturi jekk hija tqis li dan ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat milli tiġi eskluża l-kompetizzjoni jew sabiex tevita milli ssir ħsara kbira lill-proċessuri tal-ħalib mhux imsajjar ta' daqs żgħir u ta' daqs medju li jinsabu fit-territorju tagħha.

Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tittieħed mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), għal negozjati li jkopru l-produzzjoni f'iktar minn Stat Membru wieħed. Fil-każijiet l-oħra hija għandha tittieħed mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tal-Istat Membru li l-produzzjoni tiegħu tkun koperta min-negozjati.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni suparagrafu m'għandhomx japplikaw qabel id-data meta dawn jiġu nnotifikati lill-impriżi kkonċernati.

6. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) "awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni" għandha tkun l-awtorità msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat[40];

(b) "intrapriża żgħira u ta' daqs medju" għandha tfisser intrapriża żgħira ħafna, intrapriża żgħira jew intrapriża ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi żgħar ħafna, tal-intrapriżi żgħar u tal-intrapriżi ta' daqs medju.]

TAQSIMA VI

REGOLI PROĊEDURALI

Artikolu 230

Setgħat iddelegati u setgħat ta' implimentazzjoni

1. Sabiex tiżgura li l-għanijiet u r-responsabbiltajiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-gruppi tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, tal-organizzazzjonijiet tal-operaturi fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda u tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur ikunu ddefiniti b'mod ċar ħalli jikkontribwixxu għall-effikaċja tal-azzjonijiet tat-tali organizzazzjonijiet u gruppi, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar l-affarijiet li ġejjin:

(a) l-għanijiet speċifiċi li dawn il-gruppi u l-organizzazzjonijiet għandhom ifittxu li jilħqu, ir-regoli tal-assoċjazzjoni, ir-rikonoxximent, l-istruttura, il-personalità legali, is-sħubija, id-daqs, il-kontabilità u l-attivitajiet ta' dawn il-gruppi u l-organizzazzjonijiet, l-effetti li jiġu mir-rikonoxximent, l-irtirar tar-rikonoxximent, id-derogi mid-daqs minimu u l-għaqda flimkien;

(b) l-estensjoni ta' ċerti regoli tal-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur għal dawk li mhumiex membri fihom;

(c) l-organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet transnazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, inkluża l-għajnuna amministrattiva li għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-każ ta' kooperazzjoni transnazzjonali;

---

40 ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

(d) l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u l-provvediment ta' mezzi tekniċi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

(e) il-volum minimu jew il-valur minimu tal-produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

(f) id-derogi mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 209, 210 u 212;

(g) is-sanzjonijiet fil-każ li ma jitħarsux il-kriterji ta' rikonoxximent.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa kollha marbutin ma' dan il-Kapitolu, b'mod partikulari dwar:

(a) in-notifiki li l-Istati Membri għandhom jagħmlu;

(b) l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

(c) l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rikonoxximent mill-gruppi tal-produtturi;

(d) l-estensjoni tar-rikonoxximent;

(e) il-kontrolli u l-verifika.

PARTI III

KUMMERĊ MA' PAJJIŻI TERZI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 231

Prinċipji ġenerali

Sakemm ma jingħadx xort'oħra f'dan ir-Regolament jew fid-dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament, dan li ġej għandu jkun ipprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi:

(a) it-tqegħid ta' kwalunkwe imposta li jkollha l-istess effett bħal dazju doganali;

(b) l-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva jew ta' miżura li jkollha l-istess effett.

Artikolu 232

Nomenklatura Magħquda

Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[41] (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-"Nomenklatura Magħquda"), u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandhom japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffi tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. In-nomenklatura tat-tariffa li tiġi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi, skont il-każ, id-definizzjonijiet fl-Annessi III u fil-Parti II tal-Anness XII għandhom jiġu inklużi fit-Tariffa Doganali Komuni.

[41] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

KAPITOLU II

Importazzjonijiet

Taqsima I

Liċenzji tal-importazzjoni

Artikolu 233

Liċenzji tal-importazzjoni

Mingħajr ħsara għall-każijiet fejn ikunu meħtieġa l-liċenzji tal-importazzjoni skont dan ir-Regolament, l-importazzjonijiet, fl-Unjoni, ta' wieħed mill-prodotti tas-setturi li ġejjin jew aktar jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-ġestjoni tas-swieq ikkonċernati u, b'mod partikulari, għas-sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati:

(a) iċ-ċereali;

(b) ir-ross;

(c) iz-zokkor;

(d) iż-żrieragħ;

(e) iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numru 1509, 1510 00, 0709 90 39, 0711 20 90, 2306 90 19, 1522 00 31 u 1522 00 39;

(f) il-kittien u l-qanneb, safejn huwa kkonċernat il-qanneb;

(g) il-frott u l-ħaxix;

(h) il-frott u l-ħaxix ipproċessati;

(i) il-banana;

(j) l-inbid;

(k) il-pjanti ħajjin;

(l) iċ-ċanga u l-vitella;

(m) il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

(n) il-laħam tal-majjal;

(o) il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż;

(p) il-bajd;

(q) il-laħam tat-tjur;

(r) l-etanol agrikolu.

Artikolu 234

Ħruġ ta' liċenzji

Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post fejn ikun stabbilit fl-Unjoni, sakemm kwalunkwe att adottat skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat ma jipprovdix mod ieħor, u mingħajr ħsara għall-miżuri meħuda sabiex jiġi applikat dan il-Kapitolu.

Artikolu 235

Validità

Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha.

Artikolu 236

Garanzija

1. Ħlief għal fejn jingħad xort'oħra mill-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 238, il-liċenzji għandhom jinħarġu suġġetti għall-għoti ta' garanzija li tiżgura li l-prodotti jiġu importati matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja.

2. Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, il-garanzija għandha tintilef għal kollox jew b'mod parzjali jekk l-importazzjoni ma sseħħx, jew jekk din isseħħ biss b'mod parzjali, matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja.

Artikolu 237

Garanzija speċjali fis-settur tal-inbid

1. Għall-meraq u l-most li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 2009 61, 2009 69 u 2204 30 li għalihom l-applikazzjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni tiddependi fuq il-prezz tal-importazzjoni tal-prodott, l-ammont attwali ta' dak il-prezz għandu jiġi vverifikat jew billi tiġi kkontrollata kull kunsinna jew billi jintuża l-valur fiss tal-importazzjoni kkalkulat mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), fuq il-bażi tal-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet għall-istess prodotti fil-pajjiżi tal-oriġini.

Jekk il-prezz tad-dħul iddikjarat tal-kunsinna jkun ogħla mill-valur fiss tal-importazzjoni, jekk dan ikun japplika, miżjud b'marġni, adottat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li ma jistax jaqbeż il-valur fiss tal-importazzjoni b'aktar minn 10 %, għandha tingħata garanzija li tkun daqs id-dazji tal-importazzjoni stabbiliti fuq il-bażi tal-valur fiss tal-importazzjoni.

Jekk il-prezz tad-dħul tal-kunsinna ma jkunx iddikjarat, l-applikazzjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandha tiddependi fuq il-valur fiss tal-importazzjoni jew fuq l-applikazzjoni, b'kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni doganali.

2. Jekk jiġu applikati derogi adottati skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat u msemmija fil-punt 5 tat-Taqsima B jew fit-Taqsima Ċ tal-Parti II tal-Anness XIII għall-prodotti importati, l-importaturi għandhom jagħtu garanzija lill-awtoritajiet doganali maħtura għal dawk il-prodotti meta dawn jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata meta l-importatur jippreżenta evidenza, li tissodisfa lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, li l-most inħadem f'meraq tal-għeneb, intuża fi prodotti oħra barra s-settur tal-inbid jew, jekk ikun sar inbid, li dan ikun ġie ttikkettat kif xieraq.

Artikolu 238

Setgħat iddelegati

1. Sabiex jitqiesu l-evoluzzjoni tal-kummerċ u l-iżviluppi fis-suq u l-ħtiġijiet tas-swieq ikkonċernati, u sabiex tissorvelja, meta jkun meħtieġ, l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi:

   (a) il-lista tal-prodotti tas-setturi msemmija fl-Artikolu 233 li huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni;

   (b) il-każijiet u s-sitwazzjonijiet fejn il-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni mhijiex meħtieġa, fuq il-bażi ta', b'mod partikulari, l-istatus doganali tal-prodotti kkonċernati, l-arranġamenti kummerċjali li jridu jitħarsu, l-għanijiet tal-operazzjonijiet, l-istatus ġuridiku tal-applikant u l-kwantitajiet involuti.

2. Sabiex tiddefinixxi l-elementi ewlenin tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

   (a) tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi li jiġu mil-liċenzja, l-effetti legali tagħha, inkluża l-possibbiltà ta' tolleranza dwar il-ħarsien tal-obbligu għall-importazzjoni, u l-indikazzjoni tal-oriġini u l-provenjenza fejn din tkun obbligatorja;

   (b) tistabbilixxi li l-ħruġ ta' liċenzja jew ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu jiddependu mill-preżentazzjoni ta' dokument maħruġ minn pajjiż terz jew minn entità li tiċċertifika, fost l-oħrajn, l-oriġini, l-awtentiċità u l-karatteristiċi tal-kwalità tal-prodotti;

(c) tadotta r-regoli li japplikaw għat-trasferiment tal-liċenzja jew, skont kif meħtieġ, ir-restrizzjonijiet fuq din it-trasmissibbiltà;

(d) tadotta r-regoli meħtieġa għall-affidabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ta' liċenzji u għas-sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa għajnuna amministrattiva speċifika bejn l-Istati Membri sabiex jiġu evitati l-każijiet ta' frodi u ta' irregolaritajiet jew biex dawn jiġu ttrattati;

(e) tistabbilixxi l-każijiet u s-sitwazzjonijiet meta ma jkunx meħtieġ li tingħata garanzija.

Artikolu 239

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima, inklużi regoli dwar:

(a) it-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji u l-użu tagħhom;

(b) il-perjodu ta' validità tal-liċenzja u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata;

(c) il-provi li r-rekwiżiti marbutin mal-użu tal-liċenzji ġew issodisfati;

(d) il-ħruġ ta' liċenzji ta' sostituzzjoni u ta' liċenzji doppji;

(e) it-trattament tal-liċenzji mill-Istati Membri u l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni tas-sistema.

TAQSIMA II

DAZJI U IMPOSTI TAL-IMPORTAZZJONI

Artikolu 240

Dazji tal-importazzjoni

Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor skont dan ir-Regolament, ir-rati tad-dazji tal-importazzjoni fit-Tariffa Doganali Komuni għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 241

Kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni għaċ-ċereali

1. Minkejja l-Artikolu 240, id-dazju tal-importazzjoni fuq prodotti li huma koperti mill-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (il-qamħ komuni ta' kwalità għolja), 1002 00 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90

minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, għandu jkun daqs il-prezz tal-intervent li huwa validu għat-tali prodotti meta jiġu importati u miżjud b'55 %, bit-tnaqqis tal-prezz tal-ispiża, tal-assigurazzjoni u tat-trasport (c.i.f.) tal-importazzjoni applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dak id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata konvenzjonali tad-dazju kif stabbilita abbażi tan-Nomenklatura Magħquda.

2. Id-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), fuq il-bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi tas-c.i.f. tal-importazzjoni stabbiliti fuq bażi regolari għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 242

Kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni għar-ross imfesdaq

1. Minkejja l-Artikolu 240, id-dazju tal-importazzjoni fuq ir-ross imfesdaq li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1006 20 għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1) fi żmien għaxart ijiem minn tmiem il-perjodu ta' referenza kkonċernat skont il-punt 1 tal-Anness XV.

   Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiffissa dazju applikabbli ġdid jekk il-kalkoli mwettqa skont dak l-Anness jindikaw ħtieġa li jitbiddel id-dazju. Sa meta jiġi stabbilit dazju applikabbli ġdid, għandu japplika d-dazju stabbilit qabel.

2. Sabiex jiġu kkalkulati l-importazzjonijiet imsemmija fil-punt 1 tal-Anness XV, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li għalihom inħarġu liċenzji tal-importazzjoni għar-ross imfesdaq li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1006 20 fil-perjodu ta' referenza korrispondenti, minbarra l-liċenzji tal-importazzjoni għar-ross tat-tip "basmati" msemmi fl-Artikolu 243.

3. Il-kwantità ta' referenza annwali għandha tkun ta' 449 678 tunnellata. Il-kwantità ta' referenza parzjali għal kull sena tas-suq għandha tkun daqs nofs il-kwantità ta' referenza annwali.

Artikolu 243

Kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni għar-ross imfesdaq tat-tip "basmati"

Minkejja l-Artikolu 240, il-varjetajiet tar-ross imfesdaq tat-tip "basmati" li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1006 20 17 u 1006 20 98 imniżżlin fl-Anness XVI għandhom jikkwalifikaw għal rata ta' dazju tal-importazzjoni ta' żero bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikoli 249 u 250.

Artikolu 244

Kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni għar-ross mitħun

1. Minkejja l-Artikolu 240, id-dazju tal-importazzjoni għar-ross mitħun kollu jew għar-ross nofsu mitħun li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1006 30 għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1) fi żmien għaxart ijiem minn tmiem il-perjodu ta' referenza kkonċernat skont il-punt 2 tal-Anness XV.

   Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tiffissa dazju applikabbli ġdid jekk il-kalkoli mwettqa skont dak l-Anness jindikaw ħtieġa li jitbiddel id-dazju. Sa meta jiġi stabbilit dazju applikabbli ġdid, għandu japplika d-dazju stabbilit qabel.

2. Sabiex jiġu kkalkulati l-importazzjonijiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness XV, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li għalihom inħarġu liċenzji tal-importazzjoni għar-ross mitħun kollu jew għar-ross nofsu mitħun li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1006 30 fil-perjodu ta' referenza korrispondenti.

Artikolu 245

Kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni għar-ross imfarrak

Minkejja l-Artikolu 240, id-dazju tal-importazzjoni għar-ross imfarrak li jaqa fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1006 40 00 għandu jkun ta' EUR 65 għal kull tunnellata.

Artikolu 246

Sistema ta' prezzijiet tad-dħul għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessati

1. Jekk l-applikazzjoni tar-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni tkun tiddependi fuq il-prezz tad-dħul tal-kunsinna importata, il-korrettezza ta' dan il-prezz għandha tiġi vverifikata billi jintuża valur standard tal-importazzjoni kkalkulat mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), skont il-prodotti u l-oriġini, abbażi tal-medja ppeżata tal-prezzijiet tal-prodott fis-swieq tal-importazzjoni rappreżentattivi tal-Istati Membri jew fi swieq oħrajn, meta dan ikun xieraq.

   Madankollu, il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biex tivverifika l-prezz tad-dħul ta' prodotti li jkunu ġew importati primarjament għall-ipproċessar.

2. Meta l-prezz tad-dħul iddikjarat tal-kunsinna kkonċernata jkun ogħla mill-valur standard tal-importazzjoni, miżjud b'marġni li jkun stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u li ma jistax jaqbeż il-valur standard tal-importazzjoni b'aktar minn 10 %, wieħed għandu jkun meħtieġ jagħti garanzija li tkun daqs id-dazju tal-importazzjoni stabbilit fuq il-bażi tal-valur standard tal-importazzjoni.

3. Jekk il-prezz tad-dħul tal-kunsinna kkonċernata ma jkunx iddikjarat fi żmien l-approvazzjoni doganali, ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni li għandha tiġi applikata għandha tiddependi fuq il-valur standard tal-importazzjoni jewinkella wieħed għandu jasal għaliha billi japplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni doganali b'kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 249 u 250.

Artikolu 247

Dazji addizzjonali tal-importazzjoni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessati, taċ-ċanga u l-vitella, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tat-tjur u tal-banana, kif ukoll tal-meraq tal-għeneb u tal-most, li għalihom irid jiġi applikat dazju addizzjonali tal-importazzjoni meta jiġu importati bir-rata ta' dazju stabbilita fl-Artikoli 240 sa 246, sabiex ikunu evitati jew miġġielda l-effetti negattivi fuq is-suq tal-Unjoni li jistgħu jiġu minn dawk l-importazzjonijiet, jekk:

   (a) l-importazzjonijiet isiru bi prezz li jkun inqas mil-livell innotifikat mill-Unjoni lill-WTO (il-prezz kawżali); jew

   (b) il-volum tal-importazzjonijiet fi kwalunkwe sena jaqbeż ċertu livell (il-volum kawżali).

   Il-volum kawżali għandu jkun ibbażat fuq opportunitajiet ta' aċċess għas-suq iddefiniti, fejn ikun applikabbli, bħala importazzjonijiet bħala perċentwal tal-konsum domestiku korrispondenti matul it-tliet snin ta' qabel.

2. M'għandhomx jiġu imposti dazji addizzjonali tal-importazzjoni f'każijiet fejn l-importazzjonijiet mhumiex mistennija jfixklu s-suq tal-Unjoni, jew f'każijiet fejn l-effetti se jkunu sproporzjonati għall-għan maħsub.

3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1(a), il-prezzijiet tal-importazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet tas-c.i.f. tal-importazzjoni tal-kunsinna taħt kunsiderazzjoni.

   Il-prezzijiet tas-c.i.f. tal-importazzjoni għandhom jiġu ċċekkjati mal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodott fis-suq dinji jew fis-suq tal-importazzjoni tal-Unjoni għal dak il-prodott.

4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), il-prezzijiet rappreżentattivi u l-volumi kawżali sabiex jiġu applikati dazji addizzjonali tal-importazzjoni fil-qafas tar-regoli adottati skont l-Artikolu 250(d).

Artikolu 248

Sospensjoni tad-dazji tal-importazzjoni fis-settur taz-zokkor

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tissospendi d-dazji tal-importazzjoni kollha kemm huma jew b'mod parzjali għal ċerti kwantitajiet għall-prodotti li ġejjin sabiex tiżgura l-provvista meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 55(2):

(a) għaz-zokkor li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1701;

(b) għall-isoglukożju li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10 u 1702 90 30.

Artikolu 249

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura li l-operaturi jirrispettaw l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta r-rekwiżit għall-għoti ta' garanzija għall-importazzjoni ta' ċerti tipi speċifiċi ta' ċereali ta' kwalità għolja u tar-ross tat-tip "basmati".

2. Sabiex tiżgura t-tħaddim tajjeb tar-reġim tar-ross tat-tip "basmati", il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali li l-operaturi jridu jissodisfaw sabiex iressqu applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni skont l-Artikolu 243.

3. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur taċ-ċereali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-kwalità meħtieġa sabiex wieħed jibbenefika minn tnaqqis fir-rata tad-dazju tal-importazzjoni.

Artikolu 250

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta:

(a) f'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 241:

   (i) il-kwotazzjonijiet tal-prezz li għandhom jitqiesu;

   (ii) il-possibbiltà, fejn huwa xieraq f'każijiet speċifiċi, li operaturi jingħataw l-opportunità li jkunu jafu kemm hu d-dazju applikabbli qabel ma jaslu l-kunsinni kkonċernati;

(b) ir-regoli meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-applikazzjoni korretta tad-dazji msemmija fl-Artikolu 243 bil-għan li jiġu vverifikati l-karatteristiċi u l-kwalità tal-prodotti importati, u l-miżuri li għandhom jittieħdu għal diffikultajiet speċifiċi li wieħed jiltaqa' magħhom huwa u japplika r-reġim;

(c) f'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 246, ir-regoli dwar il-kalkolu tal-valur standard tal-importazzjoni, dwar ir-rappurtar tal-prezzijiet, dwar l-identifikazzjoni tas-swieq rappreżentattivi u dwar il-prezz tad-dħul;

(d) f'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 247, regoli oħra li huma meħtieġa biex jiġi applikat il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu;

(e) id-dispożizzjonijiet sabiex ikunu vverifikati l-karatteristiċi u l-kwalità tal-prodotti importati.

TAQSIMA III

ĠESTJONI TAL-KWOTA TAL-IMPORTAZZJONI

Artikolu 251

Il-kwoti tat-tariffi

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat jew minn kwalunkwe att ieħor adottat skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat għandhom jinfetħu u jkunu amministrati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikoli 253, 254 u 255.

2. Il-kwoti tat-tariffi għandhom jiġu amministrati b'mod li tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi kkonċernati, billi jiġi applikat wieħed mill-metodi li ġejjin jew kombinament tagħhom jew metodu adattat ieħor:

   (a) metodu bbażat fuq l-ordni kronoloġika tat-tressiq tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel");

   (b) metodu ta' distribuzzjoni skont il-proporzjon tal-kwantitajiet mitluba meta jkunu tressqu l-applikazzjonijiet (billi jintuża l-"metodu ta' eżami simultanju");

   (c) metodu bbażat fuq li wieħed iqis ix-xejriet tradizzjonali tal-kummerċ (l-użu tal-"metodu tradizzjonali/ta' dawk li daħlu ġodda").

3. Il-metodu ta' amministrazzjoni adottat għandu, fejn xieraq, jagħti importanza xierqa lir-rekwiżiti tal-provvista tas-suq tal-Unjoni u lill-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-bilanċ ta' dak is-suq.

Artikolu 252

Regoli speċifiċi

1. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kwota tal-importazzjoni ta' 54 703 tunnellata ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella ffriżat li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0202 20 30, 0202 30 u 0206 29 91 u li huwa maħsub għall-ipproċessar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, huma u jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-

Artikolu 43(2) tat-Trattat, jistgħu jistabbilixxu li l-kwota kollha jew parti minnha għandha tkopri l-kwantitajiet ekwivalenti ta' laħam ta' kwalità, waqt li tiġi applikata rata ta' konverżjoni ta' 4.375.

2. Fil-każ ta' kwota tat-tariffi għall-importazzjoni ta' 2 000 000 tunnellata ta' qamħirrun u ta' 300 000 tunnellata ta' sorgu fi Spanja u l-kwota tat-tariffi għall-importazzjoni ta' 500 000 tunnellata ta' qamħirrun fil-Portugall, ir-regoli msemmija fl-Artikolu 253 għandhom jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jitwettqu l-importazzjonijiet tal-kwota tat-tariffi u, fejn xieraq, il-ħżin pubbliku tal-kwantitajiet importati mill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri kkonċernati u t-tneħħija tagħhom fis-swieq ta' dawk l-Istati Membri.

Artikolu 253

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura aċċess ġust għall-kwantitajiet disponibbli kif ukoll trattament ugwali tal-operaturi fil-kwota tat-tariffi tal-importazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati:

   (a) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li operatur irid jissodisfa biex iressaq applikazzjoni fi ħdan il-kwota tat-tariffi tal-importazzjoni; id-dispożizzjonijiet ikkonċernati jistgħu jkunu jeħtieġu esperjenza minima fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi u mat-territorji assimilati, jew fl-attività tal-ipproċessar, imfissra fi kwantità minima u f'perjodu taż-żmien f'settur tas-suq partikulari; dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu regoli speċifiċi sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-prattiki fis-seħħ f'ċertu settur, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu u l-ħtiġijiet tal-industriji tal-ipproċessar;

   (b) tadotta dispożizzjonijiet marbutin mat-trasferiment tad-drittijiet bejn l-operaturi u fejn meħtieġ il-limitazzjonijiet għat-trasferiment fi ħdan il-ġestjoni tal-kwota tat-tariffi tal-importazzjoni.

2. Sabiex tiżgura li l-operaturi jirrispettaw l-obbligi tagħhom u sabiex tiggarantixxi l-applikazzjoni tal-ftehimiet jew tal-impenji tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

   (a) tagħmel il-parteċipazzjoni fil-kwota tat-tariffi tal-importazzjoni suġġetta għall-għoti ta' garanzija;

   (b) tadotta r-regoli meħtieġa għall-affidabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ta' liċenzji, b'mod partikulari għas-sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa għajnuna amministrattiva speċifika bejn l-Istati Membri; inklużi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-obbligu li l-Istati Membri jinnotifikaw id-dejta u l-informazzjoni;

   (c) tadotta regoli sabiex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, li jipprovdu, fost l-oħrajn, għall-ħlas ta' penali speċifiċi u għall-esklużjoni tal-operaturi kkonċernati mill-parteċipazzjoni fil-kwota tat-tariffi b'mod proporzjonali mal-frodi u l-irregolaritajiet identifikati.

Artikolu 254

Setgħat ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi għal:

   (a) il-kwoti tat-tariffi annwali, jekk meħtieġ imqassma b'mod xieraq matul is-sena, u għandha tistabbilixxi l-metodu amministrattiv li għandu jintuża;

   (b) regoli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-ftehim jew fl-att li jadotta r-reġim tal-importazzjoni, b'mod partikulari, fejn ikun meħtieġ, dwar:

      (i) garanziji li jkopru n-natura, il-provenjenza u l-oriġini tal-prodott,

      (ii) ir-rikonoxximent tad-dokument użat għall-verifika tal-garanziji msemmija fil-punt (i);

      (iii) il-preżentazzjoni ta' dokument maħruġ mill-pajjiż esportatur;

      (iv) id-destinazzjoni u l-użu tal-prodotti;

   (c) il-perjodu tal-validità tal-liċenzji jew tal-awtorizzazzjonijiet;

   (d) l-ammonti tal-garanzija;

   (e) ir-regoli dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi għal:

   (a) l-użu tal-liċenzji, u, fejn ikun meħtieġ, għal regoli speċifiċi marbutin, b'mod partikulari, mal-kundizzjonijiet li bihom għandhom jitressqu l-applikazzjonijiet għall-importazzjoni u li bihom għandha tingħata l-awtorizzazzjoni fi ħdan il-kwota tat-tariffi;

   (b) il-monitoraġġ tar-reġim tal-importazzjoni.

Artikolu 255

Atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1)

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tadotta d-dispożizzjonijiet sabiex ikun hemm il-ġestjoni tal-proċess biex tiżgura li l-kwantitajiet disponibbli fil-kwota tat-tariffi tal-importazzjoni ma jinqabżux, b'mod partikulari billi tistabbilixxi koeffiċjent tal-allokazzjoni għal kull applikazzjoni meta jintlaħqu l-kwantitajiet disponibbli, billi tirrifjuta applikazzjonijiet pendenti u, meta jkun meħtieġ, billi twaqqaf it-tressiq tal-applikazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tadotta dispożizzjonijiet għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-kwantitajiet li ma jkunux intużaw.

TAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL ĊERTI PRODOTTI

SOTTOTAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MAS-SETTURI TAĊ-ĊEREALI U TAR-ROSS

Artikolu 256

Importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' ċereali differenti

Id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għat-taħlitiet magħmulin minn ċereali li jaqgħu fi ħdan il-punti (a) u (b) tal-Parti I tal-Anness I għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) fil-każ li taħlita tkun magħmula minn tnejn mit-tali ċereali, id-dazju tal-importazzjoni għandu jkun dak li japplika:

(i) għall-komponent taċ-ċereali predominanti skont il-piż, meta dak iċ-ċereali jkun jirrappreżenta tal-inqas 90 % tal-piż tat-taħlita;

(ii) għall-komponent taċ-ċereali li jkun suġġett għal dazju tal-importazzjoni li jkun ogħla, meta l-ebda wieħed miż-żewġ komponenti taċ-ċereali ma jkun jirrappreżenta 90 % tal-piż tat-taħlita;

(b) fil-każ li t-taħlita tkun magħmula minn aktar minn tnejn mit-tali ċereali, u fil-każ li diversi ċereali jkunu jirrappreżentaw, kull wieħed minnhom, aktar minn 10 % tal-piż tat-taħlita, id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għat-taħlita għandu jkun l-ogħla wieħed minn fost id-dazji tal-importazzjoni applikabbli għat-tali ċereali, anke meta l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jkun l-istess għal tnejn miċ-ċereali jew aktar.

Fejn ċereali wieħed biss jirrappreżenta aktar minn 10 % tal-piż tat-taħlita, id-dazju tal-importazzjoni li għandu jiġi applikat għandu jkun dak applikabbli għal dan iċ-ċereali;

(c) fil-każijiet kollha li mhumiex koperti mill-punti (a) u (b), id-dazju tal-importazzjoni għandu jkun l-ogħla wieħed minn fost id-dazji tal-importazzjoni applikabbli għaċ-ċereali li minnhom tkun magħmula t-taħlita kkonċernata, anke meta l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jkun l-istess għal tnejn miċ-ċereali jew aktar.

Artikolu 257

Importazzjoni ta' taħlitiet bejn iċ-ċereali u r-ross

Id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għal taħlitiet magħmulin minn wieħed jew aktar miċ-ċereali li jaqgħu fi ħdan il-punti (a) u (b) tal-Parti I tal-Anness I, minn naħa waħda, u minn prodott wieħed jew aktar mill-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-punti (a) u (b) tal-Parti II tal-Anness I, min-naħa l-oħra, għandu jkun dak li japplika għall-komponent taċ-ċereali jew tal-prodotti li jkun suġġett għall-ogħla dazju tal-importazzjoni.

Artikolu 258

Importazzjonijiet ta' taħlitiet tar-ross

Id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għal taħlitiet magħmulin jew minn ross li jista' jkun ikklassifikat f'diversi gruppi jew stadji ta' pproċessar differenti jew minn ross li jista' jkun ikklassifikat f'wieħed mill-gruppi jew stadji ta' pproċessar differenti jew aktar minn naħa waħda u minn ross imfarrak min-naħa l-oħra, għandu jkun dak applikabbli:

(a) għall-komponent predominanti skont il-piż, meta dak il-komponent ikun jirrappreżenta tal-inqas 90 % tal-piż tat-taħlita;

(b) għall-komponent li huwa suġġett għall-ogħla dazju tal-importazzjoni, meta l-ebda komponent ma jkun jirrappreżenta tal-inqas 90 % tal-piż tat-taħlita.

Artikolu 259

Applikabbiltà tal-klassifikazzjoni tat-tariffi

Meta ma jkunx jista' jiġi applikat il-metodu għall-iffissar tad-dazju tal-importazzjoni stabbilit fl-Artikoli 256, 257 u 258, id-dazju li għandu jiġi applikat għat-taħlitiet imsemmija f'dawk l-Artikoli għandu jkun dak stabbilit mill-klassifikazzjoni tat-tariffi tat-taħlitiet.

SOTTOTAQSIMA II

ARRANĠAMENTI TAL-IMPORTAZZJONI GĦAZ-ZOKKOR

Artikolu 260

Ħtieġa tradizzjonali ta' provvista għar-raffinar

1. Qed tiġi stabbilita ħtieġa tradizzjonali ta' provvista taz-zokkor għar-raffinar għall-Unjoni ta' 2 489 735 tunnellata għal kull sena tas-suq, imfissra f'zokkor abjad.

2. L-uniku impjant tal-ipproċessar tal-pitravi li kien qed jaħdem fl-2005 fil-Portugall huwa meqjus li huwa raffinatur full-time.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għaz-zokkor għar-raffinar għandhom jinħarġu biss lil raffinaturi full-time, sakemm il-kwantitajiet ikkonċernati ma jaqbżux il-kwantitajiet li jistgħu jiġu importati fil-qafas tal-ħtieġa tradizzjonali ta' provvista msemmija fil-paragrafu 1. Il-liċenzji jistgħu jiġu ttrasferiti biss bejn raffinaturi full-time u l-validità tagħhom tiskadi fi tmien is-sena tas-suq li għaliha jkunu nħarġu.

Dan il-paragrafu għandu japplika għall-ewwel tliet xhur ta' kull sena tas-suq.

Artikolu 261

Setgħat iddelegati

Sabiex tiżgura li z-zokkor importat maħsub għar-raffinar jiġi rraffinat skont din is-Sottotaqsima, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta:

(a) ċerti definizzjonijiet għat-tħaddim tal-arranġamenti tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 260;

(b) il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li operatur irid jissodisfa sabiex iressaq applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, inkluż l-għoti ta' garanzija;

(c) regoli dwar il-penali amministrattivi li għandhom jintalbu.

Artikolu 262

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli meħtieġa dwar il-provi u d-dokumenti li jridu jingħataw dwar ir-rekwiżiti tal-importazzjoni u l-obbligi għall-operaturi, b'mod partikulari r-raffinaturi full-time.

SOTTOTAQSIMA III

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONI TAL-QANNEB

Artikolu 263

Importazzjonijiet tal-qanneb

1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu importati biss fl-Unjoni jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) qanneb veru mhux raffinat li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 5302 10 00 li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

(b) żrieragħ ta' varjetajiet tal-qanneb għaż-żrigħ li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 1207 99 15 li jkollhom magħhom prova li l-livell ta'

tetraidrokannabinol ma jaqbiżx dak stabbilit skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

(c) żrieragħ tal-qanneb, minbarra dawk għaż-żrigħ, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 1207 99 91 importati biss minn importaturi awtorizzati mill-Istat Membru sabiex jiġi żgurat li t-tali żrieragħ ma jkunux maħsubin għaż-żrigħ.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika li tista' tkun adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 318, l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodotti speċifikati fil-paragrafu 1(a) u (b) ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli sabiex ikun stabbilit jekk il-kundizzjonijiet li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu humiex issodisfati jew le.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet aktar restrittivi adottati mill-Istati Membri skont it-Trattat u skont l-obbligi li ġejjin mill-Ftehim tal-WTO dwar l-Agrikultura.

SOTTOTAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONI TAL-ĦOPS

Artikolu 264

Importazzjonijiet tal-ħops

1. Il-prodotti tas-settur tal-ħops jistgħu jiġu importati minn pajjiżi terzi biss jekk l-istandards tal-kwalità tagħhom ikunu tal-inqas daqs dawk adottati għal prodotti simili maħsudin fl-Unjoni jew magħmula mit-tali prodotti.

2. Il-prodotti għandhom jitqiesu li huma prodotti tal-istandard imsemmi fil-paragrafu 1 jekk ikollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tal-pajjiż tal-oriġini u rrikonoxxut bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 117 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

   Fil-każ tat-trab tal-ħops, tat-trab tal-ħops b'kontenut ogħla ta' lupulin, tal-estratt tal-ħops u tal-prodotti mħallta tal-ħops, iċ-ċertifikazzjoni tista' tiġi rrikonoxxuta bħala waħda li hija ekwivalenti għaċ-ċertifikat biss jekk il-kontenut ta' aċidu alfa f'dawn il-prodotti ma jkunx inqas minn dak tal-ħops li minnhom ikunu tħejjew.

3. Sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv kemm jista' jkun, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom l-obbligi marbutin maċ-ċertifikazzjoni tal-ekwivalenza u mat-tikkettar tal-pakketti ma japplikawx.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli marbutin ma' dan l-Artikolu, inkluži r-regoli dwar ir-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjonijiet tal-ekwivalenza u l-kontrolli tal-importazzjonijiet tal-ħops.

TAQSIMA V

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA U PPROĊESSAR ATTIV

Artikolu 265

Miżuri ta' salvagwardja

1. Miżuri ta' salvagwardja kontra importazzjonijiet fl-Unjoni għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, suġġetti għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009[42] u (KE) Nru 625/2009[43].

2. Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor skont kwalunkwe att ieħor tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kwalunkwe att ieħor tal-Kunsill, miżuri ta' salvagwardja kontra importazzjonijiet fl-Unjoni li dwarhom hemm dispożizzjoni fi ftehimiet internazzjonali konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiddeċiedi dwarha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta taslilha t-talba. F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 323(2).

   Il-miżuri adottati għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri u għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel.

4. Il-miżuri ta' salvagwardja tal-Unjoni adottati skont il-paragrafu 3 għandhom jitħassru jew jiġu emendati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 323(2).

Artikolu 266

Sospensjoni tal-arranġamenti ta' pproċessar u tal-arranġamenti ta' pproċessar attiv

1. Meta s-suq tal-Unjoni jkun imfixkel jew x'aktarx li jkun se jiġi mfixkel minn arranġamenti ta' pproċessar jew minn arranġamenti ta' pproċessar attiv, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, twaqqaf totalment jew parzjalment l-użu tal-arranġamenti ta' pproċessar jew tal-arranġamenti ta' pproċessar attiv għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor, taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u l-vitella, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur u tal-etanol agrikolu. Jekk il-Kummissjoni

---

42 ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.
43 ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1.

tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiddeċiedi dwarha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta taslilha t-talba. F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 323(2).

Il-miżuri adottati għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri u għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel.

2. Safejn ikun hemm bżonn għat-tħaddim tajjeb tal-OKS, l-użu ta' arranġamenti ta' pproċessar attiv għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jista' jiġi pprojbit totalment jew parzjalment mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, huma u jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

KAPITOLU III

Esportazzjonijiet

Taqsima I

Liċenzji tal-esportazzjoni

Artikolu 267

Liċenzji tal-esportazzjoni

1. Mingħajr ħsara għall-każijiet fejn ikunu meħtieġa l-liċenzji tal-esportazzjoni skont dan ir-Regolament, l-esportazzjonijiet, mill-Unjoni, ta' wieħed mill-prodotti tas-setturi li ġejjin jew aktar jistgħu jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-ġestjoni tas-swieq ikkonċernati u, b'mod partikulari, għas-sorveljanza tal-esportazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati:

(a) iċ-ċereali;

(b) ir-ross;

(c) iz-zokkor;

(d) iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, għaż-żejt taż-żebbuġa msemmi fil-punt (a) tal-Parti VII tal-Anness I;

(e) il-frott u l-ħaxix;

(f) il-frott u l-ħaxix ipproċessati;

(g) l-inbid;

(h) iċ-ċanga u l-vitella;

(i) il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

(j) il-laħam tal-majjal;

(k) il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż;

(l) il-bajd;

(m) il-laħam tat-tjur;

(n) l-etanol agrikolu.

2. L-Artikoli 234, 235 u 236 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 268

Setgħat iddelegati

1. Sabiex jitqiesu l-evoluzzjoni tal-kummerċ u l-iżviluppi fis-suq u l-ħtiġijiet tas-swieq ikkonċernati, u sabiex tissorvelja, meta jkun meħtieġ, l-esportazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi:

   (a) il-lista tal-prodotti tas-setturi msemmija fl-Artikolu 267(1) li huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni;

   (b) il-każijiet u s-sitwazzjonijiet fejn il-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni mhijiex meħtieġa, fuq il-bażi ta', b'mod partikulari, l-istatus doganali tal-prodotti kkonċernati, l-għanijiet tal-operazzjonijiet, l-istatus ġuridiku tal-applikant u l-kwantitajiet involuti.

2. Sabiex tiddefinixxi l-elementi ewlenin tas-sistema tal-liċenzji tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

   (a) tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi li jiġu mil-liċenzja, l-effetti legali tagħha, inkluża l-possibbiltà ta' tolleranza dwar il-ħarsien tal-obbligu għall-esportazzjoni, u l-indikazzjoni tad-destinazzjoni fejn din tkun obbligatorja;

   (b) tadotta r-regoli li japplikaw għat-trasferiment tal-liċenzja jew, skont kif meħtieġ, ir-restrizzjonijiet fuq din it-trasmissibbiltà;

   (c) tadotta r-regoli meħtieġa għall-affidabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema ta' liċenzji u għas-sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa għajnuna amministrattiva speċifika bejn l-Istati Membri sabiex jiġu evitati l-każijiet ta' frodi jew biex dawn jiġu ttrattati;

   (d) tistabbilixxi l-każijiet u s-sitwazzjonijiet meta ma jkunx meħtieġ li tingħata garanzija.

Artikolu 269

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima, inklużi regoli dwar:

   (a) it-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji u l-użu tagħhom;

   (b) il-perjodu ta' validità tal-liċenzji u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata;

   (c) il-provi li r-rekwiżiti marbutin mal-użu tal-liċenzji ġew issodisfati;

   (d) il-ħruġ ta' liċenzji ta' sostituzzjoni u ta' liċenzji doppji;

(e) it-trattament tal-liċenzji mill-Istati Membri u l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni tas-sistema.

Artikolu 270

Atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1)

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tillimita l-kwantitajiet li għalihom jistgħu jinħarġu liċenzji, tirrifjuta l-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom u twaqqaf it-tressiq tal-applikazzjonijiet sabiex tamministra s-suq meta tkun saret applikazzjoni għal kwantitajiet kbar.

TAQSIMA II

RIFUŻJONIJIET TAL-ESPORTAZZJONI

Artikolu 271

Ambitu tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni

1. Safejn ikun meħtieġ sabiex l-esportazzjonijiet ikunu jistgħu jseħħu abbażi tal-kwotazzjonijiet jew tal-prezzijiet fis-suq dinji u fi ħdan il-limiti li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fl-Unjoni jistgħu jkunu koperti minn rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal:

(a) il-prodotti tas-setturi li ġejjin li għandhom jiġu esportati mingħajr iktar ipproċessar:

(i) iċ-ċereali;

(ii) ir-ross;

(iii) iz-zokkor, għall-prodotti mniżżlin fil-punti (b), (ċ), (d) u (g) tal-Parti III tal-Anness I;

(iv) iċ-ċanga u l-vitella;

(v) il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

(vi) il-laħam tal-majjal;

(vii) il-bajd;

(viii) il-laħam tat-tjur;

(b) il-prodotti mniżżlin fil-punti (a)(i), (ii), (iii), (v) u (vii) għandhom jiġu esportati fil-forma tal-prodotti mniżżlin fl-Annessi XVII u XVIII.

Fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fil-forma tal-prodotti mniżżlin fil-Parti IV tal-Anness XVII, ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni jistgħu jingħataw biss għall-prodotti mniżżlin fil-punti (a) sa (e) u (g) tal-Parti XVI tal-Anness I.

2. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fuq il-prodotti esportati fil-forma tal-prodotti pproċessati mniżżlin fl-Annessi XVII u XVIII ma jistgħux ikunu ogħla minn dawk li japplikaw għall-istess prodotti esportati mingħajr iktar ipproċessar.

3. Safejn ikun meħtieġ sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni ta' ċerti spirti miksubin miċ-ċereali, inkluż il-perjodu twil tal-maturazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà tal-prodotti u tal-operaturi għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni, b'mod partikulari d-definizzjoni u l-karatteristiċi tal-prodotti, u l-istabbiliment ta' koeffiċjenti sabiex jiġu kkalkulati r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni filwaqt li jitqies il-proċess ta' maturazzjoni tal-prodotti kkonċernati.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' dan l-Artikolu, inklużi r-rekwiżiti tekniċi u proċedurali għall-kontrolli nazzjonali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tistabbilixxi l-koeffiċjent li jaġġusta r-rifużjoni tal-esportazzjoni għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 272

Distribuzzjoni tar-rifużjoni tal-esportazzjoni

Il-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni tal-esportazzjoni għandhom jiġu allokati permezz tal-metodu li:

(a) huwa l-aktar adattat għan-natura tal-prodott u s-sitwazzjoni fis-suq ikkonċernat, li jippermetti l-użu l-aktar effiċjenti li huwa possibbli tar-riżorsi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-effiċjenza u l-istruttura tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni mingħajr ma tinħoloq diskriminazzjoni bejn l-operaturi kkonċernati u b'mod partikulari bejn l-operaturi l-kbar u ż-żgħar;

(b) huwa l-inqas wieħed ta' piż għall-operaturi mil-lat amministrattiv, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti amministrattivi;

(c) jevita kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi kkonċernati.

Artikolu 273

Stabbiliment tar-rifużjoni tal-esportazzjoni

1. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom ikunu l-istess għall-Unjoni kollha. Jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba s-sitwazzjoni fis-suq dinji, minħabba r-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti swieq, jew minħabba obbligi li jkunu ġejjin minn ftehimiet konkluży skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

2. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-istabbiliment tar-rifużjonijiet skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

Artikolu 274

Għoti tar-rifużjoni tal-esportazzjoni

1. Ir-rifużjonijiet fuq il-prodotti mniżżlin fl-Artikolu 271(1)(a) li jiġu esportati kif inhuma mingħajr iktar ipproċessar għandhom jingħataw biss wara li ssir applikazzjoni u wara li tiġi ppreżentata liċenzja tal-esportazzjoni.

2. Ir-rifużjoni li tapplika għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun dik applikabbli fil-jum tal-applikazzjoni għal-liċenzja jew, skont il-każ, dik li tiġi mill-proċedura ta' sejħiet għall-offerti kkonċernata u, fil-każ ta' rifużjoni ddifferenzjata, dik li tapplika fl-istess jum:

   (a) għad-destinazzjoni murija fuq il-liċenzja; jew

   (b) fejn xieraq, għad-destinazzjoni attwali jekk din tkun differenti mid-destinazzjoni murija fuq il-liċenzja. F'dan il-każ l-ammont applikabbli ma għandux jaqbeż l-ammont applikabbli għad-destinazzjoni murija fuq il-liċenzja.

   Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tieħu l-miżuri x-xierqa sabiex tevita milli jkun hemm abbuż tal-flessibbiltà li dwarha hemm dispożizzjoni f'dan il-paragrafu. Dawn il-miżuri jistgħu, b'mod partikulari, jkollhom x'jaqsmu mal-proċedura għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u man-notifiki li għandhom jagħmlu l-esportaturi.

3. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tat-trasport fil-każ tal-bajd għat-tifqis u tal-flieles ta' jum, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti delegati, li l-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jingħataw wara.

4. Sabiex tiżgura aċċess ugwali għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-esportaturi tal-prodotti msemmija fl-Anness I għat-Trattat, u tal-prodotti pproċessati minnhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tiddeċiedi li tapplika l-paragrafi 1 u 2 għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 271(1)(b) ta' dan ir-Regolament.

   Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' dan il-paragrafu.

5. Sabiex tnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-organizzazzjonijiet tal-benesseri tal-bniedem, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tagħti derogi mill-paragrafi 1 u 2 fil-każ ta' prodotti li fuqhom jitħallsu r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fil-qafas ta' ħidmiet ta' għajnuna għall-ikel.

6. Ir-rifużjoni għandha titħallas meta jingħataw provi li:

(a) il-prodotti ġew esportati mill-Unjoni;

(b) fil-każ ta' rifużjoni ddifferenzjata, il-prodotti waslu fid-destinazzjoni murija fuq il-liċenzja jew f'destinazzjoni oħra li għaliha kienet stabbilita rifużjoni, mingħajr ħsara għall-punt (b) tal-paragrafu 2.

7. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi aktar kundizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni sabiex tevita milli jkun hemm tfixkil tal-kummerċ, b'mod partikulari:

(a) li r-rifużjonijiet jitħallsu biss għal prodotti li joriġinaw fl-UE;

(b) li l-ammont tar-rifużjonijiet għall-prodotti importati għandu jkun limitat għad-dazji miġbura mal-importazzjoni f'każijiet fejn dawk id-dazji jkunu aktar baxxi mir-rifużjoni applikabbli.

Artikolu 275

Rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal annimali ħajjin fis-settur taċ-ċanga u l-vitella

1. Għall-prodotti tas-settur taċ-ċanga u l-vitella, l-għoti u l-ħlas tar-rifużjoni għall-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin għandhom ikunu suġġetti għall-konformità mar-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u, b'mod partikulari, mal-ħarsien tal-annimali waqt it-trasport.

2. Sabiex tinkuraġġixxi lill-esportaturi josservaw il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali u sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw in-nefqa korretta tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni meta din tkun tiddependi fuq il-ħarsien tar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati:

(a) tadotta dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali barra t-territorju doganali tal-Unjoni, u l-verifika u r-rappurtar dwar dan, inkluż l-użu ta' partijiet terzi indipendenti;

(b) tistabbilixxi penali dwar il-ħlas jew l-irkupru tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni meta ma jkunux tħarsu r-rekwiżiti legali dwar il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali.

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 276

Limiti tal-esportazzjoni

Għandu jkun żgurat li jitħarsu l-impenji tal-volum li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat abbażi tal-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin għall-perjodi ta' referenza li japplikaw għall-prodotti kkonċernati. F'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità mal-obbligi li ġejjin mill-Ftehim tal-WTO dwar l-Agrikultura, it-tmiem ta' perjodu ta' referenza ma għandux jaffettwa l-validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni.

Artikolu 277

Setgħat iddelegati

1. Sabiex tiżgura li l-operaturi jħarsu l-obbligi tagħhom meta jipparteċipaw fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi r-rekwiżit primarju għar-rilaxx tal-garanziji fuq il-liċenzji għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni mogħtija permezz ta' sejħa għall-offerti.

2. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-operaturi u għall-awtoritajiet, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi limiti li taħthom wieħed jista' ma jkunx obbligat jippreżenta liċenzja tal-esportazzjoni u hija tista' tistabbilixxi d-destinazzjonijiet li għalihom tista' tiġi ġġustifikata l-eżenzjoni mill-obbligu li tiġi ppreżentata liċenzja tal-esportazzjoni.

3. Sabiex iżżomm mas-sitwazzjonijiet prattiċi li jiġġustifikaw l-eliġibbiltà sħiħa jew parzjali għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni, u sabiex tgħin lill-operaturi jkopru l-perjodu bejn l-applikazzjoni għal rifużjoni tal-esportazzjoni u l-ħlas finali tagħha, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri dwar:

   (a) data oħra għar-rifużjoni;

   (b) il-konsegwenzi għall-ħlas tar-rifużjoni tal-esportazzjoni meta l-kodiċi tal-prodott jew id-destinazzjoni msemmija f'liċenzja ma jkunux konformi mal-prodott jew mad-destinazzjoni attwali;

   (c) il-ħlas bil-quddiem tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet għall-għoti u r-rilaxx ta' garanzija;

   (d) kontrolli u prova f'każijiet fejn ikun hemm dubji dwar id-destinazzjoni reali tal-prodotti, inkluża l-opportunità li l-prodotti jiġu importati mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Unjoni;

   (e) id-destinazzjonijiet ittrattati bħala esportazzjonijiet mill-Unjoni, u l-inklużjoni ta' destinazzjonijiet fit-territorju dognali tal-Unjoni li huma eliġibbli għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni.

4. Sabiex tiżgura li l-prodotti li jkunu qed jibbenefikaw minn rifużjonijiet tal-esportazzjoni jiġu esportati mit-territorju doganali tal-Unjoni u sabiex tevita li dawn jerġgħu jintbagħtu lura f'dak it-territorju, u sabiex tnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-operaturi huma u jiġġeneraw u jressqu provi li l-prodotti tar-

rifużjoni waslu f'pajjiż tad-destinazzjoni li huwa eliġibbli għar-rifużjonijiet iddifferenzjati, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri dwar:

(a) il-limitu taż-żmien sa meta jrid ikun ġie ffinalizzat il-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż iż-żmien għad-dħul temporanju mill-ġdid;

(b) l-ipproċessar li l-prodotti li jkunu qed jibbenefikaw mir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni jistgħu jgħaddu minnu matul dak il-perjodu;

(c) il-prova li dawn il-prodotti jkunu waslu f'destinazzjoni li hija eliġibbli għar-rifużjonijiet iddifferenzjati;

(d) il-limiti tar-rifużjonijiet u l-kundizzjonijiet li bihom l-esportaturi jistgħu jiġu eżentati minn din il-prova;

(e) il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni, minn partijiet terzi indipendenti, tal-prova li l-prodotti jkunu waslu f'destinazzjoni li hija eliġibbli għar-rifużjonijiet iddifferenzjati.

5. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi differenti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-operaturi u għall-prodotti li huma eliġibbli għal rifużjoni tal-esportazzjoni.

6. Sabiex tippermetti l-adattament għall-iżviluppi fl-industrija tal-ipproċessar, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, temenda l-Anness XVII, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009[44].

7. Sabiex tiżgura li jkun hemm trattament indaqs f'termini tal-kundizzjonijiet għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-esportaturi tal-prodotti msemmija fl-Anness I għat-Trattat u tal-prodotti pproċessati minnhom, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta regoli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 274(5), (6) u (7) għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 271(1)(b), filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009.

Artikolu 278

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' din it-Taqsima, b'mod partikulari:

(a) dwar it-tqassim mill-ġdid tal-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati li ma jkunux ġew allokati jew użati;

(b) biex ikun immonitorjat jekk seħħewx u jekk sarux kif suppost l-operazzjonijiet li jagħtu dritt għall-ħlas tar-rifużjonijiet u tal-ammonti l-oħra kollha f'dak li għandu

[44] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 10.

x'jaqsam mat-transazzjonijiet tal-esportazzjoni, inklużi l-kontrolli fiżiċi u l-iskrutinju tad-dokumenti;

(c) dwar il-prodotti msemmija fl-Artikolu 271(1)(b).

TAQSIMA III

ĠESTJONI TAL-KWOTA TAL-ESPORTAZZJONI FIS-SETTUR TAL-ĦALIB U L-PRODOTTI TAL-ĦALIB

Artikolu 279

Ġestjoni tal-kwoti tat-tariffi miftuħin minn pajjiżi terzi

1. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, fejn ftehim konkluż skont l-Artikolu 218 tat-Trattat jipprovdi għall-ġestjoni totali jew parzjali ta' kwota tat-tariffi miftuħa minn pajjiż terz, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta miżuri speċifiċi sabiex tiżgura li l-kwota li tkun saret applikazzjoni għaliha tintuża skont l-għanijiet tal-ftehim internazzjonali kkonċernat.

2. Il-kwoti tat-tariffi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu amministrati b'mod li tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-operaturi kkonċernati u li jiżgura l-użu sħiħ tal-possibbiltajiet li huma disponibbli skont il-kwota kkonċernata, billi jiġi applikat wieħed mill-metodi li ġejjin jew kombinament tagħhom jew metodu adattat ieħor:

   (a) metodu bbażat fuq l-ordni kronoloġika tat-tressiq tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel");

   (b) metodu ta' distribuzzjoni skont il-proporzjon tal-kwantitajiet mitluba meta jkunu tressqu l-applikazzjonijiet (billi jintuża l-"metodu ta' eżami simultanju");

   (c) metodu bbażat fuq li wieħed iqis ix-xejriet tradizzjonali tal-kummerċ (l-użu tal-"metodu tradizzjonali/ta' dawk li daħlu ġodda").

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-kwoti miftuħin skont din it-Taqsima.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tadotta d-dispożizzjonijiet sabiex ikun hemm il-ġestjoni tal-proċess biex:

   (a) tiżgura li ma jinqabżux il-kwantitajiet disponibbli skont il-kwoti miftuħin skont din it-Taqsima;

   (b) talloka mill-ġdid il-kwantitajiet li ma jkunux intużaw.

TAQSIMA IV

TRATTAMENT SPEĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI

Artikolu 280

Ċertifikati għall-prodotti li jibbenefikaw minn trattament speċjali għall-importazzjoni f'pajjiż terz

1. Meta jiġu esportati prodotti li, skont ftehimiet konklużi mill-Unjoni skont l-Artikolu 218 tat-Trattat, jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali għall-importazzjoni f'pajjiż terz jekk jitħarsu ċerti kundizzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, fuq talba u wara li jsiru l-kontrolli x-xierqa, joħorġu dokument li jiċċertifika li l-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin mal-paragrafu 1.

TAQSIMA V

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-PJANTI ĦAJJIN

Artikolu 281

Prezzijiet minimi tal-esportazzjoni

1. Sabiex jitqies l-iżvilupp tas-suq għal kull wieħed mill-prodotti tas-settur tal-pjanti ħajjin li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0601 10, kull sena jistgħu jiġu stabbiliti prezz minimu wieħed jew aktar għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi fi żmien xieraq qabel l-istaġun tal-kummerċjalizzazzjoni. Il-Kunsill għandu jieħu miżuri dwar l-istabbiliment tal-prezzijiet minimi skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

   L-esportazzjoni tat-tali prodotti għandha tkun permessa biss bi prezz li jkun daqs il-prezz minimu stabbilit għall-prodott ikkonċernat jew li jkun ogħla minnu.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri amministrattivi kollha meħtieġa marbutin mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-obbligi li ġejjin mill-ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

TAQSIMA VI

IPPROĊESSAR PASSIV

Artikolu 282

Sospensjoni tal-arranġamenti ta' pproċessar passiv

1. Meta s-suq tal-Unjoni jkun imfixkel jew x'aktarx li jkun se jiġi mfixkel minn arranġamenti ta' pproċessar passiv, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, twaqqaf totalment jew parzjalment l-użu tal-arranġamenti ta' pproċessar passiv għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, tal-frott u l-ħaxix, tal-frott u l-ħaxix ipproċessati, tal-inbid, taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż u tal-laħam tat-tjur. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiddeċiedi dwarha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta taslilha t-talba. F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 323(2).

   Il-miżuri adottati għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-Istati Membri u għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel.

2. Safejn ikun hemm bżonn għat-tħaddim tajjeb tal-OKS, l-użu ta' arranġamenti ta' pproċessar passiv għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jista' jiġi pprojbit totalment jew parzjalment mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, huma u jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

PARTI IV

REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI

KAPITOLU I

Regoli li japplikaw għall-impriżi

Artikolu 283

Applikazzjoni tal-Artikoli 101 sa 106 tat-Trattat

Ħlief hekk kif speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 101 sa 106 tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom għandhom, suġġetti għall-Artikoli 284, 285, 286 [u 287] ta' dan ir-Regolament, japplikaw għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki kollha msemmija fl-Artikoli 101(1) u 102 tat-Trattat li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jew mal-kummerċ fihom.

Artikolu 284

Eċċezzjonijiet

1. L-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki msemmija fl-Artikolu 283 ta' dan ir-Regolament li huma parti integrali minn organizzazzjoni nazzjonali tas-suq jew li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat.

   B'mod partikulari, l-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki tal-bdiewa, tal-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew tal-assoċjazzjonijiet tat-tali assoċjazzjonijiet li jappartjenu għal Stat Membru wieħed u li jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħżin, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, u skont liema ma hemm l-ebda obbligu li jintalbu prezzijiet identiċi, sakemm il-Kummissjoni ma ssibx illi b'hekk il-kompetizzjoni hija eskluża jew li huma mhedda l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-Trattat.

2. Wara li tikkonsulta mal-Istati Membri u wara li tisma' lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kkonċernati u lil kull persuna fiżika jew ġuridika oħra li hija tqis xierqa, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa unika, suġġetta għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi liema ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tadotta Deċiżjoni li għandha tiġi ppubblikata.

Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha li tistabilixxi dan jew fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew fuq talba ta' impriża jew ta' assoċjazzjoni tal-impriżi interessata.

3. Il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandha tagħti l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-Deċiżjoni. Għandha tqis l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

Artikolu 285

Ftehimiet u prattiki miftiehma fis-settur tal-frott u l-ħaxix

1. L-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti li jkunu maħsubin biex jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 210(3)(c) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss jekk:

   (a) il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni;

   (b) fi żmien xahrejn minn meta tirċievi d-dettalji kollha meħtieġa, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), ma tkunx sabet li dawk il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet jew il-prattiki miftiehma jkunu inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni.

3. Il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b).

4. Fi kwalunkwe każ, il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma li ġejjin għandhom ikunu ddikjarati bħala inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni:

   (a) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu jwasslu għal diviżjoni ta' kwalunkwe għamla fis-swieq tal-Unjoni;

   (b) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu jaffettwaw it-tħaddim tajjeb tal-organizzazzjoni tas-suq;

   (c) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu joħolqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni li mhuwiex essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni segwita mill-attività tal-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur;

   (d) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jinvolvu l-iffissar tal-prezzijiet, mingħajr ħsara għall-attivitajiet imwettqa mill-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur huma u japplikaw regoli speċifiċi tal-Unjoni;

(e) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu joħolqu diskriminazzjoni jew jeliminaw il-kompetizzjoni għal proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.

5. Jekk, wara li jiskadi l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 2(b), il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet biex jiġi applikat il-paragrafu 1 ma jkunux ġew issodisfati, hija għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tieħu deċiżjoni li tiddikjara li l-Artikolu 101(1) tat-Trattat japplika għall-ftehim, għad-deċiżjoni jew għall-prattika miftiehma kkonċernata.

Dik id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tapplika qabel id-data tan-notifika tagħha lill-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ikkonċernata, sakemm dik l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ma tkunx tat informazzjoni li ma tkunx korretta jew ma tkunx abbużat mill-eżenzjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1.

6. Fil-każ ta' ftehimiet multiannwali, in-notifika għall-ewwel sena għandha tkun valida għas-snin ta' wara tal-ftehim. Madankollu, f'dak il-każ, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor, toħroġ stqarrija ta' inkompatibbiltà fi kwalunkwe waqt.

Artikolu 286

Ftehimiet u prattiki miftiehma fis-settur tat-tabakk

1. L-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għall-ftehimiet u l-prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti fis-settur tat-tabakk, li jkunu maħsubin biex jiġu implimentati l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 210(1)(c) ta' dan ir-Regolament, dejjem jekk:

(a) il-ftehimiet u l-prattiki miftiehma jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni;

(b) il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), u fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi d-dettalji meħtieġa kollha, ma tkunx sabet li dawk il-ftehimiet jew il-prattiki miftiehma huma inkompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Il-ftehimiet u l-prattiki miftiehma ma jistgħux jiġu implimentati matul dak il-perjodu ta' tliet xhur.

2. Il-ftehimiet u l-prattiki miftiehma għandhom jiġu ddikjarati bħala li jmorru kontra r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fil-każijiet li ġejjin fejn:

(a) jistgħu jwasslu għal diviżjoni ta' kwalunkwe għamla fis-swieq tal-Unjoni;

(b) jistgħu jaffettwaw it-tħaddim tajjeb tal-organizzazzjoni tas-suq;

(c) jistgħu joħolqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni li mhuwiex essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni segwita mill-miżura tal-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur;

(d) jinvolvu l-iffissar tal-prezzijiet jew tal-kwoti, mingħajr ħsara għall-miżuri meħudin mill-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur huma u japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regoli tal-Unjoni;

(e) jistgħu joħolqu diskriminazzjoni jew jeliminaw il-kompetizzjoni għal proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.

3. Jekk, wara li jiskadi l-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet biex jiġi applikat dan il-Kapitolu ma jkunux ġew issodisfati, hija għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tieħu deċiżjoni li tiddikjara li l-Artikolu 101(1) tat-Trattat japplika għall-ftehim jew għall-prattika miftiehma kkonċernata.

Dik id-deċiżjoni m'għandhiex tapplika qabel id-data tan-notifika lill-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ikkonċernata, sakemm dik l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ma tkunx tat informazzjoni li ma tkunx korretta jew ma tkunx abbużat mill-eżenzjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1.

[Artikolu 287

Ftehimiet u prattiki miftiehma fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

1. L-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għall-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur irrikonoxxuti li jkunu maħsubin biex jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 210(4)(c) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss jekk:

(a) il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni;

(b) fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi d-dettalji kollha meħtieġa, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), ma tkunx sabet li l-ftehimiet, id-deċiżjonijiet jew il-prattiki miftiehma jkunu inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni.

3. Il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b).

4. Fi kwalunkwe każ, il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma li ġejjin għandhom ikunu ddikjarati bħala inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni:

(a) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu jwasslu għal diviżjoni ta' kwalunkwe għamla fis-swieq tal-Unjoni;

(b) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu jaffettwaw it-tħaddim tajjeb tal-organizzazzjoni tas-suq;

(c) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu joħolqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni li mhuwiex essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni segwita mill-attività tal-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur;

(d) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jinvolvu l-iffissar tal-prezzijiet;

(e) ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jistgħu joħolqu diskriminazzjoni jew jeliminaw il-kompetizzjoni għal proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.

5. Jekk, wara li jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b), il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet biex jiġi applikat il-paragrafu 1 ma jkunux ġew issodisfati, hija għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tieħu deċiżjoni li tiddikjara li l-Artikolu 101(1) tat-Trattat japplika għall-ftehim, għad-deċiżjoni jew għall-prattika miftiehma kkonċernata.

Dik id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tapplika qabel id-data tan-notifika tagħha lill-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ikkonċernata, sakemm dik l-organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur ma tkunx tat informazzjoni li ma tkunx korretta jew ma tkunx abbużat mill-eżenzjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1.

6. Fil-każ ta' ftehimiet multiannwali, in-notifika għall-ewwel sena għandha tkun valida għas-snin ta' wara tal-ftehim. Madankollu, f'dak il-każ, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor, toħroġ stqarrija ta' inkompatibbiltà fi kwalunkwe waqt.]

Artikolu 288

Effett vinkolanti tal-ftehimiet u l-prattiki fuq dawk li mhumiex imsieħba fl-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tat-tabakk

1. L-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur fis-settur tat-tabakk jistgħu jitolbu li xi wħud mill-ftehimiet jew mill-prattiki miftiehma tagħhom isiru jorbtu, għal perjodu limitat taż-żmien, għall-individwi u l-gruppi fis-settur ekonomiku kkonċernat li ma jkunux imsieħba fil-fergħat tal-kummerċ li huma jirrappreżentaw, fiż-żoni li fihom joperaw il-fergħat.

Sabiex ir-regoli tagħhom jiġu estiżi, l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur għandhom jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi tal-produzzjoni u/jew tal-kummerċ ikkonċernat. Meta l-estensjoni proposta tar-regoli ikollha ambitu interreġjonali, l-organizzazzjonijiet li jiġbru fihom diversi fergħat tas-settur għandhom jagħtu prova li għandhom grad minimu ta' rappreżentanza għal kull waħda mill-fergħat miġbura fi ħdanha, f'kull reġjun kopert.

2. Ir-regoli li għalihom tintalab estensjoni tal-ambitu għandhom ikunu ilhom fis-seħħ għal mill-inqas sena u għandhom ikunu marbutin ma' wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(a) l-għarfien tal-produzzjoni u tas-suq;

(b) id-definizzjoni tal-kwalitajiet minimi;

(c) l-użu ta' metodi ta' kultivazzjoni kompatibbli mal-ħarsien ambjentali;

(d) id-definizzjoni tal-istandards minimi tal-ippakkjar u tal-preżentazzjoni;

(e) l-użu ta' żrieragħ iċċertifikati u l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti.

3. L-estensjoni tar-regoli għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1).

Artikolu 289

Setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' ftehimiet u prattiki miftiehma

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 285, 286, [287] u 288, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi r-regoli dwar in-notifiki u l-pubblikazzjoni.

KAPITOLU II

Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Artikolu 290

Applikazzjoni tal-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat

L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u għall-kummerċ fihom.

Madankollu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-ħlasijiet magħmulin mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament u li dwarhom hemm dispożizzjoni fis-Sottotaqsima III tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u fl-Artikoli 37 sa 41, 108, 111, 114, 117, 120, 123, 128, 148, 291(2) u 292 sa 297 u fit-Taqsima VII tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II ta' dan ir-Regolament. Madankollu, għall-Artikolu 136(4), l-Artikolu 108 tat-Trattat biss m'għandux japplika.

Artikolu 291

Dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

1. Suġġett għall-Artikolu 107(2) tat-Trattat, għandha tkun ipprojbita għajnuna li l-ammont tagħha jkun stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mniżżlin fil-Parti XVI tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

   Għandhom ikunu pprojbiti wkoll miżuri nazzjonali li jippermettu li jinġiebu ndaqs il-prezzijiet tal-prodotti mniżżlin fil-Parti XVI tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri jistgħu, sal-31 ta' Marzu 2014, jagħtu għajnuna mill-Istat lill-bdiewa fis-settur tal-ħalib li tammonta għal ammont totali annwali li ma jaqbiżx il-55 % tal-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 69(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, minbarra appoġġ tal-Unjoni mogħti skont l-Artikolu 68(1)(b) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni skont il-miżuri msemmija fl-Artikolu 69(4) ta' dak ir-Regolament u tal-għajnuna mill-Istat fl-ebda każ m'għandhom jaqbżu l-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 69(4) u (5).

Artikolu 292

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Finlandja u għall-Isvezja

Suġġett għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), il-Finlandja u l-Isvezja jistgħu jagħtu għajnuna għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tar-renna u tal-prodotti tar-renna (kodiċijiet tan-NM bin-numri ex 0208 u ex 0210), sakemm dan ma jkun jinvolvi ebda żieda fil-livelli tradizzjonali tal-produzzjoni.

Artikolu 293

Dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur taz-zokkor

L-Istati Membri li jnaqqsu l-kwota taz-zokkor tagħhom b'iktar minn 50 % tal-kwota taz-zokkor stabbilita fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistgħu jagħtu għajnuna temporanja mill-Istat matul il-perjodu li għalih tkun qed titħallas l-għajnuna tranżizzjonali għal dawk li jkabbru l-pitravi skont l-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' applikazzjoni minn kwalunkwe Stat Membru kkonċernat, tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), dwar l-ammont totali tal-għajnuna mill-Istat disponibbli għal din il-miżura.

Għall-Italja, l-għajnuna temporanja msemmija fl-ewwel subparagrafu, li għandha tingħata lil dawk li jkabbru l-pitravi u għat-trasport tal-pitravi, ma għandhiex taqbeż ammont totali ta' 11-il Euro għal kull sena tas-suq għal kull tunnellata ta' pitravi.

Il-Finlandja tista' tagħti għajnuna lil dawk li jkabbru l-pitravi li ma taqbiżx it-350 Euro għal kull ettaru għal kull sena tas-suq.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn tmiem kull sena tas-suq dwar l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li huma jkunu taw fil-verità matul dik is-sena tas-suq.

Artikolu 294

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja

[Id-deroga li tinsab fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 290 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-ħlasijiet tal-għajnuna mogħtija mill-Ġermanja fil-qafas nazzjonali eżistenti tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Monopolju") għall-prodotti li jkunu kkummerċjalizzati mill-Monopolju, wara li jiġu pproċessati aktar, bħala etanol ta' oriġini agrikola mniżżel fl-Anness I għat-Trattat. Dik id-deroga għandha titħaddem sal-31 ta' Diċembru 2017 biss, għandha tkun mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108(1) u għall-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat u għandha tapplika bil-kundizzjoni li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-produzzjoni totali tal-etanol, skont il-Monopolju, li jibbenifika mill-għajnuna għandha tonqos b'mod gradwali minn ammont massimu ta' 600 000 ettolitru fl-2011 għal 420 000 ettolitru fl-2012 u għal 240 000 ettolitru fl-2013 u tista' tammonta għal ammont massimu ta' 60 000 ettolitru fis-sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, f'liema data l-Monopolju m'għandux jibqa' jeżisti;

(b) il-produzzjoni tad-distilleriji agrikoli ssiġillati (il-"landwirtschaftliche Verschlussbrennereien") li jibbenefikaw mill-għajnuna għandha tonqos b'mod gradwali minn 540 000 ettolitru fl-2011 għal 360 000 ettolitru fl-2012 u għal 180 000 ettolitru fl-2013. Sal-31 ta' Diċembru 2013, id-distilleriji agrikoli ssiġillati kollha għandhom jitilqu mill-Monopolju. Meta jitilqu mill-Monopolju, id-distilleriji agrikoli ssiġillati kollha jistgħu jirċievu għajnuna ta' kumpens ta' EUR 257.50 għal kull ettolitru ta' drittijiet nominali ta' distillazzjoni fit-tifsira tal-leġiżlazzjoni

Ġermaniża applikabbli. Din l-għajnuna ta' kumpens tista' tingħata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, hija tista' titħallas f'diversi drabi, li minnhom l-aħħar darba ma tistax tkun iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

(c) id-distilleriji ż-żgħar b'rata fissa, l-utenti tad-distilleriji u d-distilleriji tal-kooperattivi tal-frott jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mogħtija mill-Monopolju sal-31 ta' Diċembru 2017, dejjem jekk il-produzzjoni li tibbenefika mill-għajnuna ma taqbiżx is-60 000 ettolitru fis-sena;

(d) l-ammont totali ta' għajnuna mħallsa mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013 ma għandux ikun ta' iktar minn EUR 269.9 miljun u l-ammont totali ta' għajnuna mħallsa mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017 ma għandux ikun ta' iktar minn EUR 268 miljun; u

(e) qabel it-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Ġermanja għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Monopolju u l-għajnuna mogħtija fil-qafas tiegħu fis-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, ir-rapporti annwali li għandhom jintbagħtu mill-2013 sal-2016 għandhom jinkludu pjan annwali għat-tneħħija gradwali għas-sena ta' wara li jkollu x'jaqsam mad-distilleriji ż-żgħar b'rata fissa, mal-utenti tad-distilleriji u mad-distilleriji tal-kooperattivi tal-frott.]

Artikolu 295

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-patata

L-Istati Membri jistgħu jkomplu jħallsu għajnuniet mill-Istat skont kwalunkwe skema eżistenti għall-produzzjoni tal-patata, friska jew imkessħa, tal-kodiċi tan-NM bin-numru 0701u għall-kummerċ fiha, sal-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 296 [li għandu jitħassar wara l-31 ta' Diċembru 2010]

Dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur tal-frott u l-ħaxix

L-Istati Membri jistgħu jħallsu għajnuna mill-Istat għas-settur tal-frott u l-ħaxix sal-31 ta' Diċembru 2010 bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna mill-Istat titħallas biss lil produtturi tal-frott u l-ħaxix li mhumiex membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi rrikonoxxuta u li jiffirmaw kuntratt ma' organizzazzjoni tal-produtturi rrikonoxxuta li fih jaċċettaw li japplikaw il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata;

(b) l-ammont tal-għajnuna mħallas lit-tali produtturi mhuwiex ta' aktar minn 75 % tal-appoġġ tal-Unjoni li jirċievu l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata; u

(c) l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta rapport lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 dwar l-effikaċja u l-effiċjenza tal-għajnuna mill-Istat, li fih janalizza b'mod partikulari kemm l-għajnuna appoġġat lill-organizzazzjoni tas-

settur. Il-Kummissjoni se teżamina r-rapport u tiddeċiedi jekk tagħmilx xi proposti xierqa jew le.

Artikolu 297

Għajnuna nazzjonali għad-distillazzjoni tal-inbid f'każijiet ta' kriżi

1. Mill-1 ta' Awwissu 2012 'il quddiem, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali lill-produtturi tal-inbid għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja tal-inbid f'każijiet iġġustifikati ta' kriżi.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata u għandha tippermetti li tiġi indirizzata l-kriżi.

3. L-ammont totali tal-għajnuna disponibbli fi Stat Membru fi kwalunkwe sena partikulari għat-tali għajnuna ma għandux jaqbeż il-15 % tal-fondi disponibbli b'mod ġenerali għal kull Stat Membru stabbiliti fl-Anness X għal dik is-sena.

4. L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mill-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw notifika debitament sostanzjata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), jekk il-miżura hijiex approvata u jekk tistax tingħata l-għajnuna jew le.

5. L-alkoħol li jkun ġej mid-distillazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jintuża eskluživament għal għanijiet industrijali jew tal-enerġija sabiex jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa marbutin ma' dan l-Artikolu.

PARTI V

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL DIVERSI SETTURI JEW GĦAL SETTURI INDIVIDWALI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal diversi setturi

TAQSIMA I

TFIXKIL TAS-SWIEQ

Artikolu 298

Tfixkil tal-prezzijiet fis-suq intern

Sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza u suġġetti għall-Artikolu 300, tieħu l-miżuri meħtieġa fil-każ tas-sitwazzjonijiet li ġejjin, meta dawk is-sitwazzjonijiet x'aktarx ikunu se jkomplu, u b'hekk ifixklu jew jheddu li jfixklu s-swieq:

(a) għall-prodotti tas-setturi taz-zokkor, tal-ħops, taċ-ċanga u l-vitella, tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, meta l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni għal kwalunkwe wieħed minn dawk il-prodotti jiżdiedu jew jonqsu b'mod sinifikanti;

(b) għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur u għaż-żejt taż-żebbuġa, meta l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni għal kwalunkwe wieħed minn dawk il-prodotti jiżdiedu b'mod sinifikanti.

Artikolu 299

Tfixkil ikkawżat mill-kwotazzjonijiet jew mill-prezzijiet fis-suq dinji

Sabiex ikun hemm reazzjoni effiċjenti u effettiva kontra t-theddid ta' tfixkil tas-suq, meta għall-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tar-ross, taz-zokkor u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet fis-suq dinji ta' prodott wieħed jew aktar jilħqu livell li jfixkel jew li jhedded li jfixkel id-disponibbiltà tal-provvista fis-suq tal-Unjoni u meta dik is-sitwazzjoni x'aktarx tkun se tkompli jew tkun se tmur għall-agħar, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza u suġġetti għall-Artikolu 300, tieħu l-miżuri meħtieġa għas-settur ikkonċernat. Hija tista', b'mod partikulari, twaqqaf id-dazji tal-importazzjoni parzjalment jew għal kollox għal ċerti kwantitajiet.

Artikolu 300

Kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' atti delegati f'każijiet ta' tfixkil

Il-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 298 u 299 jistgħu jiġu adottati:

(a) jekk il-miżuri l-oħra kollha disponibbli skont dan ir-Regolament jidhru li mhumiex biżżejjed;

(b) filwaqt li jitqiesu l-obbligi li ġejjin minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218(2) tat-Trattat.

Artikolu 301

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli kollha meħtieġa marbutin mal-Artikoli 298 u 299. Dawk ir-regoli jistgħu, b'mod partikulari, ikollhom x'jaqsmu mal-proċeduri, man-notifiki, mal-kriterji tekniċi u mal-kontrolli amministrattivi jew fiżiċi li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri.

TAQSIMA II

RAPPURTAR

Artikolu 302

Rappurtar fir-rigward ta' ċerti setturi

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(1) kull tliet snin u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2010[2013] dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-apikultura stabbiliti fit-Taqsima VIII tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II;

(2) sal-31 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima VI tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II u fil-Kapitolu II tat-Titolu II tal-Parti II dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-fondi operattivi u l-programmi operattivi fis-settur tal-frott u l-ħaxix;

(3) sal-31 ta' Awwissu 2012 dwar l-applikazzjoni tal-iskema tal-frott fl-iskejjel li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 128, li jkollu miegħu, jekk ikun meħtieġ, proposti xierqa. Ir-rapport għandu jindirizza b'mod partikulari l-kwistjonijiet ta' kemm l-iskema tkun ippromwoviet l-istabbiliment ta' skemi tal-frott fl-iskejjel li jaħdmu tajjeb fl-Istati Membri u l-impatt tal-iskema fuq it-titjib tad-drawwiet tal-ikel tat-tfal;

(4) sal-[31 ta' Diċembru 2010 u] l-31 ta' Diċembru 2012 dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet li jiġu minnha għat-tneħħija gradwali

mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib, li jkollu miegħu, jekk ikun meħtieġ, proposti xierqa. Barra minn hekk, ir-rapport għandu jistudja l-konsegwenzi għall-produtturi tal-ġobon li jkollu denominazzjoni protetta tal-oriġini skont ir-Regolament (KE) Nru 510/2006;

(5) sal-31 ta' Diċembru 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' promozzjoni fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 138;

(6) sal-31 ta' Diċembru 2012 dwar is-settur tal-inbid, b'mod partikulari filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tar-riforma.[;]

[(7) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014, dwar l-applikazzjoni tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 17, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa.]

[(8) sat-30 ta' Ġunju 2014 u sal-31 ta' Diċembru 2018 dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni fis-suq tas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u b'mod partikulari dwar it-tħaddim tal-punt (iv) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 209 u tal-Artikoli 210(4), 229, 287, 310 u 311, li jkopri, b'mod partikulari, l-inċentivi potenzjali biex il-bdiewa jitħeġġu jidħlu għal ftehimiet ta' produzzjoni konġunta flimkien ma' kwalunwke proposta xierqa.]

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SETTURI INDIVIDWALI

TAQSIMA I

ĦOPS

Artikolu 303

Reġistrazzjoni ta' kuntratti fis-settur tal-ħops

1. Kwalunkwe kuntratt għall-provvista tal-ħops prodott fl-Unjoni li jiġi konkluż bejn produttur jew organizzazzjoni tal-produtturi, minn naħa waħda, u xerrej, min-naħa l-oħra, għandu jiġi rreġistrat mill-entitajiet maħtura għal dak il-għan minn kull Stat Membru produttur ikkonċernat.

2. Il-kuntratti marbutin mal-provvista ta' kwantitajiet speċifiċi bi prezzijiet miftehma għal perjodu li jkun ikopri ħsad wieħed jew aktar u li jkunu konklużi qabel l-1 ta' Awwissu tas-sena tal-ewwel ħsad ikkonċernat għandhom ikunu magħrufa bħala "kuntratti konklużi bil-quddiem". Dawn għandhom jiġu rreġistrati b'mod separat.

3. Id-dejta li fuqha tkun ibbażata r-reġistrazzjoni tista' tintuża biss għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-kuntratti għall-provvista tal-ħops.

TAQSIMA II

INBID

Artikolu 304

Reġistru u inventarju tal-vinji

1. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-vinji li jkun fih informazzjoni aġġornata dwar il-potenzjal tal-produzzjoni.

2. L-Istati Membri li fihom iż-żona totali mħawla bid-dwieli ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 166(2) tkun ta' inqas minn 500 ettaru m'għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri li jipprovdu għall-miżura għar-"ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji" fil-programmi ta' appoġġ tagħhom skont l-Artikolu 139 għandhom, abbażi tar-reġistru tal-vinji, jibagħtu lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, inventarju aġġornat tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom.

4. Fi kwalunkwe waqt wara l-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-paragrafi 1, 2 u 3 ma għadhomx japplikaw.

5. Sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ u l-verifika tal-potenzjal tal-produzzjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar l-ambitu u l-kontenut tar-reġistru tal-vinji u l-eżenzjonijiet.

6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dwar il-verifika tal-informazzjoni.

Artikolu 305

Dikjarazzjonijiet obbligatorji fis-settur tal-inbid

1. Il-produtturi tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u l-produtturi tal-most u tal-inbid għandhom jiddikjaraw kull sena, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-kwantitajiet li jkunu pproduċew mill-aħħar ħsad.

2. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lin-negozjanti tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid jiddikjaraw, ta' kull sena, il-kwantitajiet ikkummerċjalizzati mill-aħħar ħsad.

3. Il-produtturi tal-most u tal-inbid u n-negozjanti, apparti l-bejjiegħa bl-imnut, għandhom jiddikjaraw kull sena, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-ħażniet tagħhom tal-most u tal-inbid, kemm jekk dawn ikunu mill-ħsad tas-sena attwali kif ukoll jekk dawn ikunu mill-ħsad tas-snin ta' qabel. Il-most u l-inbid importati minn pajjiżi terzi għandhom jiġu ddikjarati b'mod separat.

4. Sabiex tiżgura li l-produtturi u n-negozjanti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 jħarsu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli:

(a) dwar il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet obbligatorji u l-eżenzjonijiet;

(b) dwar il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) u l-kundizzjonijiet għat-tressiq tagħhom, kif ukoll dwar l-eżenzjonijiet mill-obbligu li jitressqu d-dikjarazzjonijiet;

(c) dwar il-penali li għandhom jiġu applikati f'każ li d-dikjarazzjonijiet ma jitressqux lill-Istati Membri fiż-żmien stabbilit.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar il-formoli li għandhom jintużaw għad-dikjarazzjonijiet obbligatorji;

(b) tadotta regoli dwar il-koeffiċjenti tal-konverżjoni għall-prodotti għajr l-inbid;

(c) tispeċifika d-dati ta' skadenza għat-tressiq tad-dikjarazzjonijiet obbligatorji;

(d) tistabbilixxi regoli dwar l-ispezzjonijiet u r-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Artikolu 306

Dokumenti ta' akkumpanjament u r-reġistru fis-settur tal-inbid

1. Il-prodotti tas-settur tal-inbid għandhom jiġu ċċirkolati fl-Unjoni biss jekk ikollhom magħhom dokument ta' akkumpanjament li jkun awtorizzat b'mod uffiċjali.

2. Persuni jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom prodotti koperti mis-settur tal-inbid fl-eżerċizzju tal-kummerċ tagħhom, b'mod partikulari l-produtturi, l-bottiljaturi u l-proċessuri, kif ukoll in-negozjanti, għandhom iżommu reġistri tad-dħul u tal-ħruġ ta' dawk il-prodotti.

3. Sabiex tiffaċilita t-trasport tal-prodotti tal-inbid u l-verifika tiegħu mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati:

(a) tadotta regoli dwar id-dokument ta' akkumpanjament, dwar meta għandu jintuża u dwar l-eżenzjonijiet mill-obbligu li jintuża dan id-dokument;

(b) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom dokument ta' akkumpanjament għandu jitqies bħala dokument li jiċċertifika denominazzjonijiet protetti tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti;

(c) tistabbilixxi regoli dwar il-penali li għandhom jiġu applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dokumenti ta' akkumpanjament;

(d) tistabbilixxi obbligu li jinżamm reġistru;

(e) tispeċifika min għandu jżomm reġistru u l-eżenzjonijiet mill-obbligu li jinżamm reġistru;

(f) tindika l-ħidmiet li għandhom jitniżżlu fir-reġistru;

(g) tistabbilixxi regoli dwar l-użu tad-dokumenti ta' akkumpanjament u tar-reġistri.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta:

(a) regoli dwar il-kompożizzjoni tar-reġistru, il-prodotti li għandhom jiġu inklużi fih, id-dati ta' skadenza għall-entrati fir-reġistri u l-għeluq tar-reġistri;

(b) miżura li teħtieġ lill-Istati Membri jistabbilixxu l-perċentwali massimi aċċettabbli għat-telf;

(c) dispożizzjonijiet ġenerali u tranżizzjonali għaż-żamma tar-reġistri;

(d) regoli li jistabbilixxu għal kemm żmien id-dokumenti ta' akkumpanjament u r-reġistri għandhom jinżammu;

(e) regoli dwar il-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni;

(f) regoli dwar żbalji ovvji, forza maġġuri u ċirkustanzi eċċezzjonali.

Artikolu 307

Ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-settur tal-inbid

1. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament dwar il-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità waħda jew aktar li għandhom ikunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni fis-settur tal-inbid. B'mod partikulari, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-laboratorji awtorizzati biex iwettqu l-analiżi uffiċjali fis-settur tal-inbid. Il-laboratorji maħtura għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-operat tal-laboratorji tal-ittestjar stabbiliti fl-istandard tal-ISO/IEC 17025.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet u l-laboratorji msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni u għandha taġġornaha b'mod regolari.

Artikolu 308

Notifiki u evalwazzjoni fis-settur tal-inbid

1. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tħawwil illegali li sar wara l-31 ta' Awwissu 1998, imsemmi fl-Artikolu 82, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, biż-żoni li jkunu tħawlu bid-dwieli mingħajr dritt korrispondenti għat-tħawwil wara l-31 ta' Awwissu 1998, kif ukoll biż-żoni li fihom ikunu nqalgħu d-dwieli skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

2. F'dak li għandu x'jaqsam mar-regolarizzazzjoni obbligatorja tat-tħawwil illegali li sar qabel l-1 ta' Settembru 1998 imsemmi fl-Artikolu 83, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena rilevanti, dwar:

(a) iż-żoni mħawlin bid-dwieli qabel l-1 ta' Settembru 1998 mingħajr dritt korrispondenti għat-tħawwil;

(b) iż-żoni rregolarizzati skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, il-ħlasijiet kif previsti f'dak il-paragrafu kif ukoll il-valur medju tad-drittijiet reġjonali tat-tħawwil kif previst fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom, għall-ewwel darba sal-1 ta' Marzu 2010, jgħarrfu lill-Kummissjoni biż-żoni li fihom ikunu nqalgħu d-dwieli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 83(4).

It-tmiem tal-projbizzjoni tranżizzjonali fuq it-tħawwil il-ġdid fil-31 ta' Diċembru 2015, kif previst fl-Artikolu 89(1), ma għandux jaffettwa l-obbligi li dwarhom hemm dispożizzjoni f'dan il-paragrafu.

3. Sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, u għall-ewwel darba sal-1 ta' Marzu 2010, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-programmi ta' appoġġ tagħhom imsemmija fit-Taqsima VII tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II matul is-sena finanzjarja ta' qabel.

Dawk ir-rapporti għandhom jelenkaw u jiddeskrivu l-miżuri li għalihom ingħatat l-għajnuna tal-Unjoni skont il-programmi ta' appoġġ u għandhom, b'mod partikulari, jipprovdu dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' promozzjoni msemmija fl-Artikolu 138.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Marzu 2011 u, għat-tieni darba, sal-1 ta' Marzu 2014, evalwazzjoni tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-programmi ta' appoġġ kif ukoll indikazzjoni ta' kif tista' tittejjeb l-effiċjenza tagħhom.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar in-notifiki u l-evalwazzjoni sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu.

TAQSIMA III

ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB

Artikolu 309

Imposta promozzjonali fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat kif previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 290 ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jimponi imposta promozzjonali fuq il-produtturi tal-ħalib tiegħu għal kwantitajiet ikkummerċjalizzati ta' ħalib

jew ta' ekwivalenti tal-ħalib sabiex jiffinanzja l-miżuri dwar il-promozzjoni tal-konsum fl-Unjoni, it-twessigħ tas-swieq għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u t-titjib tal-kwalità.

[Artikolu 310

Dikjarazzjonijiet obbligatorji fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

1. Il-proċessuri tal-ħalib mhux imsajjar għandhom jiddikjaraw lill-awtorità nazzjonali kompetenti l-kwantità ta' ħalib mhux imsajjar li jkun twasslilhom kull xahar.

2. Sabiex tiġi żgurata l-utilità u l-puntwalità ta' dawn id-dikjarazzjonijiet għall-għanijiet tal-ġestjoni tas-suq, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta regoli dwar l-ambitu, il-kontenut, il-format u l-iskeda taż-żmien ta' dawn id-dikjarazzjonijiet.

Artikolu 311

Relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

1. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li kull kunsinna ta' ħalib mhux imsajjar minn bidwi għal għand proċessur tal-ħalib mhux imsajjar għandha tiġi koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet, it-tali kuntratt għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

   Fil-każ deskritt fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeċiedi wkoll li jekk il-kunsinna tal-ħalib mhux imsajjar issir permezz ta' kollettur wieħed jew aktar, kull stadju tal-kunsinna għandu jkun kopert mit-tali kuntratt bejn il-partijiet. Għal dan il-għan, "kollettur" tfisser impriża li tittrasporta l-ħalib mhux imsajjar mingħand bidwi jew kollettur ieħor għal għand proċessur tal-ħalib mhux imsajjar jew kollettur ieħor, f'liema każ is-sjieda tal-ħalib mhux imsajjar tiġi ttrasferita f'kull każ.

2. Il-kuntratt għandu:

   (a) jiġi konkluż qabel ma ssir il-kunsinna,

   (b) isir bil-miktub, u

   (c) jinkludi, b'mod partikulari, l-elementi li ġejjin:

      (i) il-prezz li għandu jitħallas għall-kunsinna, li għandu:

         – ikun statiku u jiġi stabbilit fil-kuntratt, u/jew

         – ivarja biss minħabba fatturi li huma stabbiliti fil-kuntratt, b'mod partikulari minħabba l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-suq abbażi tal-indikaturi tas-suq, il-volum imwassal u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-ħalib mhux imsajjar imwassal,

(ii) il-volum li jista' u/jew li għandu jitwassal u l-iskeda taż-żmien tal-kunsinni, u

(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, m'hemmx għalfejn isir kuntratt meta l-ħalib mhux imsajjar jitwassal mill-bidwi għal għand proċessur tal-ħalib mhux imsajjar li jkun kooperattiva li l-bidwi jkun imsieħeb fiha, jekk l-istatuti tagħha jkunu jinkludu dispożizzjonijiet li għandhom effetti simili għal dawk stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2.

4. L-elementi kollha tal-kuntratti għall-kunsinna tal-ħalib mhux imsajjar konklużi mill-bdiewa, mill-kolletturi jew mill-proċessuri tal-ħalib mhux imsajjar, inklużi dawk l-elementi msemmija fil-paragrafu 2(c), għandhom jiġu nnegozjati b'mod ħieles bejn il-partijiet.

5. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri kollha meħtieġa.]

TAQSIMA IV

ETANOL

Artikolu 312

Notifiki fis-settur tal-etanol

1. Għall-prodotti tas-settur tal-etanol, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja:

(a) il-produzzjoni ta' etanol ta' oriġini agrikola mfissra bħala ettolitri ta' alkoħol pur, maqsuma skont il-prodott użat għall-produzzjoni tal-alkoħol;

(b) il-volum ta' etanol ta' oriġini agrikola mneħħi, mfisser bħala ettolitri ta' alkoħol pur, maqsum skont is-settur tad-destinazzjoni;

(c) il-ħażniet tal-etanol ta' oriġini agrikola disponibbli fl-Istat Membru fi tmiem is-sena ta' qabel;

(d) il-produzzjoni mbassra għas-sena attwali.

Ir-regoli għan-notifika ta' din l-informazzjoni u, b'mod partikulari, il-frekwenza tan-notifiki u d-definizzjoni tas-setturi tad-destinazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1), tfassal bilanċ tal-

Unjoni għas-suq fl-etanol ta' oriġini agrikola għas-sena ta' qabel u bilanċ stmat għas-sena attwali.

Il-bilanċ tal-Unjoni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-etanol ta' oriġini mhux agrikola. Il-kontenut preċiż u l-mezzi ta' ġbir tat-tali informazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, "etanol ta' oriġini mhux agrikola" għandha tfisser prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 2207, 2208 90 91 u 2208 90 99 li ma jinkisbux minn prodott agrikolu speċifiku mniżżel fl-Anness I għat-Trattat.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bil-bilanċi msemmija fil-paragrafu 2.

PARTI VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 313

Dispożizzjonijiet finanzjarji

Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u d-dispożizzjonijiet adottati għall-applikazzjoni tiegħu għandhom japplikaw għall-infiq imġarrab mill-Istati Membri huma u jwettqu l-obbligi skont dan ir-Regolament.

Artikolu 314

Trasferiment ta' ammonti disponibbli fis-settur tal-inbid għall-iżvilupp rurali

1. L-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 2, ibbażati fuq l-infiq fl-imgħoddi skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għal miżuri ta' intervent maħsubin biex jiġu rregolati s-swieq agrikoli kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, għandhom ikunu disponibbli bħala fondi addizzjonali tal-Unjoni għal miżuri f'reġjuni li fihom jiġi prodott l-inbid skont il-programmi għall-iżvilupp rurali ffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

2. L-ammonti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli fis-snin kalendarji indikati:

   – fl-2010: EUR 82 110 000,

   – mill-2011 'il quddiem: EUR 122 610 000.

3. L-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri skont l-Anness XIX.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli kollha meħtieġa marbutin ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 315

Miżuri sabiex jiġu solvuti problemi prattiċi speċifiċi

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri li huma kemm meħtieġa kif ukoll li jistgħu jiġu ġġustifikati f'emerġenza, sabiex issolvi problemi prattiċi speċifiċi. It-tali miżuri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda biss safejn, u għat-tali perjodu, li jkun strettament meħtieġ.

2. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi solvuta l-problema kkonċernata, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont l-Artikolu 323(2).

Artikolu 316

Skambju tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jgħarrfu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament jew sabiex ikun hemm il-monitoraġġ u l-analiżi tas-suq u sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali dwar il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1. Dik l-informazzjoni tista', fejn xieraq, tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jew titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom u tista' tiġi ppubblikata.

2. Sabiex tagħmel in-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 veloċi, effiċjenti, eżatti, u kosteffiċjenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi:

   (a) in-natura u t-tip tal-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata;

   (b) il-metodi tan-notifika;

   (c) ir-regoli marbutin mad-drittijiet tal-aċċess għall-informazzjoni jew mas-sistemi tal-informazzjoni li jkunu disponibbli;

   (d) il-kundizzjonijiet u l-mezzi ta' pubblikazzjoni tal-informazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta:

   (a) regoli dwar l-għoti tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġi applikat dan l-Artikolu;

   (b) arranġamenti għall-ġestjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata, kif ukoll regoli dwar il-kontenut, il-forma, l-iskeda taż-żmien, il-frekwenza u d-dati ta' skadenza tan-notifiki;

   (c) arranġamenti għat-trażmissjoni jew sabiex l-informazzjoni u d-dokumenti jkunu disponibbli għall-Istati Membri, għall-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi jew għall-pubbliku.

Artikolu 317

Klawżola ta' ċirkomvenzjoni

Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika, l-ebda vantaġġ li dwaru hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament ma għandu jingħata favur xi persuna fiżika jew ġuridika li għaliha jkun ġie stabbilit li l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkisbu t-tali vantaġġi jkunu nħolqu artifiċjalment, b'mod li jmur kontra l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 318

Kontrolli u verifiki, miżuri amministrattivi, penali amministrattivi u r-rappurtar tagħhom

1. Sabiex tistabbilixxi bilanċ bejn effett disważiv tal-ħlasijiet, is-sanzjonijiet u l-penali li għandhom jiġu imposti għan-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li ġej mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minn naħa waħda, u applikazzjoni flessibbli tas-sistema, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta r-regoli u l-kundizzjonijiet marbutin ma' dawn li ġejjin:

(a) l-esklużjoni u s-sospensjoni ta' ħlas jew rata ta' tnaqqis fl-għajnuniet, il-ħlasijiet jew ir-rifużjonijiet, b'mod partikulari f'każ li l-limiti taż-żmien ma jkunux tħarsu, f'każ li prodott, daqs jew kwantità ma tkunx konformi mal-applikazzjoni u f'każ li l-evalwazzjoni ta' skema jew in-notifika tal-informazzjoni ma tkunx seħħet, ma tkunx korretta jew ma tkunx ġiet innotifikata fil-ħin;

(b) it-tnaqqis fil-ħlas lill-Istati Membri għall-infiq agrikolu tagħhom f'każ li l-limiti taż-żmien stabbiliti għall-irkupru tal-kontribuzzjoni għall-ħlas tal-imposta fuq l-ammont żejjed ma jkunux ġew issodisfati, jew is-sospensjoni tal-ħlasijiet ta' kull xahar f'każ li l-Istati Membri jonqsu milli jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni jew milli jibagħtuha fil-ħin, jewinkella f'każ li jibagħtu informazzjoni żbaljata lill-Kummissjoni;

(c) l-ammonti standard li offerent irid iħallas meta l-prodotti tal-intervent ma jkunux jilħqu r-rekwiżiti tal-kwalità;

(d) l-irkupru totali jew parzjali tal-ħlasijiet f'każ li approvazzjoni jew pjan ta' rikonoxximent ikun twaqqaf jew ikun ġie rtirat jew fil-każ ta' ħlas mhux dovut;

(e) l-ammonti żejda, il-ħlasijiet addizzjonali jew ir-rata tal-imgħax li għandhom jiġu applikati f'każ ta' frodi, irregolarità, nuqqas ta' prova li obbligu ġie sodisfatt jewinkella f'każ li dikjarazzjonijiet jintbagħtu wara żmienhom;

(f) il-qlugħ tad-dwieli ta' vinji użati b'mod illegali;

(g) ir-rata ta' tnaqqis li għandha tiġi applikata fuq ir-rilaxx tal-garanziji għar-rifużjonijiet, għal-liċenzji, għall-offerti, għas-sejħiet għall-offerti jew għal applikazzjonijiet speċifiċi meta obbligu kopert minn dik il-garanzija ma jkunx ġie ssodisfat jewinkella jkun ġie ssodisfat b'mod parzjali;

(h) iż-żamma mill-Istati Membri tal-ammonti rkuprati bħala sanzjonijiet u penali jew l-allokazzjoni tagħhom għall-baġit tal-Unjoni;

(i) l-esklużjoni ta' operatur jew ta' applikant mill-intervent pubbliku u mill-ħżin privat, mis-sistema ta' applikazzjoni għal-liċenzji jew mis-sistemi ta' kwoti tat-tariffi f'każ ta' frodi jew ta' tressiq ta' informazzjoni żbaljata;

(j) l-irtirar jew is-sospensjoni ta' approvazzjoni jew tar-rikonoxximent, b'mod partikulari meta operatur, organizzazzjoni tal-produtturi, assoċjazzjoni ta'

organizzazzjonijiet tal-produtturi, grupp ta' produtturi jew organizzazzjoni li tiġbor fiha diversi fergħat tas-settur tonqos milli tħares il-kundizzjonijiet meħtieġa, inkluż in-nuqqas li tagħmel notifiki, jew ma tibqax tissodisfahom aktar;

(k) l-applikazzjoni ta' penali nazzjonali xierqa fuq l-operaturi involuti fil-proċedura ta' produzzjoni li taqbeż il-kwoti.

Il-multi u s-sanzjonijiet amministrattivi u l-penali li dwarhom hemm dispożizzjoni skont l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu kklassifikati skont il-gravità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità misjub.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dawn l-affarijiet li ġejjin:

(a) ir-regoli dwar il-kontrolli amministrattivi u fiżiċi li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fir-rigward tal-ħarsien tal-obbligi li ġejjin mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) il-proċeduri u l-kriterji tekniċi marbutin mal-miżuri amministrattivi u l-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 fejn jinsab li jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li ġej mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(c) il-proċeduri u l-kriterji marbutin mal-irkupru tal-ħlasijiet mhux dovuti f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tar-regoli u tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1;

(d) ir-regoli u l-metodi dwar ir-rappurtar tal-kontrolli u l-verifika mwettqin u tar-riżultati tagħhom;

(e) fejn ikun meħtieġ minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġestjoni xierqa tas-sistema, regoli li jintroduċu rekwiżiti addizzjonali għall-proċeduri doganali, b'mod partikulari kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45].

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi r-regoli dwar il-kejl taż-żoni fis-settur tal-inbid li jiżguraw applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli jistgħu, b'mod partikulari, jkunu marbutin mal-verifika u mar-regoli li jirregolaw il-proċeduri finanzjarji speċifiċi għat-titjib tal-kontrolli.

Artikolu 319

Il-kompatibbiltà mas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll

Għall-għanijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fis-settur tal-inbid, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi u ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 318 li

[45] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

għandhom x'jaqsmu maż-żoni jkunu kompatibbli mas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) il-bażi tad-dejta kompjuterizzata;

(b) is-sistemi ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba' msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

(c) il-kontrolli amministrattivi.

Il-proċeduri għandhom jippermettu funzjonament komuni jew l-iskambju tad-dejta mas-SIAK, mingħajr ebda problema jew kunflitt.

PARTI VII

DELEGA TAS-SETGĦA, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, REGOLI TRANŻIZZJONALI U FINALI

KAPITOLU I

Delega tas-setgħa u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Artikolu 320

Setgħat tal-Kummissjoni

Ħlief hekk kif speċifikat biċ-ċar mod ieħor f'dan ir-Regolament, f'każ fejn jingħataw setgħat lill-Kummissjoni, hija għandha taġixxi:

– skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 321 fil-każ tal-atti delegati;

– skont il-proċedura msemmija fl-Artikoli 321 u 322 fil-każ tal-atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza; u

– skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 323 fil-każ tal-atti ta' implimentazzjoni.

Artikolu 321

Atti delegati

1. Is-setgħat għall-adozzjoni tal-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

   Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

   L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħa jew le għandha tagħmel l-almu tagħha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, u għandha tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu suġġetti għar-revoka u r-raġunijiet li jista' jkun hemm għar-revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiżdied b'xahar.

Jekk meta jiskadi dak il-perjodu la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemmija fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma kienx beħsiebhom joġġezzjonaw għalih.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara għaliex qiegħda toġġezzjona għall-att delegat.

Artikolu 322

Il-proċedura ta' urġenza

1. Att delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssirx oġġezzjoni għalihom skont il-paragrafu 2. In-notifika, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ta' att delegat adottat skont dan l-Artikolu għandha ssemmi r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat adottat skont dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 321(3). F'każ bħal dan, l-att m'għandux jibqa' japplika. L-istituzzjoni li toġġezzjona għat-tali att delegat għandha tiddikjara r-raġunijiet tagħha għal dan.

Artikolu 323

Il-Kumitat dwar l-atti ta' implimentazzjoni

1. [Meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli u għandha tapplika l-proċedura li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy](*għandu jimtela wara li jiġi adottat ir-Regolament dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE, li qed jiġi diskuss dal-ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill*).]

2. Fil-każijiet ta' urġenza li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 265, 266, 282 u 315(2) ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika l-proċedura li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy].

Artikolu 324

Organizzazzjoni tal-Kumitat

L-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 323(1) għandha tqis, b'mod partikulari, l-ambitu tar-responsabbiltajiet tiegħu, il-karatteristiċi speċifiċi tas-suġġett li għandu jiġi indirizzat, u l-ħtieġa li jintuża għarfien espert xieraq.

KAPITOLU II

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 325

Revoki

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 922/72 għandu jitħassar.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jitħassar.

Madankollu, l-Artikoli 113a, 113b, 114, 115, 116 u 117(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-Annessi XIa (II) it-tieni paragrafu, XIa (IV sa IX), XII (IV)(2), XIII (VI) it-tieni paragrafu, XIV(A), XIV (B)(I) (2) u (3), XIV (B)(III) u XIV (C), XV (II), (III), (IV) u (VI) għal dak ir-Regolament, għall-għanijiet li jiġu applikati dawk l-Artikoli, għandhom ikomplu japplikaw sa data li għandha tiġi stabbilita skont l-Artikolu 326 ta' dan ir-Regolament.

Barra minn hekk:

– l-Artikoli 85o sa 85x tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-Anness Xd u Xe għal dak ir-Regolament, għall-għanijiet li jiġu applikati dawk l-Artikoli, għandhom ikomplu japplikaw sa tmiem is-sena tal-inbid tal-2010/2011;

– l-Artikoli 84a, 86 sa 95a, 188a(3) u 188a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-Annessi Xa u XI għal dak ir-Regolament, għall-għanijiet li jiġu applikati dawk l-Artikoli, għandhom ikomplu japplikaw sa tmiem is-sena tas-suq tal-2011/2012 għall-prodotti kkonċernati;

– l-Artikoli 103w, 103x u 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-Anness XVa għal dak ir-Regolament, għall-għanijiet li jiġu applikati dawk l-Artikoli, għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Lulju 2012.

3. Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness XX għal dan ir-Regolament.

Artikolu 326

Data tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni

Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi d-data li fiha d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 325(2) ta' dan ir-Regolament jew partijiet minnhom ma jibqgħux japplikaw għas-settur ikkonċernat. Dik id-data għandha tkun id-data tal-applikazzjoni tar-regoli korrispondenti dwar il-kummerċjalizzazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti skont l-atti delegati li dwarhom hemm dispożizzjoni fit-Taqsima I tal-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 327

Regoli tranżizzjonali fis-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessati

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-rikonoxximent tal-gruppi tal-produtturi, tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi mogħti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u lanqas ma għandu jkollu impatt fuq il-pjanijiet ta' rikonoxximent jew il-programmi operattivi pendenti.

2. Sabiex tiżgura li jinżammu l-arranġamenti kollha li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli tranżizzjonali permezz ta' atti delegati.

Artikolu 328

Regoli tranżizzjonali fis-settur tal-inbid

Sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi ma ssirilhomx ħsara meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadotta l-miżuri meħtieġa biex titħaffef it-tranżizzjoni mill-arranġamenti li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999 u (KE) Nru 479/2008 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 329

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-[seba'] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

   [Madankollu, l-Artikolu 159 għandu japplika minn […./*sena wara d-dħul fis-seħħ*]].

2. F'dak li għandu x'jaqsam mas-settur taz-zokkor, it-Titolu I tal-Parti II għandu japplika sa tmiem is-sena tas-suq tal-2014/2015 għaz-zokkor.

Id-dispożizzjonijiet marbutin mas-sistema tal-limitazzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib stabbiliti fil-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II għandhom japplikaw sal-31 ta' Marzu 2015 skont l-Artikolu 59.

[F'dak li għandu x'jaqsam mas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, il-punt (iv) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 209 u l-Artikoli 210(4), 229, 287, 310 u 311 għandhom japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2020.]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(1)

Parti I: Ċereali

F'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċereali, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	0709 90 60	Qamħ ħelu, frisk jew imkessaħ
	0712 90 19	Qamħ ħelu (*Zea mays var. Saccharata*) mnixxef, sħiħ, imqatta', imqatta' fi flieli, imkisser jew mitħun, iżda mhux ippreparat iktar minn hekk, minbarra l-ibridi għaż-żrigħ
	1001 90 91	Qamħ komuni u żerriegħa tal-meslin
	1001 90 99	Spelt, qamħ komuni u meslin minbarra dak għaż-żrigħ
	1002 00 00	Segala
	1003 00	Xgħir
	1004 00	Ħafur
	1005 10 90	Żerriegħa tal-qamħirrun minbarra l-ibridi
	1005 90 00	Qamħirrun minbarra ż-żerriegħa
	1007 00 90	Sorgu tal-qamħ, minbarra l-ibridi għaż-żrigħ
	1008	*Buckwheat*, millieġ u skalora; ċereali oħrajn
(b)	1001 10	Qamħ durum
(c)	1101 00 00	Dqiq tal-qamħ jew tal-meslin
	1102 10 00	Dqiq tal-ħafur [*tas-segala*]
	1103 11	Xgħir u barli mitħun oħxon (*groats*) u pasta [*dqiq oħxon*] tal-qamħ
	1107	Xgħir, kemm jekk inkaljat jew le
(d)	0714	Manjoka, ararut, *salep*, artiċokks, patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfin, kemm jekk fi flieli jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le; *sago pith*
	ex 1102	Dqiq taċ-ċereali ħlief tal-qamħ u tal-meslin
	1102 20	– Dqiq tal-qamħirrun
	1102 90	– Oħrajn:
	1102 90 10	– – Dqiq tal-barli
	1102 90 30	– – Dqiq tal-ħafur
	1102 90 90	– – Oħrajn
	ex 1103	Xgħir u barli mitħun oħxon (*cereal groats*), pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub minbarra x-xgħir u barli mitħun oħxon (*groats*) u pasta [*dqiq oħxon*] tal-qamħ (is-sottotitlu 1103 11), ix-xgħir u barli mitħun oħxon (*groats*) u pasta [*dqiq oħxon*] tar-ross (is-sottotitlu 1103 19 50) u l-gerbub tar-ross (is-sottotitlu 1103 20 50)
	ex 1104	Ħbub tal-qamħ maħdumin mod ieħor (per eżempju, mqaxxrin, imremblin, imqattgħin irqiq, imfarrkin f'biċċiet tondi, mfettin jew mitħunin oħxon), ħlief ross tat-titlu 1006 u ross imqatta' rqiq tas-sottotitlu 1104 19 91; nibbieta ta' ċereali, sħiħa, imrembla, mqatta' rqiq jew mitħuna
	1106 20	Dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] u trab tas-sagu jew ta' għeruq jew tuberi ta' titlu 0714
	ex 1108	Lamti; inulina
		– Lamti:
	1108 11 00	– – Lamtu tal-qamħ
	1108 12 00	– – Lamtu tal-qamħirrun
	1108 13 00	– – Lamtu tal-patata
	1108 14 00	– – Lamtu tal-kassava (*manioc*)

ex	1108 19	– – Lamti oħrajn:
	1108 19 90	– – – Oħrajn
	1109 00 00	Gluteina tal-qamħ, imnixxfa jew le

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju, maltożju, glukożju u fruttożju kimikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:
ex 1702 30	– Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li ma fihomx fruttożju jew li fihom fl-istat xott anqas minn 20 % tal-piż fruttożju:
	– – Oħrajn:
ex 1702 30 50	– – – F'forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqad jew le, li fih fl-istat xott inqas minn 99 % ta' glukożju skont il-piż
ex 1702 30 90	– – – Oħrajn, li fihom fl-istat xott inqas minn 99 % ta' glukożju skont il-piż
ex 1702 40	– Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li fihom fl-istat xott għallinqas 20 % iżda inqas minn 50 % tal-piż fruttożju ħlief zokkor maqlub (*invert*):
1702 40 90	– – Oħrajn
ex 1702 90	– Oħrajn, inklużi zokkor maqlub (*invert*) u zokkor ieħor u taħlit ta' ġulepp taz-zokkor li fihom fl-istat xott 50 % tal-piż fruttożju
1702 90 50	– – Maltodestrina u ġulepp tal-maltodestrina
	– – Karamella:
	– – – Oħrajn:
1702 90 75	– – – – F'forma ta' trab, mgħaqqad jew le
1702 90 79	– – – – Oħrajn
2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
ex 2106 90	– Oħrajn
	– – Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti:
	– – – Oħrajn
2106 90 55	– – – – Ġulepp tal-glukożju u ġulepp tal-maltodestrina
ex 2302	Granza, dqiq inferjuri (*sharps*) u fdal oħrajn, fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mit-tnaqqija, ħin jew xogħol ieħor fuq ċereali
ex 2303	Fdal ta' manifattura ta' lamtu u fdal simili, polpa tal-kannamieli, *bagasse* u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor, fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart, f'forma ta' gerbub jew le:
2303 10	– Fdal tal-manifattura tal-lamtu u fdalijiet simili
2303 30 00	– Fond u skart mill-fermentazzjoni jew mid-distillar
ex 2306	Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżulta mill-estrazzjoni ta' xaħam u żejt veġetali, ħlief dawk ta' titlu 2304 jew 2305:
	– Oħrajn
2306 90 05	– – Ta' nebbieta tal-qamħirrun (qamħ)
ex 2308	Materjali veġetali u skart veġetali, fdal veġetali u prodotti li jirriżultaw minnhom, kemm f'forma ta' gerbub kif le, ta' kwalità użata għal għalf ta' annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
2308 00 40	– Ġandar u qastan selvaġġ; lbieba jew karfa tal-frott, ħlief ta' għeneb
2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati għal għalf ta' annimali:
ex 2309 10	– Ikel għal klieb jew għal qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut:
2309 10 11 2309 10 13 230910 31 2309 10 33 2309 10 51 2309 10 53	– – Li fih lamtu, glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' subtitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 2309 90	– Oħrajn:
2309 90 20	– – Prodotti msemmijin fin-nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 23 tan-Nomenklatura Magħquda
	– – Oħrajn, inklużi taħlitiet lesti:
2309 90 31 2309 90 33 2309 90 41 2309 90 43 2309 90 51 2309 90 53	– – – Li fihom lamtu, glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' subtitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib:

([1]) Għall-għanijiet ta' dan is-sottotitlu, "prodotti tal-ħalib" tfisser prodotti li jaqgħu fi ħdan it-titli 0401 sa 0406 kif ukoll is-sottotitli 1702 11, 1702 19 u 2106 90 51.

Parti II: Ross

F'dak li għandu x'jaqsam mar-ross, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	1006 10 21 sa 1006 10 98	Ross fil-ħliefa (*paddy* jew aħrax), minbarra dak għaż-żrigħ
	1006 20	Ross bla ħliefa (*brown*)
	1006 30	Ross miħun jew nofsu miħun, kemm jekk illustrat jew igglejżjat jew le
(b)	1006 40 00	Ross imfarrak
(c)	1102 90 50	Dqiq tar-ross
	1103 19 50	Xgħir u barli miħun oħxon (*groats*) u pasta [*dqiq oħxon*] tar-ross
	1103 20 50	Gerbub tar-ross
	1104 19 91	Qamħ imqatta' rqiq tar-ross
	ex 1104 19 99	Qamħ imrembel tar-ross
	1108 19 10	Lamtu tar-ross

Parti III: Zokkor

F'dak li għandu x'jaqsam maz-zokkor, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
(a)	1212 91	Pitravi
	1212 99 20	Kannamieli
(b)	1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida
(c)	1702 20	Zokkor tal-aġġru u ġulepp tal-aġġru
	1702 60 95 u 1702 90 95	Zokkrijiet oħrajn f'forma solida u ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur, iżda li ma fihomx lattożju, glukożju, maltodestrina u isoglukożju
	1702 90 71	Karamella li fiha 50 % jew aktar tal-piż sukrożju fil-materjal xott
	2106 90 59	Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti, minbarra l-ġuleppijiet tal-isoglukożju, tal-lattożju, tal-glukożju u tal-maltodestrina
(d)	1702 30 10 1702 40 10 1702 60 10 1702 90 30	Iżoglukożju
(e)	1702 60 80 1702 90 80	Ġulepp tal-inulina
(f)	1703	Għasel iswed li jsir mill-estrazzjoni jew raffinar taz-zokkor
(g)	2106 90 30	Ġuleppijiet tal-isoglukożju mħawrin jew ikkuluriti
(h)	2303 20	Polpa tal-kannamieli [*tal-pitravi*], *bagasse* u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor

Parti IV: Għalf imnixxef

F'dak li għandu x'jaqsam mal-għalf imnixxef, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM			Deskrizzjoni
(a)	ex	1214 10 00	– Pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub tax-xnien imnixxef artifiċjalment bis-sħana
			– Pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub tax-xnien imnixxef u miħun mod ieħor
	ex	1214 90 90	– Xnien, *sainfoin*, silla, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf, imnixxfin artifiċjalment bis-sħana, minbarra ħuxlief u kaboċċi għall-magħlef u prodotti li fihom il-ħuxlief
			– Xnien, *sainfoin*, silla, lupini, ġulbiena, klil is-sultan, piżelli "chickling" u sieq il-ħamiema, imnixxfin u miħunin mod ieħor
(b)	ex	2309 90 99	– Konċentrati ta' proteini miksubin mill-meraq tax-xnien u mill-meraq tal-ħaxix
			– Prodotti ddeidratati miksubin esklużivament minn fdalijiet solidi u minn meraq li ġejjin mill-preparazzjoni tal-konċentrati msemmija hawn fuq

Parti V: Żrieragħ

F'dak li għandu x'jaqsam maż-żrieragħ, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
0712 90 11	Ibridi tal-qamħ ħelu (*Zea mays var. Saccharata*):
	– għaż-żrigħ
0713 10 10	Piżelli (*Pisum sativum*):
	– għaż-żrigħ
ex 0713 20 00	Ċiċri (*garbanzos*):
	– għaż-żrigħ
ex 0713 31 00	Fażola tal-ispeċi *Vigna mungo* (L.) Hepper jew *Vigna radiata* (L.) Wilczek:
	– għaż-żrigħ
ex 0713 32 00	Fażola żgħira ħamra (*Adzuki*) (*Phaseolus* jew *Vigna angularis*):
	– għaż-żrigħ
0713 33 10	Fażola kidnija, inkluża fażola mill-bajda (*Phaseolus vulgaris*):
	– għaż-żrigħ
ex 0713 39 00	Fażola oħra:
	– għaż-żrigħ
ex 0713 40 00	Għads:
	– għaż-żrigħ
ex 0713 50 00	Ful (*Vicia faba var. major*) u ful ta' varjetà raffa (*Vicia faba var. equina*, *Vicia faba var. minor*):
	– għaż-żrigħ
ex 0713 90 00	Veġetali leguminużi mnixxfin oħrajn:
	– għaż-żrigħ
1001 90 10	Spelt:
	– għaż-żrigħ
ex 1005 10	Żerriegħa ibrida tal-qamħirrun
1006 10 10	Ross fil-ħliefa (*paddy* jew aħrax):
	– għaż-żrigħ
1007 00 10	Ibridi tas-sorgu tal-qamħ:
	– għaż-żrigħ
1201 00 10	Sojja, imkissra jew le:
	– għaż-żrigħ
1202 10 10	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, fil-qoxra:
	– għaż-żrigħ
1204 00 10	Żerriegħa tal-kittien, imkissra jew le:
	– għaż-żrigħ
1205 10 10 u ex 1205 90 00	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza, imkissra jew le:
	– għaż-żrigħ
1206 00 10	Żerriegħa tal-ġirasol, imkissra jew le:
	– għaż-żrigħ
ex 1207	Żrieragħ u frott ieħor żejtnin, imkissrin jew le:
	– għaż-żrigħ
1209	Żrieragħ, frott u spori, ta' kwalità użati

	– ġħaż-żrigħ

Parti VI: Ħops

1. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħops, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1210	Koni tal-ħops, frisk jew niexef, miħun jew le, bħala trab jew f'forma ta' gerbub; lupulina

2. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti li ġejjin:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1302 13 00	Linef u estratti veġetali tal-ħops

Parti VII: Żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda

F'dak li għandu x'jaqsam maż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	1509	Żejt taż-żebbuġ u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
	1510 00	Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, miksubin biss miż-żebbuġ, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament, inklużi taħlitiet ta' dawn iż-żjut jew frazzjonijiet biż-żjut jew frazzjonijiet ta' titlu 1509
(b)	0709 90 31	Żebbuġ frisk jew imkessaħ għal użi ħlief għall-produzzjoni taż-żejt
	0709 90 39	Żebbuġ ieħor, frisk jew imkessaħ
	0710 80 10	Żebbuġ (mhux imsajjar jew imsajjar bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżat
	0711 20	Żebbuġ ippreservat provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajjeb għall-konsum immedjat f'dak l-istat
	ex 0712 90 90	Żebbuġ imnixxef, sħiħ, imqatta', fi flieli, f'biċċiet jew bħala trab, iżda mhux ippreparat aktar minn hekk
	2001 90 65	Żebbuġ ippreparat u ppreservat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
	ex 2004 90 30	Żebbuġ ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, iffriżat
	2005 70	Żebbuġ ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat
(c)	1522 00 31 1522 00 39	Fdal li jibqa' mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew ta' xama' tal-annimali jew veġetali li fih żejt bil-karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġa
	2306 90 11 2306 90 19	Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebbuġa

Parti VIII: Kittien u qanneb imkabbrin għall-fibra

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kittien u l-qanneb imkabbrin għall-fibra, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
5301	Għażel [*kittien*], mhux maħdum jew ipproċessat iżda mhux mibrum; frak u rmixk ta' għażel (inkluż skart tal-ħjut u materjal "*garnetted*")
5302	Qanneb veru (*Cannabis sativa* L.); mhux maħdum jew ipproċessat iżda mhux mibrum; frak u rmixk ta' qanneb (inkluż skart tal-ħjut u materjal "garnetted")

Parti IX: Frott u ħaxix

F'dak li għandu x'jaqsam mal-frott u l-ħaxix, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ
0703	Basal, *shallots*, tewm, kurrat u veġetali oħrajn tal-ġens tat-tewm, friski jew imkessħin
0704	Kaboċċi, pastard, ġdur u *brassicae* oħrajn li jittieklu, friski jew imkessħin
0705	Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium spp.*), friski jew imkessħin
0706	Karrotti, *turnips* (xorta ta' *Brassica*), pitravi għall-insalata, sassefrika, *celeriac* (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq oħrajn simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin
0707 00	Ħjar u *gherkins* (xorta ta' ħjar żgħir), friski jew imkessħin
0708	Veġetali leguminużi, imqaxxrin jew bil-qoxra, friski jew imkessħin
ex 0709	Veġetali oħrajn, friski jew imkessħin, minbarra ħaxix tas-sottotitli 0709 60 91, 0709 60 95, 0709 60 99, 0709 90 31, 0709 90 39 u 0709 90 60
ex 0802	Ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, imqaxxar jew imfesdaq jew le, minbarra l-ġewż tat-tip areka (jew betel) u tat-tip kola li jaqgħu fi ħdan is-sottotitlu 0802 90 20
0803 00 11	Pjantaġġini friski
ex 0803 00 90	Pjantaġġini mnixxfin
0804 20 10	Tin frisk
0804 30 00	Ananas
0804 40 00	Avokado
0804 50 00	Gwav, mang u mangostan
0805	Frott taċ-ċitru, frisk jew imnixxef
0806 10 10	Għeneb frisk tal-mejda
0807	Bettieħ (inkluż dulliegħ) u pawpaw (papaj), friski
0808	Tuffieħ, lanġas u sfarġel, friski
0809	Berquq, ċirasa, ħawħ (inkluż nuċiprisk), għanbaqar u pruna selvaġġa (*sloes*), friski
0810	Frott ieħor, frisk
0813 50 31 0813 50 39	Taħlit eskluživament ta' ġewż imnixxef tat-titli 0801 u 0802
0910 20	Żagħfran
ex 0910 99	Sagħtar, frisk jew imkessaħ
ex 1211 90 85	Ħabaq, melissa, nagħniegħ, *origanum vulgare* (originu/merdqux salvaġġ), klin u salvja, friski jew imkessħin
1212 99 30	Ħarrub

Parti X: Prodotti tal-frott u l-ħaxix ipproċessati

F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti tal-frott u l-ħaxix ipproċessati, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	ex 0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), ffriżati, minbarra l-qamħ ħelu tas-sottotitlu 0710 40 00, iż-żebbuġ tas-sottotitlu 0710 80 10 u l-frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta* tas-sottotitlu 0710 80 59
	ex 0711	Veġetali preservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, minbarra ż-żebbuġ tas-sottotitlu 0711 20, il-frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta* tas-sottotitlu 0711 90 10 u l-qamħ ħelu tas-sottotitlu 0711 90 30
	ex 0712	Veġetali mnixxfin, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux ippreparati aktar minn hekk, minbarra l-patata ddeidratata mnixxfa artifiċjalment bis-sħana u li mhix tajba għall-konsum mill-bniedem li

	taqa' fi ħdan is-sottotitlu ex 0712 90 05, il-qamħ ħelu li jaqa' fi ħdan is-sottotitlu ex 0712 90 11 u 0712 90 19 u ż-żebbuġ li jaqa' fi ħdan is-sottotitlu ex 0712 90 90
0804 20 90	Tin imnixxef
0806 20	Għeneb imnixxef
ex 0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, ffriżati, mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, minbarra l-banana ffriżata li taqa' fi ħdan is-sottotitlu ex 0811 90 95

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	ex 0812	Frott u ġewż, preservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat, minbarra l-banana ppreservata provviżorjament li taqa' fi ħdan is-sottotitlu ex 0812 90 98
	ex 0813	Frott, imnixxef, ħlief dak ta' titli 0801 sa 0806; taħlit ta' ġewż u frott imnixxef ta' dan il-kapitlu minbarra t-taħlit eskluživament ta' ġewż imnixxef ta' titli 0801 u 0802 li jaqa' fi ħdan is-sottotitli 0813 50 31 u 0813 50 39
	0814 00 00	Qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ (inkluż dulliegħ), friska, ffriżata, imnixxfa jew provviżorjament preservata fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn preservattivi
	0904 20 10	Bżar ħelu mnixxef, la mfarrak u lanqas mitħun
(b)	ex 0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, ffriżati, biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu
	ex 1302 20	Sustanzi tal-pektin u pektinati
	ex 2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati u ppreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, minbarra: - frott tal-ġens *Capsicum* ħlief bżar ħelu jew piment tas-sottotitlu 2001 90 20 - Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) tas-sottotitlu 2001 90 30 - jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu tas-sottotitlu 2001 90 40 - qlub tal-palm tas-sottotitlu 2001 90 60 - żebbuġ tas-sottotitlu 2001 90 65 - weraq tad-dwieli, rimi tal-ħops u partijiet simili oħrajn tal-pjanti tajbin għall-ikel li jaqgħu fi ħdan is-sottotitlu ex 2001 90 97
	2002	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
	2003	Faqqiegħ u tartuf, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
	ex 2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, ffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006, minbarra l-qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) tas-sottotitlu ex 2004 90 10, iż-żebbuġ tas-sottotitlu ex 2004 90 30 u l-patata ppreparata jew ippreservata f'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur tas-sottotitlu 2004 10 91
	ex 2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006, minbarra ż-żebbuġ tas-sottotitlu 2005 70, il-qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) tas-sottotitlu ex 2005 80 00, u l-frott tal-ġens *Capsicum*, ħlief bżar ħelu jew piment tas-sottotitlu 2005 99 10 u l-patata ppreparata jew ippreservata f'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur tas-sottotitlu 2005 20 10
	ex 2006 00	Frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (ixxuttati, glasè jew mgħasslin), minbarra l-banana ppreservata biz-zokkor li taqa' fi ħdan it-titli ex 2006 00 38 u ex 2006 00 99
	ex 2007	Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, puré tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud inkella le, minbarra: - preparazzjonijiet omoġenizzati tal-banana tas-sottotitlu ex 2007 10 - ġammijiet, ġèli, marmellati, puré jew pejsts tal-banana tas-sottotitli ex 2007 99 39, ex 2007 99 50 u ex 2007 99 97
	ex 2008	Frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huma speċifikati jew inklużi mkien aktar, minbarra: - butir tal-karawett tas-sottotitlu 2008 11 10 - qlub tal-palm tas-sottotitlu 2008 91 00 - qamħirrun tas-sottotitlu 2008 99 85 - jams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel, li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu tas-sottotitlu 2008 99 91 - weraq tad-dwieli, rimi tal-ħops u partijiet simili oħrajn tal-pjanti tajbin għall-ikel li jaqgħu fi ħdan is-sottotitlu ex 2008 99 99 - taħlitiet ta' banana ppreparati jew ippreservati mod ieħor tas-sottotitli ex 2008 92 59, ex 2008 92 78, ex 2008 92 93 u ex 2008 92 98 - banana ppreparata jew ippreservata mod ieħor tas-sottotitli ex 2008 99 49, ex 2008 99 67 u ex 2008 99 99
	ex 2009	Meraq tal-frott (minbarra l-meraq tal-għeneb u l-għeneb magħsur iżda qabel jeħmer tas-sottotitli 2009 61 u 2009 69 u l-meraq tal-banana tas-sottotitlu ex 2009 80) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u ma fihomx

	spirtu miżjud, fihom jew ma fihomx zokkor miżjud jew materjal ieħor biex jagħmel ħelu

Parti XI: Banana

F'dak li għandu x'jaqsam mal-banana, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċijiet tan-NM	Deskrizzjoni
0803 00 19	Banana friska, minbarra l-pjantaġġini
ex 0803 00 90	Banana mnixxfa, eskluż il-pjantaġġini
ex 0812 90 98	Banana ppreservata provviżorjament
ex 0813 50 99	Taħlitiet li fihom il-banana mnixxfa
1106 30 10	Dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] u trab tal-banana
ex 2006 00 99	Banana ppreservata biz-zokkor
ex 2007 10 99	Preparazzjonijiet omoġenizzati tal-banana
ex 2007 99 39 ex 2007 99 50 ex 2007 99 97	Ġammijiet, ġèli, marmellati, puré u pejsts tal-banana
ex 2008 92 59 ex 2008 92 78 ex 2008 92 93 ex 2008 92 98	Taħlitiet li fihom banana ppreparata jew ippreservata mod ieħor, li ma fihomx spirtu miżjud
ex 2008 99 49 ex 2008 99 67 ex 2008 99 99	Banana ppreparata jew ippreservata mod ieħor
ex 2009 80 35 ex 2009 80 38 ex 2009 80 79 ex 2009 80 86 ex 2009 80 89 ex 2009 80 99	Meraq tal-banana

Parti XII: Inbid

F'dak li għandu x'jaqsam mal-inbid, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	2009 61 2009 69	Meraq tal-għeneb (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer)
	2204 30 92 2204 30 94 2204 30 96 2204 30 98	Għeneb magħsur qabel jeħmer ieħor, minbarra dak fil-fermentazzjoni jew bil-fermentazzjoni mwaqqfa mod ieħor li mhuwiex biż-żieda ta' alkoħol
(b)	ex 2204	Inbid ta' għeneb frisk, inklużi nbejjed imsaħħin; għeneb magħsur qabel jeħmer ħlief dak ta' titlu 2009, minbarra għeneb magħsur qabel jeħmer ieħor tas-sottotitli 2204 30 92, 2204 30 94, 2204 30 96 u 2204 30 98
(c)	0806 10 90	Għeneb frisk minbarra għeneb tal-mejda
	2209 00 11 2209 00 19	Ħall tal-inbid
(d)	2206 00 10	*Piquette*
	2307 00 11 2307 00 19	Fond tal-inbid
	2308 00 11 2308 00 19	Karfa ta' għeneb magħsur

Parti XIII: Siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal, għeruq u affarijiet simili, fjuri maqtugħin u weraq ornamentali

F'dak li għandu x'jaqsam mas-siġar ħajjin u l-pjanti l-oħrajn, il-basal, l-għeruq u affarijiet simili, il-fjuri maqtugħin u l-weraq ornamentali, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti kollha li jaqgħu fi ħdan il-Kapitolu 6 tan-Nomenklatura Magħquda.

Parti XIV: Tabakk mhux maħdum

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tabakk mhux maħdum, dan ir-Regolament għandu jkopri t-tabakk mhux maħdum jew mhux immanifatturat u l-iskart tat-tabakk li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 2401.

Parti XV: Ċanga u vitella

F'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċanga u l-vitella, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	0102 90 05 sa 0102 90 79	Annimali ħajjin tal-ispeċi tal-ifrat domestika, minbarra l-annimali ta' razza pura għar-razza
	0201	Laħam ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ
	0202	Laħam ta' annimali tal-ifrat, iffriżat
	0206 10 95	Falda ħoxna u falda rqiqa, friska jew imkessħa
	0206 29 91	Falda ħoxna u falda rqiqa, iffriżata
	0210 20	Laħam ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	0210 99 51	Falda ħoxna u falda rqiqa, immellħa, fis-salmura, imnixxfa jew affumikata
	0210 99 90	Dqiq u pasti [*dqiq oħxon*] mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel
	1602 50 10	Laħam u fdal tal-laħam ieħor ta' annimali tal-ifrat ippreparati jew ippreservati, nejjin; taħlit ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin
	1602 90 61	Laħam ippreparat jew ippreservat ieħor li fih laħam jew fdal tal-laħam ta' annimali tal-ifrat, nej; taħlit ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin
(b)	0102 10	Annimali tal-ifrat ħajjin ta' razza pura għar-razza
	0206 10 98	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, minbarra l-falda ħoxna u l-falda rqiqa, frisk jew imkessaħ, minbarra dak għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
	0206 21 00 0206 22 00 0206 29 99	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, minbarra l-falda ħoxna u l-falda rqiqa, iffriżat, minbarra dak għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
	0210 9959	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, minbarra l-falda ħoxna u l-falda rqiqa
	ex 1502 00 90	Grass ta' annimali tal-ifrat, ħlief dak ta' titlu 1503
	1602 50 31 u 1602 50 95	Laħam u fdal tal-laħam ieħor ta' annimali tal-ifrat ippreparati jew ippreservati, minbarra l-laħam jew il-fdal tal-laħam nej u t-taħlitiet ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin
	1602 90 69	Laħam ippreparat jew ippreservat ieħor li fih laħam jew fdal tal-laħam ta' annimali tal-ifrat, minbarra dak nej, u taħlitiet ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin

Parti XVI: Ħalib u prodotti tal-ħalib

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	0401	Ħalib u krema, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu
(b)	0402	Ħalib u krema, konċentrati u biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu
(c)	0403 10 11 sa 0403 10 39 0403 9011 sa 0403 90 69	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu mhux imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
(d)	0404	Xorrox, kemm jekk konċentrat kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu; prodotti magħmulin minn konstitwenti naturali tal-ħalib, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, li mhumiex imsemmijin jew inkluži band'oħra
(e)	ex 0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 75 % iżda anqas minn 80 %
(f)	0406	Ġobon u baqta
(g)	1702 19 00	Lattożju u ġulepp tal-lattożju, li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur, li fihom inqas minn 99 % tal-piż lattożju, imfisser bħala lattożju anidruż, ikkalkulat fuq il-materjal xott
(h)	2106 90 51	Ġulepp tal-lattożju mħawwar jew ikkulurit
(i)	ex 2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati għal għalf ta' annimali: – Preparazzjonijiet u għalf li fihom prodotti li għalihom japplika dan ir-Regolament, b'mod dirett jew minħabba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2006, minbarra preparazzjonijiet u għalf li jaqgħu taħt il-Parti I ta' dan l-Anness.

Parti XVII: Laħam tal-majjal

F'dak li għandu x'jaqsam mal-laħam tal-majjal, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	ex 0103	Majjali ħajjin, tal-ispeċi domestika, minbarra annimali ta' razza pura għar-razza
(b)	ex 0203	Laħam tal-majjal domestiku, frisk, imkessaħ jew iffriżat
	ex 0206	Ġewwieni li jittiekel tal-majjal domestiku, minbarra dak għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi, frisk, imkessaħ jew iffriżat
	ex 0209 00	Xaħam tal-majjal, mingħajr ebda dgħif, mhux maħdum jew estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	ex 0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-majjal domestiku, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	1501 00 11 1501 00 19	Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam)
(c)	1601 00	Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti
	1602 10 00	Preparazzjonijiet omogenizzati ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm
	1602 20 90	Preparazzjonijiet jew priservijiet ta' fwied ta' kull annimal, minbarra l-wiżż jew il-papri
	1602 41 10 1602 42 10 1602 49 11 sa 1602 49 50	Preparazzjonijiet u priservijiet oħrajn li fihom laħam jew fdal tal-laħam tal-majjal domestiku
	1602 90 10	Preparazzjonijiet tad-demm ta' kull annimal
	1602 90 51	Preparazzjonijiet u priservijiet oħrajn li fihom laħam jew fdal tal-laħam ta' majjal domestiku
	1902 20 30	Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le, li fih iktar minn 20 % tal-piż zalzett u bħalu, tal-laħam u fdal tal-laħam ta' kull tip, inkluži xaħam ta' kull tip u oriġini

Parti XVIII: Laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż

F'dak li għandu x'jaqsam mal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
(a)	0104 10 30	Ħrief (li ma jkollhomx iżjed minn sena)
	0104 10 80	Nagħaġ ħajjin minbarra l-annimali ta' razza pura għar-razza u l-ħrief
	0104 20 90	Mogħoż ħajjin minbarra l-annimali ta' razza pura għar-razza
	0204	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat
	0210 99 21	Laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, bl-għadam, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	0210 99 29	Laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, bla għadam, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
(b)	0104 10 10	Nagħaġ ħajjin – annimali ta' razza pura għar-razza
	0104 20 10	Mogħoż ħajjin – annimali ta' razza pura għar-razza
	0206 80 99	Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, frisk jew imkessaħ, minbarra dak għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
	0206 90 99	Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, iffriżat, minbarra dak għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
	0210 99 60	Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u tal-mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	ex 1502 00 90	Grass ta' nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta' titlu 1503
(c)	1602 90 72	Laħam jew fdal tal-laħam ieħor tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, ippreparat jew ippreservat, nej;
	1602 90 74	taħlitiet ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin
(d)	1602 90 76 1602 90 78	Laħam jew fdal tal-laħam ieħor tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, ippreparat jew ippreservat, minbarra dak nej jew taħlitiet ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin

Parti XIX: Bajd

F'dak li għandu x'jaqsam mal-bajd, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
(a)	0407 00 11 0407 00 19 0407 00 30	Bajd tat-tjur tad-dar (*poultry*), fil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar
(b)	0408 11 80 0408 19 81 0408 19 89 0408 91 80 0408 99 80	Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd, friski, imnixxfin, imsajrin bl-istim jew bit-togħlija, iffurmati, ffriżati jew ippreservati mod ieħor, kemm biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, minbarra dawk li mhumiex tajbin għall-konsum uman

Parti XX: Laħam tat-tjur

F'dak li għandu x'jaqsam mal-laħam tat-tjur, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
(a)	0105	Tjur ħajjin, jiġifieri, tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, papri, wiżż, dundjani u fargħuni
(b)	ex 0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tat-titlu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat, minbarra l-fwied li jaqa' fi ħdan il-punt (ċ)
(ċ)	0207 13 91	Fwied tat-tjur, frisk, imkessaħ jew iffriżat
	0207 14 91	
	0207 26 91	
	0207 27 91	
	0207 34	
	0207 35 91	
	0207 36 81	
	0207 36 85	
	0207 36 89	
	0210 99 71	Fwied tat-tjur, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
	0210 99 79	
(d)	0209 00 90	Xaħam tat-tjur, mhux maħdum jew estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
(e)	1501 00 90	Grass tat-tjur
(f)	1602 20 10	Fwied tal-wiżża jew tal-papra, ippreparat jew ippreservat mod ieħor
	1602 31	Laħam jew fdal tal-laħam ta' tjur ta' titlu 0105, ippreparat jew ippreservat mod ieħor
	1602 32	
	1602 39	

Parti XXI: Prodotti oħrajn

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 0101	Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib:
0101 10	– Annimali ta' razza pura għar-razza:
0101 10 10	– – Żwiemel ([a])
0101 10 90	– – Oħrajn
0101 90	– Oħrajn:
	– – Żwiemel:
0101 90 19	– – – Minbarra dawk għall-qtil
0101 90 30	– – Ħmir
0101 90 90	– – Bgħula u bgħula tar-rkib
ex 0102	Annimali tal-ifrat ħajjin
ex 0102 90	– Minbarra l-annimali ta' razza pura għar-razza
0102 90 90	– – Minbarra l-ispeċi domestiċi
ex 0103	Majjali ħajjin:
0103 10 00	– Annimali ta' razza pura għar-razza ([b])
	– Oħrajn:
ex 0103 91	– – Li jiżnu inqas minn 50 kg:
0103 91 90	– – – Minbarra l-ispeċi domestiċi
ex 0103 92	– – Li jiżnu 50 kg jew iżjed

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
0103 92 90	– – Minbarra l-ispeċi domestiċi
0106	Annimali ħajjin oħrajn
ex 0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:
	– Frisk jew imkessaħ:
ex 0203 11	– – Karkassi u nofs-karkassi:
0203 11 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 0203 12	– – Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bil-għadma:
0203 12 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 0203 19	– – Oħrajn:
0203 19 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
	– Iffriżati:
ex 0203 21	– – Karkassi u nofs-karkassi:
0203 21 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 0203 22	– – Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bil-għadma:
0203 22 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 0203 29	– – Oħrajn:
0203 29 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 0205 00	Laħam tal-ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat:
ex 0206	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, majjal, nagħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat:
ex 0206 10	– Ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ
0206 10 10	– – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– Ta' annimali tal-ifrat, iffriżat
ex 0206 22 00	– – Fwied:
	– – – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
ex 0206 29	– – Oħrajn:
0206 29 10	– – – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
ex 0206 30 00	– Tal-majjal, frisk jew imkessaħ:
	– – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– – Oħrajn:
	– – – Minbarra dak tal-majjal domestiku
	– Tal-majjal, iffriżat:
ex 0206 41 00	– – Fwied:
	– – – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– – – Oħrajn:
	– – – – Minbarra dak tal-majjal domestiku
ex 0206 49 00	– – Oħrajn:
	– – – Tal-majjal domestiku
	– – – – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– – – Oħrajn
ex 0206 80	– Ieħor, frisk jew imkessaħ:
0206 80 10	– – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– – Oħrajn:
0206 80 91	– – – Ta' żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib
ex 0206 90	– Ieħor, iffriżat:
0206 90 10	– – Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi ([c])
	– – Oħrajn:
0206 90 91	– – – Ta' żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib
0208	Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u pasti [*dqiq oħxon*] mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittieklu:
		– Laħam tal-majjal:
ex	0210 11	– – Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bil-għadma:
	0210 11 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex	0210 12	– – Żquq (*streaky*) u qatgħat tagħhom:
	0210 12 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex	0210 19	– – Oħrajn:
	0210 19 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
		– Oħrajn, inklużi dqiq u pasti [*dqiq oħxon*] mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittieklu:
	0210 91 00	– – Ta' primati
	0210 92 00	– – Ta' balieni, dniefel u foċeni (mammiferi tal-ordni *Cetacea*); ta' lamantini u dugongi (mammiferi tal-ordni *Sirenia*)
	0210 93 00	– – Ta' rettili (inklużi sriep u fkieren)
ex	0210 99	– – Oħrajn:
		– – – Laħam:
	0210 99 31	– – – – Tar-renni
	0210 99 39	– – – – Oħrajn
		– – – Ġewwieni:
		– – – – Minbarra dak tal-majjal domestiku, ta' annimali tal-ifrat, tan-nagħaġ u tal-mogħoż
	0210 99 80	– – – – – Minbarra l-fwied tat-tjur
ex	0407 00	Bajd tat-tjur, fil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar:
	0407 00 90	– Minbarra dak tat-tjur tad-dar (poultry)
ex	0408	Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd, friski, imnixxfin, imsajrin bl-istim jew bit-togħlija, iffurmati, iffriżati jew ippreservati mod ieħor, kemm biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le:
		– Isfra tal-bajd
ex	0408 11	– – Imnixxfin:
	0408 11 20	– – – Mhux tajbin għall-konsum uman ([d])
ex	0408 19	– – Oħrajn:
	0408 19 20	– – – Mhux tajbin għall-konsum uman ([d])
		– Oħrajn:
ex	0408 91	– – Imnixxfin:
	0408 91 20	– – – Mhux tajbin għall-konsum uman ([d])
ex	0408 99	– – Oħrajn:
	0408 99 20	– – – Mhux tajbin għall-konsum uman ([d])
	0410 00 00	Prodotti tajbin għall-ikel u li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
	0504 00 00	Imsaren, bżieżaq u stonki ta' annimali (ħlief ħut), sħaħ jew bċejjeċ minnhom, friski, imkessħin, iffriżati, immellħin, fis-salmura, imqaddin jew affumikati
ex	0511	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin ta' Kapitlu 1 jew 3, mhux tajbin għall-konsum uman:
	0511 10 00	– Semen minn annimali tal-ifrat
		– Oħrajn:
ex	0511 99	– – Oħrajn:
	0511 99 85	
		– – – Oħrajn
ex	0709	Veġetali oħrajn, friski jew imkessħin:
ex	0709 60	– Frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*:
		– – Oħrajn:
	0709 60 91	– – – – Tal-ġens *Capsicum*, għall-manifattura ta' *capsicin* jew ta' żebgħa minn oleoraża tal-*capsicum* ([c])
	0709 60 95	– – – Għall-manifattura industrijali ta' żjut essenzjali jew rażinojdi ([c])
	0709 60 99	– – – Oħrajn

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), ffriżati:
ex 0710 80	– Veġetali oħrajn:
	– – Frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*:
0710 80 59	– – – Minbarra l-bżar ħelu
ex 0711	Veġetali ppreservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat:
ex 0711 90	– Veġetali oħrajn; taħlit ta' veġetali:
	– – Veġetali:
0711 90 10	– – – – Frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*, ħlief bżar ħelu
ex 0713	Veġetali leguminużi mnixxfin, imqaxxrin, kemm jekk mingħajr qoxra ta' ġewwa jew maqsumin kif ukoll jekk le:
ex 0713 10	– Piżelli (*Pisum sativum*):
0713 10 90	– – Minbarra dawk għaż-żrigħ
ex 0713 20 00	– Ċiċri (*garbanzos*):
	– – Minbarra dawk għaż-żrigħ
	– Fażola (*Vigna spp.*, *Phaseolus spp.*):
ex 0713 31 00	– – Fażola tal-ispeċi *Vigna mungo* (L.) Hepper jew *Vigna radiata* (L.) Wilczek:
	– – – Minbarra dik għaż-żrigħ
ex 0713 32 00	– – Fażola żgħira ħamra (*Adzuki*) (*Phaseolus* jew *Vigna angularis*):
	– – – Minbarra dik għaż-żrigħ
ex 0713 33	– – Fażola kidnija, inkluża fażola mill-bajda (*Phaseolus vulgaris*):
0713 33 90	– – – Minbarra dik għaż-żrigħ
ex 0713 39 00	– – Oħrajn:
	– – – Minbarra dawk għaż-żrigħ
ex 0713 40 00	– Għads:
	– – Minbarra dak għaż-żrigħ
ex 0713 50 00	– Ful (*Vicia faba var. major*) u ful ta' varjetà raffa (*Vicia faba var. equina*, *Vicia faba var. minor*):
	– – Minbarra dak għaż-żrigħ
ex 0713 90 00	– Oħrajn:
	– – Minbarra dawk għaż-żrigħ
0801	Ġewż tal-Indi, ġewż tal-Brażil, u ġewż tal-anakardju, friski jew imnixxfin, imqaxxrin jew imfesdqin jew le
ex 0802	Ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, imqaxxar jew imfesdaq jew le:
ex 0802 90	– Oħrajn:
ex 0802 90 20	– – Areka (jew betel) u kola
ex 0804	Tamal, tin, ananas, avokado, gwav, mang u mangostan, friski jew imnixxfin:
0804 10 00	– Tamal
0902	Tè, kemm jekk imħawwar jew le
ex 0904	Bżar tal-ġens *Piper*; frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew miħun, minbarra l-bżar ħelu li jaqa' fi ħdan is-sottotitlu 0904 20 10
0905 00 00	Vanilla
0906	Kannella u fjuri tas-siġra tal-kannella
0907 00 00	Msiemer tal-qronfol (frott sħiħ, imsiemer u zkuk)
0908	Noċemuskata, qoxra ta' barra tagħha (*mace*) u kardamomu
0909	Żrieragħ tal-ħlewwa, *badian*, bużbież, kosbor, kemmun jew ħlewwa Ġermaniża (*caraway*); frott tal-ġnibru
ex 0910	Ġinġer, żagħfran tal-Indja (*turmeric*, kurkuma), weraq tar-rand, kàri u ħwawar oħrajn, minbarra s-sagħtar u ż-żagħfran
ex 1106	Dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] u trab tal-veġetali leguminużi mnixxfin ta' titlu 0713, tas-sagu jew ta' għeruq jew tuberi ta' titlu 0714 jew tal-prodotti ta' Kapitlu 8:
1106 10 00	– Tal-veġetali leguminużi mnixxfin ta' titlu 0713
ex 1106 30	– Tal-prodotti ta' Kapitlu 8:
1106 30 90	– – Minbarra tal-banana

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 1108	Lamti; inulina
1108 20 00	– Inulina
1201 00 90	Sojja, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1202 10 90	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, fil-qoxra, minbarra dak għaż-żrigħ
1202 20 00	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, imqaxxar, kemm jekk imkisser jew le
1203 00 00	Kopra
1204 00 90	Żerriegħa tal-kittien, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1205 10 90 u ex 1205 90 00	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1206 00 91	Żerriegħa tal-ġirasol, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1206 00 99	
1207 20 90	Żerriegħa tal-qoton, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1207 40 90	Żerriegħa tal-ġulġlien, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1207 50 90	Żerriegħa tal-mustarda, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1207 91 90	Żerriegħa tal-peprin, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
1207 99 91	Qannebusa, imkissra jew le, minbarra dik għaż-żrigħ
ex 1207 99 97	Żrieragħ u frott ieħor żejtnin, imkissrin jew le, minbarra dawk għaż-żrigħ
1208	Dqiq u pasti [*dqiq oħxon*] ta' żrieragħ jew frott żejtnin, ħlief dawk tal-mustarda
1211	Pjanti u partijiet tagħhom (inklużi żerriegħa u frott), ta' kwalità użata l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal għanijiet ta' insettiċidi, funġiċidi jew għal għanijiet simili oħrajn, friski jew imnixxfin, maqtugħin jew le, misħuqin jew trab, minbarra l-prodotti mniżżlin fil-kodiċi tan-NM bin-numru ex 1211 90 85 fil-Parti IX ta' dan l-Anness
ex 1212	Ħarrub, alki tal-baħar u alki oħrajn, pitravi u kannamieli, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfin, miħunin jew le; għadam u qlub tal-għadam tal-frott u prodotti veġetali oħrajn (inklużi għeruq mhux inkaljati taċ-ċikwejra tal-varjetà *Cichorium intybus sativum*) ta' kwalità użata l-aktar għall-konsum uman, mhux imsemmijin jew inklużi band'oħra:
ex 1212 20 00	– Alka tal-baħar u alki oħrajn użati l-aktar fil-farmaċija jew għall-konsum uman
	– Oħrajn:
ex 1212 99	– – Minbarra l-kannamieli:
1212 99 41 u 1212 99 49	– – – Żerriegħa tal-ħarrub
ex 1212 99 70	– – – Oħrajn, minbarra l-għeruq taċ-ċikwerja
1213 00 00	Tiben u ħliefa taċ-ċereali, mhux ippreparati, kemm jekk imqattgħin bċejjeċ, miħunin, magħsurin jew forma ta' gerbub jew le
ex 1214	*Swedes*, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, xnien (alfalfa), silla, *sainfoin*, kaboċċi għall-magħlef, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le:
ex 1214 10 00	– Pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub tax-xnien (alfalfa), minbarra dawk tax-xnien imnixxef artifiċjalment bis-sħana jew dawk tax-xnien imnixxef u miħun mod ieħor
ex 1214 90	– Oħrajn:
1214 90 10	– – Mangoldi, *swedes* u għeruq oħrajn għall-għalf
ex 1214 90 90	– – Oħrajn, minbarra:
	– Xnien, *sainfoin*, silla, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf imnixxfin artifiċjalment bis-sħana, minbarra ħuxlief u kaboċċi għall-magħlef u prodotti li fihom il-ħuxlief
	– Xnien, *sainfoin*, silla, lupini, ġulbiena, klil is-sultan, piżelli "chickling" u sieq il-ħamiema, imnixxfin u miħunin mod ieħor
ex 1502 00	Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta' titlu 1503:
ex 1502 00 10	– Għal użi industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman, minbarra l-grass miksub mill-għadam u mill-iskart ([c])
1503 00	Stearina tax-xaħam, żejt tax-xaħam, oleostearina u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament
1507	Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1511	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1512	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, tal-għosfor jew taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew

le, iżda mhux modifikat kimikament

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1513	Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palm jew żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1514	Żejt tal-lift, kolza jew mustarda u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament
ex 1515	Xaħmijiet u żjut oħrajn fissi ta' veġetali (inkluż żejt tal-ġoġoba tas-sottotitlu ex 1515 90 11) u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament
ex 1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux ippreparati aktar (minbarra żejt ir-riġnu idroġenat, imsejjaħ "xema' opali" tas-sottotitlu 1516 20 10)
ex 1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitlu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' titlu 1516, minbarra s-sottotitli 1517 10 10, 1517 90 10 u 1517 90 93
1518 00 31 1518 00 39	Żjut veġetali fissi, fluwidi, imħalltin, għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman ([c])
1522 00 91	Tartru u residwi taż-żejt; sapun sempliċi (*soap-stock*), li jibqgħu mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew ta' xama' ta' annimali jew veġetali, minbarra dawk li fihom żejt bil-karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġa
1522 00 99	Fdal ieħor li jibqa' mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew ta' xama' ta' annimali jew veġetali, minbarra dak li fih żejt bil-karatteristiċi ta' żejt taż-żebbuġa
ex 1602	Laħam, fdal tal-laħam jew demm oħrajn ippreparati jew ippreservati:
	– Tal-majjal:
ex 1602 41	– – Koxox u qatgħat tagħhom:
1602 41 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 1602 42	– – Spallejn u qatgħat tagħhom:
1602 42 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 1602 49	– – Oħrajn, inklużi taħlit:
1602 49 90	– – – Minbarra dawk tal-majjal domestiku
ex 1602 90	– Oħrajn, inklużi preparazzjonijiet ta' demm ta' kull annimal:
	– – Minbarra preparazzjonijiet ta' demm ta' kull annimal:
1602 90 31	– – – Ta' kaċċa jew fniek
	– – – Oħrajn:
	– – – Minbarra dawk li fihom laħam jew fdal tal-laħam ta' majjal domestiku:
	– – – – Minbarra dawk li fihom laħam jew fdal tal-laħam ta' annimali tal-ifrat:
1602 90 99	– – – – – – Minbarra tan-nagħaġ jew tal-mogħoż
1603 00	Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn
1801 00 00	Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imkissra, nejja jew mixwija
1802 00 00	Qxur tal-kawkaw, ħliefa, ġlud u skart ieħor tal-kawkaw
ex 2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati u ppreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku:
ex 2001 90	– Oħrajn:
2001 90 20	– – Frott tal-ġens *Capsicum* ħlief bżar ħelu jew piment
ex 2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
ex 2005 99	– Ħxejjex oħrajn u taħlit tal-ħxejjex:
2005 99 10	– – Frott tal-ġens *Capsicum*, ħlief bżar ħelu jew piment
ex 2206	Xorb ieħor iffermentat (bħala eżempju, sidru, *perry*, *mead*); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
2206 00 31 sa 2206 00 89	– Minbarra l-piquette
ex 2301	Dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhumiex tajbin għal konsum uman; skart tax-xaħam ta' dam (*greaves*):
2301 10 00	– Dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam; skart tax-xaħam ta' dam (*greaves*)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 2302	Granza, dqiq inferjuri (*sharps*) u fdal oħrajn, fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mit-tnaqqija, tħin jew xogħol ieħor fuq ċereali jew pjanti leguminużi:
2302 50 00	– Ta' pjanti leguminużi
2304 00 00	Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tas-sojja
2305 00 00	Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett
ex 2306	Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk miħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' xaħam u żejt veġetali, ħlief dawk ta' titlu 2304 jew 2305, bl-eċċezzjoni tas-sottotitli tan-NM bin-numri 2306 90 05 (Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' nebbieta tal-qamħirrun (qamħ)), 2306 90 11 u 2306 90 19 (Għalf tal-bhejjem (*oilcake*) u fdalijiet oħrajn solidi li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż- żebbuġa)
ex 2307 00	Fond tal-inbid; argol:
2307 00 90	– Argol
ex 2308 00	Materjali veġetali u skart veġetali, fdalijiet veġetali u prodotti li jirriżultaw minnhom, kemm f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, ta' kwalità użata għal għalf ta' annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
2308 00 90	– Minbarra l-karfa ta' għeneb magħsur, ġandar u qastan selvaġġ; lbieba jew karfa tal-frott, ħlief ta' għeneb
ex 2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati għal għalf ta' annimali:
ex 2309 10	– Ikel għal klieb jew għal qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut:
2309 10 90	– – Minbarra dak li fih lamtu, glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' subtitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib
ex 2309 90	– Oħrajn:
2309 90 10	– – Materjali li jinħallu ta' ħut jew ta' mammiferi tal-baħar
	– – Oħrajn, inklużi taħlitiet lesti:
ex 2309 90 91 sa 2309 90 99	– – – Minbarra dawk li fihom lamtu, glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina ta' sottotitli 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti ta' ħalib, minbarra
	– Konċentrati ta' proteini miksubin mill-meraq tax-xnien u mill-meraq tal-ħaxix
	– Prodotti ddeidratati miksubin eskluživament minn fdalijiet solidi u minn meraq li ġejjin mill-preparazzjoni tal-konċentrati msemmija fl-ewwel inċiż

([a]) Id-dħul f'dan is-sottotitlu huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara d-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE (ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45)).

([b]) Id-dħul f'dan is-sottotitlu huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara d-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE (ĠU L 382, 31.12.1988, p. 36); id-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

([c]) Id-dħul f'dan is-sottotitlu huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1) u l-emendi ta' wara).

([d]) Id-dħul f'dan is-sottotitlu huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu F tat-Taqsima II tad-dispożizzjonijiet preliminari tan-Nomenklatura Magħquda.

ANNESS II

LISTA TA' PRODOTTI LI GĦALIHOM ĠEW STABBILITI MIŻURI SPEĊIFIĊI KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1(2)

Parti I: Etanol ta' oriġini agrikola

1. F'dak li għandu x'jaqsam mal-etanol, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 2207 10 00	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat ta' saħħa alkoħolika bil-volum [*qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' 80 % volum jew aktar miksub mill-prodotti agrikoli mniżżlin fl-Anness I għat-Trattat
ex 2207 20 00	Alkoħol etiliku [*etanol*] u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kull saħħa [*qawwa*], miksubin mill-prodotti agrikoli mniżżlin fl-Anness I għat-Trattat
ex 2208 90 91 u ex 2208 90 99	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum [*ta' qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' inqas minn 80 % volum miksub mill-prodotti agrikoli mniżżlin fl-Anness I għat-Trattat

2. It-Taqsima I tal-Kapitolu II tal-Parti III dwar il-liċenzji tal-importazzjoni u t-Taqsima I tal-Kapitolu III ta' dik il-Parti wkoll għandhom japplikaw għall-prodotti bbażati fuq l-etanol ta' oriġini agrikola li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 2208 li jkunu mqiegħda f'konteniturі ta' aktar minn żewġ litri u li jkollhom il-karatteristiċi kollha tal-etanol kif deskritt fil-punt 1.

Parti II: Prodotti tal-apikultura

F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti tal-apikultura, dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti mniżżlin fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
0409	Għasel naturali
ex 0410 00 00	Ħalib tan-naħal u żaftur tajbin għall-ikel
ex 0511 99 85	Ħalib tan-naħal u żaftur mhux tajbin għall-ikel
ex 1212 99 70	Għabra tad-dakra
ex 152190	Xama' tan-naħal

Parti III: Dud tal-ħarir

F'dak li għandu x'jaqsam mad-dud tal-ħarir, dan ir-Regolament għandu jkopri dud tal-ħarir li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 0106 90 00 u bajd tad-dud tal-ħarir li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 0511 99 85.

ANNESS III

DEFINIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)

Parti I: Definizzjonijiet għas-settur tar-ross

I. It-termini "ross fil-fosdqa", "ross imfesdaq", "ross nofsu mitħun", "ross mitħun kollu", "ross tal-ħabba tonda", "ross tal-ħabba mezzana", "ross tal-ħabba twila A jew B" u "ross imfarrak" għandhom jiġu ddefiniti kif ġej:

1. (a) "Ross fil-fosdqa" tfisser ross li żamm il-fosdqa wara d-dris.

   (b) "Ross imfesdaq" tfisser ross fil-fosdqa li minnu tneħħiet biss il-fosdqa. Eżempji ta' ross li jaqa' fi ħdan din id-definizzjoni huwa dak bid-deskrizzjonijiet kummerċjali ta' "ross ismar", "ross cargo", "loonzain" u "riso sbramato".

   (c) "Ross nofsu mitħun" tfisser ross fil-fosdqa li minnu tneħħew il-fosdqa, biċċa min-nibbieta u s-saffi kollha ta' barra tal-perikarpu jew parti minnhom, iżda mhux is-saffi ta' ġewwa.

   (d) "Ross mitħun kollu" tfisser ross fil-fosdqa li minnu tneħħew il-fosdqa, is-saffi kollha ta' barra u ta' ġewwa tal-perikarpu, in-nibbieta kollha fil-każ ta' ross tal-ħabba twila jew tal-ħabba mezzana, u tal-inqas parti minnha fil-każ tar-ross tal-ħabba tonda, iżda li fih jistgħu jibqgħu strijaturi bojod lonġitudinali fuq mhux iktar minn 10 % tal-ħbub.

2. (a) "Ross tal-ħabba tonda" tfisser ross li l-ħbub tiegħu mhumiex itwal minn 5.2 millimetri u li għandhom proporzjon tat-tul mal-ħxuna ta' inqas minn 2.

   (b) "Ross tal-ħabba mezzana" tfisser ross li l-ħbub tiegħu huma itwal minn 5.2 millimetri iżda mhumiex itwal minn 6.0 millimetri u li għandhom proporzjon tat-tul mal-ħxuna ta' mhux iktar minn 3.

   (c) "Ross tal-ħabba twila" tfisser:

      (i) ross tal-ħabba twila tat-tip A li huwa ross li l-ħbub tiegħu huma itwal minn 6.0 millimetri u li għandhom proporzjon tat-tul mal-ħxuna ta' aktar minn 2 iżda ta' inqas minn 3;

      (ii) ross tal-ħabba twila tat-tip B li huwa ross li l-ħbub tiegħu huma itwal minn 6.0 millimetri u li għandhom proporzjon tat-tul mal-ħxuna ta' 3 jew iktar.

   (d) "Kejl tal-ħbub" tfisser li l-kejl tal-ħabba jittieħed fuq ir-ross mitħun kollu permezz tal-metodu li ġej:

      (i) ħu kampjun rappreżentattiv tal-lott;

(ii) għarbel il-kampjun sabiex jinżammu l-ħbub sħaħ biss, inklużi l-ħbub li jkun għadhom ma kibrux biżżejjed;

(iii) ħu żewġ kejlijiet ta' 100 ħabba 'l wieħed u aħdem il-medja;

(iv) agħti r-riżultat f'millimetri, imqarrbin għall-eqreb punt deċimali.

3. "Ross imfarrak" tfisser frak tal-ħbub li t-tul tagħhom ma jaqbiżx it-tliet kwarti tat-tul medju tal-ħabba sħiħa.

II. Għall-ħbub u l-ħbub imfarrkin li mhumiex ta' kwalità mhux imħassra, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

A. "Ħbub sħaħ" tfisser ħbub li minnhom tneħħiet biss parti mit-tarf, irrispettivament mill-karatteristiċi prodotti f'kull stadju tat-tħin.

B. "Ħbub maqtugħin" tfisser ħbub li minnhom ikun tneħħa t-tarf kollu.

C. "Ħbub imfarrkin jew frammenti" tfisser ħbub li minnhom tneħħiet parti mill-volum li hija akbar mit-tarf; il-ħbub imfarrkin jinkludu:

– ħbub imfarrkin kbar (biċċiet ta' ħabba li jkunu twal mhux inqas minn nofs ħabba, iżda li ma jikkostitwixxux ħabba sħiħa),

– ħbub imfarrkin medji (biċċiet ta' ħabba li jkunu twal mhux inqas minn kwart ta' ħabba iżda li huma iżgħar mill-qies minimu tal-"ħbub imfarrkin kbar"),

– ħbub imfarrkin fini (biċċiet ta' ħabba li jkunu twal inqas minn kwart ta' ħabba iżda li jkunu kbar wisq biex jgħaddu minn għarbiel b'toqob ta' 1.4 millimetri),

– frammenti (biċċiet żgħar jew frak ta' ħabba li jistgħu jgħaddu minn għarbiel b'toqob ta' 1.4 millimetri); il-ħbub miksurin (biċċiet prodotti minn qasma lonġitudinali fil-ħabba) jaqgħu taħt din id-definizzjoni.

D. "Ħbub ħodor" tfisser ħbub li jkun għadhom ma sarux għal kollox.

E. 'Ħbub li jkollhom formazzjoni difettuża naturali' tfisser ħbub li jkollhom formazzjoni difettuża naturali meta mqabbla mal-karatteristiċi morfoloġiċi tipiċi tal-varjetà, kemm jekk din tkun ta' oriġini ereditarja kif ukoll jekk le.

F. "Ħbub bajdanin" tfisser ħbub li jkollhom mill-inqas tliet kwarti tal-wiċċ tagħhom li jkun jidher opak u bajdani.

G. "Ħbub imtarrżin bl-aħmar" tfisser ħbub li juru strijaturi ħomor lonġitudinali ta' intensità u sfumaturi differenti, minħabba r-residwi mill-perikarpu.

H. "Ħbub bit-tikek" tfisser ħbub li jkollhom ċirku żgħir iddefinit tajjeb ta' kulur skur ta' għamla li tkun bejn wieħed u ieħor regolari; il-ħbub bit-tikek jinkludu wkoll dawk li juru strijaturi suwed ħfief fuq il-wiċċ biss; l-istrijaturi u t-tikek ma jistax ikollhom awreola safra jew skura.

I. “Ħbub imtebbgħin” tfisser ħbub li għaddew minn bidla ovvja fil-kulur naturali tagħhom fuq parti żgħira mill-wiċċ tagħhom; it-tbajja’ jistgħu jkunu ta’ lewn differenti (sewdieni, ħamrani, kannella); l-istrijaturi suwed ħafna wkoll għandhom jitqiesu bħala tbajja’. Jekk il-kulur tat-tbajja’ jkun jidher sewwa (iswed, roża, kannella jagħti fil-ħamrani), hekk li jkun viżibbli mill-ewwel, u jekk dawn ikunu jkopru parti li ma tkunx inqas minn nofs il-ħabba, il-ħbub għandhom jitqiesu bħala ħbub sofor.

J. “Ħbub sofor” tfisser ħbub li għaddew minn bidla fil-kulur naturali tagħhom, b’mod sħiħ jew b’mod parzjali, u b’mod ieħor minbarra bit-tnixxif, u li kisbu sfumatura kulur il-lumi jew isfar jagħti fl-oranġjo.

K. “Ħbub ambra” tfisser ħbub li għaddew minn bidla uniformi ħafifa fil-kulur fuq il-wiċċ kollu, b’mod ieħor minbarra bit-tnixxif; din il-bidla tbiddel il-kulur tal-ħbub għal kulur isfar ċar li jagħti fl-ambra.

Parti II: Definizzjonijiet għas-settur taz-zokkor

1. "Zokkor abjad" tfisser zokkor, mhux mogħti togħma jew kulur, u li ma fihx xi sustanza oħra miżjuda, li fih, fl-istat xott, 99.5 % jew aktar bil-piż ta' sukrożju, stabbilit bil-metodu polarimetriku;

2. "Zokkor mhux raffinat" tfisser zokkor, mhux mogħti togħma jew kulur, u li ma fihx xi sustanza oħra miżjuda, li fih, fl-istat xott, inqas minn 99.5 % bil-piż ta' sukrożju, stabbilit bil-metodu polarimetriku;

3. "Isoglukożju" tfisser il-prodott miksub mill-glukożju jew mill-polimeri tiegħu li jkollu, fl-istat xott, kontenut ta' fruttożju ta' mill-inqas 10 % bil-piż;

4. "Ġulepp tal-inulina" tfisser il-prodott immedjat miksub mill-idrolisi tal-inulina jew tal-oligofruttożji, li fih, fl-istat xott, mill-inqas 10 % fruttożju f'forma ħielsa jew bħala sukrożju, u mfisser bħala ekwivalenti taz-zokkor jew tal-isoglukożju. Sabiex ikunu evitati restrizzjonijiet fis-suq għal prodotti b'saħħa ta' ħlewwa baxxa prodotti minn proċessuri tal-fibra tal-inulina mingħajr il-kwota tal-ġulepp tal-inulina, il-Kummissjoni tista' temenda din id-definizzjoni;

5. "Zokkor tal-kwota", "isoglukożju tal-kwota" u "ġulepp tal-inulina tal-kwota" jfissru kwalunkwe kwantità ta' produzzjoni taz-zokkor, tal-isoglukożju jew tal-ġulepp tal-inulina attribwita għal sena tas-suq speċifika skont il-kwota tal-impriża kkonċernata;

6. "Zokkor industrijali" tfisser kwalunkwe kwantità ta' produzzjoni taz-zokkor attribwita għal sena tas-suq speċifika li tkun ikbar mill-kwantità taz-zokkor imsemmija fil-punt (5), u li tkun maħsuba għall-produzzjoni, mill-industrija, ta' wieħed mill-prodotti msemmi fl-Artikolu 55(2);

7. "Isoglukożju industrijali" u "ġulepp tal-inulina industrijali" jfissru kwalunkwe kwantità ta' produzzjoni tal-isoglukożju jew tal-ġulepp tal-inulina attribwita għal sena tas-suq speċifika, maħsuba għall-produzzjoni, mill-industrija, ta' wieħed mill-prodotti msemmi fl-Artikolu 55(2);

8. "Zokkor żejjed", "isoglukożju żejjed" u "ġulepp tal-inulina żejjed" ifissru kwalunkwe kwantità ta' produzzjoni taz-zokkor, tal-isoglukożju jew tal-ġulepp tal-inulina attribwita għal sena tas-suq speċifika li tkun ikbar mill-kwantitajiet rispettivi msemmija fil-punti (5), (6) u (7);

9. "Pitravi tal-kwota" tfisser il-pitravi kollha pproċessati f'zokkor tal-kwota;

10. "Kuntratt ta' kunsinna" tfisser kuntratt konkluż bejn bejjiegħ u impriża għall-kunsinna ta' pitravi għall-manifattura taz-zokkor;

11. "Ftehim fi ħdan il-qasam" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:

    (a) ftehim konkluż fil-livell tal-Unjoni, qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt ta' kunsinna, bejn grupp ta' organizzazzjonijiet nazzjonali ta' impriżi, minn naħa waħda, u grupp ta' organizzazzjonijiet nazzjonali ta' bejjiegħa, min-naħa l-oħra;

(b) ftehim konkluż, qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt ta' kunsinna, bejn impriżi jew organizzazzjoni tal-impriżi rrikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, minn naħa waħda, u assoċjazzjoni tal-bejjiegħa rrikonoxxuta mill-Istat Membru kkonċernat, min-naħa l-oħra;

(c) fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim kif imsemmi fil-punt (a) jew (b), il-liġi dwar il-kumpaniji u l-liġi dwar il-kooperattivi, safejn dawn jirregolaw il-kunsinna tal-pitravi mill-azzjonisti jew mill-membri ta' kumpanija jew ta' kooperattiva li timmanifattura z-zokkor;

(d) fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim kif imsemmi fil-punt (a) jew (b), l-arranġamenti li kienu jeżistu qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt ta' kunsinna, dejjem jekk il-bejjiegħa li jkunu qed jaċċettaw l-arranġament jipprovdu mill-inqas 60 % tal-ammont totali ta' pitravi mixtri mill-impriża għall-manifattura taz-zokkor f'fabbrika waħda jew aktar.

12. "Raffinatur full-time" tfisser unità ta' produzzjoni:

– li l-unika attività tagħha hija r-raffinar ta' zokkor tal-kannamieli mhux raffinat importat, jew

– li fis-sena tas-suq tal-2004/2005 rrafinat kwantità ta' mill-inqas 15 000 tunnellata zokkor tal-kannamieli mhux raffinat importat.

Parti III: Definizzjonijiet għas-settur tal-ħops

1. "Ħops" tfisser in-nwar imnixxef, magħruf ukoll bħala ġewż, tal-pjanta tal-ħops (femminili) li tixxeblek (*Humulus lupulus*); dan in-nwar, li jkunu isfar jagħti fl-aħdar u jkollhom forma ta' bajda, ikollhom zokk ta' fjura u l-itwal tul tagħhom ġeneralment ivarja bejn iż-2 u l-5 ċentimetri;

2. "Trab tal-ħops" tfisser il-prodott miksub mit-tħin tal-ħops, li jkun fih l-elementi naturali kollha tal-ħops;

3. "Trab tal-ħops b'kontenut ogħla ta' lupulin" tfisser il-prodott miksub mit-tħin tal-ħops wara t-tneħħija mekkanika ta' parti mill-weraq, iz-zkuk, il-weraq skaldi u z-zkuk li minnhom joħorġu fjuri jew weraq ("rachides");

4. "Estratt tal-ħops" tfisser il-prodotti kkonċentrati miksubin permezz tal-azzjoni ta' solvent fuq il-ħops jew fuq it-trab tal-ħops;

5. "Prodotti mħalltin tal-ħops" tfisser taħlita ta' tnejn mill-prodotti msemmija fil-punti (1) sa (4) jew aktar.

Parti IV: Definizzjonijiet għas-settur tal-inbid

Definizzjonijiet marbutin mad-dwieli

1. "Il-qlugħ tad-dwieli" tfisser l-eliminazzjoni sħiħa tad-dwieli kollha li jinsabu f'żona mħawla bid-dwieli.

2. “Tħawwil” tfisser l-istabbiliment definittiv ta’ xtieli tad-dwieli jew ta’ partijiet minn xtieli tad-dwieli, kemm jekk imlaqqma u kemm jekk le, bil-għan li jiġi prodott l-għeneb jew li tiġi stabbilita mixtla għat-tilqim.

3. “Tlaqqim mill-ġdid” tfisser it-tlaqqim ta’ dielja li qabel kienet diġà suġġetta għat-tlaqqim.

Definizzjonijiet marbutin mal-prodotti

4. “Għeneb frisk” tfisser il-frott tad-dielja użat fil-produzzjoni tal-inbid, misjur jew anki kemmxejn imqadded, li jista’ jitgħaffeġ jew jingħasar permezz ta’ mezzi normali tal-kantini tal-inbid u li jista’ jipproduċi fermentazzjoni alkoħolika b’mod spontanju.

5. “Il-most frisk bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol” tfisser prodott li:

   (a) għandu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux inqas minn 12 % tal-volum u ta’ mhux aktar minn 15 % tal-volum;

   (b) jinkiseb billi, ma’ most mhux iffermentat li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux inqas minn 8.5 % tal-volum u li jkun ġej esklużivament minn varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 166(2), jiżdied:

      (i) jew alkoħol newtrali li jkun ġej mid-dwieli, inkluż alkoħol miksub mid-distillazzjoni ta’ għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux inqas minn 96 % tal-volum;

      (ii) jew prodott mhux imsaffi miksub mid-distillazzjoni tal-inbid u li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux inqas minn 52 % tal-volum u ta’ mhux aktar minn 80 % tal-volum.

6. “Meraq tal-għeneb” tfisser il-prodott likwidu mhux iffermentat, iżda li jista’ jiġi ffermentat, li:

   (a) jinkiseb permezz ta’ trattament xieraq li jagħmlu tajjeb għall-konsum kif inhu;

   (b) jinkiseb minn għeneb frisk jew mill-most jew permezz tar-rikostituzzjoni. Meta jinkiseb permezz tar-rikostituzzjoni, dan għandu jkun irrikostitwit minn most ikkonċentrat jew minn meraq tal-għeneb ikkonċentrat.

   Il-meraq tal-għeneb jista’ jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux aktar minn 1 % tal-volum.

7. “Meraq tal-għeneb ikkonċentrat” tfisser meraq tal-għeneb li ma jkunx sar karamella miksub permezz tad-deidratazzjoni parzjali tal-meraq tal-għeneb imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta b’tali mod li ċ-ċifra indikata minn rifrattometru użat skont metodu li għandu jiġi preskritt f’temperatura ta’ 20 °Ċ ma tkunx ta’ inqas minn 50.9 %.

   Il-meraq tal-għeneb ikkonċentrat jista’ jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux aktar minn 1 % tal-volum.

8. “Karfa tal-inbid” tfisser ir-residwu:

(a) li jakkumula f’konteniturі li jkun fihom l-inbid wara l-fermentazzjoni, matul il-ħażna jew wara trattament awtorizzat;

(b) li jinkiseb permezz tat-tisfija jew tal-frid b’azzjoni ċentrifuga tal-prodott imsemmi fil-punt (a);

(c) li jakkumula f’konteniturі li jkun fihom il-most matul il-ħażna jew wara trattament awtorizzat; jew

(d) li jinkiseb permezz tat-tisfija jew tal-frid b’azzjoni ċentrifuga tal-prodott imsemmi fil-punt (c).

9. “Residwu tal-għasra” tfisser ir-residwu li jiġi mill-għasir tal-għeneb frisk, kemm jekk ikun iffermentat kif ukoll jekk le.

10. “Piquette” tfisser prodott miksub permezz:

(a) tal-fermentazzjoni tar-residwu tal-għasra mhux ittrattat immaċerat fl-ilma; jew

(b) tal-lissija tar-residwu tal-għasra ffermentat bl-ilma.

11. “Inbid imqawwi għad-distillazzjoni” tfisser prodott:

(a) li għandu qawwa alkoħolika effettiva ta’ mhux inqas minn 18 % tal-volum u ta’ mhux aktar minn 24 % tal-volum;

(b) li jinkiseb eskluživament billi, ma’ nbid li ma jkun fih ebda fdal taz-zokkor, jiżdied prodott mhux imsaffi miksub mid-distillazzjoni tal-inbid li jkollu qawwa alkoħolika effettiva massima ta’ 86 % tal-volum; jew

(c) li għandu aċidità volatili massima ta’ 1.5 grammi għal kull litru, espressa bħala aċidu aċetiku.

12. “Taħlita tal-inbid (“cuvée”)” tfisser:

(a) il-most;

(b) l-inbid; jew

(c) it-taħlita ta’ mostijiet u/jew ta’ nbejjed li jkollhom karatteristiċi differenti,

maħsuba għat-tħejjija ta’ tip speċifiku ta’ nbid spumanti.

Il-qawwa alkoħolika

13. "Il-qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum" tfisser l-għadd ta' volumi ta' alkoħol pur li jkun hemm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'100 volum tal-prodott f'dik it-temperatura.

14. "Il-qawwa alkoħolika potenzjali skont il-volum" tfisser l-għadd ta' volumi ta' alkoħol pur f'temperatura ta' 20 °Ċ li jista' jiġi prodott mill-fermentazzjoni totali taz-zokkor kollu li hemm f'100 volum tal-prodott f'dik it-temperatura.

15. "Il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum" tfisser l-għadd totali tal-qawwa alkoħolika effettiva u dik potenzjali.

16. "Il-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum" tfisser il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum ta' prodott qabel kwalunkwe tisħiħ.

17. "Il-qawwa alkoħolika effettiva skont il-massa" tfisser l-għadd ta' kilogrammi ta' alkoħol pur li hemm f'100 kilogramm tal-prodott.

18. "Il-qawwa alkoħolika potenzjali skont il-massa" tfisser l-għadd ta' kilogrammi ta' alkoħol pur li jista' jiġi prodott mill-fermentazzjoni totali taz-zokkor kollu li hemm f'100 kilogramm tal-prodott.

19. "Il-qawwa alkoħolika totali skont il-massa" tfisser l-għadd totali tal-qawwa alkoħolika effettiva u dik potenzjali.

Parti V: Definizzjonijiet għas-settur taċ-ċanga u l-vitella

1. "Annimali tal-ifrat" tfisser annimali ħajjin tal-ispeċi tal-ifrat domestika li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri ex 0102 10, 0102 90 05 sa 0102 90 79.

2. "Annimali adulti tal-ifrat" tfisser annimali tal-ifrat li, meta jkunu ħajjin, ikunu jiżnu aktar minn 300 kilogramma.

Parti VI: Definizzjonijiet għas-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Għall-għan tal-implimentazzjoni tal-kwota tat-tariffa għall-butir li ġej minn New Zealand, il-frażi "mmanifatturat direttament mill-ħalib jew mill-krema" ma teskludix butir immanifatturat mill-ħalib jew mill-krema, mingħajr l-użu ta' materjali maħżuna, fi proċess uniku, komplut u bla waqfien li jista' jinvolvi l-fatt li l-krema tgħaddi minn stadju ta' xaħam tal-ħalib ikkonċentrat u/jew mit-taqsim fi frazzjonijiet tat-tali xaħam tal-ħalib.

Parti VII: Definizzjonijiet għas-settur tal-bajd

1. "Bajd fil-qoxra" tfisser bajd tat-tjur fil-qoxra, frisk, ippreżervat, jew imsajjar, minbarra l-bajd għat-tifqis speċifikat fil-punt 2.

2. "Bajd għat-tifqis" tfisser bajd tat-tjur għat-tifqis.

3. "Prodotti sħaħ" tfisser bajd tal-għasafar mhux fil-qoxra, kemm jekk fih iz-zokkor miżjud jew sustanzi għall-ħlewwa oħrajn u kemm jekk le, li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

4. “Prodotti sseparati” tfisser l-isfar tal-bajd tal-għasafar, kemm jekk fih iz-zokkor miżjud jew sustanzi għall-ħlewwa oħrajn u kemm jekk le, li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Parti VIII: Definizzjonijiet għas-settur tal-laħam tat-tjur

1. “Tjur ħajjin” tfisser tjur, papri, wiżż, dundjani u fargħuni ħajjin li kull wieħed minnhom jiżen aktar minn 185 gramma;

2. “Flieles” tfisser tjur, papri, wiżż, dundjani u fargħuni ħajjin, li kull wieħed minnhom jiżen mhux aktar minn 185 gramma;

3. “Tjur maqtulin” tfisser tjur, papri. wiżż, dundjani u fargħuni mejtin, sħaħ, bil-ġewwieni jew mingħajru;

4. “Prodotti dderivati” tfisser dan li ġej:

   (a) il-prodotti speċifikati fil-punt (a) tal-Parti XX tal-Anness I;

   (b) il-prodotti magħrufin bħala “qatgħat tat-tjur” speċifikati fil-punt (b) tal-Parti XX tal-Anness I, minbarra t-tjur maqtulin u l-ġewwieni li jittiekel;

   (c) il-ġewwieni li jittiekel speċifikat fil-punt (b) tal-Parti XX tal-Anness I;

   (d) il-prodotti speċifikati fil-punt (c) tal-Parti XX tal-Anness I;

   (e) il-prodotti speċifikati fil-punti (d) u (e) tal-Parti XX tal-Anness I;

   (f) il-prodotti msemmija fil-punt (f) tal-Parti XX tal-Anness I, minbarra dawk li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1602 20 11 u 1602 20 19.

Parti IX: Definizzjonijiet għas-settur tal-apikultura

1. "Għasel" tfisser is-sustanza ħelwa naturali prodotta min-naħal tat-tip *Apis mellifera* min-nektar tal-pjanti jew mit-tnixxijiet tal-partijiet ħajjin tal-pjanti jew mill-eskrezzjonijiet ta' insetti li jsoffu l-pjanti fuq il-parti ħajja tal-pjanti, li n-naħal jiġbruhom, jittrasformawhom billi jgħaqqduhom ma' sustanzi speċifiċi tagħhom stess, jiddepożitawhom, jiddeidratawhom, jaħżnuhom u jħalluhom fix-xehda sabiex isiru u jimmaturaw.

It-tipi ta' għasel ewlenin huma dawn li ġejjin:

(a) skont l-oriġini:

(i) għasel tan-nwar jew għasel tan-nektar: għasel miksub min-nektar tal-pjanti;

(ii) għasel tas-siġar: għasel miksub prinċipalment mill-eskrezzjonijiet ta' insetti li jsoffu l-pjanti (*Hemiptera*) fuq il-parti ħajja tal-pjanti jew mit-tnixxijiet tal-partijiet ħajjin tal-pjanti;

(b) skont il-mod ta' produzzjoni u/jew ta' preżentazzjoni:

(iii) għasel tax-xehda: għasel maħżun min-naħal fiċ-ċelel f'xehdiet bla duqqajs mibnijin ġodda jew fiċ-ċelel f'folji rqaq tax-xehda magħmulin biss mix-xama' tan-naħal u mibjugħ f'xehdiet sħaħ issiġillati jew f'partijiet mit-tali xehdiet;

(iv) għasel b'biċċa xehda: għasel li fih biċċa waħda ta' għasel tax-xehda jew aktar;

(v) għasel bla ilma: għasel miksub billi jitneħħa l-ilma mix-xehdiet bla duqqajs mikxufin;

(vi) għasel estratt: għasel miksub permezz tal-frid b'azzjoni ċentrifuga ta' xehdiet bla duqqajs mikxufin;

(vii) għasel ippressat: għasel miksub billi x-xehdiet bla duqqajs jiġu ppressati billi tiġi applikata sħana moderata li ma taqbiżx il-45 °Ċ jew mingħajr ma tiġi applikata s-sħana;

(viii) għasel iffiltrat: għasel miksub billi titneħħa l-materja barranija organika jew mhix organika b'tali mod li jitneħħa wkoll ammont sinifikanti ta' għabra tad-dakra.

"Għasel għal użu industrijali" tfisser għasel li huwa:

(a) tajjeb għal użu industrijali jew bħala ingredjent f'oġġetti tal-ikel oħrajn li mbagħad jiġu pproċessati, u

(b) li jista':

– ikollu togħma jew riħa stramba, jew

– ikun beda jiffermenta jew ikun iffermenta, jew

– ikun issaħħan iżżejjed.

2. “Prodotti tal-apikultura” tfisser għasel, xama’ tan-naħal, ħalib tan-naħal, żaftur jew għabra tad-dakra.

ANNESS IV

IL-KWALITÀ STANDARD TAR-ROSS U TAZ-ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(1) U (3)

A. Kwalità standard għar-ross fil-fosdqa

Ir-ross fil-fosdqa ta' kwalità standard għandu:

(a) ikun ta' kwalità tajba, ġusta u li tista' titqiegħed fis-suq, mingħajr riħa;

(b) ikollu kontenut ta' ndewwa ta' mhux iżjed minn 13 %;

(c) ikollu ammonti tal-produzzjoni ta' ross mitħun kollu ta' 63 % tal-piż fi ħbub sħaħ (b'tolleranza ta' 3 % ta' ħbub maqtugħin) li minnhom il-perċentwal tal-piż ta' ħbub tar-ross mitħun kollu li ma jkunux ta' kwalità mhux imħassra għandu jkun dan li ġej:

ħbub bajdanin ta' ross fil-fosdqa li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1006 10 27 u 1006 10 98:	1.5 %
ħbub bajdanin ta' ross fil-fosdqa li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM l-oħrajn, u mhux f'dawk bin-numri 1006 10 27 u 1006 10 98:	2.0 %
ħbub imtarrżin bl-aħmar:	1.0 %
ħbub bit-tikek:	0.50 %
ħbub imtebbgħin:	0.25 %
ħbub sofor:	0.02 %
ħbub ambra:	0.05 %

B. Kwalitajiet standard għaz-zokkor:

I. Il-kwalità standard għall-pitravi

Il-pitravi ta' kwalità standard għandu:

(a) ikun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċabbli;

(b) ikollu kontenut taz-zokkor ta' 16 % fil-punt tal-wasla.

II. Il-kwalità standard għaz-zokkor abjad

1. Iz-zokkor abjad ta' kwalità standard għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) għandu jkun ta' kwalità tajba, ġenwina u kummerċabbli; niexef, fi kristalli bi granulazzjoni uniformi, u mexxej;

(b) polarizzazzjoni minima: 99.7;

(c) kontenut massimu ta' ndewwa: 0.06 %;

(d) kontenut massimu ta' zokkor maqlub ("invert"): 0.04 %;

(e) in-numru ta' punti stabbiliti skont il-punt 2 m'għandux jaqbeż total ta' 22, u lanqas total ta':

15 għall-kontenut ta' rmied,

9 għat-tip ta' kulur, stabbilit billi jintuża l-metodu tal-Istitut ta' Brunswick għat-Teknoloġija Agrikola (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-metodu ta' Brunswick"),

6 għat-tilwin tas-soluzzjoni, stabbilit billi jintuża l-metodu tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Metodi Uniformi ta' Analiżi taz-Zokkor (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-metodu tal-ICUMSA").

2. Punt wieħed għandu jikkorrispondi għal:

(a) 0.0018 % tal-kontenut ta' rmied stabbilit bl-użu tal-metodu tal-ICUMSA f'valur ta' 28 fuq il-miżien brix,

(b) 0.5 unitajiet tat-tip tal-kulur stabbiliti bl-użu tal-metodu ta' Brunswick,

(c) 7.5 unitajiet tat-tilwin tas-soluzzjoni stabbiliti bl-użu tal-metodu tal-ICUMSA.

3. Il-metodi biex jiġu stabbiliti l-fatturi msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu dawk użati biex jiġu stabbiliti dawk il-fatturi skont il-miżuri ta' intervent.

III. Il-kwalità standard għaz-zokkor mhux raffinat

1. Iz-zokkor mhux raffinat tal-kwalità standard għandu jkun zokkor li jkollu ammonti tal-produzzjoni ta' zokkor abjad ta' 92 %.

2. L-ammonti tal-produzzjoni taz-zokkor tal-pitravi mhux raffinat għandhom ikunu kkalkulati billi mill-grad ta' polarizzazzjoni ta' dak iz-zokkor jitnaqqsu:

(a) il-perċentwal ta' kontenut ta' rmied tiegħu mmultiplikat b'erbgħa;

(b) il-perċentwal ta' kontenut ta' zokkor maqlub ("invert") tiegħu mmultiplikat bi tnejn;

(c) in-numru 1.

3. L-ammonti tal-produzzjoni taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għandhom ikunu kkalkulati billi mill-grad ta' polarizzazzjoni ta' dak iz-zokkor immultiplikat bi tnejn jitnaqqas 100.

ANNESS V

SKALI TAL-UNJONI GĦALL-KLASSIFIKA TAL-KARKASSI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 34

A. Skala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-annimali adulti tal-ifrat:

I. Definizzjonijiet

Id-definizzjonijet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. "karkassa": il-ġisem sħiħ ta' annimal maqtul kif ippreżentat wara l-fsid, it-tneħħija tal-imsaren u t-tqaxxir tal-ġilda;

2. "nofs karkassa": il-prodott miksub permezz tas-separazzjoni tal-karkassa msemmija fil-punt (1) b'mod simetriku min-nofs ta' kull għadma ċervikali, tad-dahar, tal-ġenbejn u tal-ossu sagru u min-nofs tal-isternu u s-simfisi iskjopubiku.

II. Kategoriji

Il-karkassi għandhom jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

A: karkassi ta' annimali maskili żgħar mhux imsewwija ta' inqas minn sentejn;

B: karkassi ta' annimali maskili oħrajn mhux imsewwija;

Ċ: karkassi ta' annimali maskili msewwija;

D: karkassi ta' annimali femminili li ferrgħu;

E: karkassi ta' annimali femminili oħrajn.

III. Klassifikazzjoni

Il-karkassi għandhom ikunu kklassifikati b'valutazzjoni suċċessiva ta' dan li ġej:

1. Il-konformazzjoni, ddefinita kif ġej:

Żvilupp tal-profili tal-karkassa, b'mod partikulari tal-partijiet essenzjali (il-koxxa, id-dahar, l-ispalla)

Kategorija tal-konformazzjoni	Deskrizzjoni
S Superjuri	Il-profili kollha jkunu estremament konvessi; żvilupp eċċezzjonali tal-muskoli (karkassi tat-tip b'muskoli doppji)
E Eċċellenti	Il-profili kollha konvessi sa konvessi ħafna; żvilupp eċċezzjonali tal-muskoli

U Tajba ħafna	Profili ġeneralment konvessi, żvilupp tajjeb ħafna tal-muskoli
R Tajba	Profili ġeneralment dritti; żvilupp tajjeb tal-muskoli
O Mhux ħażina	Profili dritti sa konkavi; żvilupp medju tal-muskoli
P Fqira	Il-profili kollha konkavi sa konkavi ħafna; żvilupp fqir tal-muskoli

2. Il-kopertura tax-xaħam, iddefinita kif ġej:

Ammont ta' xaħam fuq barra tal-karkassa u fil-kavità toraċika

Kategorija tal-kopertura tax-xaħam	Deskrizzjoni
1 Kopertura baxxa	Ebda kopertura tax-xaħam sa kopertura baxxa tiegħu
2 Kopertura ħafifa	Kopertura ħafifa tax-xaħam, laħam viżibbli kważi kullimkien
3 Kopertura medja	Laħam kważi kullimkien kopert bix-xaħam, ħlief għall-koxxa u għall-ispalla, depożiti ħfief tax-xaħam fil-kavità toraċika
4 Kopertura għolja	Laħam kopert bix-xaħam, imma li jkun għadu jidher xi ftit fil-koxxa u fl-ispalla, xi depożiti distinti ta' xaħam fil-kavità toraċika
5 Kopertura għolja ħafna	Il-karkassa kollha koperta bix-xaħam; depożiti kbar fil-kavità toraċika

IV. Preżentazzjoni

Il-karkassi u n-nofs karkassi għandhom ikunu ppreżentati:

1. mingħajr ir-ras u mingħajr is-saqajn; ir-ras għandha tkun isseparata mill-karkassa mill-ġog atlojdo-oċċipitali u s-saqajn għandhom jinqatgħu minn mal-ġogi karpometakarpali u tarsometatarsali,

2. mingħajr l-organi li jinsabu fil-kavità toraċika u f'dik addominali, u bil-kliewi, bix-xaħam tal-kliewi u bix-xaħam pelviku jew mingħajrhom,

3. mingħajr l-organi ġenitali u l-muskoli ta' magħhom u mingħajr il-glandola mammarja u x-xaħam tagħha.

V. Klassifikazzjoni u identifikazzjoni

Il-biċċeriji approvati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-karkassi jew in-nofs karkassi kollha minn annimali adulti tal-ifrat maqtulin fit-tali biċċeriji li jkollhom marka tas-saħħa li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 5(2) flimkien mal-Kapitolu III tat-Taqsima I tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] ikunu kklassifikati u identifikati skont l-iskala tal-Unjoni.

Qabel ma ssir l-identifikazzjoni permess tal-immarkar, l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni sabiex ix-xaħam estern jitneħħa mill-karkassi jew min-nofs karkassi jekk dan ikun iġġustifikat mill-kopertura tax-xaħam.

B. Skala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali

I. Definizzjoni

"karkassa" għandha tfisser il-ġisem ta' majjal maqtul, mifsud u bl-imsaren imneħħija, sħiħ jew maqsum min-nofs.

II. Klassifikazzjoni

Il-karkassi għandhom jinqasmu f'kategoriji skont il-kontenut ta' laħam dgħif stmat tagħhom u għandhom jiġu kklassifikati skont dawn il-kategoriji:

Kategoriji	Laħam dgħif bħala perċentwal tal-piż tal-karkassa
S	60 % jew aktar (*)
E	55 % jew aktar
U	50 % jew aktar iżda anqas minn 55 %
R	45 % jew aktar iżda anqas minn 50 %
O	40 % jew aktar iżda anqas minn 45 %
P	anqas minn 40 %

(*) [L-Istati Membri jistgħu jintroduċu, għall-ħnieżer maqtulin fit-territorju tagħhom, kategorija separata ta' 60 % jew aktar ta' laħam dgħif li jkollha l-ittra S.]

III. Preżentazzjoni

Il-karkassi għandhom ikunu ppreżentati mingħajr l-ilsien, il-lanżit, il-qawqbiet, l-organi ġenitali, is-sonża, il-kliewi u d-dijaframma.

IV. Kontenut ta' laħam dgħif

1. Il-kontenut ta' laħam dgħif għandu jkun ivvalutat permezz ta' metodi ta' klassifikazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni. Jistgħu jkunu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati bl-istatistika u bbażati fuq il-kejl fiżiku

[46] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
[47] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-ħanżir. L-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' klassifikazzjoni għandha tkun suġġetta għall-konformità ma' tolleranza massima għall-iżbalji statistiċi fil-valutazzjoni.

2. Madankollu, il-valur kummerċjali tal-karkassi m'għandux ikun stabbilit biss permezz tal-kontenut ta' laħam dgħif stmat tagħhom.

V. Identifikazzjoni tal-karkassi

Sakemm ma jingħadx xort'oħra mill-Kummissjoni, il-karkassi kklassifikati għandhom ikunu identifikati billi jiġu mmarkati skont l-iskala tal-Unjoni.

Ċ. Skala tal-Unjoni għall-klassifika tal-karkassi tan-nagħaġ

I. Definizzjoni

Għat-termini "karkassa" u "nofs karkassa" għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fil-punt A.I.

II. Kategoriji

Il-karkassi għandhom jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

A: karkassi ta' nagħaġ ta' inqas minn tnax-il xahar,

B: karkassi ta' nagħaġ oħrajn.

III. Klassifikazzjoni

Il-karkassi għandhom jiġu kklassifikati billi jiġu applikati d-dispożizzjonijiet mogħtija fil-punt A.III. *mutatis mutandis*. Madankollu, it-terminu "koxxa" mogħti fil-punt A.III.1 u fir-ringieli 3 u 4 tat-tabella mogħtija fil-punt A.III.2. għandu jinbidel bit-terminu "robbu ta' wara".

IV. Preżentazzjoni

Il-karkassi u n-nofs karkassi għandhom ikunu ppreżentati mingħajr ir-ras (maqtugħa minn mal-ġog atlantoożipitali), is-saqajn (maqtugħin minn mal-ġogi karpometakarpali u tarsometatarsali), id-denb (maqtugħ bejn is-sitt u s-seba' għadma tad-denb), il-glandola mammarja, l-organi ġenitali, il-fwied u l-ġewwieni. Il-kliewi u x-xaħam tal-kliewi huma inklużi fil-karkassa.

V. Identifikazzjoni tal-karkassi

Il-karkassi u n-nofs karkassi kklassifikati għandhom ikunu identifikati billi jiġu mmarkati skont l-iskala tal-Unjoni.

ANNESS VI

IL-KWOTI NAZZJONALI U REĠJONALI GĦALL-PRODUZZJONI TAZ-ZOKKOR, TAL-ISOGLUKOŻJU U TAL-ĠULEPP TAL-INULINA MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 50

mis-sena tas-suq tal-2010/2011 ’il quddiem

(f’tunnellati)

Stati Membri jew reġjuni (1)	Zokkor (2)	Isoglukożju (3)	Ġulepp tal-inulina (4)
Il-Belġju	676 235.0	114 580.2	0
Il-Bulgarija	0	89 198.0	
Ir-Repubblika Ċeka	372 459.3		
Id-Danimarka	372 383.0		
Il-Ġermanja	2 898 255.7	56 638.2	
L-Irlanda	0		
Il-Greċja	158 702.0	0	
Spanja	498 480.2	53 810.2	
Franza (metropolitana)	3 004 811.15		0
Id-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej	432 220.05		
L-Italja	508 379.0	32 492.5	
Il-Latvja	0		
Il-Litwanja	90 252.0		
L-Ungerija	105 420.0	220 265.8	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	804 888.0	0	0
L-Awstrija	351 027.4		
Il-Polonja	1 405 608.1	42 861.4	
Il-Portugall (kontinentali)	0	12 500.0	
Ir-reġjun awtonomu tal-Ażores	9 953.0		

Ir-Rumanija	104 688.8	0	
Is-Slovenja	0		
Is-Slovakkja	112 319.5	68 094.5	
Il-Finlandja	80 999.0	0	
L-Isvezja	293 186.0		
Ir-Renju Unit	1 056 474.0	0	
AMMONT TOTALI	13 336 741.2	690 440.8	0

ANNESS VII

REGOLI DDETTALJATI DWAR IT-TRASFERIMENTI TA' KWOTI TAZ-ZOKKOR JEW TAL-ISOGLUKOŻJU SKONT L-ARTIKOLU 53

I

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness:

(a) "l-għaqda flimkien ta' impriżi" tfisser l-għaqda ta' żewġ impriżi jew aktar f'impriża waħda;

(b) "it-trasferiment ta' impriża" tfisser it-trasferiment tal-assi ta' impriża li jkollha kwota għal impriża waħda jew aktar jew l-assorbiment tagħhom fiha jew fihom;

(c) "it-trasferiment ta' fabbrika" tfisser it-trasferiment, għal impriża waħda jew aktar, tas-sjieda ta' unità teknika, inkluż l-impjant kollu meħtieġ biex jiġi mmanifatturat il-prodott ikkonċernat, li jwassal għall-assorbiment parzjali jew totali tal-produzzjoni tal-impriża li tkun qed tagħmel it-trasferiment;

(d) "il-kiri ta' fabbrika" tfisser il-kuntratt ta' kiri ta' unità teknika, inkluż l-impjant kollu meħtieġ għall-manifattura taz-zokkor, bil-ħsieb li din l-unità titħaddem, li jkun konkluż għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin tas-suq konsekuttivi, li l-partijiet jaqblu li ma jtemmux qabel tmiem it-tielet sena tas-suq, ma' impriża li hija stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-fabbrika kkonċernata, jekk, wara li l-kirja tidħol fis-seħħ, l-impriża li tikri l-fabbrika tista' titqies bħala impriża li tipproduċi z-zokkor biss għall-produzzjoni sħiħa tagħha.

II

1. Mingħajr ħsara għall-punt 2, fil-każ tal-għaqda flimkien jew tat-trasferiment ta' impriżi li jipproduċu z-zokkor jew tat-trasferiment ta' fabbriki taz-zokkor, il-kwota għandha tiġi aġġustata kif ġej:

   (a) fil-każ tal-għaqda flimkien ta' impriżi li jipproduċu z-zokkor, l-Istati Membri għandhom jallokaw lill-impriża li tirriżulta mill-għaqda flimkien kwota li tkun daqs l-għadd totali tal-kwoti li kienu allokati lill-impriżi li jipproduċu z-zokkor ikkonċernati qabel ma dawn ingħaqdu flimkien;

   (b) fil-każ tat-trasferiment ta' impriża li tipproduċi z-zokkor, l-Istat Membru għandu jalloka l-kwota għall-produzzjoni taz-zokkor tal-impriża ttrasferita lill-impriża li tkun qed teħodha jew, jekk ikun hemm aktar minn impriża waħda li tkun qed teħodha, l-allokazzjoni għandha ssir b'mod proporzjonat għall-produzzjoni taz-zokkor assorbita minn kull waħda minnhom;

   (c) fil-każ tat-trasferiment ta' fabbrika taz-zokkor, l-Istat Membru għandu jnaqqas il-kwota tal-impriża li tkun qed tittrasferixxi s-sjieda tal-fabbrika u għandu jżid il-kwota tal-impriża li tipproduċi z-zokkor jew tal-impriżi li jipproduċu z-zokkor li jkunu qed jixtru l-fabbrika kkonċernata bil-kwantità mnaqqsa, b'mod proporzjonat għall-produzzjoni assorbita.

2. Meta xi wħud minn dawk li jkabbru l-pitravi jew il-kannamieli li jkunu affettwati b'mod dirett minn waħda mill-ħidmiet imsemmija fil-punt 1 juru, b'mod ċar, ir-rieda tagħhom li jfornu l-pitravi jew il-kannamieli tagħhom lil impriża li tipproduċi z-zokkor li ma tkunx parti minn dawk il-ħidmiet, l-Istat Membru jista' jagħmel l-allokazzjoni abbażi tal-produzzjoni assorbita mill-impriża li lilha jkun behsiebhom jagħtu l-pitravi jew il-kannamieli tagħhom.

3. Fil-każ tal-għeluq, f'ċirkustanzi oħrajn minbarra dawk imsemmija fil-punt 1, ta':

   (a) impriża li tipproduċi z-zokkor;

   (b) fabbrika waħda jew aktar ta' impriża li tipproduċi z-zokkor,

   l-Istat Membru jista' jalloka l-parti tal-kwoti kkonċernata mit-tali għeluq lil impriża waħda li tipproduċi z-zokkor jew aktar.

   Barra minn hekk, fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, f'każ li xi wħud mill-produtturi kkonċernati juru, b'mod ċar, ir-rieda tagħhom li jfornu l-pitravi jew il-kannamieli tagħhom lil impriża partikulari li tipproduċi z-zokkor, l-Istat Membru jista' jalloka l-proporzjon tal-kwoti li jikkorrispondi mal-pitravi jew mal-kannamieli kkonċernati lill-impriża li lilha jkun behsiebhom jagħtu dawk il-prodotti.

4. Meta tintuża d-deroga msemmija fl-Artikolu 43(6), l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lil dawk li jkabbru l-pitravi u lill-impriżi taz-zokkor li jkunu effettwati minn dik id-deroga biex jinkludu, fil-ftehimiet fi ħdan il-qasam tagħhom, klawsoli speċjali li jippermettu lill-Istat Membru japplika l-punti 2 u 3 ta' din it-Taqsima.

5. Fil-każ tal-kera ta' fabbrika li tkun ta' impriża li tipproduċi z-zokkor, l-Istat Membru jista' jnaqqas il-kwota tal-impriża li tkun qed toffri l-fabbrika għall-kiri u jalloka l-porzjon li bih tkun tnaqqset il-kwota lill-impriża li tikri l-fabbrika sabiex tipproduċi z-zokkor fiha.

   Jekk il-kirja tintemm matul il-perjodu ta' tliet snin tas-suq imsemmi fil-punt I (d), l-aġġustament tal-kwota skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għandu jitħassar, b'mod retroattiv, mill-Istat Membru u l-kwota għandha tinġieb bħalma kienet fid-data li fiha daħlet fis-seħħ il-kirja. Madankollu, jekk il-kirja tintemm minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri, l-Istat Membru m'għandux ikun marbut li jħassar l-aġġustament.

6. Meta impriża li tipproduċi z-zokkor ma tkunx tista' tiżgura aktar li hija tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni lejn il-produtturi tal-pitravi jew tal-kannamieli kkonċernati, u f'każ li dik is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ikunu aċċertaw ruħhom minnha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jalloka, għal sena waħda tas-suq jew aktar, il-parti tal-kwoti kkonċernata lil impriża waħda jew aktar li jipproduċu z-zokkor b'mod proporzjonat għall-produzzjoni assorbita.

7. Meta Stat Membru jagħti garanziji tal-prezzijiet u tal-post tal-bejgħ lil impriża li tipproduċi z-zokkor għall-ipproċessar tal-pitravi f'etanol, dak l-Istat Membru jista', bi ftehim ma' dik l-impriża u ma' dawk li jkabbru l-pitravi kkonċernati, jalloka l-kwoti tal-produzzjoni taz-zokkor kollha, jew parti minnhom, lil impriża waħda oħra jew aktar għal sena waħda tas-suq jew aktar.

III

Fil-każ tal-għaqda flimkien jew tat-trasferiment ta' impriżi li jipproduċu l-isoglukożju jew tat-trasferiment ta' fabbrika li tipproduċi l-isoglukożju, l-Istat Membru jista' jalloka l-kwoti kkonċernati għall-produzzjoni tal-isoglukożju lil impriża waħda oħra jew aktar, kemm jekk dawn ikollhom kwota tal-produzzjoni u kif ukoll jekk le.

IV

Il-miżuri meħudin skont it-Taqsima II u t-Taqsima III jistgħu jidħlu fis-seħħ biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk jitqiesu l-interessi ta' kull waħda mill-partijiet ikkonċernati;

(b) jekk l-Istat Membru kkonċernat iqis li dawn il-miżuri x'aktarx li se jtejbu l-istruttura tas-setturi tat-tkabbir tal-pitravi u tal-kannamieli u tal-manifattura taz-zokkor;

(c) jekk dawn ikollhom x'jaqsmu ma' impriżi li jkunu stabbiliti fl-istess territorju li għalih tkun ġiet stabbilita l-kwota fl-Anness VI.

V

Meta l-għaqda flimkien jew it-trasferiment iseħħu bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' April tas-sena ta' wara, il-miżuri msemmija fit-Taqsima II u fit-Taqsima III għandhom jidħlu fis-seħħ għas-sena tas-suq li tkun għaddejja.

Meta l-għaqda flimkien jew it-trasferiment iseħħu bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' Settembru tal-istess sena, il-miżuri msemmija fit-Taqsima II u fit-Taqsima III għandhom jidħlu fis-seħħ għas-sena tas-suq ta' wara.

VI

Meta jiġu applikati t-Taqsima II u t-Taqsima III, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwoti aġġustati sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum wara li jiskadu l-perjodi msemmijin fit-Taqsima V.

ANNESS VIII

KWOTI NAZZJONALI GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦALIB U L-PRODOTTI L-OĦRA TAL-ĦALIB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 59

(il-kwantitajiet (f'tunnellati) għal kull perjodu ta' tnax-il xaharġħal kull Stat Membru):

Stat Membru	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12	2012/13	2013/14	2014/15
Il-Belġju	3 427 288,740	3 461 561,627	3 496 177,244	3 531 139,016	3 566 450,406	3 602 114,910	3 602 114,910
Il-Bulgarija	998 580,000	1 008 565,800	1 018 651,458	1,028 837,973	1 039 126,352	1 049 517,616	1 049 517,616
Ir-Repubblika Ċeka	2 792 689,620	2 820 616,516	2 848 822,681	2 877 310,908	2 906 084,017	2 935 144,857	2 935 144,857
Id-Danimarka	4 612 619,520	4 658 745,715	4 705 333,172	4 752 386,504	4 799 910,369	4 847 909,473	4 847 909,473
Il-Ġermanja	28 847 420,391	29 135 894,595	29 427 253,541	29 721 526,076	30 018 741,337	30 318 928,750	30 318 928,750
L-Estonja	659 295,360	665 888,314	672 547,197	679 272,669	686 065,395	692 926,049	692 926,049
L-Irlanda	5 503 679,280	5 558 716,073	5 614 303,234	5 670 446,266	5 727 150,729	5 784 422,236	5 784 422,236
Il-Greċja	836 923,260	845 292,493	853 745,418	862 282,872	870 905,700	879 614,757	879 614,757
Spanja	6 239 289,000	6 301 681,890	6 364 698,709	6 428 345,696	6 492 629,153	6 557 555,445	6 557 555,445
Franza	25 091 321,700	25 342 234,917	25 595 657,266	25 851 613,839	26 110 129,977	26 371 231,277	26 371 231,277
L-Italja	10 740 661,200	11 288 542,866	11 288 542,866	11 288 542,866	11 288 542,866	11 288 542,866	11 288 542,866
Ċipru	148 104,000	149 585,040	151 080,890	152 591,699	154 117,616	155 658,792	155 658,792
Il-Latvja	743 220,960	750 653,170	758 159,701	765 741,298	773 398,711	781 132,698	781 132,698
Il-Litwanja	1 738 935,780	1 756 325,138	1 773 888,389	1 791 627,273	1 809 543,546	1 827 638,981	1 827 638,981
Il-Lussemburgu	278 545,680	281 331,137	284 144,448	286 985,893	289 855,752	292 754,310	292 754,310
L-Ungerija	2 029 861,200	2 050 159,812	2 070 661,410	2 091 368,024	2 112 281,704	2 133 404,521	2 133 404,521
Malta	49 671,960	50 168,680	50 670,366	51 177,070	51 688,841	52 205,729	52 205,729
Il-Pajjiżi l-Baxxi	11 465 630,280	11 580 286,583	11 696 089,449	11 813 050,343	11 931 180,847	12 050 492,655	12 050 492,655
L-Awstrija	2 847 478,469	2 875 953,254	2 904 712,786	2 933 759,914	2 963 097,513	2 992 728,488	2 992 728,488
Il-Polonja	9 567 745,860	9 663 423,319	9 760 057,552	9 857 658,127	9 956 234,709	10 055 797,056	10 055 797,056

Il-Portugall	1 987 521,000	2 007 396,210	2 027 470,172	2 047 744,874	2 068 222,323	2 088 904,546	2 088 904,546
Ir-Rumanija	3 118 140,000	3 149 321,400	3 180 814,614	3 212 622,760	3 244 748,988	3 277 196,478	3 277 196,478
Is-Slovenja	588 170,760	594 052,468	599 992,992	605 992,922	612 052,851	618 173,380	618 173,380
Is-Slovakkja	1 061 603,760	1 072 219,798	1 082 941,996	1 093 771,416	1 104 709,130	1 115 756,221	1 115 756,221
Il-Finlandja	2 491 930,710	2 516 850,017	2 542 018,517	2 567 438,702	2 593 113,089	2 619 044,220	2 619 044,220
L-Isvezja	3 419 595,900	3 453 791,859	3 488 329,778	3 523 213,075	3 558 445,206	3 594 029,658	3 594 029,658
Ir-Renju Unit	15 125 168,940	15 276 420,629	15 429 184,836	15 583 476,684	15 739 311,451	15 896 704,566	15 896 704,566

ANNESS IX

KONTENUT TA' REFERENZA TAX-XAĦAM IMSEMMI FL-ARTIKOLU 63

Stat Membru	grammi għal kull kilogramm
Il-Belġju	36.91
Il-Bulgarija	39.10
Ir-Repubblika Ċeka	42.10
Id-Danimarka	43.68
Il-Ġermanja	40.11
L-Estonja	43.10
Il-Greċja	36.10
Spanja	36.37
Franza	39.48
L-Irlanda	35.81
L-Italja	36.88
Ċipru	34.60
Il-Latvja	40.70
Il-Litwanja	39.90
Il-Lussemburgu	39.17
L-Ungerija	38.50
Il-Pajjiżi l-Baxxi	42.36
L-Awstrija	40.30
Il-Polonja	39.00
Il-Portugall	37.30
Ir-Rumanija	38.50
Is-Slovenja	41.30
Is-Slovakkja	37.10
Il-Finlandja	43.40
L-Isvezja	43.40
Ir-Renju Unit	39.70

ANNESS X

BAĠIT GĦALL-PROGRAMMI TA' APPOĠĠ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 136(1)

F'1 000 Euro

Sena tal-baġit	2009	2010	2011	2012	2013	mill-2014 'il quddiem
BG	15 608	21 234	22 022	27 077	26 742	26 762
CZ	2 979	4 076	4 217	5 217	5 151	5 155
DE	22 891	30 963	32 190	39 341	38 867	38 895
EL	14 286	19 167	19 840	24 237	23 945	23 963
ES	213 820	284 219	279 038	358 000	352 774	353 081
FR	171 909	226 814	224 055	284 299	280 311	280 545
IT(*)	238 223	298 263	294 135	341 174	336 736	336 997
CY	2 749	3 704	3 801	4 689	4 643	4 646
LT	30	37	45	45	45	45
LU	344	467	485	595	587	588
HU	16 816	23 014	23 809	29 455	29 081	29 103
MT	232	318	329	407	401	402
AT	8 038	10 888	11 313	13 846	13 678	13 688
PT	37 802	51 627	53 457	65 989	65 160	65 208
RO	42 100	42 100	42 100	42 100	42 100	42 100
SI	3 522	3 770	3 937	5 119	5 041	5 045
SK	2 938	4 022	4 160	5 147	5 082	5 085
UK	0	61	67	124	120	120

(*) Il-limiti massimi nazzjonali għall-Italja li jikkorrispondu għas-snin 2008, 2009 u 2010 mogħtija fl-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 qed jitnaqqsu b'20 miljun Euro u dawn l-ammonti ddaħħlu fl-ammonti baġitarji tal-Italja għas-snin 2009, 2010 u 2011 kif stabbilit f'din it-tabella.

ANNESS XI

ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 159(3)

- Codex Alimentarius

- Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

ANNESS XII

DEFINIZZJONIJIET, DENOMINAZZJONIJIET U DESKRIZZJONI TAL-BEJGĦ TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 163

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, id-deskrizzjoni tal-bejgħ hija l-isem li taħtu jinbiegħ oġġett tal-ikel, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/13/KE.

Parti I. Laħam ta' annimali tal-ifrat li għandhom tnax-il xahar jew inqas

I. DEFINIZZJONI

Għall-għanijiet ta' din il-Parti ta' dan l-Anness, "laħam" tfisser il-karkassi kollha, il-laħam bl-għadam jew mingħajr għadam, u l-intern, kemm jekk imqattgħin u kemm jekk le, maħsubin għall-konsum mill-bniedem, miksuba minn annimali tal-ifrat li għandhom tnax-il xahar jew inqas, ippreżentati friski, iffriżati jew iffriżati f'temperaturi baxxi ħafna, kemm jekk imgeżwra jew ippakkjati u kemm jekk le.

Mal-qatla, l-annimali tal-ifrat kollha li jkollhom tnax-il xahar jew inqas għandhom jiġu kklassifikati mill-operaturi, taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti, f'waħda miż-żewġ kategoriji li ġejjin:

(A) Il-kategorija V: annimali tal-ifrat li jkollhom tmien xhur jew inqas

Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: V;

(B) Il-kategorija Z: annimali tal-ifrat li jkollhom iktar minn tmien xhur iżda mhux iktar minn tnax-il xahar

Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: Z.

II. DESKRIZZJONIJIET TAL-BEJGĦ

1. Il-laħam ta' annimali tal-ifrat li għandhom tnax-il xahar jew inqas għandu jiġi kkummerċjalizzat fl-Istati Membri biss bid-deskrizzjoni(/bid-deskrizzjonijiet) tal-bejgħ li ġejja(/ġejjin) stabbiliti għal kull Stat Membru:

(A) Għal-laħam tal-annimali tal-ifrat li għandhom tmien xhur jew inqas [(Ittra tal-identifikazzjoni tal-kategorija: V)]:

Pajjiż fejn qed issir il-kummerċjalizzazzjoni	Deskrizzjonijiet tal-bejgħ li għandhom jintużaw
Il-Belġju	veau, viande de veau/kalfsvlees/Kalbfleisch
Il-Bulgarija	месо от малки телета
Ir-Repubblika Ċeka	Telecí
Id-Danimarka	Lyst kalvekød

Il-Ġermanja	**Kalbfleisch**
L-Estonja	**Vasikaliha**
Il-Greċja	**μοσχάρι γάλακτος**
Spanja	**Ternera blanca, carne de ternera blanca**
Franza	**veau, viande de veau**
L-Irlanda	**Veal**
L-Italja	**vitello, carne di vitello**
Ċipru	**μοσχάρι γάλακτος**
Il-Latvja	**Tela gala**
Il-Litwanja	**Veršiena**
Il-Lussemburgu	**veau, viande de veau/Kalbfleisch**
L-Ungerija	**Borjúhús**
Malta	**Vitella**
Il-Pajjiżi l-Baxxi	**Kalfsvlees**
L-Awstrija	**Kalbfleisch**
Il-Polonja	**Cielęcina**
Il-Portugall	**Vitela**
Ir-Rumanija	**carne de vitel**
Is-Slovenja	**Teletina**
Is-Slovakkja	**Teľacie mäso**
Il-Finlandja	**vaalea vasikanliha/ljust kalvkött**
L-Isvezja	**ljust kalvkött**
Ir-Renju Unit	**Veal**

(B) Għal-laħam tal-annimali tal-ifrat li għandhom iktar minn tmien xhur iżda mhux iktar minn tnax-il xahar [(Ittra tal-identifikazzjoni tal-kategorija: Z)]:

Pajjiż fejn qed issir il-kummerċjalizzazzjoni	**Deskrizzjonijiet tal-bejgħ li għandhom jintużaw**
Il-Belġju	**jeune bovin, viande de jeune bovin/jongrundvlees/Jungrindfleisch**
Il-Bulgarija	**Телешко месо**
Ir-Repubblika Ċeka	**hovězí maso z mladého skotu**
Id-Danimarka	**Kalvekød**

Il-Ġermanja	**Jungrindfleisch**
L-Estonja	**noorloomaliha**
Il-Greċja	**νεαρό μοσχάρι**
Spanja	**Ternera, carne de ternera**
Franza	**jeune bovin, viande de jeune bovin**
L-Irlanda	**rosé veal**
L-Italja	**vitellone, carne di vitellone**
Ċipru	**νεαρό μοσχάρι**
Il-Latvja	**jaunlopa gala**
Il-Litwanja	**Jautiena**
Il-Lussemburgu	**jeune bovin, viande de jeune bovin/Jungrindfleisch**
L-Ungerija	**Növendék marha húsa**
Malta	**Vitellun**
Il-Pajjiżi l-Baxxi	**rosé kalfsvlees**
L-Awstrija	**Jungrindfleisch**
Il-Polonja	**młoda wołowina**
Il-Portugall	**Vitelão**
Ir-Rumanija	**carne de tineret bovin**
Is-Slovenja	**meso težjih telet**
Is-Slovakkja	**mäso z mladého dobytka**
Il-Finlandja	**vasikanliha/kalvkött**
L-Isvezja	**Kalvkött**
Ir-Renju Unit	**Beef**

2. Id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ imsemmija fil-punt 1 jistgħu jkollhom magħhom ukoll indikazzjoni tal-isem jew id-denominazzjoni tal-biċċiet tal-laħam jew tal-intern ikkonċernati.

3. Id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ imniżżlin għall-kategorija V fil-punt A tat-tabella mogħtija fil-punt 1 u kwalunkwe isem ġdid li jkun ġej minn dawk id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ għandhom jintużaw biss jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

   B'mod partikulari, it-termini "veau", "telecí", "Kalb", "μοσχάρι", "ternera", "kalv", "veal", "vitello", "vitella", "kalf", "vitela" u "teletina" m'għandhomx jintużaw f'deskrizzjoni tal-bejgħ jew jiġu indikati fuq it-tikketti tal-laħam tal-annimali tal-ifrat li jkollhom iktar minn tnax-il xahar.

4. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1 m'għandhomx japplikaw għal-laħam ta' annimali tal-ifrat li għalihom tkun ġiet irreġistrata denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta skont ir-Regolament (KE) Nru 510/2006 qabel id-29 ta' Ġunju 2007.

Parti II. Prodotti tad-dwieli

(1) Inbid

L-inbid għandu jkun il-prodott miksub esklużivament mill-fermentazzjoni alkoħolika totali jew parzjali tal-għeneb frisk, kemm jekk mgħaffeġ kif ukoll jekk le, jew tal-most.

L-inbid għandu:

(a) ikollu, kemm jekk ikunu ġew applikati l-proċessi speċifikati fit-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness XIII u kemm jekk le, qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 8.5 % tal-volum, sakemm l-inbid ikun ġej esklużivament minn għeneb maqtugħ fiż-żoni tal-vitikultura A u B imsemmija fl-Appendiċi għal dan l-Anness, u ta' mhux inqas minn 9 % tal-volum f'żoni tal-vitikultura oħrajn;

(b) ikollu, b'deroga mill-qawwa alkoħolika effettiva minima ġeneralment applikabbli, meta jkollu denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, kemm jekk ikunu ġew applikati l-proċessi speċifikati fit-Taqsima B tal-Parti II tal-Anness XIII u kemm jekk le, qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux anqas minn 4.5 % tal-volum;

(c) ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux aktar minn 15 % tal-volum. Madankollu, b'deroga:

– il-limitu massimu għall-qawwa alkoħolika totali jista' jilħaq sa 20 % tal-volum għal inbejjed li jkunu ġew prodotti mingħajr ebda tisħiħ tal-inbid minn ċerti żoni tal-vitikultura tal-Unjoni, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1),

– il-limitu massimu għall-qawwa alkoħolika totali jista' jaqbeż il-15 % tal-volum għal inbejjed li jkollhom denominazzjoni protetta tal-oriġini li jkunu ġew prodotti mingħajr tisħiħ tal-inbid;

(d) ikollu, suġġett għal derogi li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), kontenut totali ta' aċidità, espress bħala aċidu tartariku, ta' mhux inqas minn 3.5 grammi għal kull litru jew 46.6 milliekwivalent għal kull litru.

L-inbid tat-tip "retsina" għandu jkun l-inbid prodott esklużivament fit-territorju ġeografiku tal-Greċja permezz tal-most ittrattat bir-raża miż-żnuber (mill-arżnu ta' Aleppo). L-użu tar-raża taż-żnuber huwa permess biss biex jinkiseb l-inbid tat-tip "Retsina" bil-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjoni Griega applikabbli.

B'deroga mill-punt (b), it-"Tokaji eszencia" u t-"Tokajská esencia" huma meqjusin bħala nbid.

Madankollu, minkejja l-Artikolu 163(2), l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu tat-terminu "inbid" jekk:

(a) dan ikun akkumpanjat mill-isem ta' frotta fil-forma ta' isem kompost sabiex jiġu kkummerċjalizzati prodotti tas-suq miksubin mill-fermentazzjoni ta' frott ieħor għajr l-għeneb; jew

(b) dan ikun parti minn isem kompost.

Għandha tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni ma' prodotti li jikkorrispondu mal-kategoriji tal-inbid f'dan l-Anness.

(2) Inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta

L-inbid il-ġdid li jkun għadu qed jiffermenta għandu jkun il-prodott li fih il-fermentazzjoni alkoħolika tkun għadha mhijiex kompluta u li jkun għadu ma nfiridx mill-karfa tiegħu.

(3) Inbid likur

L-inbid likur għandu jkun il-prodott:

(a) li għandu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 15 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 22 % tal-volum;

(b) li għandu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 17.5 % tal-volum, għajr għal ċerti nbejjed likuri li għandhom denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika mniżżla f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1);

(c) li jinkiseb:

– mill-most fil-fermentazzjoni,

– mill-inbid,

– minn kombinament tal-prodotti ta' hawn fuq, jew

– mill-most jew minn taħlita tiegħu mal-inbid fil-każ ta' ċerti nbejjed likuri li għandhom denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1);

(d) li għandu qawwa alkoħolika naturali inizjali ta' mhux inqas minn 12 % tal-volum għajr għal ċerti nbejjed likuri li għandhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta mniżżla f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1);

(e) li miegħu jkun żdied dan li ġej:

(i) individwalment jew flimkien:

– alkoħol newtrali li ġej mid-dwieli, inkluż alkoħol prodott mid-distillazzjoni ta' għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 96 % tal-volum,

– distillat tal-inbid jew tal-għeneb imqadded, li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 52 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 86 % tal-volum;

(ii) flimkien ma' wieħed mill-prodotti li ġejjin jew iżjed fejn xieraq:

– il-most ikkonċentrat,

– kombinament ta' wieħed mill-prodotti msemmija fil-punt (e)(i) mal-most imsemmi fl-ewwel u fir-raba' inċiż tal-punt (c);

(f) li miegħu, b'deroga mill-punt (e), ikun żdied, fil-każ ta' ċerti nbejjed likuri li għandhom denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta mniżżla f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1):

(i) kwalunkwe wieħed mill-prodotti mniżżlin fil-punt (e)(i), individwalment jew flimkien; jew

(ii) wieħed mill-prodotti li ġejjin jew iżjed:

– alkoħol etiliku jew mill-għeneb imqadded li jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 95 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 96 % tal-volum,

– spirti ddistillati mill-inbid jew mir-residwu tal-għasra, li jkollhom qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 52 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 86 % tal-volum,

– spirti ddistillati mill-għeneb imqadded, li jkollhom qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 52 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 94.5 % tal-volum; u

(iii) wieħed mill-prodotti li ġejjin jew iżjed, fejn ikun xieraq:

– il-most parzjalment iffermentat li jkun ġej mill-għeneb imqadded,

– il-most ikkonċentrat miksub permezz tas-sħana diretta, li jkun konformi, ħlief għal din l-operazzjoni, mad-definizzjoni tal-most ikkonċentrat,

– il-most ikkonċentrat,

– kombinament ta' wieħed mill-prodotti msemmija fil-punt (f)(ii) mal-most imsemmi fl-ewwel u fir-raba' inċiż tal-punt (c);

(4) Inbid spumanti

L-inbid spumanti għandu jkun il-prodott:

(a) li jinkiseb permezz tal-ewwel jew it-tieni fermentazzjoni alkoħolika:

– mill-għeneb frisk,

– mill-most, jew

– mill-inbid;

(b) li, meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li jkun ġie eskluživament mill-fermentazzjoni;

(c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa; u

(d) li għalih, il-qawwa alkoħolika totali tat-taħlitiet ta' nbid (il-"cuvées") maħsubin għat-tħejjija tagħhom m'għandhiex tkun inqas minn 8.5 % tal-volum.

(5) Inbid spumanti ta' kwalità

L-inbid spumanti ta' kwalità għandu jkun il-prodott:

(a) li jinkiseb permezz tal-ewwel jew it-tieni fermentazzjoni alkoħolika:

– mill-għeneb frisk,

– mill-most, jew

– mill-inbid;

(b) li, meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li jkun ġie eskluživament mill-fermentazzjoni;

(c) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3.5 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa; u

(d) li għalih, il-qawwa alkoħolika totali tat-taħlitiet ta' nbid (il-"cuvées") maħsubin għat-tħejjija tagħhom m'għandhiex tkun inqas minn 9 % tal-volum.

(6) Inbid spumanti aromatiku ta' kwalità

L-inbid spumanti aromatiku ta' kwalità għandu jkun l-inbid spumanti ta' kwalità:

(a) li jinkiseb biss billi, meta ssir it-taħlita tal-inbid (il-"cuvée"), jintuża most jew most fil-fermentazzjoni li jkun ġej minn varjetajiet tal-għeneb tal-

inbid speċifiċi mniżżlin f'lista li għandha titfassal mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1).

L-inbejjed spumanti aromatiċi ta' kwalità prodotti tradizzjonalment bl-użu ta' nbejjed meta ssir it-taħlita tal-inbid (il-"cuvée"), għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1);

(b) li għandu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa;

(c) li l-qawwa alkoħolika effettiva tiegħu ma tistax tkun ta' inqas minn 6 % tal-volum; u

(d) li l-qawwa alkoħolika totali tiegħu ma tistax tkun ta' inqas minn 10 % tal-volum.

(7) Inbid frizzanti bil-gass

L-inbid frizzanti bil-gass għandu jkun il-prodott li:

(a) jinkiseb minn inbid li m'għandux denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta;

(b) meta jinfetaħ il-kontenitur, jerħi diossidu tal-karbonju li jkun ġej totalment jew parzjalment miż-żieda ta' dak il-gass; u

(c) ikollu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 3 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa.

(8) Inbid semifrizzanti

L-inbid semifrizzanti għandu jkun il-prodott li:

(a) jinkiseb mill-inbid sakemm dak l-inbid ikollu qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn 9 % tal-volum;

(b) ikollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux inqas minn 7 % tal-volum;

(c) ikollu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju endoġeniku fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 1 bar u ta' mhux iktar minn 2.5 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa; u

(d) jitpoġġa f'konteniturі ta' 60 litru jew inqas.

(9) Inbid semifrizzanti bil-gass

L-inbid semifrizzanti bil-gass għandu jkun il-prodott li:

(a) jinkiseb mill-inbid;

(b) ikollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux anqas minn 7 % tal-volum u qawwa alkoħolika totali ta' mhux anqas minn 9 % tal-volum;

(c) ikollu pressjoni żejda, minħabba d-diossidu tal-karbonju li żdied kompletament jew parzjalment fit-taħlita, ta' mhux inqas minn 1 bar u ta' mhux iktar minn 2.5 bar meta jinżamm f'temperatura ta' 20 °Ċ f'konteniturі magħluqa; u

(d) jitpoġġa f'konteniturі ta' 60 litru jew inqas.

(10) Most

Il-most għandu jkun il-prodott likwidu miksub mill-għeneb frisk b'mod naturali jew permezz ta' proċessi fiżiċi. Il-most jista' jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux aktar minn 1 % tal-volum.

(11) Most parzjalment iffermentat

Il-most fil-fermentazzjoni għandu jkun il-prodott miksub mill-fermentazzjoni tal-most li għandu qawwa alkoħolika effettiva ta' aktar minn 1 % tal-volum iżda ta' inqas minn tlieta minn ħamsa tal-qawwa alkoħolika totali tiegħu skont il-volum.

(12) Most parzjalment iffermentat estratt minn għeneb imqadded

Il-most fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded għandu jkun il-prodott li jinkiseb mill-fermentazzjoni parzjali tal-most miksub mill-għeneb imqadded, li l-kontenut totali taz-zokkor tiegħu qabel il-fermentazzjoni huwa ta' mill-inqas 272 gramma għal kull litru u li l-qawwa alkoħolika naturali u effettiva tiegħu m'għandhiex tkun ta' inqas minn 8 % tal-volum. Madankollu, ċerti nbejjed, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx jitqiesu bħala most fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded.

(13) Most ikkonċentrat

Il-most ikkonċentrat għandu jkun il-most li ma jkunx sar karamella li jinkiseb permezz tad-deidratazzjoni parzjali tal-most imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta b'tali mod li ċ-ċifra indikata minn rifrattometru użat skont metodu li għandu jiġi preskritt skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 165(1) u l-Artikolu 172(d) f'temperatura ta' 20 °Ċ ma tkunx ta' inqas minn 50.9 %.

Il-most ikkonċentrat jista' jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux aktar minn 1 % tal-volum.

(14) Most ikkonċentrat u msaffi

Il-most ikkonċentrat u msaffi għandu jkun il-prodott likwidu li ma jkunx sar karamella li:

(a) jinkiseb permezz tad-deidratazzjoni parzjali tal-most imwettqa bi kwalunkwe metodu awtorizzat għajr bis-sħana diretta b'tali mod li ċ-ċifra indikata minn rifrattometru użat skont metodu li għandu jiġi preskritt skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 165(1) u l-Artikolu 172(d) f'temperatura ta' 20 °Ċ ma tkunx ta' inqas minn 61.7 %;

(b) ikun għadda minn trattament awtorizzat għad-deaċidifikazzjoni u għat-tneħħija tal-kostitwenti għajr iz-zokkor;

(c) għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

– pH ta' mhux aktar minn 5 f'valur ta' 25 fuq il-miżien brix,

– densità ottika f'425 nm għal ħxuna ta' 1 ċm ta' mhux aktar minn 0.100 fil-most ikkonċentrat f'valur ta' 25 fuq il-miżien brix,

– kontenut tas-sukrożju li ma jinstabx b'metodu ta' analiżi li għandu jkun iddefinit,

– indiċi folin-ciocalteu ta' mhux aktar minn 6.00 f'valur ta' 25 fuq il-miżien brix,

– aċidità titrabbli ta' mhux aktar minn 15-il milliekwivalent għal kull kilogramm ta' zokkor totali,

– kontenut ta' diossidu tal-kubrit ta' mhux aktar minn 25 milligramma għal kull kilogramm ta' zokkor totali,

– kontenut totali ta' katjoni ta' mhux aktar minn 8 milliekwivalenti għal kull kilogramm ta' zokkor totali,

– konduttività f'valur ta' 25 fuq il-miżien brix u f'20 °Ċ ta' mhux aktar minn 120 mikro-Siemens għal kull ċentimetru,

– kontenut ta' idrossimetilfurfural ta' mhux aktar minn 25 milligramma għal kull kilogramm ta' zokkor totali,

– preżenza ta' meżoinositol.

Il-most ikkonċentrat u msaffi jista' jkollu qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux aktar minn 1 % tal-volum.

(15) Inbid mill-għeneb imqadded

L-inbid mill-għeneb imqadded għandu jkun il-prodott li:

(a) huwa prodott mingħajr tisħiħ tal-inbid, minn għeneb li jkun tħalla fix-xemx jew fid-dell għal deidratazzjoni parzjali;

(b) għandu qawwa alkoħolika totali ta' mill-inqas 16 % tal-volum u qawwa alkoħolika effettiva ta' mill-inqas 9 % tal-volum; u

(c) għandu qawwa alkoħolika naturali ta' mill-inqas 16 % tal-volum (jew 272 gramma zokkor għal kull litru).

(16) Inbid minn għeneb misjur iżżejjed

L-inbid minn għeneb misjur iżżejjed għandu jkun il-prodott li:

(a) huwa prodott mingħajr tisħiħ tal-inbid;

(b) għandu qawwa alkoħolika naturali ta' aktar minn 15 % tal-volum; u

(c) għandu qawwa alkoħolika totali ta' mhux anqas minn 15 % tal-volum u qawwa alkoħolika effettiva ta' mhux anqas minn 12 % tal-volum.

L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu perjodu ta' maturazzjoni għal dan il-prodott.

(17) Ħall tal-inbid

Il-ħall tal-inbid għandu jkun ħall li:

(a) jinkiseb esklużivament permezz tal-fermentazzjoni aċetuża tal-inbid; u

(b) għandu aċidità totali ta' mhux inqas minn 60 gramma għal kull litru espressa bħala aċidu aċetiku.

Parti III. Ħalib u prodotti tal-ħalib

1. It-terminu "ħalib" għandu jfisser esklużivament it-tnixxija mammarja normali miksuba minn taħliba waħda jew iktar mingħajr żidiet jew tneħħijiet.

Madankollu, it-terminu "ħalib" jista' jintuża:

(a) għal ħalib ittrattat mingħajr ma tinbidel il-kompożizzjoni tiegħu jew għal ħalib li l-kontenut tax-xaħam tiegħu huwa standardizzat skont il-Parti IV ta' dan l-Anness;

(b) flimkien ma' kelma jew kliem li juru t-tip, il-grad, l-oriġini u/jew l-użu maħsub tat-tali ħalib jew li jiddeskrivu t-trattament fiżiku jew il-bidla fil-kompożizzjoni li għaliha jkun ġie suġġett, jekk kemm-il darba l-bidla tkun ristretta għal żieda u/jew għal tneħħija ta' kostitwenti naturali tal-ħalib.

2. Għall-għanijiet ta' din il-Parti, "il-prodotti tal-ħalib" tfisser prodotti li jkunu ġejjin esklużivament mill-ħalib, bil-fehim li jistgħu jiżdiedu sustanzi meħtieġa għall-manifattura tagħhom jekk kemm-il darba dawk is-sustanzi ma jintużawx biex jieħdu post, bis-sħiħ jew parzjalment, kwalunkwe kostitwent tal-ħalib.

Dan li ġej għandu jkun riżervat esklużivament għall-prodotti tal-ħalib:

(a) l-ismijiet li ġejjin użati f'kull stadju tal-kummerċjalizzazzjoni:

(i) xorrox,

(ii) krema,

(iii) butir,

(iv) xorrox tal-butir,

(v) żejt tal-butir,

(vi) kaseini,

(vii) xaħam tal-ħalib anidru (AMF),

(viii) ġobon,

(ix) jogurt,

(x) kefir,

(xi) kumis,

(xii) viili/fil,

(xiii) smetana,

(xiv) fil;

(b) ismijiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE li jintużaw fir-realtà għall-prodotti tal-ħalib.

3. It-terminu "ħalib" u d-denominazzjonijiet użati għall-prodotti tal-ħalib jistgħu jintużaw ukoll flimkien ma' kelma jew kliem li juru prodotti komposti li l-ebda parti minnhom ma tieħu jew ma hi beħsiebha tieħu post kwalunkwe kostitwent tal-ħalib u li minnhom il-ħalib jew prodott tal-ħalib huwa parti essenzjali f'termini ta' kwantità jew għall-karatterizzazzjoni tal-prodott.

4. L-oriġini tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li għandha tiġi ddefinita mill-Kummissjoni għandha tkun iddikjarata jekk din ma tkunx bovina.

5. Id-denominazzjonijiet imsemmija fil-punti 1, 2 u 3 ta' din il-Parti ma jistgħu jintużaw għall-ebda prodott ieħor għajr dawk imsemmija f'dak il-punt.

Madankollu, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għad-denominazzjoni ta' prodotti li n-natura eżatta tagħhom hija ċara minn użu tradizzjonali u/jew meta d-denominazzjonijiet jintużaw b'mod ċar biex jiddeskrivu kwalità li hija karatteristika tal-prodott.

6. Fir-rigward ta' prodott ieħor apparti dawk deskritti fil-punti 1, 2 u 3 ta' din il-Parti, l-ebda tikketta, dokument kummerċjali, materjal pubbliċitarju jew xi forma ta' riklamar kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-

Kunsill 2006/114/KE[48] jew xi forma ta' preżentazzjoni ma tista' tintuża li tippretendi, timplika jew tissuġġerixxi li l-prodott huwa prodott tal-ħalib.

Madankollu, fir-rigward ta' prodott li fih il-ħalib jew prodotti tal-ħalib, id-denominazzjoni "ħalib" jew id-denominazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-punt 2 ta' din il-Parti jistgħu jintużaw biss sabiex tiġi deskritta l-materja prima bażika u sabiex jiġu elenkati l-ingredjenti skont id-Direttiva 2000/13/KE.

Parti IV. Ħalib għall-konsum mill-bniedem li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0401

I. Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din il-Parti:

(a) "ħalib" tfisser il-prodott tal-ħlib ta' baqra waħda jew aktar;

(b) "ħalib tax-xorb" tfisser il-prodotti msemmija fil-punt III maħsuba sabiex jitwasslu lill-konsumatur mingħajr ma jiġu pproċessati aktar;

(c) "kontenut tax-xaħam" tfisser il-proporzjon skont il-massa tal-partijiet tax-xaħam tal-ħalib għal kull mitt parti tal-ħalib fil-ħalib ikkonċernat;

(d) "kontenut ta' proteini" tfisser il-proporzjon skont il-massa tal-partijiet ta' proteina għal kull mitt parti tal-ħalib fil-ħalib ikkonċernat (miksub billi l-kontenut totali tan-nitroġenu tal-ħalib espress bħala perċentwali skont il-massa jiġi mmultiplikat b'6.38).

II. Kunsinna jew bejgħ lill-konsumatur finali

(1) Il-ħalib li huwa konformi mar-rekwiżiti stabbiliti għall-ħalib tax-xorb biss jista' jitwassal jew jinbiegħ mingħajr ipproċessar lill-konsumatur finali, jew direttament jewinkella permezz ta' intermedjarju bħar-ristoranti, l-isptarijiet, il-kantins jew forniturі oħra simili li jservu l-massa.

(2) Id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ li għandhom jintużaw għal dawk il-prodotti għandhom ikunu dawk mogħtija fil-punt III ta' din il-Parti. Dawk id-deskrizzjonijiet għandhom jintużaw biss għall-prodotti msemmija f'dak il-punt, mingħajr ħsara għall-użu tagħhom f'deskrizzjonijiet komposti.

(3) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jgħarrfu lill-konsumaturi dwar in-natura u l-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati f'każijiet fejn in-nuqqas ta' din l-informazzjoni x'aktarx twassal għat-taħwid.

III. Ħalib tax-xorb

[48] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħalib tax-xorb:

   (a) ħalib mhux imsajjar: ħalib li ma ssaħħanx ’il fuq minn 40 ºĊ jew li ma kienx suġġett għal trattament b’effett ekwivalenti;

   (b) ħalib sħiħ: ħalib ittrattat bis-sħana li, f’dak li għandu x’jaqsam mal-kontenut tax-xaħam, jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

      (i) ħalib sħiħ standardizzat: ħalib b’kontenut tax-xaħam ta’ mill-inqas 3.50 % (m/m). Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kategorija addizzjonali ta’ ħalib sħiħ b’kontenut tax-xaħam ta’ 4.00 % (m/m) jew aktar,

      (ii) ħalib sħiħ mhux standardizzat: ħalib b’kontenut tax-xaħam li ma nbidilx sa mill-istadju tal-ħlib jew biż-żieda jew bit-tneħħija ta’ xaħmijiet tal-ħalib jew bit-taħlit ma’ ħalib li nbidillu l-kontenut tax-xaħam naturali tiegħu. Madanakollu, il-kontenut tax-xaħam ma jistax ikun ta’ inqas minn 3.50 % (m/m);

   (c) ħalib semixkumat: ħalib ittrattat bis-sħana li l-kontenut tax-xaħam tiegħu tnaqqas għallinqas għal 1.50 % (m/m) u l-aktar għal 1.80 % (m/m);

   (d) ħalib xkumat: ħalib ittrattat bis-sħana li l-kontenut tax-xaħam tiegħu tnaqqas għal mhux aktar minn 0.50 % (m/m).

   Ħalib ittrattat bis-sħana li mhux konformi mar-rekwiżiti tal-kontenut tax-xaħam stabbiliti fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu għandu jitqies bħala ħalib tax-xorb sakemm il-kontenut tax-xaħam ikun indikat b’mod ċar b’ċifra deċimali waħda u b’mod li jinqara faċilment fuq il-pakkett fil-forma ta’ “… % xaħam”. It-tali ħalib m’għandux ikun deskritt bħala ħalib sħiħ, bħala ħalib semixkumat jew bħala ħalib xkumat.

2. Mingħajr ħsara għall-punt 1(b)(ii), il-bidliet li ġejjin biss għandhom ikunu permessi:

   (a) sabiex jintlaħqu l-kontenuti tax-xaħam stabbiliti għall-ħalib tax-xorb, it-tibdil tal-kontenut tax-xaħam naturali permezz tat-tneħħija jew iż-żieda ta’ krema jew iż-żieda ta’ ħalib sħiħ, ħalib semixkumat jew ħalib xkumat;

   (b) l-arrikkiment tal-ħalib bi proteini tal-ħalib, bil-melħ minerali jew bil-vitamini;

   (c) it-tnaqqis tal-kontenut tal-lattosju permezz tal-konverżjoni għall-glukożju u l-galattożju.

   Il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-ħalib imsemmija fil-punti (b) u (c) għandhom ikunu permessi biss jekk ikunu indikati fuq il-pakkett tal-prodott b’tali mod li ma jkunux jistgħu jitħassru u b’tali mod li jkunu jidhru u jinqraw faċilment. Madankollu, it-tali indikazzjoni m’għandhiex

tneħħi l-obbligu dwar it-tikkettar nutrittiv stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE[49]. Fil-każ li jiżdiedu xi proteini, il-kontenut ta' proteini tal-ħalib arrikkit irid ikun ta' 3.8 % (m/m) jew iktar.

Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw jew jipprojbixxu bidliet fil-kompożizzjoni tal-ħalib imsemmija fil-punti (b) u (c).

3. Il-ħalib tax-xorb għandu:

(a) ikollu temperatura ta' ffriżar li tkun qrib it-temperatura medja ta' ffriżar tal-ħalib mhux imsajjar irreġistrata fiż-żona tal-oriġini minn fejn inġabar il-ħalib tax-xorb;

(b) ikollu massa ta' mhux anqas minn 1028 gramma għal kull litru għal ħalib li jkollu 3.5 % (m/m) ta' xaħam f'temperatura ta' 20 °Ċ jew il-piż ekwivalenti għal kull litru għal ħalib li jkollu kontenut tax-xaħam differenti;

(c) ikollu ammont minimu ta' 2.9 % (m/m) ta' proteini għal ħalib li jkollu 3.5 % (m/m) ta' xaħam jew konċentrazzjoni ekwivalenti fil-każ ta' ħalib li jkollu kontenut tax-xaħam differenti.

[49] ĠU L 276, 6.10.1990, p. 40.

Parti V. Prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur

I Din il-Parti ta' dan l-Anness għandha tapplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċjalizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni permezz tan-negozju jew tal-kummerċ, ta' ċerti tipi u preżentazzjonijiet tal-laħam tat-tjur, u ta' preparazzjonijiet u prodotti tal-laħam tat-tjur jew tal-ġewwieni tat-tjur, tal-ispeċijiet li ġejjin:

– *Gallus domesticus*,

– papri,

– wiżż,

– dundjani,

– fargħuni.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal-laħam tat-tjur fis-salmura li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0210 99 39.

II Definizzjonijiet

(1) "laħam tat-tjur" tfisser laħam tat-tjur tajjeb għall-konsum mill-bniedem, li ma għadda minn ebda trattament għajr trattament kiesaħ;

(2) "laħam tat-tjur frisk" tfisser laħam tat-tjur li ma jkun ibbies fl-ebda ħin bil-proċess tat-tkessiħ qabel ma jkun inżamm f'temperatura ta' mhux inqas minn – 2 °Ċ u ta' mhux aktar minn + 4 °Ċ. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti tat-temperatura kemmxejn differenti għat-tul ta' ħin minimu meħtieġ għall-qtugħ u t-trattament ta' laħam tat-tjur frisk fi ħwienet tal-imnut jew f'postijiet li jinsabu ħdejn il-punti tal-bejgħ, fejn il-qtugħ u t-trattament isiru biss bil-għan li l-konsumatur jinqeda fuq il-post;

(3) "laħam tat-tjur iffriżat" tfisser laħam tat-tjur li għandu jiġi ffriżat mill-aktar fis possibbli fil-limiti tal-proċeduri normali ta' tbiċċir u li għandu jinżamm f'temperatura li qatt ma tkun ogħla minn – 12-il °Ċ.

(4) "laħam tat-tjur iffriżat malajr" tfisser laħam tat-tjur li għandu jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn -18-il °Ċ fi kwalunkwe ħin fit-tolleranzi kif previsti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE[50].

(5) "preparazzjoni tal-laħam tat-tjur" tfisser laħam tat-tjur, inkluż laħam tat-tjur li jkun spiċċa f'biċċiet, li miegħu jkunu żdiedu prodotti tal-ikel, ħwawar jew addittivi jew li jkun għadda minn proċessi li ma jkunux biżżejjed biex jibdlu l-istruttura tal-fibra interna tal-muskolu tal-laħam;

(6) "preparazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk" tfisser preparazzjoni ta' laħam tat-tjur li għaliha jkun intuża laħam tat-tjur frisk.

---

[50] ĠU L 40, 11.2.1999, p. 34.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti tat-temperatura kemmxejn differenti li għandhom jiġu applikati għat-tul ta' ħin minimu meħtieġ u biss sal-punt meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-qtugħ u t-trattament imwettaq fil-fabbrika matul il-produzzjoni tal-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur frisk;

(7) "prodott tal-laħam tat-tjur" tfisser prodott tal-laħam kif iddefinit fil-punt 7.1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li għalih ikun intuża l-laħam tat-tjur.

Parti VI. Xaħmijiet li jistgħu jiddelku

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 163 ma jistgħux jiġu fornuti jew ittrasferiti lill-konsumatur aħħari mingħajr ipproċessar, la direttament u lanqas permezz ta' ristoranti, sptarijiet, kantins jew stabbilimenti oħra simili, sakemm ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

Id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti għandhom ikunu dawk speċifikati f'din il-Parti.

Id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ t'hawn taħt għandhom ikunu rriżervati għall-prodotti ddefiniti fihom li jkollhom il-kodiċijiet tan-NM ta' warajhom u li jkollhom kontenut tax-xaħam ta' mill-inqas 10 % mill-piż iżda ta' inqas minn 90% minnu:

(a) xaħmijiet tal-ħalib li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0405 u ex 2106;

(b) xaħmijiet li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru ex 1517;

(c) xaħmijiet magħmula minn prodotti tal-pjanti u/jew tal-annimali li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri ex 1517 u ex 2106.

Il-kontenut ta' xaħam eskluż il-melħ għandu jkun ta' mill-inqas żewġ terzi tal-materja niexfa.

Madankollu, dawn id-deskrizzjonijiet tal-bejgħ għandhom japplikaw biss għal prodotti li jibqgħu solidi f'temperatura ta' 20 °Ċ, u li huma adattati biex jiddelku.

Dawn id-definizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal:

(a) id-denominazzjoni ta' prodotti li n-natura eżatta tagħhom hija ċara minn użu tradizzjonali u/jew meta d-denominazzjonijiet jintużaw b'mod ċar biex jiddeskrivu kwalità li hija karatteristika tal-prodott;

(b) prodotti kkonċentrati (butir, marġerina, taħlitiet) b'kontenut tax-xaħam ta' 90 % jew iktar.

Grupp tax-xaħam	Deskrizzjoni tal-bejgħ	Kategoriji tal-prodotti
Definizzjonijiet		Deskrizzjoni addizzjonali tal-kategorija b'indikazzjoni tal-perċentwal tal-kontenut tax-xaħam skont il-piż
A. Xaħmijiet tal-ħalib Prodotti fil-forma ta' emulsjoni solida, malleabbli, l-iktar tat-tip tal-ilma fiż-żejt, miksuba esklużivament mill-ħalib u/jew minn ċerti prodotti tal-ħalib, li fihom ix-xaħam huwa l-kostitwent essenzjali ta' valur. Madankollu, jistgħu jiżdiedu sustanzi oħra meħtieġa għall-manifattura tagħhom, jekk kemm-il darba dawk is-sustanzi ma jintużawx sabiex jieħdu post, bis-sħiħ jew parzjalment, xi kostitwent tal-ħalib.	1. Il-butir 2. Butir tliet kwarti xaħam (*) 3. Butir nofs xaħam (**) 4. Prodotti tal-ħalib li jistgħu jiddelku ta' X %	Il-prodott li għandu kontenut tax-xaħam tal-ħalib ta' mhux inqas minn 80 % iżda ta' inqas minn 90 %, kontenut massimu tal-ilma ta' 16 % u kontenut massimu ta' materjal tal-ħalib niexef u mhux xaħmi ta' 2 %. Il-prodott li għandu kontenut tax-xaħam tal-ħalib ta' mhux inqas minn 60 % iżda ta' mhux aktar minn 62 %. Il-prodott li għandu kontenut tax-xaħam tal-ħalib ta' mhux inqas minn 39 % iżda ta' mhux aktar minn 41 %. Il-prodott li għandu l-kontenut ta' xaħam tal-ħalib li ġej: - inqas minn 39 %, - aktar minn 41 % iżda inqas minn 60 %, - aktar minn 62 % iżda inqas minn 80 %.
B. Xaħmijiet Prodotti fil-forma ta' emulsjoni solida, malleabbli, l-iktar tat-tip tal-ilma fiż-żejt, miksuba minn xaħmijiet solidi u/jew likwidi veġetali u/jew tal-annimali adattati għall-konsum mill-bniedem, li fihom kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' mhux aktar minn 3 % tal-kontenut tax-xaħam.	1. Marġerina 2. Marġerina tliet kwarti xaħam (***) 3. Marġerina nofs xaħam (****) 4. Xaħam li jista' jiddellek ta' X %	Il-prodott miksub minn xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 80 % iżda ta' inqas minn 90 %. Il-prodott miksub minn xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 60 % iżda ta' mhux aktar minn 62 %. Il-prodott miksub minn xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 39 % iżda ta' mhux aktar minn 41 %. Il-prodott miksub minn xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu l-kontenut tax-xaħam li ġej: - inqas minn 39 %, - aktar minn 41 % iżda inqas minn 60 %, - aktar minn 62 % iżda inqas minn 80 %.

Grupp tax-xaħam	Deskrizzjoni tal-bejgħ	Kategoriji tal-prodotti
Definizzjonijiet		Deskrizzjoni addizzjonali tal-kategorija b'indikazzjoni tal-perċentwal tal-kontenut tax-xaħam skont il-piż
C. Xaħmijiet magħmula minn prodotti tal-pjanti u/jew tal-annimali Prodotti fil-forma ta' emulsjoni solida, malleabbli, l-iktar tat-tip tal-ilma fiż-żejt, miksuba minn xaħmijiet solidi u/jew likwidi veġetali u/jew tal-annimali adattati għall-konsum mill-bniedem, li fihom kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' bejn 10 % u 80% tal-kontenut tax-xaħam.	1. Taħlita 2. Taħlita tliet kwarti xaħam (*****) 3. Taħlita nofs xaħam (******) 4. Taħlita li tista' tiddellek ta' X %	Il-prodott miksub minn taħlita ta' xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 80 % iżda ta' inqas minn 90 %. Il-prodott miksub minn taħlita ta' xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 60 % iżda ta' mhux aktar minn 62 %. Il-prodott miksub minn taħlita ta' xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu kontenut tax-xaħam ta' mhux inqas minn 39 % iżda ta' mhux aktar minn 41 %. Il-prodott miksub minn taħlita ta' xaħmijiet veġetali u/jew tal-annimali li għandu l-kontenut tax-xaħam li ġej: - inqas minn 39 %, - aktar minn 41 % iżda inqas minn 60 %, - aktar minn 62 % iżda inqas minn 80 %.

(*) jikkorrispondi għal "smør 60" bid-Daniż.

(**) jikkorrispondi għal "smør 40" bid-Daniż.

(***) tikkorrispondi għal "margarine 60" bid-Daniż.

(****) tikkorrispondi għal "margarine 60" bid-Daniż.

(*****) tikkorrispondi għal "blandingsprodukt 60" bid-Daniż.

(******) tikkorrispondi għal "blandingsprodukt 40" bid-Daniż.

Nota: Il-komponent tax-xaħam tal-ħalib tal-prodotti mniżżlin f'din il-Parti jista' jinbidel biss bi proċessi fiżiċi.

Parti VII. Deskrizzjonijiet u definizzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ

L-użu tad-deskrizzjonijiet u d-definizzjonijiet taż-żjut taż-żebbuġa u taż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ stabbiliti f'din il-Parti għandu jkun obbligatorju f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti kkonċernati fl-Unjoni u, safejn ikun kompatibbli ma' regoli obbligatorji internazzjonali, fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

Iż-żjut imsemmija fil-punti 1(a) u (b), 3 u 6 ta' din il-Parti biss jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

(1) ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI

Żjut miksuba mill-frott tas-siġra taż-żebbuġ permezz ta' mezzi mekkaniċi jew fiżiċi oħra biss b'kundizzjonijiet li ma jwasslux għal bidliet fiż-żejt, li ma jkunux għaddew minn xi trattament ieħor għajr għall-ħasil, id-dikantar, il-frid b'azzjoni ċentrifuga jew il-filtrazzjoni, bl-esklużjoni ta' żjut miksuba bl-użu ta' solventi jew ta' aġġuvanti li għandhom azzjoni kimika jew bijokimika, jew bi proċess tar-riesterifikazzjoni u bi kwalunkwe taħlita ma' żjut ta' xort'oħra.

Iż-żjut taż-żebbuġa verġni huma kklassifikati u deskritti esklużivament hekk kif ġej:

(a) Żejt taż-żebbuġa straverġni

Żejt taż-żebbuġa verġni li l-aċidità libera massima tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, hija ta' 0.8 grammi għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(b) Żejt taż-żebbuġa verġni

Żejt taż-żebbuġa verġni li l-aċidità libera massima tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, hija ta' 2 grammi għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(c) Żejt taż-żebbuġa "lampante"

Żejt taż-żebbuġa verġni li l-aċidità libera tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, hija ta' iżjed minn 2 grammi għal kull 100 gramma, u/jew li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(2) ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA RAFFINAT

Żejt taż-żebbuġa miksub mir-raffinar taż-żejt taż-żebbuġa verġni, li l-aċidità libera tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, mhijiex ta' aktar minn 0.3 grammi għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(3) ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA – MAGĦMUL MINN ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA RAFFINATI U MINN ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI

Żejt taż-żebbuġa miksub mit-taħlit taż-żejt taż-żebbuġa raffinat u taż-żejt taż-żebbuġa verġni għajr għaż-żejt taż-żebbuġa "lampante", li l-aċidità libera tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, mhijiex ta' iżjed minn 1 gramma għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(4) ŻEJT MHUX RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEBBUĠ

Żejt miksub mir-residwi taż-żebbuġ permezz ta' trattament b'solventi jew b'mezzi fiżiċi jew żejt li jikkorrispondi maż-żejt taż-żebbuġa "lampante", ħlief għal ċerti karatteristiċi speċifikati, għajr iż-żejt miksub permezz tar-riesterifikazzjoni u permezz ta' taħlitiet ma' żjut ta' xort'oħra, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(5) ŻEJT RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEBBUĠ

Żejt miksub mir-raffinar taż-zejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ, li l-aċidità libera tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, mhijiex ta' iżjed minn 0.3 grammi għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

(6) ŻEJT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEBBUĠ

Żejt miksub mit-taħlit taż-zejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa verġni ħlief għaż-żejt taż-żebbuġa "lampante", li l-aċidità libera tiegħu, f'termini ta' aċidu olejku, mhijiex ta' iżjed minn 1 gramma għal kull 100 gramma, u li l-karatteristiċi l-oħra tiegħu jikkonformaw ma' dawk stabbiliti għal din il-kategorija.

Appendiċi għall-Anness XII (imsemmi fil-Parti II)

Żoni ta' vitikultura

Iż-żoni ta' vitikultura għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(1) Iż-żona ta' vitikultura A tħaddan fiha:

(a) fil-Ġermanja: iż-żoni mħawlin bid-dwieli minbarra dawk inklużi fil-punt 2(a);

(b) fil-Lussemburgu: ir-reġjun tal-vitikultura tal-Lussemburgu;

(c) fil-Belġju, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja, fl-Isvezja u fir-Renju Unit: iż-żoni ta' vitikultura ta' dawn il-pajjiżi;

(d) fir-Repubblika Ċeka: ir-reġjun tal-vitikultura ta' Čechy.

(2) Iż-żona ta' vitikultura B tħaddan fiha:

(a) fil-Ġermanja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjun speċifikat ta' Baden;

(b) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fid-dipartimenti li ma jissemmewx f'dan l-Anness u fid-dipartimenti li ġejjin:

– f'Alsace: Bas-Rhin, Haut-Rhin,

– f'Lorraine: Meurthe-et-Moselle, Meuse, Moselle, Vosges,

– f'Champagne: Aisne, Aube, Marne, Haute-Marne, Seine-et-Marne,

– fil-Jura: Ain, Doubs, Jura, Haute-Saône,

– f'Savoie: Savoie, Haute-Savoie, Isère (commune de Chapareillan),

– fil-Val de Loire: Cher, Deux-Sèvres, Indre, Indre-et-Loire, Loir-et-Cher, Loire-Atlantique, Loiret, Maine-et-Loire, Sarthe, Vendée, Vienne, u ż-żoni mħawlin bid-dwieli fid-distrett amministrattiv (l-"arrondissement") ta' Cosne-sur-Loire fid-dipartiment ta' Nièvre;

(c) fl-Awstrija, iż-żona tal-vitikultura Awstrijaka;

(d) fir-Repubblika Ċeka, ir-reġjun tal-vitikultura ta' Morava u ż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhumiex inklużi fil-punt 1(d);

(e) fis-Slovakkja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Malokarpatská vinohradnícka oblast, Južnoslovenská vinohradnícka oblast, Nitrianska vinohradnícka oblast, Stredoslovenská vinohradnícka oblast, Východoslovenská vinohradnícka oblast u ż-żoni tal-vitikultura li mhumiex inklużi fil-punt 3(f);

(f) fis-Slovenja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin:

– fir-reġjun ta' Podravje: Štajerska Slovenija, Prekmurje,

– fir-reġjun ta' Posavje: Bizeljsko Sremič, Dolenjska u Bela krajina, u ż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li mhumiex inklużi fil-punt 4(d);

(g) fir-Rumanija, fiż-żona ta' Podișul Transilvaniei.

(3) Iż-żona ta' vitikultura C I tħaddan fiha:

(a) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli:

– fid-dipartimenti li ġejjin: Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Hautes-Alpes, Alpes-Maritimes, Ariège, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Corrèze, Côte-d'Or, Dordogne, Haute-Garonne, Gers, Gironde, Isère (ħlief għall-komun ta' Chapareillan), Landes, Loire, Haute-Loire, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Nièvre (ħlief għad-distrett amministrattiv (l-"arrondissement") ta' Cosne-sur-Loire), Puy-de-Dôme, Pyrénées-Atlantiques, Hautes-Pyrénées, Rhône, Saône-et-Loire, Tarn, Tarn-et-Garonne, Haute-Vienne, Yonne,

– fid-distretti amministrattivi (l-“arrondissements”) ta’ Valence u Die fid-dipartiment ta’ Drôme (ħlief għad-distretti awtonomi (il-“cantons”) ta’ Dieulefit, Loriol, Marsanne u Montélimar),

– fid-distrett amministrattiv (l-“arrondissement”) ta’ Tournon, fid-distretti awtonomi (il-“cantons”) ta’ Antraigues, Burzet, Coucouron, Montpezat-sous-Bauzon, Privas, Saint-Etienne de Lugdarès, Saint-Pierreville, Valgorge u la Voulte-sur-Rhône tad-dipartiment ta’ Ardèche;

(b) fl-Italja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjun ta’ Valle d’Aosta u fil-provinċji ta’ Sondrio, Bolzano, Trento u Belluno;

(c) fi Spanja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fil-provinċji ta’ A Coruña, Asturias, Cantabria, Guipúzcoa u Vizcaya;

(d) fil-Portugall, iż-żoni mħawlin bid-dwieli f’dik il-parti tar-reġjun ta’ Norte li tikkorrispondi maż-żona tal-inbid imsejħa “Vinho Verde” kif ukoll il-“Concelhos de Bombarral, Lourinhã, Mafra e Torres Vedras” (ħlief għall-“Freguesias da Carvoeira e Dois Portos”), li jiffurmaw parti mir-reġjun imsejjaħ “Região viticola da Extremadura”,

(e) fl-Ungerija, iż-żoni kollha mħawlin bid-dwieli,

(f) fis-Slovakkja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjun ta’ Tokajská vinohradnícka oblast,

(g) fir-Rumanija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhumiex inklużi fil-punt 2(g) jew 4(f).

(4) Iż-żona ta’ vitikultura C II tħaddan fiha:

(a) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli:

– fid-dipartimenti li ġejjin: Aude, Bouches-du-Rhône, Gard, Hérault, Pyrénées-Orientales (ħlief għad-distretti awtonomi (il-“cantons”) ta’ Olette u Arles-sur-Tech), Vaucluse,

– fil-parti tad-dipartiment ta’ Var li jmiss fin-naħa t’isfel mal-konfini ta’ fuq tal-komuni ta’ Evenos, Le Beausset, Solliès-Toucas, Cuers, Puget-Ville, Collobrières, La Garde-Freinet, Plan-de-la-Tour u Sainte-Maxime,

– fid-distrett amministrattiv (l-“arrondissement”) ta’ Nyons u fid-distrett awtonomu (il-“canton”) ta’ Loriol-sur-Drôme fid-dipartiment ta’ Drôme,

– f’dawk il-partijiet tad-dipartiment ta’ Ardèche li mhumiex imniżżlin fil-punt 3(a);

(b) fl-Italja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Abruzzo, Campania, Emilia-Romagna, Friuli-Venezia Giulia, Lazio, Liguria, Lombardia (ħlief għall-provinċja ta’ Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Toscana, Umbria, Veneto (ħlief għall-provinċja ta’ Belluno), inklużi l-gżejjer li jiffurmaw parti

minn dawk ir-reġjuni, bħall-gżira ta' Elba u l-gżejjer l-oħrajn tal-arċipelagu Toskan, il-gżejjer Ponziane, Capri u Ischia;

(c) fi Spanja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fil-provinċji li ġejjin:

– Lugo, Orense, Pontevedra,

– Ávila (ħlief għall-komuni li jikkorrispondu mal-inbid imsejjaħ "comarca" ta' Cebreros), Burgos, León, Palencia, Salamanca, Segovia, Soria, Valladolid, Zamora,

– La Rioja,

– Álava,

– Navarra,

– Huesca,

– Barcelona, Girona, Lleida,

– f'dik il-parti tal-provinċja ta' Zaragoza li tinsab fit-Tramuntana tax-xmara Ebro,

– f'dawk il-komuni tal-provinċja ta' Tarragona inklużi fid-denominazzjoni tal-oriġini ta' "Penedés",

– f'dik il-parti tal-provinċja ta' Tarragona li tikkorrispondi mal-inbid imsejjaħ "comarca" ta' Conca de Barberá;

(d) fis-Slovenja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Brda jew Goriška Brda, Vipavska dolina jew Vipava, Kras u Slovenska Istra;

(e) fil-Bulgarija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Dunavska Ravnina (Дунавска равнина), Chernomorski Rayon (Черноморски район), Rozova Dolina (Розова долина);

(f) fir-Rumanija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin:

Dealurile Buzăului, Dealu Mare, Severinului u Plaiurile Drâncei, Colinele Dobrogei, Terasele Dunării, ir-reġjun tal-inbid tan-Nofsinhar, inklużi r-ramel u reġjuni favorevoli oħrajn.

(5) Iż-żona ta' vitikultura C III (a) tħaddan fiha:

(a) fil-Greċja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fin-"nomoi" li ġejjin: Florina, Imathia, Kilkis, Grevena, Larisa, Ioannina, Levkas, Akhaia, Messinia, Arkadia, Korinthia, Iraklio, Khania, Rethimni, Samos, Lasithi u l-gżira ta' Thira (Santorini);

(b) f'Ċipru, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li jinsabu f'altitudni ta' aktar minn 600 metru;

(c) fil-Bulgarija, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhumiex inklużi fil-punt 4(e).

(6) Iż-żona ta' vitikultura C III (b) tħaddan fiha:

(a) fi Franza, iż-żoni mħawlin bid-dwieli:

– fid-dipartimenti ta' Corsica,

– f'dik il-parti tad-dipartiment ta' Var li tinsab bejn il-baħar u linja li għandha l-konfini tagħha mal-komuni (li huma inklużi wkoll) ta' Evenos, Le Beausset, Solliès-Toucas, Cuers, Puget-Ville, Collobrières, La Garde-Freinet, Plan-de-la-Tour u Sainte-Maxime,

– fid-distretti awtonomi (il-"cantons") ta' Olette u Arles-sur-Tech fid-dipartiment ta' Pyrénées-Orientales;

(b) fl-Italja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li ġejjin: Calabria, Basilicata, Apulia, Sardinja u Sqallija, inklużi l-gżejjer li jiffurmaw parti minn dawk ir-reġjuni, bħal Pantellerija u l-gżejjer ta' Lipari u Egadi u l-gżejjer Pelaġji;

(c) fil-Greċja, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhumiex imniżżlin fil-punt 5(a);

(d) fi Spanja: iż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhumiex inklużi fil-punti 3(c) jew 4(c);

(e) fil-Portugall, iż-żoni mħawlin bid-dwieli fir-reġjuni li mhumiex inklużi fil-punt 3(d);

(f) f'Ċipru, iż-żoni mħawlin bid-dwieli li jinsabu f'altitudni ta' mhux aktar minn 600 metru;

(g) f'Malta, iż-żoni mħawlin bid-dwieli.

Id-demarkazzjoni tat-territorji koperti mill-unitajiet amministrattivi msemmija f'dan l-Anness hija dik li ġejja mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 1981 u, għal Spanja, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986 u, għall-Portugall, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.

ANNESS XIII
Parti I
It-tisħiħ tal-inbid, l-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni f'ċerti żoni tal-vitikultura

A. Limiti tat-tisħiħ tal-inbid

1. Fejn il-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu għamluha meħtieġa, f'ċerti żoni tal-vitikultura tal-Unjoni msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu li tiġi ssupplimentata l-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum tal-għeneb frisk, tal-most, tal-most fil-fermentazzjoni, tal-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta u tal-inbid miksub minn varjetajiet tal-għeneb tal-inbid li jistgħu jiġu kklassifikati skont l-Artikolu 166.

2. Iż-żieda fil-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum għandha tinkiseb permezz tal-prattiki enoloġiċi msemmija fit-Taqsima B u m'għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

   (a) 3 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura A msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

   (b) 2 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

   (c) 1.5 % tal-volum fiż-żoni ta' vitikultura C imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII.

3. Fi snin meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment mhux favorevoli, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-limitu stabbilit (/il-limiti stabbiliti) fil-punt 2 jiżdied (/jiżdiedu) b'0.5 %. Bi tweġiba għal talba bħal din, il-Kummissjoni għandha tadotta, bis-setgħat kif imsemmija fl-Artikolu 172, l-att ta' implimentazzjoni malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex tieħu deċiżjoni fi żmien erba' ġimgħat minn meta tkun saret it-talba.

B. Proċessi tat-tisħiħ tal-inbid

1. Iż-żieda fil-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum li dwarha hemm dispożizzjoni fit-Taqsima A għandha ssir biss:

   (a) fir-rigward tal-għeneb frisk, tal-most fil-fermentazzjoni jew tal-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta, billi jiżdied is-sukrożju, il-most ikkonċentrat jew il-most ikkonċentrat u msaffi;

   (b) fir-rigward tal-most, billi jiżdied is-sukrożju, il-most ikkonċentrat jew il-most ikkonċentrat u msaffi, jew permezz ta' konċentrazzjoni parzjali, fosthom l-ożmożi inversa;

   (c) fir-rigward tal-inbid, permezz ta' konċentrazzjoni parzjali permezz tat-tkessiħ.

2. Il-proċessi msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu jeskludu lil xulxin f'każijiet fejn l-inbid jew il-most ikun issaħħaħ bil-most ikkonċentrat jew bil-most ikkonċentrat u msaffi u tkun tħallset għajnuna skont l-Artikolu 103y tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Iż-żieda tas-sukrożju li dwarha hemm dispożizzjoni fil-punti 1(a) u (b) tista' titwettaq biss permezz taż-żieda taz-zokkor fix-xott u fiż-żoni li ġejjin biss:

   (a) fiż-żona ta' vitikultura A msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

   (b) fiż-żona ta' vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

   (c) fiż-żona ta' vitikultura C imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII,

   ħlief għall-vinji fl-Italja, fil-Greċja, fi Spanja, fil-Portugall, f'Ċipru u l-vinji fid-dipartimenti Franċiżi li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-appell ta':

   – Aix-en-Provence,

   – Nîmes,

   – Montpellier,

   – Toulouse,

   – Agen,

   – Pau,

   – Bordeaux,

   – Bastia.

   Madankollu, it-tisħiħ tal-inbid permezz taż-żieda taz-zokkor fix-xott jista' jiġi awtorizzat mill-awtoritajiet nazzjonali bħala eċċezzjoni fid-dipartimenti Franċiżi msemmija hawn fuq. Franza għandha tgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' dan it-tip.

4. Iż-żieda tal-most ikkonċentrat jew tal-most ikkonċentrat u msaffi m'għandhiex ikollha l-effett li żżid il-volum inizjali tal-għeneb frisk misħuq, tal-most, tal-most fil-fermentazzjoni jew tal-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta b'iktar minn 11 % fiż-żona ta' vitikultura A, b'iktar minn 8 % fiż-żona ta' vitikultura B u b'iktar minn 6.5 % fiż-żona ta' vitikultura C imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII.

5. Il-konċentrazzjoni tal-most jew tal-inbid li tkun suġġetta għall-proċessi msemmija fil-punt 1:

   (a) m'għandhiex ikollha l-effett li tnaqqas il-volum inizjali ta' dawn il-prodotti b'iktar minn 20 %;

(b) minkejja l-punt (2)(c) tat-Taqsima A, m'għandhiex iżżid il-qawwa alkoħolika naturali ta' dawn il-prodotti b'iktar minn 2 % tal-volum.

6. Il-proċessi msemmija fil-punti 1 u 5 m'għandhomx iżidu l-qawwa alkoħolika totali tal-ħeneb frisk, tal-most, tal-most fil-fermentazzjoni, tal-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta jew tal-inbid:

(a) għal iktar minn 11.5 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura A msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

(b) għal iktar minn 12 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

(c) għal iktar minn 12.5 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura C I imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

(d) għal iktar minn 13 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura C II imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII; u

(e) għal iktar minn 13.5 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura C III msemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII.

7. B'deroga mill-punt 6, l-Istati Membri jistgħu:

(a) fir-rigward tal-inbid aħmar, iżidu l-limitu massimu tal-qawwa alkoħolika totali tal-prodotti msemmija fil-punt 6 għal 12 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura A u għal 12.5 % tal-volum fiż-żona ta' vitikultura B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

(b) iżidu l-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-prodotti msemmija fil-punt 6 għall-produzzjoni tal-inbejjed b'denominazzjoni tal-oriġini għal livell li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

C. L-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni

1. L-ħeneb frisk, il-most, il-most fil-fermentazzjoni, l-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta u l-inbid jistgħu jkunu suġġetti:

(a) għad-deaċidifikazzjoni fiż-żoni ta' vitikultura A, B u C I imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII;

(b) għall-aċidifikazzjoni u għad-deaċidifikazzjoni fiż-żoni ta' vitikultura C I, C II u C III (a) imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII, mingħajr ħsara għall-punt 7 ta' din it-Taqsima; jew

(c) għall-aċidifikazzjoni fiż-żona ta' vitikultura C III (b) imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII.

2. L-aċidifikazzjoni tal-prodotti, għajr l-inbid, imsemmija fil-punt 1, tista' ssir biss sa limitu ta' 1.50 grammi għal kull litru, espress bħala aċidu tartariku, jew ta' 20 milliekwivalent għal kull litru.

3. L-aċidifikazzjoni tal-inbejjed tista' ssir biss sa limitu ta' 2.50 grammi għal kull litru, espress bħala aċidu tartariku, jew ta' 33.3 milliekwivalent għal kull litru.

4. Id-deaċidifikazzjoni tal-inbejjed tista' ssir biss sa limitu ta' 1 gramma għal kull litru, espress bħala aċidu tartariku, jew ta' 13.3 milliekwivalent għal kull litru.

5. Il-most maħsub għall-konċentrazzjoni jista' jiġi deaċidifikat parzjalment.

6. Minkejja l-punt 1, fi snin meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-aċidifikazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt 1 fiż-żoni ta' vitikultura A u B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII, bil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 2 u 3 ta' din it-Taqsima.

7. L-aċidifikazzjoni u t-tisħiħ tal-inbid, għajr b'deroga li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), u l-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni tal-istess prodott għandhom ikunu proċessi li jeskludu lil xulxin.

D. Il-proċessi

1. L-ebda wieħed mill-proċessi msemmija fit-Taqsimiet B u C, ħlief għall-aċidifikazzjoni u għad-deaċidifikazzjoni tal-inbejjed, m'għandu jiġi awtorizzat sakemm ma jsirx, b'kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), fiż-żmien meta l-għeneb frisk, il-most, il-most fil-fermentazzjoni jew l-inbid ġdid li jkun għadu qed jiffermenta jkunu qed jinbidlu f'inbid jew fi kwalunkwe xarba oħra maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem imsemmija fl-Artikolu 1(1)(l) għajr l-inbid spumanti jew l-inbid frizzanti bil-gass fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun inqata' l-għeneb frisk użat.

2. Il-konċentrazzjoni tal-inbejjed għandha ssir fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun inqata' l-għeneb frisk użat.

3. L-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni tal-inbejjed għandhom isiru biss fl-impriża fejn jiġi prodott l-inbid u fiż-żona ta' vitikultura fejn ikun inqata' l-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbid ikkonċernat.

4. Kull wieħed mill-proċessi msemmija fil-punti 1, 2 u 3 għandu jiġi mgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti. L-istess japplika għall-kwantitajiet tal-most ikkonċentrat, tal-most ikkonċentrat u msaffi jew tas-sukrożju, miżmuma, fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, minn persuni jew minn gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, b'mod partikulari mill-produtturi, mill-bottiljaturi, mill-proċessuri u min-negozjanti, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), fl-istess żmien u fl-istess post bħall-għeneb frisk, il-most, il-most fil-fermentazzjoni jew l-inbid bl-ingrossa. Madankollu, in-notifika ta' dawn il-kwantitajiet tista' tinbidel bid-dħul f'reġistru tal-prodotti li jidħlu u tal-użu tal-ħażniet.

5. Kull wieħed mill-proċessi msemmija fit-Taqsimiet B u C għandu jiġi rreġistrat fid-dokument ta' akkumpanjament, kif previst fl-Artikolu 306, li permezz tiegħu l-prodotti li jkunu għaddew mill-proċessi jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni.

6. Dawk il-proċessi, suġġetti għal derogi ġġustifikati minn kundizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali, ma jistgħux jitwettqu:

   (a) fiż-żona ta' vitikultura Ċ imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII wara l-1 ta' Jannar;

   (b) fiż-żoni ta' vitikultura A u B imsemmija fl-Appendiċi għall-Anness XII wara s-16 ta' Marzu, u

   għandhom jitwettqu biss għall-prodotti tal-ħsad tal-għeneb li jkun sar immedjatament qabel dawk id-dati.

7. Minkejja l-punt 6, il-konċentrazzjoni permezz tat-tkessiħ u l-aċidifikazzjoni u d-deaċidifikazzjoni tal-inbejjed tista' ssir matul is-sena kollha.

Parti II
Restrizzjonijiet

A. Restrizzjonijiet ġenerali

1. Il-prattiki enoloġiċi awtorizzati kollha għandhom jeskludu ż-żieda tal-ilma, ħlief fejn dan ikun meħtieġ minħabba bżonn tekniku speċifiku.

2. Il-prattiki enoloġiċi awtorizzati kollha għandhom jeskludu ż-żieda tal-alkoħol, ħlief għall-prattiki marbutin mal-kisba tal-most frisk bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol, l-inbid likur, l-inbid spumanti, l-inbid imqawwi għad-distillazzjoni u l-inbid semifrizzanti.

3. L-inbid imqawwi għad-distillazzjoni għandu jintuża biss għad-distillazzjoni.

B. L-għeneb frisk, il-most u l-meraq tal-għeneb

1. Il-most frisk li l-fermentazzjoni tiegħu titmewwet biż-żieda tal-alkoħol għandu jintuża biss matul il-fażi tal-preparazzjoni ta' prodotti li ma jaqgħux fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 2204 10, 2204 21 u 2204 29. Dan huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni aktar stretta li l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-preparazzjoni, fit-territorju tagħhom, ta' prodotti li ma jaqgħux fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 2204 10, 2204 21 u 2204 29.

2. Il-meraq tal-għeneb u l-meraq tal-għeneb ikkonċentrat ma jistgħux jinbidlu f'inbid jew jiżdiedu mal-inbid. Huma ma jistgħux jgħaddu minn fermentazzjoni alkoħolika fit-territorju tal-Unjoni.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-punti 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-prodotti maħsuba għall-produzzjoni, fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-Polonja, ta' prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 2206 00, li għalihom l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu ta' isem kompost, li jinkludi l-kelma "inbid".

4. Il-most fil-fermentazzjoni estratt minn għeneb imqadded għandu jitqiegħed fis-suq biss għall-manifattura tal-inbejjed likuri f'dawk ir-reġjuni tal-vitikultura biss fejn dan l-użu kien tradizzjonali fl-1 ta' Jannar 1985 u għall-manifattura tal-inbid minn għeneb misjur iżżejjed.

5. Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat skont l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, l-għeneb frisk, il-most, il-most fil-fermentazzjoni, il-most ikkonċentrat, il-most ikkonċentrat u msaffi, il-most bil-fermentazzjoni mmewta biż-żieda tal-alkoħol, il-meraq tal-għeneb, il-meraq tal-għeneb ikkonċentrat u l-inbid, jew it-taħlitiet ta' dawk il-prodotti, li joriġinaw f'pajjiżi terzi, ma jistgħux jinbidlu fil-prodotti msemmija f'dan l-Anness jew jiżdiedu mat-tali prodotti fit-territorju tal-Unjoni.

C. Taħlit tal-inbejjed

Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 43(2) tat-Trattat skont l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, it-taħlit ta' nbid li joriġina f'pajjiż terz ma' nbid tal-Unjoni jew it-taħlit ta' nbejjed li joriġinaw f'pajjiżi terzi għandu jkun ipprojbit fl-Unjoni.

D. Prodotti sekondarji

1. L-għasir żejjed tal-għeneb għandu jkun ipprojbit. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu, billi jqisu l-kundizzjonijiet lokali u tekniċi, il-kwantità minima ta' alkoħol li għandu jkun hemm fir-residwu tal-għasra u fil-karfa wara li jingħasar l-għeneb.

   Il-kwantità ta' alkoħol preżenti f'dawk il-prodotti sekondarji għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri f'livell li jkun tal-anqas daqs 5 % meta mqabbel mal-volum tal-alkoħol li jkun hemm fl-inbid prodott.

2. Ħlief għall-alkoħol, l-ispirti u l-piquette, ma għandu jiġi prodott mill-karfa tal-inbid jew mir-residwu tal-għasra l-ebda nbid jew xorb ieħor għall-konsum dirett mill-bniedem. It-tferrigħ tal-inbid fuq il-karfa jew fuq ir-residwu tal-għasra jew fuq il-polpa magħsura tal-"aszú" għandu jkun permess, b'kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1), fejn din il-prattika tintuża tradizzjonalment għall-produzzjoni tat-"Tokaji fordítás" u tat-"Tokaji máslás" fl-Ungerija u għall-produzzjoni tat-"Tokajský forditáš" u tat-"Tokajský mášláš" fis-Slovakkja.

3. L-għasir tal-karfa tal-inbid u l-fermentazzjoni mill-ġdid tar-residwu tal-għasra għal għanijiet oħra minbarra d-distillazzjoni jew il-produzzjoni tal-piquette huma pprojbiti. It-tisfija u l-frid b'azzjoni ċentrifuga tal-karfa tal-inbid m'għandhomx jitqiesu bħala għasir f'każijiet fejn il-prodotti miksuba jkunu ta' kwalità tajba, ġenwina u kummerċabbli.

4. Il-piquette, f'każijiet fejn il-produzzjoni tiegħu hija awtorizzata mill-Istat Membru kkonċernat, għandu jintuża biss għad-distillazzjoni jew għall-konsum mill-familji tal-produtturi tal-inbid.

5. Mingħajr ħsara għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li jitolbu li wieħed jeħles mill-prodotti sekondarji permezz tad-distillazzjoni, kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom prodotti sekondarji għandhom jintalbu jeħilsu minnhom b'kundizzjonijiet li għandhom

jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 162(1).

ANNESS XIV

LISTA EŻAWRJENTI TA' REGOLI LI JISTGĦU JIĠU ESTIŻI GĦAL PRODUTTURI LI MHUMIEX MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 218 U L-ARTIKOLU 224

1. Regoli dwar l-informazzjoni dwar il-produzzjoni

   (a) notifika tal-intenzjonijiet tat-tkabbir, skont il-prodott u, fejn ikun xieraq, skont il-varjetà;

   (b) notifika taż-żrigħ u tat-tħawwil;

   (c) notifika taż-żoni kollha mkabbrin, skont il-prodott u, jekk ikun possibbli, skont il-varjetà;

   (d) notifika tat-tunnellaġġi li mistennija jkun hemm u tad-dati meta probabbli jsir il-ħsad skont il-prodott u, jekk ikun possibbli, skont il-varjetà;

   (e) notifika, b'mod regolari, tal-kwantitajiet maħsuda u tal-ħażniet disponibbli, skont il-varjetà;

   (f) informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' ħażna.

2. Regoli dwar il-produzzjoni

   (a) l-għażla taż-żerriegħa li għandha tintuża skont id-destinazzjoni maħsuba (suq frisk/ipproċessar industrijali);

   (b) iż-żbir ("thinning") fl-imsaġar.

3. Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni

   (a) id-dati speċifikati għall-bidu tal-ħsad, u t-tqassim tal-kummerċjalizzazzjoni;

   (b) ir-rekwiżiti minimi dwar il-kwalità u d-daqs;

   (c) il-preparazzjoni, il-preżentazzjoni, l-ippakkjar u l-immarkar fl-ewwel stadju tal-kummerċjalizzazzjoni;

   (d) l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodott.

4. Regoli dwar il-ħarsien ambjentali

   (a) l-użu tal-fertilizzanti u tad-demel;

   (b) l-użu ta' prodotti għas-saħħa tal-pjanti u ta' metodi oħrajn għall-ħarsien tal-għelejjel;

   (c) il-kontenut massimu ta' residwi tal-prodotti għas-saħħa tal-pjanti u tal-fertilizzanti fil-frott u l-ħaxix;

(d) regoli dwar id-disponiment tal-prodotti sekondarji u tal-materjal użat;

(e) regoli dwar il-prodotti li jiġu rtirati mis-suq.

5. Regoli dwar il-promozzjoni u l-komunikazzjoni fil-kuntest tal-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 121(2)(c).

ANNESS XV

ID-DAZJI TAL-IMPORTAZZJONI GĦAR-ROSS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 242 u 244

1. Id-dazji tal-importazzjoni għar-ross imfesdaq

(a) EUR 30 għal kull tunnellata fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul is-sena tas-suq li tkun għadha kif intemmet ma jkunux laħqu l-kwantità ta' referenza annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 242(3), imnaqqsa bi 15 %,

(ii) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul l-ewwel sitt xhur tas-sena tas-suq ma jkunux jilħqu l-kwantità ta' referenza parzjali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 242(3), imnaqqsa bi 15 %,

(b) EUR 42.5 għal kull tunnellata fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul is-sena tas-suq li tkun għadha kif intemmet ikunu qabżu l-kwantità ta' referenza annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 242(3), imnaqqsa bi 15 %, iżda ma jkunux qabżu dik l-istess kwantità ta' referenza annwali miżjuda bi 15 %,

(ii) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul l-ewwel sitt xhur tas-sena tas-suq ikunu qabżu l-kwantità ta' referenza parzjali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 242(3), imnaqqsa bi 15 %, iżda ma jkunux qabżu dik l-istess kwantità ta' referenza parzjali miżjuda bi 15 %,

(c) EUR 65 għal kull tunnellata fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul is-sena tas-suq li tkun għadha kif intemmet ikunu qabżu l-kwantità ta' referenza annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 242(3), miżjuda bi 15 %;

(ii) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq li jkunu saru matul l-ewwel sitt xhur tas-sena tas-suq ikunu qabżu l-kwantità ta' referenza parzjali msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 242(3), miżjuda bi 15 %.

2. Id-dazji tal-importazzjoni għar-ross mitħun

(a) EUR 175 għal kull tunnellata fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross mitħun kollu u tar-ross nofsu mitħun matul is-sena tas-suq li tkun għadha kif intemmet ikunu qabżu t-387 743 tunnellata;

(ii) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross mitħun kollu u tar-ross nofsu mitħun matul l-ewwel sitt xhur tas-sena tas-suq ikunu qabżu l-182 239 tunnellata;

(b) EUR 145 għal kull tunnellata fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross mitħun kollu u tar-ross nofsu mitħun matul is-sena tas-suq li tkun għadha kif intemmet ma jkunux qabżu t-387 743 tunnellata;

(ii) fejn ikun innutat li l-importazzjonijiet tar-ross mitħun kollu u tar-ross nofsu mitħun matul l-ewwel sitt xhur tas-sena tas-suq ma jkunux qabżu l-182 239 tunnellata.

ANNESS XVI

VARJETAJIET TAR-ROSS TAT-TIP "BASMATI" MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 243

Basmati 217

Basmati 370

Basmati 386

Kernel (Basmati)

Pusa Basmati

Ranbir Basmati

Super Basmati

Taraori Basmati (HBC-19)

Tip-3 (Dehradun)

ANNESS XVII

LISTA TA' PRODOTTI TAS-SETTURI TAĊ-ĊEREALI, TAR-ROSS, TAZ-ZOKKOR, TAL-ĦALIB U TAL-BAJD GĦALL-GĦAN TAL-ARTIKOLU 16(a)(ii) U GĦALL-GĦOTI TAR-RIFUŻJONIJIET TAL-ESPORTAZZJONI MSEMMIJA FIT-TAQSIMA II TAL-KAPITOLU III TAL-PARTI III

Parti I: Ċereali

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew li saru aċiduži, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:
	0403 10	– Jogurt:
	0403 10 51 sa 0403 10 99	– – Imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
	0403 90	– Oħrajn:
	0403 90 71 sa 0403 90 99	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
ex	0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżati:
	0710 40 00	– Qamħ ħelu
ex	0711	Veġetali ppreservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat:
	0711 90 30	– Qamħ ħelu
ex	1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw, minbarra l-estratt tas-sugu tas-sottotitlu 1704 90 10
	1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw
ex	1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, *groats* (xgħir u barli miħun oħxon), pasta [*dqiq oħxon*], lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inkluži band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inkluži band'oħra:
	1901 10 00	– Preparazzjonijiet għal użu tat-trabi, imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut
	1901 20 00	– Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara ta' titlu 1905
	1901 90	– Oħrajn:
	1901 90 11 sa 1901 90 19	– – Estratt tax-xgħir
		– – Oħrajn:
	1901 90 99	– – – Oħrajn
ex	1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (*noodles*), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:
		– Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor:
	1902 11 00	– – Li fih il-bajd
	1902 19	– – Oħrajn:
ex	1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:
		– – Oħrajn:
	1902 20 91	– – – Imsajrin
	1902 20 99	– – – Oħrajn
	1902 30	– Għaġin ieħor
	1902 40	– Kuskus
	1903 00 00	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, ħbub, perli, frak jew forom simili

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, *groats* u pasta [*dqiq oħxon*]), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili
ex 2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati u ppreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku:
	– Oħrajn:
2001 90 30	– – Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
2001 90 40	– – Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu
ex 2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, ffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
2004 10	– Patata:
	– – Oħrajn:
2004 10 91	– – – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
2004 90	– Ħxejjex oħrajn u taħlit ta' ħxejjex:
2004 90 10	– – Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
ex 2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
2005 20	– Patata:
2005 20 10	– – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
2005 80 00	– Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
ex 2008	Frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huma speċifikati jew inklużi mkien aktar:
	– Oħrajn, inklużi taħlitiet ħlief dawk ta' sottotitlu 2008 19:
2008 99	– – Oħrajn:
	– – – Mingħajr spirtu miżjud:
	– – – – Ma fihomx zokkor miżjud:
2008 99 85	– – – – – Qamħirrun, ħlief qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
2008 99 91	– – – – – Jams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel, li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu
ex 2101	Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
2101 12	– – Preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:
2101 12 98	– – – Oħrajn
2101 20	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' tè jew matè:
2101 20 98	– – – Oħrajn
2101 30	Ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
	– – Ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati:
2101 30 19	– – – Oħrajn
	– – Estratti, essenzi jew konċentrati ta' ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati:
2101 30 99	– – – Oħrajn

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	2102	Ħmira (attiva jew inattiva); mikro-organiżmi oħrajn b'ċellula waħda, mejtin (iżda ma jinkludux vaċċini ta' titlu 3002); trabijiet tal-ħami ppreparati:
	2102 10	– Ħmira attiva
	2102 10 31 u 2102 10 39	– – Ħmira tal-furnara
	2105 00	Ġelati u silġ ieħor taġjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le
ex	2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	2106 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	2106 90 92	– – – Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu
	2106 90 98	– – – Oħrajn
	2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' titlu 2009
	2205	Vermut u nbid ieħor ta' għeneb frisk imħawrin bi pjanti u sustanzi aromatiċi
ex	2208	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum [*ta' qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż:
	2208 30	– Wiski:
	2208 30 30 sa 2208 30 88	– – Minbarra l-wiski *bourbon*
	2208 50	– Ġinn u Ġnibru
	2208 60	– Vodka
	2208 70	– Likuri u kordjali
	2208 90	– Oħrajn:
		– – Spirti oħrajn u xorb ieħor spirituż, f'kontenituri li jesgħu:
		– – – 2 litri jew inqas:
	2208 90 41	– – – – Ouzo
		– – – – Oħrajn:
		– – – – – Spirti (ħlief likuri):
		– – – – – – Oħrajn:
	2208 90 52	– – – – – – – Korn
	2208 90 56	– – – – – – – Oħrajn
	2208 90 69	– – – – – Xorb ieħor spirituż
		– – – Aktar minn 2 litri:
		– – – – Spirti (ħlief likuri):
	2208 90 77	– – – – – Oħrajn
	2208 90 78	– – – – Xorb ieħor spirituż
	2905 43 00	– – Mannitol
	2905 44	– – D-glucitol (sorbitol)
ex	3302	Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb:

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	3302 10	– Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb:
		– – Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb:
		– – – Preparazzjonijiet li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba:
		– – – – Oħrajn:
	3302 10 29	– – – – – Oħrajn
	3505	Destrini u lamti oħrajn immodifikati (per eżempju lamti preġelatinizzati jew esterifikati); kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn immodifikati
ex	3809	Aġenti għall-irfinar, katalisti (*carriers*) biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (per eżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li ma humiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	3809 10	– B'bażi ta' sustanzi amilaċeużi
	3824 60	– Sorbitol ħlief dak ta' sottotitlu 2905 44

Parti II: Ross

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex	0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:
	0403 10	– Jogurt:
	0403 10 51 sa 0403 10 99	– – Imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
	0403 90	– Oħrajn:
	0403 90 71 sa 0403 90 99	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
ex	1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw:
	1704 90 51 sa 1704 90 99	– – Oħrajn
ex	1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw, ħlief għall-prodotti tas-sottotitli 1806 10, 1806 20 70, 1806 90 60, 1806 90 70 u 1806 90 90
ex	1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, *groats* (xgħir u barli miħun oħxon), pasta [*dqiq oħxon*], lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	1901 10 00	– Preparazzjonijiet għal użu tat-trabi, imqeġħdin għall-bejgħ bl-imnut
	1901 20 00	– Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara ta' titlu 1905
	1901 90	– Oħrajn:
	1901 90 11 sa 1901 90 19	– – Estratt tax-xgħir
		– – Oħrajn:
	1901 90 99	– – – Oħrajn
ex	1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (*noodles*), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:
	1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:
		– – Oħrajn
	1902 20 91	– – – Imsajrin
	1902 20 99	– – – Oħrajn
	1902 30	– Għaġin ieħor

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	1902 40	– Kuskus:
	1902 40 90	– – Oħrajn
	1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, *groats* u pasta [*dqiq oħxon*]), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
ex	1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili:
	1905 90 20	– – Ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili
ex	2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, ffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
	2004 10	– Patata:
		– – Oħrajn:
	2004 10 91	– – – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
ex	2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
	2005 20	– Patata:
	2005 20 10	– – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
ex	2101	Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
	2101 12	– – Preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:
	2101 12 98	– – – Oħrajn
	2101 20	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' tè jew matè:
	2101 20 98	– – – Oħrajn
	2105 00	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le
ex	2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	2106 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	2106 90 92	– – – Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu
	2106 90 98	– – – Oħrajn
ex	3505	Destrini u lamti oħrajn immodifikati (per eżempju lamti preġelatinizzati jew esterifikati); kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn immodifikati, minbarra l-lamti tas-sottotitlu 3505 10 50
ex	3809	Aġenti għall-irfinar, katalisti (*carriers*) biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (per eżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li ma humiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	3809 10	– B'bażi ta' sustanzi amilaċeużi

Parti III: Zokkor

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw:
	0403 10	– Jogurt:
	0403 10 51 sa 0403 10 99	– – Imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
	0403 90	– Oħrajn:
	0403 90 71 sa 0403 90 99	– – Imħawrin u miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
ex	0710	Veġetali (mhux imsajrin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżati:
	0710 40 00	– Qamħ ħelu
ex	0711	Veġetali ppreservati provviżorjament (per eżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin f'dak l-istat għal konsum immedjat:
	0711 90	– Veġetali oħrajn; taħlit ta' veġetali:
		– – Veġetali:
	0711 90 30	– – – Qamħ ħelu
	1702 50 00	– Fruttożju kimikament pur
ex	1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw, minbarra l-estratt tas-sugu tas-sottotitlu 1704 90 10
	1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw
ex	1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, *groats* (xgħir u barli miħun oħxon), pasta [*dqiq oħxon*], lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	1901 10 00	– Preparazzjonijiet għal użu tat-trabi, imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut
	1901 20 00	– Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara ta' titlu 1905
	1901 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	1901 90 99	– – – Oħrajn
ex	1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (*noodles*), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:
	1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:
		– – Oħrajn:
	1902 20 91	– – – Imsajrin
	1902 20 99	– – – Oħrajn
	1902 30	– Għaġin ieħor
	1902 40	– Kuskus:
	1902 40 90	– – Oħrajn
	1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, *groats* u pasta [*dqiq oħxon*]), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
ex	1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili:
	1905 10 00	– Ħobż iqarmeċ (*crispbread*)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1905 20	– Kejk tal-ġinger (*gingerbread*) u prodotti bħalu
1905 31	– – Gallettini ħelwin
1905 32	– – *Waffles* u wejfers
1905 40	– Ħobż imbaskat (*rusks*), ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin
1905 90	– Oħrajn:
	– – Oħrajn:
1905 90 45	– – – Gallettini
1905 90 55	– – – Prodotti estużi jew espanduti, għat-togħma jew melħin
	– – – Oħrajn:
1905 90 60	– – – – B'żieda ta' materjal biex jagħmel ħelu
1905 90 90	– – – – Oħrajn
ex 2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati u ppreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku:
2001 90	– Oħrajn:
2001 90 30	– – Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
2001 90 40	– – Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu
ex 2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, ffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
2004 10	– Patata
	– – Oħrajn
2004 10 91	– – – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
2004 90	– Ħxejjex oħrajn u taħlit ta' ħxejjex:
2004 90 10	– – Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
ex 2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
2005 20	– Patata:
2005 20 10	– – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
2005 80 00	– Qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*)
ex 2101	Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:
2101 12	– – Preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:
2101 12 98	– – – – Oħrajn:
2101 20	– Estratti, essenzi u konċentrati, ta' tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' tè jew matè:
	– – –Preparazzjonijiet
2101 20 98	– – – – Oħrajn
2101 30	– Ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
	– – Ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati:
2101 30 19	– – – Oħrajn
	– – Estratti, essenzi jew konċentrati ta' ċikwejra nkaljata u sostituti oħrajn tal-kafè nkaljati:
2101 30 99	– – – Oħrajn
2105 00	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
ex	2106 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	2106 90 92	– – – Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu
	2106 90 98	– – – Oħrajn
ex	2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' titlu 2009, minbarra l-birra magħmula minn xgħir (*malt*), ta' qawwa alkoħolika skont il-volum ta' mhux aktar minn 0.5% tal-volum
	2205	Vermut u nbid ieħor ta' għeneb frisk imħawrin bi pjanti u sustanzi aromatiċi
ex	2208	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum [*ta' qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż:
	2208 20	– Spirti magħmulin bid-distillar ta' inbid tal-għeneb jew ta' karfa ta' għeneb magħsur [*residwu tal-għasra*]
ex	2208 50	– Ġnibru
	2208 70	– Likuri u kordjali
ex	2208 90	– Oħrajn:
		– – Spirti oħrajn u xorb ieħor spirituż, f'kontenituri li jesgħu:
		– – – 2 litri jew inqas:
	2208 90 41	– – – – Ouzo
		– – – – Oħrajn:
		– – – – – Spirti (ħlief likuri):
		– – – – – – Distillati minn frott
	2208 90 45	– – – – – – – Calvados
	2208 90 48	– – – – – – – Oħrajn
		– – – – – – Oħrajn:
	2208 90 52	– – – – – – – Korn
	2208 90 56	– – – – – – – Oħrajn
	2208 90 69	– – – – – Xorb ieħor spirituż
		– – – Aktar minn 2 litri:
		– – – – Spirti (ħlief likuri):
	2208 90 71	– – – – – Distillati minn frott
	2208 90 77	– – – – – Oħrajn
	2208 90 78	– – – – Xorb ieħor spirituż
	2905 43 00	– – Mannitol
	2905 44	– D-glučitol (sorbitol)
ex	3302	Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb:
	3302 10	– Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb
		– – Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb:
		– – – Preparazzjonijiet li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba:
		– – – – – Oħrajn (ta' qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum ta' mhux aktar minn 0.5 % tal-volum)
	3302 10 29	– – – – – Oħrajn
ex	Kapitolu 38	Diversi prodotti kimiċi:
	3824 60	– Sorbitol ħlief dak ta' sottotitlu 2905 44

Parti IV: Ħalib

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib:
	0405 20	– Dlik (pejst) tal-butir [*tal-prodotti tal-ħalib*]
	0405 20 10	– – B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda inqas minn 60 %
	0405 20 30	– – B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 60 % jew aktar iżda mhux aktar minn 75 %
ex	1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitlu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' titlu 1516:
	1517 10	– Marġerina, ħlief marġerina likwida:
	1517 10 10	– – Li fiha, bil-piż, iktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tax-xaħmijiet tal-ħalib
	1517 90	– Oħrajn:
	1517 90 10	– – Li fihom, bil-piż, iktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tax-xaħmijiet tal-ħalib
ex	1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw:
ex	1704 90	– Oħrajn, minbarra l-estratt tas-sugu li fih aktar minn 10 % tal-piż sukrożju iżda ma fihx sustanzi oħrajn miżjudin

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw, minbarra t-trab tal-kawkaw magħmul ħelu biss biż-żieda tas-sukrożju tas-sottotitlu ex 1806 10
ex	1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, *groats* (xgħir u barli miħun oħxon), pasta [*dqiq oħxon*], lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	1901 10 00	– Preparazzjonijiet għal użu tat-trabi, imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut
	1901 20 00	– Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni ta' oġġetti tal-furnara ta' titlu 1905
	1901 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	1901 90 99	– – – Oħrajn
ex	1902	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (*noodles*), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:
		– Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor:
	1902 19	– – Oħrajn
	1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:
		– – Oħrajn:
	1902 20 91	– – – Imsajrin
	1902 20 99	– – – Oħrajn
	1902 30	– Għaġin ieħor
	1902 40	– Kuskus:
	1902 40 90	– – Oħrajn
	1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, *groats* u pasta [*dqiq oħxon*]), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
ex	1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili:
	1905 10 00	Ħobż iqarmeċ (*crispbread*)
	1905 20	– Kejk tal-ġinger (*gingerbread*) u prodotti bħalu
		– Gallettini ħelwin; *waffles* u wejfers:
	1905 31	– – Gallettini ħelwin
	1905 32	– – *Waffles* u wejfers
	1905 40	– Ħobż imbaskat (*rusks*), ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin
	1905 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	1905 90 45	– – – Gallettini
	1905 90 55	– – – Prodotti estużi jew espanduti, għat-togħma jew melħin
		– – – Oħrajn:
	1905 90 60	– – – – B'żieda ta' materjal biex jagħmel ħelu
	1905 90 90	– – – – Oħrajn
ex	2004	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, ffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
	2004 10	– Patata:
		– – Oħrajn:
	2004 10 91	– – – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex	2005	Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, ħlief prodotti ta' titlu 2006:
	2005 20	– Patata:
	2005 20 10	– – F'forma ta' dqiq, pasta [*dqiq oħxon*] jew qxur
	2105 00	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le
ex	2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	2106 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn:
	2106 90 92	– – – Ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu
	2106 90 98	– – – Oħrajn
ex	2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' titlu 2009:
	2202 90	– Oħrajn:
		– – Oħrajn, fihom piż ta' xaħam miksub mill-prodotti ta' titli 0401 sa 0404:
	2202 90 91	– – – Inqas minn 0.2 %
	2202 90 95	– – –0.2 % jew iktar iżda inqas minn 2 %
	2202 90 99	– – – 2 % jew iktar
ex	2208	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum [*ta' qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż:
	2208 70	– Likuri u kordjali
	2208 90	– Oħrajn:
		– – Spirti oħrajn u xorb ieħor spirituż, f'kontenituri li jesgħu:
		– – – 2 litri jew inqas:
		– – – – Oħrajn:
	2208 90 69	– – – – – Xorb ieħor spirituż
		– – – Aktar minn 2 litri:
	2208 90 78	– – – – Xorb ieħor spirituż
ex	3302	Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb:
	3302 10	– Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb:
		– – Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb:
		– – – Preparazzjonijiet li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba:
		– – – – Oħrajn:
	3302 10 29	– – – – – Oħrajn
	3501	Kaseina, kaseinati u derivattivi oħrajn ta' kaseina; kolol ta' kaseina
ex	3502	Albumini (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom bil-piż iktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, meqjusin fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina:
	3502 20	– Albumina tal-ħalib, inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox:
		– – Oħrajn:
	3502 20 91	– – – Imnixxfin (per eżempju, f'folji, qxur, trofof, trab)
	3502 20 99	– – – Oħrajn

Parti V: Bajd

Kodiċi tan-NM		Deskrizzjoni
ex ex ex ex	0403 10 51 sa 0403 10 99 u 0403 90 71 sa 0403 90 99	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew li saru aċiduži, imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
	1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw
ex	1901	Preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti ta' titli 0401 sa 0404, li fihom inqas minn 5 % tal-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inkluži band'oħra
	1902 11 00	– Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor, li fih il-bajd
ex	1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, *groats* u pasta [*dqiq oħxon*]), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inkluži band'oħra, li fihom il-kawkaw
ex	1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (*sealing wafers*), karta ostja u prodotti simili:
	1905 20	– Kejk tal-ġinger (*gingerbread*) u prodotti bħalu
	1905 31	– – Gallettini ħelwin
	1905 32	– – *Waffles* u wejfers
	1905 40	– – Ħobż imbaskat (*rusks*), ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin
ex	1905 90	– – Oħrajn, minbarra l-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tas-sottotitli 1905 90 10 sa 1905 90 30
ex	2105 00	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, li fihom il-kawkaw
	2208	Alkoħol etiliku [*etanol*] mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum [*ta' qawwa alkoħolika skont il-volum*] ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż:
ex	2208 70	– – Likuri
	3502	Albumini (inkluži konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom bil-piż iktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, meqjusin fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina:
	3502 11 90	– – – Albumina oħra tal-bajd imnixxef [*imnixxfa*]
	3502 19 90	– – – Albumina oħra tal-bajd

ANNESS XVIII

LISTA TA' ĊERTI PRODOTTI LI FIHOM IZ-ZOKKOR GĦALL-GĦAN TAL-GĦOTI TAR-RIFUŻJONIJIET TAL-ESPORTAZZJONI MSEMMIJA FIT-TAQSIMA II TAL-KAPITOLU III TAL-PARTI III

Il-prodotti mniżżlin fil-punt (b) tal-Parti X tal-Anness I.

ANNESS XIX

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT GĦALL-IŻVILUPP RURALI F'REĠJUNI LI JIPPRODUĊU L-INBID IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 314(3)

f'1 000 EUR

Sena tal-baġit	2009	2010	Mill-2011 'il quddiem
BG	—	—	—
CZ	—	—	—
DE	—	—	—
EL	—	—	—
ES	15 491	30 950	46 441
FR	11 849	23 663	35 512
IT	13 160	26 287	39 447
CY	—	—	—
LT	—	—	—
LU	—	—	—
HU	—	—	—
MT	—	—	—
AT	—	—	—
PT	—	—	—
RO	—	—	—
SI	—	1 050	1 050
SK	—	—	—
UK	160	160	160

ANNESS XX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 325(3)

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4	—
L-Artikolu 5	L-Artikoli 4 u 5
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7	L-Artikolu 7
L-Artikolu 8	L-Artikolu 8
L-Artikolu 9	L-Artikolu 9
L-Artikolu 10	L-Artikolu 10
L-Artikolu 11	L-Artikolu 11
L-Artikolu 12	L-Artikolu 12
L-Artikolu 13	L-Artikolu 13
L-Artikolu 14	—
L-Artikolu 15	—
L-Artikolu 16	—
L-Artikolu 17	—
L-Artikolu 18(1) sa (4)	L-Artikolu 14
L-Artikolu 18(5)	—
L-Artikolu 19	—
L-Artikolu 20	—
L-Artikolu 21	—
L-Artikolu 22	—
L-Artikolu 23	—
L-Artikolu 24	—
L-Artikolu 25	L-Artikolu 15
L-Artikolu 26	L-Artikolu 16
L-Artikolu 27	L-Artikolu 17
L-Artikolu 28	L-Artikolu 20
L-Artikolu 29	L-Artikolu 21
L-Artikolu 30	—

L-Artikolu 31	L-Artikolu 22
L-Artikolu 32	L-Artikolu 23
L-Artikolu 33	L-Artikolu 24
L-Artikolu 34	L-Artikolu 25
L-Artikolu 35	—
L-Artikolu 36	—
L-Artikolu 37	L-Artikolu 26
L-Artikolu 38	L-Artikolu 27
L-Artikolu 39	L-Artikolu 28
L-Artikolu 40	L-Artikolu 29
L-Artikolu 41	L-Artikolu 30
L-Artikolu 42	L-Artikolu 34
L-Artikolu 43(a) sa (f), (i), (j) u (l)	L-Artikoli 31, 32 u 33
L-Artikolu 43(k)	L-Artikolu 30(1)
L-Artikolu 43(g) u (h)	L-Artikolu 80
L-Artikolu 43(m)	L-Artikoli 35 u 36
L-Artikolu 44	L-Artikolu 37
L-Artikolu 45	L-Artikolu 38
L-Artikolu 46	L-Artikolu 39
L-Artikolu 47	L-Artikolu 40
L-Artikolu 48	L-Artikolu 41
L-Artikolu 49	L-Artikolu 42
L-Artikolu 50	L-Artikolu 43
L-Artikolu 51	L-Artikolu 44
L-Artikolu 52	L-Artikolu 45
L-Artikolu 52a	—
L-Artikolu 53	L-Artikolu 46
L-Artikolu 54	L-Artikoli 47 u 48
L-Artikolu 55	L-Artikolu 49
L-Artikolu 56	L-Artikolu 50
L-Artikolu 57	L-Artikolu 51
L-Artikolu 58	—
L-ewwel sentenza tal-Artikolu 59(1)	L-Artikolu 52
It-tieni sentenza tal-Artikolu 59(1) u l-Artikolu 59(2)	—

L-Artikolu 60(1) sa (3)	L-Artikolu 53
L-Artikolu 60(4)	—
L-Artikolu 61	L-Artikolu 54
L-Artikolu 62	L-Artikolu 55
L-Artikolu 63	L-Artikolu 56
L-Artikolu 64	L-Artikolu 57
L-Artikolu 65	L-Artikolu 58
L-Artikolu 66(1)	L-Artikolu 59(1)
L-Artikolu 66(2)	L-Artikolu 59(2)
L-Artikolu 66(3)	L-Artikolu 59(3)
L-Artikolu 66(4)	—
L-Artikolu 66(5)	L-Artikolu 59(4)
	L-Artikolu 59(5)
L-Artikolu 67	L-Artikolu 60
L-Artikolu 68	L-Artikolu 61
L-Artikolu 69	L-Artikolu 62(1) u (2)
	L-Artikolu 62(3)
L-Artikolu 70(1) sal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 70(5)	L-Artikolu 63
L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 70(5)	—
L-Artikolu 71	L-Artikolu 64
L-Artikolu 72	L-Artikolu 65
L-Artikolu 73	L-Artikolu 66
L-Artikolu 74	L-Artikolu 67
L-Artikolu 75	L-Artikolu 68
L-Artikolu 76	L-Artikolu 69
L-Artikolu 77	L-Artikolu 70
L-Artikolu 78	L-Artikolu 71
L-Artikolu 79	L-Artikolu 72
L-Artikolu 80	L-Artikolu 73(1)
L-Artikolu 81	L-Artikolu 74
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 82	L-Artikolu 75
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82	L-Artikolu 81(i)
L-Artikolu 83(1) sa (3)	L-Artikolu 76
L-Artikolu 83(4)	L-Artikolu 81(d)

L-Artikolu 84	L-Artikolu 77
L-Artikolu 84a	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 85(a), (b) u (ċ)	L-Artikoli 78 u 79
L-Artikolu 85(d)	—
	L-Artikolu 80
	L-Artikolu 81
L-Artikolu 85a	L-Artikolu 82
L-Artikolu 85b	L-Artikolu 83
L-Artikolu 85c	L-Artikolu 84
L-Artikolu 85d	L-Artikolu 85
L-Artikolu 85e	L-Artikoli 86 u 87
L-Artikolu 85f	L-Artikolu 88
L-Artikolu 85g	L-Artikolu 89
L-Artikolu 85h	L-Artikolu 90
L-Artikolu 85i	L-Artikolu 91
L-Artikolu 85j	L-Artikolu 92
L-Artikolu 85k	L-Artikolu 93
L-Artikolu 85l	L-Artikolu 94
L-Artikolu 85m	L-Artikolu 95
L-Artikolu 85n	L-Artikoli 96 u 97
L-Artikoli 85o sa 85x	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikoli 86 sa 90	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 91 sa 95	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 95a	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 96	—
L-Artikolu 97	L-Artikolu 99
L-Artikolu 98	L-Artikolu 100
L-Artikolu 99	L-Artikoli 101, 103 u 104
L-Artikolu 100	L-Artikoli 102, 103 u 104
L-Artikolu 101	—
L-Artikolu 102	L-Artikoli 108, 109 u 110
L-Artikolu 102a	L-Artikoli 111, 112 u 113
L-Artikolu 103	L-Artikoli 114, 115 u 116
L-Artikolu 103a	L-Artikoli 117, 118 u 119
L-Artikolu 103b	L-Artikolu 120

L-Artikolu 103c	L-Artikolu 121
L-Artikolu 103d	L-Artikolu 122
L-Artikolu 103e	L-Artikolu 123
L-Artikolu 103f	L-Artikolu 124
L-Artikolu 103g	L-Artikolu 125
L-Artikolu 103ga	L-Artikolu 128
L-Artikolu 103h(a) sa (i)	L-Artikoli 126 u 127
L-Artikolu 103h(f)	L-Artikoli 129 u 130
L-Artikolu 103i	L-Artikolu 131
L-Artikolu 103j	L-Artikolu 132
L-Artikolu 103k	L-Artikolu 133
L-Artikolu 103l	L-Artikolu 134
L-Artikolu 103m	L-Artikolu 135
L-Artikolu 103n	L-Artikolu 136
L-Artikolu 103o	L-Artikolu 137
L-Artikolu 103p	L-Artikolu 138
L-Artikolu 103q	L-Artikolu 139
L-Artikolu 103r	L-Artikolu 140
L-Artikolu 103s	L-Artikolu 141
L-Artikolu 103t	L-Artikolu 142
L-Artikolu 103u	L-Artikolu 143
L-Artikolu 103v	L-Artikolu 144
L-Artikoli 103w sa 103y	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 103z	L-Artikolu 145
L-Artikolu 103za	L-Artikoli 146 u 147
L-Artikolu 104	-
L-Artikolu 105	L-Artikolu 148
L-Artikolu 106	L-Artikolu 149
L-Artikolu 107	L-Artikolu 150
L-Artikolu 108	L-Artikolu 151
L-Artikolu 109	L-Artikolu 152
L-Artikolu 110	L-Artikoli 153 u 154
L-Artikolu 111	L-Artikolu 155(1), (2) u (4)
[Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72]	L-Artikolu 155(3)

L-Artikolu 112	L-Artikoli 156 u 157
L-Artikolu 113(1)	L-Artikoli 162(1) u (2) u 172(d)
L-Artikolu 113(2)(a)	L-Artikolu 162(3)
L-Artikolu 113(2)(b)	L-Artikolu 162(2)
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 113(3)	L-Artikolu 161
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 113(3)	L-Artikolu 171
L-Artikolu 113a	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 113b(1)	L-Artikolu 163(1) flimkien mal-Parti I tal-Anness XII
L-Artikolu 113b(2)	Il-Parti I(II)(4) tal-Anness XII
L-Artikolu 113c	L-Artikolu 98
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 113d(1)	L-Artikolu 163(2)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 113d(1)	Il-ħames subparagrafu tal-Parti II(1) tal-Anness XII
L-Artikolu 113d(2)	L-Artikolu 163(3)
L-Artikolu 113d(3)	L-Artikolu 167
L-Artikolu 114	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 115	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 116	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 117(1) sa (4)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 117(5)	L-Artikolu 162(1)
L-Artikolu 118	L-Artikolu 163(2) flimkien mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Parti VII tal-Anness XII
L-Artikolu 118a	L-Artikolu 173
L-Artikolu 118b	L-Artikolu 174
L-Artikolu 118c	L-Artikolu 175
L-Artikolu 118d	L-Artikolu 176
L-Artikolu 118e	L-Artikolu 177
L-Artikolu 118f	L-Artikolu 178
L-Artikolu 118g	L-Artikolu 179
L-Artikolu 118h	L-Artikolu 180
L-Artikolu 118i	L-Artikolu 181
L-Artikolu 118j	L-Artikolu 182
L-Artikolu 118k	L-Artikolu 183
L-Artikolu 118l	L-Artikolu 184

L-Artikolu 118m	L-Artikolu 185
L-Artikolu 118n	L-Artikolu 186
L-Artikolu 118o	L-Artikolu 187
L-Artikolu 118p	L-Artikolu 188
L-Artikolu 118q	L-Artikolu 189
L-Artikolu 118r	L-Artikolu 190
L-Artikolu 118s	L-Artikolu 191
L-Artikolu 118t	L-Artikolu 192
L-Artikolu 118u	L-Artikolu 196
L-Artikolu 118v	L-Artikolu 197
L-Artikolu 118w	L-Artikolu 201
L-Artikolu 118x	L-Artikolu 202
L-Artikolu 118y	L-Artikolu 203
L-Artikolu 118z	L-Artikolu 204
L-Artikolu 118za	L-Artikolu 205
L-Artikolu 118zb	L-Artikolu 206
L-Artikolu 119	L-Artikolu 105(1)
L-Artikolu 120	L-Artikoli 162(2)(e) u (g) u 172(d)
L-Artikolu 120a	L-Artikolu 166
L-Artikolu 120b	-
L-Artikolu 120c	L-Artikolu 165(2)
L-Artikolu 120d	L-Artikolu 168(2)
L-Artikolu 120e(1)	L-Artikoli 162(2)(g) u (n) u 172(d)
L-Artikolu 120e(2)	L-Artikolu 168(3)
L-Artikolu 120f	L-Artikolu 165(3)
L-Artikolu 120g	L-Artikoli 165(1) u 172(d)
L-Artikolu 121(a)(i)	L-Artikoli 162(1) u 172(d)
L-Artikolu 121(a)(ii)	L-Artikoli 162(2)(d) u 172(d)
L-Artikolu 121(a)(iii)	L-Artikoli 161 u 169
L-Artikolu 121(a)(iv)	L-Artikoli 163(2) u 172(d)
L-Artikolu 121(b)(i)	L-Artikolu 172(b) u (c)
L-Artikolu 121(b)(ii)	L-Artikoli 163(3) u 172(b) u (c)
L-Artikolu 121(ċ)(i)	L-Artikolu 172(b) u (c)
L-Artikolu 121(ċ)(ii)	L-Artikolu 172(d)
L-Artikolu 121(ċ)(iii)	L-Artikolu 172(d)

L-Artikolu 121(ċ)(iv)	L-Artikoli 162(2)(u) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(i)	L-Artikoli 162(2)(a) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(ii)	L-Artikoli 162(2)(k) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(iii)	L-Artikoli 162(2)(e) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(iv)	L-Artikoli 162(2)(b) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(v)	L-Artikoli 162(2)(d) u 172(d)
L-Artikolu 121(d)(vi)	L-Artikoli 179 u 172(i)
L-Artikolu 121(d)(vii)	L-Artikoli 162(2)(g) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(i)	L-Artikoli 162(2)(a) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(ii)	L-Artikoli 162(2)(a) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(iii)	L-Artikoli 162(2)(b) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(iv)	L-Artikoli 162(2)(d) u (p) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(v)	L-Artikoli 162(2)(d), (g) u (i) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(vi)	L-Artikoli 162(1) u (2)(s) u 172(d)
L-Artikolu 121(e)(vii)	L-Artikoli 162(2)(m) u (n) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(i)	L-Artikoli 162(2)(a) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(ii)	L-Artikoli 162(2)(a) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(iii)	L-Artikoli 162(2)(d), 169 u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(iv)	L-Artikoli 162(2)(p) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(v)	L-Artikoli 162(2)(o) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(vi)	L-Artikoli 162(2)(u) u 172(d)
L-Artikolu 121(f)(vii)	L-Artikoli 162(2)(p) u 172(d)
L-Artikolu 121(g)	L-Artikoli 162(2)(e) u 172(d)
L-Artikolu 121(h)	L-Artikolu 172(d)
L-Artikolu 121(i)	L-Artikoli 106 u 107
L-Artikolu 121(j)(i)	L-Artikoli 162(2)(d) u 172(d)
L-Artikolu 121(j)(ii)	L-Artikoli 169 u 172(d)
L-Artikolu 121(k)	L-Artikoli 193, 194 u 195
L-Artikolu 121(l)	L-Artikoli 198, 199 u 200
L-Artikolu 121(m)	L-Artikoli 207 u 208
L-Artikolu 121(2)	L-Artikoli 162(3) u 172(b) u (c)
L-Artikolu 121(3)	L-Artikoli 162(2)(g) u 172(d)
L-Artikolu 121(4)(a)	-
L-Artikolu 121(4)(b)	L-Artikolu 162(2)(g) u (n)
L-Artikolu 121(4)(ċ)	L-Artikolu 162(2)(g) u (n)

L-Artikolu 121(4)(d)	L-Artikolu 162(2)(h)
L-Artikolu 121(4)(e)	L-Artikolu 162(2)(f)
L-Artikolu 121(4)(f)	L-Artikolu 162(2)(g)
L-Artikolu 121(4)(g)	L-Artikolu 162(2)(s)
L-Artikolu 122	L-Artikolu 209
	L-Artikolu 209(a)(iv)
L-Artikolu 123	L-Artikolu 210(1), (2) u (3)
	L-Artikolu 210(4)
L-Artikolu 124	L-Artikolu 211
L-Artikolu 125	L-Artikolu 212
L-Artikolu 125a	L-Artikolu 213
L-Artikolu 125b	L-Artikolu 214
L-Artikolu 125c	L-Artikolu 215
L-Artikolu 125d	L-Artikolu 216
L-Artikolu 125e	L-Artikolu 217
L-Artikolu 125f	L-Artikolu 218
L-Artikolu 125g	L-Artikolu 219
L-Artikolu 125h	L-Artikolu 220
L-Artikolu 125i	L-Artikolu 221
L-Artikolu 125j	L-Artikolu 222
L-Artikolu 125k	L-Artikolu 223
L-Artikolu 125l	L-Artikolu 224
L-Artikolu 125m	L-Artikolu 225
L-Artikolu 125n	L-Artikolu 226
L-Artikolu 125o	L-Artikolu 227
L-Artikolu 126	L-Artikolu 228
	L-Artikolu 229
L-Artikolu 127	L-Artikolu 230
L-Artikolu 128	L-Artikolu 231
L-Artikolu 129	L-Artikolu 232
L-Artikolu 130	L-Artikolu 233
L-Artikolu 131	L-Artikolu 234
L-Artikolu 132	L-Artikolu 235
L-Artikolu 133	L-Artikolu 236
L-Artikolu 133a	L-Artikolu 237

L-Artikolu 134	L-Artikoli 238 u 239
L-Artikolu 135	L-Artikolu 240
L-Artikolu 136	L-Artikolu 241
L-Artikolu 137	L-Artikolu 242
L-Artikolu 138	L-Artikolu 243
L-Artikolu 139	L-Artikolu 244
L-Artikolu 140	L-Artikolu 245
L-Artikolu 140a	L-Artikolu 246
L-Artikolu 141	L-Artikolu 247
L-Artikolu 142	L-Artikolu 248
L-Artikolu 143	L-Artikoli 249 u 250
L-Artikolu 144	L-Artikolu 251
L-Artikolu 145	L-Artikolu 254(1)(a)
L-Artikolu 146	L-Artikolu 252
L-Artikolu 147	-
L-Artikolu 148	L-Artikoli 253, 254 u 255
L-Artikolu 149	L-Artikolu 256
L-Artikolu 150	L-Artikolu 257
L-Artikolu 151	L-Artikolu 258
L-Artikolu 152	L-Artikolu 259
L-Artikolu 153(1), (2) u (3)	L-Artikolu 260
L-Artikolu 153(4)	-
L-Artikolu 154	-
L-Artikolu 155	-
L-Artikolu 156	L-Artikoli 261 u 262
L-Artikolu 157	L-Artikolu 263
L-Artikolu 158	L-Artikolu 264
L-Artikolu 158a	L-Artikoli 170 u 172
L-Artikolu 159	L-Artikolu 265
L-Artikolu 160	L-Artikolu 266
L-Artikolu 161	L-Artikoli 267, 268, 269 u 270
L-Artikolu 162	L-Artikolu 271
L-Artikolu 163	L-Artikolu 272
L-Artikolu 164(1) u (2)	L-Artikolu 273
L-Artikolu 164(3) u (4)	[L-Artikolu 43(3) tar-Regolament]

L-Artikolu 165	[L-Artikolu 43(3) tar-Regolament]
L-Artikolu 166	[L-Artikolu 43(3) tar-Regolament]
L-Artikolu 167	L-Artikolu 274
L-Artikolu 168	L-Artikolu 275
L-Artikolu 169	L-Artikolu 276
L-Artikolu 170	L-Artikoli 277 u 278
L-Artikolu 171	L-Artikolu 279
L-Artikolu 172	L-Artikolu 280
L-Artikolu 173	L-Artikolu 281
L-Artikolu 174	L-Artikolu 282
L-Artikolu 175	L-Artikolu 283
L-Artikolu 176	L-Artikolu 284
L-Artikolu 176a	L-Artikolu 285
L-Artikolu 177	L-Artikolu 286
	L-Artikolu 287
L-Artikolu 178	L-Artikolu 288
L-Artikolu 179	L-Artikolu 289
L-Artikolu 180	L-Artikolu 290
L-Artikolu 181	L-Artikolu 291(1)
L-Artikolu 182(1)	L-Artikolu 292
L-Artikolu 182(2)	-
L-Artikolu 182(3)	L-Artikolu 293
L-Artikolu 182(4)	L-Artikolu 294
L-Artikolu 182(5)	L-Artikolu 295
L-Artikolu 182(6)	L-Artikolu 296
L-Artikolu 182(7)	L-Artikolu 291(2)
L-Artikolu 182a	L-Artikolu 297
L-Artikolu 183	L-Artikolu 309
	L-Artikolu 310
	L-Artikolu 311
L-Artikolu 184	L-Artikolu 302(1) sa (7)
	L-Artikolu 302(8)
L-Artikolu 185	L-Artikolu 303
L-Artikolu 185a	L-Artikolu 304

L-Artikolu 185b	L-Artikolu 305
L-Artikolu 185c	L-Artikolu 306
L-Artikolu 185d	L-Artikolu 307
L-Artikolu 186	L-Artikolu 298
L-Artikolu 187	L-Artikolu 299
L-Artikolu 188	L-Artikoli 300 u 301
L-Artikolu 188a(1),(2), (5), (6) u (7)	L-Artikolu 302
L-Artikolu 188a(3) u (4)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Artikolu 189	L-Artikolu 312
L-Artikolu 190	L-Artikolu 313
L-Artikolu 190a	L-Artikolu 314
L-Artikolu 191	L-Artikolu 315
L-Artikolu 192	L-Artikolu 316
L-Artikolu 193	L-Artikolu 317
L-Artikolu 194	L-Artikolu 318
L-Artikolu 194a	L-Artikolu 319
	L-Artikolu 320
	L-Artikolu 321
	L-Artikolu 322
L-Artikolu 195	L-Artikolu 323
L-Artikolu 196	L-Artikolu 324
L-Artikolu 197	—
L-Artikolu 198	—
L-Artikolu 199	—
L-Artikolu 200	—
L-Artikolu 201	L-Artikolu 325
	L-Artikolu 326
L-Artikolu 202	—
L-Artikolu 203	—
L-Artikolu 203a	L-Artikolu 327
Artikolu 203b	L-Artikolu 328
L-Artikolu 204	L-Artikolu 329
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
L-Anness III	L-Anness III

L-Anness IV	L-Anness IV
L-Anness V	L-Anness V
L-Anness VI	L-Anness VI
L-Anness VII	-
L-Anness VIIa	-
L-Anness VIIb	-
L-Anness VIIc	-
L-Anness VIII	L-Anness VII
L-Anness IX	L-Anness VIII
L-Anness X	L-Anness IX
L-Anness Xa	- -
L-Anness Xb	L-Anness X
L-Anness Xc	L-Anness XIX
L-Anness Xd	-
L-Anness Xe	-
L-Anness XI	-
	L-Anness XI
L-Anness XIa(I)	L-ewwel subparagrafu tal-Parti I(I) tal-Anness XII
L-ewwel subparagrafu tal-Anness XIa(II)	It-tieni subparagrafu tal-Parti I(I) tal-Anness XII
It-tieni subparagrafu tal-Anness XIa(II)	-
L-Anness XIa(III)(1)	L-ewwel paragrafu tal-Anness XII
L-Anness XIa(III)(2)	Il-Parti II(1) tal-Anness XII
L-Anness XIa(III)(3)	Il-Parti II(2) tal-Anness XII
L-Anness XIa(III)(4)	Il-Parti II(3) tal-Anness XII
L-Anness XIa(IV) sa (IX)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XIb	Il-Parti II tal-Anness XII
L-Appendiċi għall-Anness XIb	L-Appendiċi għall-Parti II tal-Anness XII
L-Anness XII(I)	-
L-Anness XII(II)(1)	Il-Parti III(1) tal-Anness XII
L-Anness XII(II)(2)	Il-Parti III(2) tal-Anness XII
L-Anness XII(II)(3)	Il-Parti III(3) tal-Anness XII
L-Anness XII(II)(4)	Il-Parti III(4) tal-Anness XII
L-Anness XII(III)(1)	Il-Parti III(5) tal-Anness XII

L-Anness XII(III)(2)	Il-Parti III(6) tal-Anness XII
L-Anness XII(IV)(1)	L-Artikolu 172(b) u (c)
L-Anness XII(IV)(2)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XIII(I)	Il-Parti IV(I) tal-Anness XII
L-Anness XIII(II)	Il-Parti IV(II) tal-Anness XII
L-Anness XIII(III)	Il-Parti IV(III) tal-Anness XII
L-Anness XIII(IV)	L-Artikoli 161 u 163(2)
L-Anness XIII(V)	-
L-ewwel subparagrafu tal-Anness XIII(VI)	-
It-tieni subparagrafu tal-Anness XIII(VI)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XIV(A)	L-Artikoli 162(1), (2)(b) u (d), 169 u 172(d)
L-Anness XIV(B)(I)(1)	Il-Parti V(I) tal-Anness XII
L-Anness XIV(B)(I)(2) u (3)	L-Artikoli 162(1) u 172(d)
L-Anness XIV(B)(II)	Il-Parti V(II) tal-Anness XII
L-Anness XIV(B)(III) u (Ċ)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XV(I)(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Parti VI tal-Anness XII
L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Anness XV(I)(2)	It-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Parti VI tal-Anness XII
It-tielet subparagrafu tal-Anness XV(I)(2)	Is-sitt subparagrafu tal-Parti VI tal-Anness XII
L-Anness XV(II),(III) u (VI)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XV(IV)(1)	L-Artikolu 168(1)
L-Anness XV(IV)(2) u (3)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Anness XV(V)	L-Artikoli 161 u 163(2)
L-Anness XV(VI)	[L-Artikolu 325(2)]
L-Appendiċi għall-Anness XV	Is-seba' subparagrafu tal-Parti VI tal-Anness XII
L-Anness XVa	Il-Parti I tal-Anness XIII
L-Anness XVb	Il-Parti II tal-Anness XIII
L-Anness XVI	Il-Parti VII tal-Anness XII
L-Anness XVIa	L-Anness XIV
L-Anness XVII	L-Anness XV
L-Anness XVIII	L-Anness XVI
L-Anness XIX	-
L-Anness XX	L-Anness XVII

L-Anness XXI L-Anness XXII	L-Anness XVIII - L-Anness XX